

L-OMBUDSMAN EWROPEW



MT

# rappoort annwali 2006





L-OMBUDSMAN EWROPEW

rapport annwali 2006

© L-Ombudsman Ewropew 2007

**Id-drittijiet kollha huma riżervati.**

**Ir-riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali hi permessa sakemm jiġi kkwotat is-sors.**

Id-drittijiet kollha tar-ritratti huma riżervati mill-Ombudsman Ewropew sakemm m'hemmx indikazzjoni mod ieħor.  
Qoxra ta' Quddiem: © iStockphoto.com/urbancow

**It-test sħiħ tar-rapport publikat fuq l-internet jinsab fis-sit: <http://www.ombudsman.europa.eu>**

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA MINGĦAJR KLORUR

# L-OMBUDSMAN EWROPEW



P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Prof. Dr. Hans-Gert PÖTTERING MPE  
President  
Il-Parlament Ewropew  
Rue Wiertz  
1047 Brussell  
IL-BELĠJU

Strasburgu, 12 ta' Marzu, 2007

Sur President,

Skond l-Artikolu 195(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 3(8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li Jirregolaw it-Twettiq tad-Dmirijiet ta' l-Ombudsman, qiegħed hawn nippreżenta r-Rapport tiegħi għas-sena 2006.

Dejjem tiegħek,

P. Nikiforos DIAMANDOUROS





DAĦLA	15
1 SOMMARJU EŻEKUTTIV	21
2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET	35
2.1 IL-BAŻI LEGALI TAL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN	35
2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW	35
2.2.1 Ilmenti u investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman .....	36
2.2.2 Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji .....	36
2.2.3 "Amministrazzjoni ħażina" .....	37
2.2.4 Il-Kodiċi Ewropea ta' Mġiba Amministrattiva Tajba .....	38
2.3 AMMISSIBBILITÀ U MOTIVI GĦAL INVESTIGAZZJONIJIET	38
2.4 ANALIŻI TA' ILMENTI EŻAMINATI FL-2006	39
2.5 TRASFERIMENTI U PARIR	40
2.6 IL-PROCĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN	42
2.6.1 Ftuħ ta' investigazzjoni .....	42
2.6.2 Proċedura ġusta .....	42
2.6.3 Spezzjoni ta' l-atti proċesswali u s-smiġħ tax-xhieda.....	43
2.6.4 Proċedura miftuħa.....	43
2.7 IR-RIŻULTATI TA' INVESTIGAZZJONIJIET	43
2.7.1 L-ebda amministrazzjoni ħażina .....	44
2.7.2 Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet bonarji.....	44
2.7.3 Rimarki ta' kritika u abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet.....	44
2.7.4 Rapporti speċjali lill-Parlament Ewropew.....	45
2.8 DEĊIŻJONIJIET TA' GĦELUQ TA' KAŻIJIET FL-2006	45
2.8.1 Trasparenza, aċċess pubbliku u protezzjoni tad-dejta.....	46
2.8.2 Il-Kummissjoni bħala l-ġhassiesa tat-Trattat .....	48





2.8.3	Sejħiet għall-offerti, kuntratti u għotjiet.....	49
2.8.4	Kwistjonijiet tal-personal .....	51
2.8.5	Kwistjonijiet oħrajn .....	52
3	DEĊIŻJONIJIET LI SEGWEW INVESTIGAZZJONI .....	57
3.1	KAŻIJET FEJN MA NSTABITX AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA .....	57
3.1.1	Il-Parlament Ewropew .....	57
	NUQQAS TAL-PARLAMENT LI JITLOB KJARIFIKI DWAR SOTTOMISSJONI TA' OFFERTA .....	57
3.1.2	Il-Kummissjoni Ewropea .....	58
	DEWMIEN FIS-SMIGĦ FIL-MERTI TA' ILMENT DWAR L-ARTIKOLU 226.....	58
	L-EVALWAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI SPANJOLA DWAR IX-XANDIR TA' KORRIDI.....	58
	IT-TERMINAZZJONI TA' KOOPERAZZJONI IBBAŻATA FUQ ARRANĠAMENTI FIT-TUL .....	59
	L-GĦAŻLA TA' ESPERTI SKOND IS-SITT PROGRAMM TA' QAFAS .....	60
	KANĊELLAZZJONI TA' FINANZJAMENT GĦAL XOGĦOL TA' STANDARDIZZAZZJONI .....	60
	KSUR ALLEGAT TA' DRITTIJET TA' PROPRIJETA' INTELLEKTUALI RIGWARD PROGRAMM TA' TRADUZZJONI.....	61
3.1.3	Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej .....	62
	AVVIŻ TA' KUNTRATT GĦAL SERVIZZI TA' TRADUZZJONI .....	62
3.1.4	L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal .....	63
	EVALWAZZJONI ALLEGATAMENT SKORRETTA TA' EŻAMIJET KOMPETITIVI.....	63
	IN-NUQQAS TA' AMMISSIBILITA' GĦAL EŻAMI TA' GĦAŻLA .....	64
	OBBLIGU TA' APPLIKAZZJONI GĦAL KONKORS WIEĦED BISS MINN TLIT KONKORSI PARALLELI.....	64
	EVALWAZZJONI TA' TWEĠIBA TA' KANDIDAT GĦAL MISTOQSIJA TA' EŻAMI .....	65
	AMMINISTRAZZJONI ALLEGATAMENT ĦAŻINA TA' KONKORS MIFTUĦ .....	66
3.1.5	Il-Bank Ewropew għall-Investment.....	66
	RIFJUT LI TINGĦATA INFORMAZZJONI DWAR IL-POSSIBILTÀ TA' FINANZJAMENT TA' PROĠETT F'PAJJIŻ KANDIDAT .....	66
3.1.6	L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi .....	67
	ALLEGAT NUQQAS TA' RISPOSTA GĦAL TALBA GĦAL INFORMAZZJONI.....	67
3.2	KAŻIJET SOLVUTI MILL-ISTITUZZJONI .....	68
3.2.1	Il-Parlament Ewropew .....	68
	AĊĊESS GĦAL ARTIKLU FL-"EP NEWSHOUND" .....	68
3.2.2	Il-Kummissjoni Ewropea .....	68
	RIFJUT LI JIṬHALLSU SALARJU U IMGĦAXIJET DOVUTI .....	68
	RISPOSTA B'LINGWA OĦRA GĦAL APPLIKAZZJONI TA' XOGĦOL .....	69
	DEWMIEN FIL-ĦLAS TA' GĦOTJA GĦALL-ĠEMELLEĠĠ TA' BLIET.....	69
3.2.3	Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.....	70
	APOLOĠIJI MALAJR GĦAL ŻBALJI .....	70
3.2.4	Il-Kumitat tar-Reġjuni .....	71
	RIMBORŻ TA' SPEJJEŻ TA' SAFAR GĦAL INTERVISTA GĦAL XOGĦOL .....	71



<b>3.3 SOLUZZJONIJIET BONARJI MIKSUBIN MILL-OMBUDSMAN</b>	<b>72</b>
<b>3.3.1 Il-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>72</b>
INTERPRETAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA FIL-KUNTEST TA' ILMENT DWAR KSUR	72
<b>3.3.2 Il-Bank Ewropew għall-Investment</b>	<b>73</b>
RIFJUT TA' AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' VERIFIKA - 1	73
<b>3.3.3 L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni</b>	<b>74</b>
RIFUZZJONI TA' KONĊESSJONIJIET TA' INSTALLAZZJONI MĦALLSIN MATUL IL-PERJODU TA' PROVA	74
<b>3.4 KAŻIJET MAGĦLUQA B'RIMARKA TA' KRITIKA MILL-OMBUDSMAN</b>	<b>75</b>
<b>3.4.1 Il-Parlament Ewropew</b>	<b>75</b>
AĊĊESS GĦAL-LISTI TA' KANDIDATI FI PROĊEDURA TA' GĦAŻLA	75
<b>3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea</b>	<b>76</b>
IT-TRATTAMENT TA' TALBA GĦAL INFORMAZZJONI	76
<b>3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>76</b>
TRATTAMENT MHUX ĠUST TA' ESPERTI NAZZJONALI SEKONDATI	76
AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI: AKKUŻI SKOND ID-DRITT NAZZJONALI U L-MOTIVI GĦAL ĊAĦDA TA' AĊĊESS PARZJALI	77
RIFJUT GĦAL ĦLAS TA' SPEJJEŻ LEGALI	78
RIFJUT TA' AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' VERIFIKA - 2	79
NUQQAS TA' TWEĠIBA GĦAL ILMENT MAGĦMUL TAĦT L-ARTIKOLU 90(2) TAR-REGOLAMENTI DWAR IL-PERSONAL	80
DISKRIMINAZZJONI FIT-TRATTAMENT TA' APPLIKAZZJONI U NUQQAS LI JINGĦATA AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI	81
NUQQAS TA' RIMEDJU FI SKEJJEL EWROPEJ	82
ĊAĦDA TA' AĊĊESS GĦAL SOTTOMISSJONI TAL-KUMMISSJONI LIL BORD TAT-TILWIM TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINIJA TAL-KUMMERĊ (WTO)	83
REGOLI GĦAL LEAVE SPEĊJALI GĦAL ESPERTI NAZZJONALI	84
NUQQAS LI L-ĠERMANJA TIĠI MGĠIEGĦLA TĦARES SENTENZA TAL-QORTI	85
AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' KONĊESSJONIJIET GĦAL EMISSJONI TA' GASS SERRA	86
NUQQAS TA' SPIEGAZZJONI GĦAL EVALWAZZJONI NEGATTIVA TA' IMPJEGAT TA' AĠENZJA	87
EŻAMI TAD-DATA TA' META NTBAGĦTU PROPOSTI PRELIMINARI GĦAL GĦOTJA	88
<b>3.4.4 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal</b>	<b>88</b>
TAGĦRIF INADEGWAT LIL KANDIDAT DWAR L-IŻBALJI TIEGĦU F'EŻAMI TAT-TRADUZZJONI	88
ALLEGATA DISKRIMINAZZJONI U INĠUSTIZZJA MINĦABBA ANQAS ŻMIEN TA' PREPARAZZJONI GĦAL EŻAMI ORALI MINN KANDIDATI OĦRAJN	89
INFORMAZZJONI INKONSISTENTI TA' KONKORS MIFTUĦ	90
<b>3.4.5 Il-Kumitat tar-Reġjuni</b>	<b>91</b>
ĦLAS PARZJALI GĦAL XOGĦOL ALLEGATAMENT MHUX KOMPLUT	91
<b>3.4.6 Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali</b>	<b>92</b>
RABTA BEJN L-AMMINISTRAZZJONI U UFFIĊJALI PUBBLIĊI F'KORP KOMUNITARJU	92
<b>3.5 ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTAT MILL-ISTITUZZJONI</b>	<b>92</b>
<b>3.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea</b>	<b>92</b>
ALLEGAZZJONI TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIR-RIGWARD TAL-PRIVATIZZAZZJONI TA' KUMPAĠĠA ĠERMANIJA	92
NUQQAS TAL-KUMMISSJONI LI TADOTTA DEĊIŻJONI DWAR ILMENT TA' KSUR	93



3.6	KAŻIJET MAGĦLUQIN GĦAL RAĠUNIJET OĦRAJN	94
3.6.1	Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea	94
	SPONSORSHIP GĦALL-PRESIDENZA TAL-KUNSILL	94
3.6.2	Il-Kummissjoni Ewropea	95
	DEWMIEN MHUX ĠUSTIFIKAT FIL-ĠESTJONI TA' ŻEWĠ PROĊEDURI TA' KSUR	95
	KLASSIFIKAZZJONI ĦAŻINA TA' INTERPRETU AWŻILJARJU TAL-KONFERENZI	96
	NUQQAS TA' ĦAMES SNIN LI TINGĦATA TWEĠIBA	97
3.6.3	L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal	97
	NUQQAS TA' APOLOĠIJA GĦAL ŻBALL TA' EVALWAZZJONI	97
3.7	KAŻIJET MAGĦLUQIN WARA RAPPORT SPEĊJALI	98
3.7.1	Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea	98
	LINGWI UŻATI GĦALL-WEBSAJTS TAL-PRESIDENZA	98
3.7.2	Il-Kummissjoni Ewropea	99
	DEWMIEN FIT-TRATTAMENT TA' ILMENTI POLITIKAMENT SENSITTIVI U KONTROVERSJALI	99
3.8	INVESTIGAZZJONIJIET FUQ INIZJATTIVA TA' L-OMBUDSMAN	100
	INVESTIGAZZJONI DWAR KEMM IL-KUMMISSJONI KIENET LESTA LI TUŻA L-MEDJAZZJONI F'KONFLITTI MA' KUNTRATTURI	100
	TRATTAMENT TA' ILMENT DWAR L-IŻVILUPP TA' PORT INDUSTRIJALI FI SPANJA	101
	L-ETÀ MASSIMA GĦALL-PROGRAMM TA' TAĦRIĠ IN SERVICE	101
3.9	MISTOQSIJIET LI ĠEW ITTRATTATI MILL-OMBUDSMAN	102
	DISKREZZJONI TA' STAT MEMBRU F'MATERJA AGRIKOLA	102
	MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA	102
4	RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA	105
4.1	IL-PARLAMENT EWROPEW	107
4.2	IL-KUMMISSJONI EWROPEA	109
4.3	ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRAJN	110
5	RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI	113
5.1	IN-NETWERK TA' OMBUDSMEN EWROPEJ	113
5.2	SEMINARS U KONFERENZI OĦRA TA' L-OMBUDSMAN	118
5.3	AVVENIMENTI OĦRA MA' OMBUDSMEN U L-PERSONAL TAGĦHOM	119



6	KOMUNIKAZZJONIJIET	123
6.1	IL-ĠRAJJET EWLENIN TAS-SENA	123
6.2	ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI	125
6.3	KONFERENZI U LAQGĦAT OĦRAJN	130
6.4	RELAZZJONIJIET MAL-MEZZI TAX-XANDIR	139
6.5	PUBBLIKAZZJONIJIET	143
6.6	KOMUNIKAZZJONIJIET ONLINE	145
7	ANNESI	147
A	STATISTIKA	149
B	IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN	156
C	PERSONAL	158
D	INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET	167
	KIF TIKKUNTATJA LILL-OMBUDSMAN EWROPEW	171







## DAĦLA

Fil-bidu ta' kull sena, nieqaf sabiex niffinalizza t-test ta' l-aktar pubblikazzjoni importanti ta' l-Ombudsman Ewropew – ir-Rapport Annwali. Il-ħsieb iffukkat mingħajr interruzzjoni hu tant meħtieġ sabiex ikun finalizzat dan id-dokument, li jippermettili mhux biss nagħmel rendikont tal-kisbiet tat-tnaqqis-xahar li għaddew, iżda wkoll jgħini biex nidentifika l-oqsma li jinħtieġu titjib. Il-ħsieb tiegħi fil-paġni li ġejjin hu li nwasslilkom ir-riżultati ta' din ir-riflessjoni.

### Ir-rwol ewlieni ta' l-Ombudsman – li jgħin lill-ilmentaturi

In-numru ta' ilmenti li rċieva l-Ombudsman Ewropew fl-2006 żamm qrib ir-rekord ta' livelli għoljin mil-huqa fl-2005 u fl-2004, li juri li l-ilmenti lill-Ombudsman issa stabilizzaw ruħhom mar-rata mingħajr preċedent kif kienet qabel ta' 320 ilment fix-xahar. Fil-maġġoranza tal-każijiet li daħlu fl-2006, stajt ngħin lill-ilmentatur billi nagħti bidu għal investigazzjoni, nitransferixxi l-każ lill-awtorità kompetenti, jew nagħti parir fejn wieħed għandu jirrikorri għal soluzzjoni mingħajr dewmien u effettiva tal-problema. Is-Sommarju Eżekuttiv jagħti stampa tal-każijiet indirizzati fl-2006, filwaqt li l-Kapitoli 2 u 3 tar-Rapport innifsu janalizzaw u jippreżentaw il-każijiet f'aktar dettall.

### Ħafna riżultati pożittivi — Każijiet dwar l-aħjar prassi

Il-sommarji tal-każijiet inklużi f'dan ir-Rapport fihom ħafna eżempji ta' kif l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej jirreaġixxu pożitivament għall-problemi li jien inressaq quddiemhom. Għall-ewwel darba f'dan ir-Rapport, identifikajt sitt każijiet importanti (hekk imsejħa każijiet 'saljenti') li jikkostitwixxu eżempji ta' l-aħjar prassi li nixtieq nitfa' dawl fuqhom. Dawn jinkludu każ li fih il-Kummissjoni Ewropea aċċettat li tirrevedi l-interpretazzjoni tagħha tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta wara li kkunsidrat it-tħassib taċ-ċittadin, twegħiba kostruttiva mill-Bank Ewropew ta' l-Investment dwar każ ta' aċċess ta' dokumenti, u deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jelimina r-restrizzjoni ta' l-età fil-programm tiegħu ta' skemi ta' taħriġ. L-għan li nitfa' dawl fuq dawn il-każijiet hu li nippreżenta mudelli ta' amministrazzjoni tajba għall-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE sabiex ikunu ta' ispirazzjoni u biex iservu ta' kejl li magħhom jistgħu jitqabblu. Aktar tagħrif dwar dawn il-każijiet jinstab fis-Sommarju Eżekuttiv li jsegwi. Is-sitt każijiet ewlenin jinsabu wkoll fl-indiċi f'Anness D tar-Rapport sħiħ.

### Xi opportunitajiet mitlufa

Minn meta ħadt il-kariga ta' Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003, kelli l-għan li nippromwovi kultura ta' servizz fi ħdan l-amministrazzjoni ta' l-UE. Iċ-ċittadini ma jistħoqqilhomx inqas minn hekk. Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba u għandna l-obbligu li nirrispettaw din il-wegħda li saret liċ-ċittadini Ewropej.

Kif dejjem għidt, il-mod kif l-amministrazzjoni pubblika tindirizza l-ilmenti hu kejl indikattiv ta' kemm hija mmirata lejn iċ-ċittadin. Filwaqt li diversi oqsma wrew titjib, sfortunatament is-sena 2006 rat żieda fir-rata ta' każijiet li għalaqt b'kummenti iebsin u bi tnaqqis daqstant ieħor sinifikattiv fin-numru ta' każijiet li spiċċaw b'soluzzjoni bonarja. Huwa wkoll b'dispaċir li nosserva t-tnaqqis fir-rata ta' aċċettazzjoni u implimentazzjoni mill-istituzzjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet abbozzati mill-Ombudsman.

Dan l-iżilupp għandu jħasseb lil kulmin għandu għal qalbu t-titjib tal-kuntatt bejn l-Unjoni Ewropea u iċ-ċittadini tagħha. L-ilmenti joffru opportunità biex jitranġaw il-problemi u lill-istituzzjoni jew korp





konċernat biex juru li huma jieħdu bis-serjetà d-dritt fundamentali taċ-ċittadin għal amministrazzjoni tajba. Ma nafx kemm iċ-ċittadin jista' faċilment jibbilanċja stqarrijiet li jsiru ta' sikwit mill-istituzzjonijiet li jgħidu li jridu "jersqu qrib iċ-ċittadin" mal-fatt li l-istess istituzzjonijiet kemm-il darba jtilfu l-opportunità li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet offruti mill-Ombudsman sabiex itejbu dawn ir-relazzjonijiet.

Parti mill-problema tinsab fil-fatt li xi wħud fi ħdan l-amministrazzjoni għadhom ma jistgħux jifhmu biżżejjed u jinternalizzaw l-idea li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu mill-istituzzjonijiet u minn min jaħdem fiċ-ċivil aktar milli sempliċement tiġi evitata imġieba illegali. Ser nibqa' nisħaq dwar dan il-punt ewlieni matul l-2007. Barra minhekk, bil-għan li nara li l-investigazzjonijiet tiegħi qed iħallu effett konkret u dejjiemi, bi ħsiebni nwettaq u nippubblika studji fl-2007 dwar x'sar mill-kummenti ulterjuri u kummenti kritiċi mogħtija fl-2006. Dan għandu jinkoraġġixxi aktar lill-istituzzjonijiet konċernati li jtejjbu l-prassi tagħhom għall-benefiċċju taċ-ċittadin.

### **Ħidma ma' l-istituzzjonijiet biex tiġi promossa kultura ta' servizz**

Madwar 70% ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea. Hu għaldaqstant vitali li l-Kummissjoni tkun minn ta' quddiem biex tippromwovi kultura ta' servizz. Bl-iskop li nilħaq din il-mira, niedejt ċiklu ta' laqgħat bilaterali ma' kull Kummissarju Ewropew li huma ddisinjati sabiex jittgħu dawl fuq il-prinċipji ewlenin ta' amministrazzjoni tajba li jridu jiġu segwiti f'kull livell tal-Kummissjoni u li tingħata attenzjoni fl-oqsma fejn l-investigazzjonijiet tiegħi dwar ilmenti tawni raġuni għalxiex inkun imħasseb. It-trasparenza kif ukoll l-involviment tal-11-il Kummissarju li ltqajt magħhom s'issa juru b'mod ċar li japprezzaw il-valur li jirrispondu għall-ilmenti b'mod kostruttiv. Il-laqgħat tiegħi ma' istituzzjonijiet oħra u korpi tal-UE huma daqstant ieħor inkoraġġanti, u dettalji dwar dawn jinsabu f'Kapitlu 4 ta' dan ir-Rapport.

### **Promozzjoni ta' sussidjarità fir-rimedji**

Peress illi porzjon sinifikanti ta' ilmenti li nirċievi kull sena ma jaqgħux fi ħdan il-mandat tiegħi, jien komplejt bl-isforzi tiegħi matul l-2006 biex nippromwovi l-prinċipju tas-sussidjarità fir-rimedji. Ħafna mill-persuni li jressqu ilment quddiem ijdhu li mhumix konxji mir-rimedji mhux ġudizzjali li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom fl-Istati Membri, jew li ombudsmen nazzjonali u reġjonali jistgħu jkunu kompetenti biex jitrattaw l-ilmenti tagħhom, inklużi każijiet fejn tidħol il-liġi tal-UE. In-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen hu riżors ewlieni li jgħin lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali jitrattaw bl-aktar mod effettiv każijiet li jinvolvu l-liġi ta' l-UE. Fl-2006, aktar minn 75% ta' l-ilmenti li rċevajt ma kinux jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħi l-aktar minħabba li kienu jitrattaw amministrazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali fl-Istati Membri. Fil-maġġoranza ta' każijiet bħal dawn, kienu kompetenti jitrattawhom membri oħra tan-Netwerk ta' l-Ombudsmen Ewropej. F'dawn il-każijiet kollha u bil-permess minn qabel ta' l-ilmentatur, jew ittrasferejt l-ilment direttament lill-ombudsman xieraq, jew tajt parir lill-ilmentatur dwar fejn għandu jirrikorri. Filwaqt li tali trasferimenti u pariri huma bla dubju ta' utilità kbira għaċ-ċittadin, ikun ħafna aħjar għaċ-ċittadini jekk jikkuntatjaw mill-ewwel lill-ombudsman kompetenti.

### **Strateġija ta' komunikazzjoni immirata aħjar**

Qegħdin għalhekk naħdmu bi bżulija, permezz tan-Netwerk ta' l-Ombudsmen Ewropej, biex nidderieġu liċ-ċittadini għand l-ombudsman adattat permezz ta' tagħrif ċar u li jinftiehem dwar mezz ta' rikorsi li huma aċċessibbli għalihom fuq livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Dan it-tagħrif qiegħed jingħata liċ-ċittadini permezz ta' links għal ombudsmen nazzjonali u reġjonali fuq is-sit elettroniku tiegħi, liema links kienu użati aktar minn 44 000 darba s-sena l-oħra, permezz ta' tagħrif dwar in-Netwerk li jinsab fil-pubblikazzjonijiet tiegħi, u bi preżentazzjoni konġunti ma' l-ombudsman nazzjonali jew reġjonali li jsiru matul iż-żjarat ta' tagħrif li nagħmel fl-Istati Membri.

Minbarra fl-attivitajiet li qegħdin isiru min-Netwerk, konna qegħdin nintensifikaw b'mod aktar wiesa' l-isforzi tagħna ta' komunikazzjoni. Matul is-sena żviluppajna tlett strateġiji ewlenin sabiex nilħqu l-pubbliku – strateġija komprensiva tal-mezzi tax-xandir, pjan li radikalment jibdel is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman, u politika riċerkata b'reqqa li tista' timmira u tilħaq lill-ilmentaturi

potenzjali. Din l-istrateġija aħħarija hi vitali sabiex jitnaqqas il-porzjon ta' ilmenti li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tiegħi. Il-ħsieb li fuqhom huma mibnija t-tlett azzjonijiet hu li jiżgura li kulmin jista' jkollu lment ammissibbli xi jressaq lill-Ombudsman Ewropew ikun konxju dwar kif dan għandu jsir, u li daww b'ilment li ma jaqax taħt il-kompetenza tiegħi jkun jafu għand min jirrikorru għall-għajnuna. Bl-istess mod, dawn l-attivitajiet komunikattivi għandhom iżidu l-għarfien fost il-pubbliku ġenerali dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew li jara li l-amministrazzjoni ta' l-UE tagħti kont ta' għemilha.

### Irtir ta' l-impjegati

X'inhi t-tifsira ta' amministrazzjoni tajba kemm mill-perspettiva ta' kunċett u ta' proċedura, kif titkattar u tiġi promossa kultura ta' servizz fi ħdan l-uffiċċju ta' l-Ombudsman, kif jintlaħqu ċ-ċittadini hemm barra u kif tasal għal udjenzi partikolari u aktar speċjalizzati, kienu wħud mit-temi diskussi f'dettall f'Ottubru 2006 matul l-ewwel irtir għall-impjegati ta' l-Ombudsman Ewropew li qatt sar. Irtir hu eżerċizzju ta' riflessjoni individwali, li jinvolvi l-impjegati kollha ta' istituzzjoni, bil-għan li jkun żviluppati u msaħħa t-tifsira tal-valuri u tal-missjoni ta' l-istituzzjoni, u li jippromwovi t-tħaddim effettiv tagħhom. Kull impjegat kien inkoraġġit li jagħti sehem attiv fid-diskussjonijiet, u li jesprimi/tesprimi l-opinjoni personali fuq it-temi varji tad-diskussjoni. Wara l-irtir kien hemm kunsens ġenerali dwar kemm verament l-irtir kien esperjenza utli u produttiva ħafna, u li kien jistħoqqilha terġa' ssir.

Kull attività li semmejt f'din id-daħla hi inkluża b'dettal fir-Rapport Annwali, filwaqt li verżjoni qasira ta' ħidmet l-Ombudsman tinstab fis-Sommarju Eżekuttiv u Statistika, li hi pubblikata wkoll separatament. Nittama li ż-żewġ pubblikazzjonijiet għandhom jipprovdu rendikont sħiħ ta' ħidmet l-Ombudsman Ewropew għall-2006 u li jinkoraġġuk titgħalliem aktar dwar l-istituzzjoni li għandi l-unur li mmexxi. Min-naħa tiegħi, inħares 'il quddiem għal sena oħra ta' sfidi fl-2007, bil-għan doppju li naħdem ma' l-istituzzjonijiet sabiex jippromwovu amministrazzjoni tajba u li nerġa' niffoka l-isforzi tiegħi fil-komunikazzjoni biex daww kollha li jista' jkollhom bżonn is-servizzi ta' l-Ombudsman Ewropew ikunu informati kif suppost u b'mod adegwat dwar x'għandhom jagħmlu.

Strasburgu, 22 ta' Frar 2007

P. Nikiforos DIAMANDOUROS









# 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

It-tnax-il Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jagħti rendikont ta' l-attivitajiet ta' l-Ombudsman fl-2006. Hu r-raba' Rapport Annwali ippreżentat mis-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, li ta bidu għall-ħidma tiegħu bħala Ombudsman Ewropew fl-1 ta' April 2003.

## STRUTTURA TAR-RAPPORT

Ir-Rapport hu mqassam f'sitt Kapitoli u erba' annessi. Jibda b'daħla personali mill-Ombudsman, li fiha jirrive di l-attivitajiet u l-kisbiet ewlenin tas-sena u l-ideat li fi ħsiebu jwettaq għas-sena li jmiss. Dan is-Sommarju Eżekuttiv jikkostitwixxi l-Kapitlu 1.

Kapitlu 2 jiddeskrivi l-proċeduri ta' l-Ombudsman li bihom jitratta l-ilmenti u jmexxi l-investigazzjonijiet. Jagħti stampa ta' l-ilmenti li rċieva matul is-sena u jinkludi analiżi tematika tar-riżultati ta' każijiet magħluqa wara li ntemmet investigazzjoni. Din l-analiżi jkopri l-aktar konklużjonijiet ewlenin ta' liġi u ta' fatt li jinsabu fid-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman għall-2006.

Kapitlu 3 jikkonsisti f'għażla ta' ġabriet fil-qosor ta' deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman għall-2006, li jkopri lista ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet involuti fl-ilmenti kif ukoll ta' inkjesti meħudha b'inizjattiva tiegħu. Il-ġabriet huma mqassma l-ewwel skond it-tip ta' konklużjoni jew ta' passi meħuda, imbagħad permezz ta' l-istituzzjoni jew korp konċernat. Ġabriet ta' deċiżjonijiet li joħorġu minn inkjesti magħmula fuq inizjattiva personali u eżempji ta' talbiet sottomessi minn ombudsmen nazzjonali u reġjonali jinsabu fl-aħħar tal-kapitlu.

Kapitlu 4 jitratta ir-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea. Jibda billi jifta' dawl fuq il-valur tar-relazzjonijiet kostruttivi ta' xogħol li l-Ombudsman għandu ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi, u jkompli billi jelenka l-laqqgħat u l-avvenimenti varji li seħħew f'dan ir-rigward fl-2006.

Kapitlu 5 jikkonferma dwar ir-relazzjonijiet li l-Ombudsman Ewropew għandu ma' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Ewropa u lil hinn minnha. L-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen hu deskritt fid-dettal, filwaqt li hu nkluż ukoll is-sehem ta' l-Ombudsman f'seminars, konferenzi u laqqgħat.

Kapitlu 6 jipprovdi stampa ġenerali ta' l-attivitajiet komunikattivi ta' l-Ombudsman. Il-kapitlu hu mqassam f'sitt sezzjonijiet li jkopru l-avvenimenti ewlenin tas-sena, iż-żjarat ta' taġħrif ta' l-Ombudsman, konferenzi u laqqgħat li involvew lill-Ombudsman u l-staffi tiegħu, relazzjonijiet mal-mezzi tax-xandir, pubblikazzjonijiet u kuntatt *online*.

Anness A fih statistika dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew għall-2006. Annessi B u Ċ jipprovdu dettalji, rispettivament, tal-baġit u tal-persunal ta' l-Ombudsman. Anness D jelenka d-deċiżjonijiet misjuba f'Kapitlu 3 bin-numru tal-każ, skond il-materja tas-suġġett, u skond it-tip ta' amminstrazzjoni ħażina li kienet allegata. Jelenka wkoll il-każijiet 'saljenti' u l-każijiet kollha magħluqa b'kumment kritiku fl-2006.



## SINTEŻI

### Il-missjoni ta' l-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien stabbilit fit-Trattat ta' Maastricht bħala parti miċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea. L-Ombudsman jinvestiga ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rwoli ġudizzjarji tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman fisser "amministrazzjoni ħażina" b'tali mod li titlob rispettu għad-drittijiet tal-bniedem, għall-istat tad-dritt u għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Minbarra risposti għal ilmenti minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman jaħdem b'mod pro-attiv billi jniedi inkjesti bl-inizjattiva tiegħu, jiltaqa' ma' Membri u ma' uffiċjali ta' istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE, u jilħaq iċ-ċittadini sabiex jinfurmahom dwar drittijietom u dwar kif għandhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet.

### Ilmenti u inkjesti matul l-2006

Matul l-2006, l-Ombudsman irċieva 3 830 ilment. Dan jissarraf fi tnaqqis ħafif (2%) meta mqabbel ma' l-2005<sup>1</sup> iżda jikkonferma wkoll stabbiltà fl-ilmenti fil-livell għoli mingħajr preċedent li ntlaħaq fl-2004. Total ta' 57% ta' l-ilmenti li rċieva l-Ombudsman fl-2006 intbagħtu elettronikament, jew bl-e-mail jew permezz tal-formola ta' l-ilment fuq is-sit ta' l-Ombudsman. F'3 619 każ l-ilment intbagħat direttament minn ċittadini individwali, filwaqt li 211 saru minn assoċjazzjonijiet jew kumpaniji.

Fi kważi 70% tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lill-ilmentatur billi jistħarreġ il-każ, jitransferrixxi l-ilment lil korp kompetenti, jew billi jagħti parir dwar fejn wiehded għandu jirrikorri għal soluzzjoni immedjata u effettiva għall-problema.

Total ta' 258 investigazzjoni ġdida nfetħet matul is-sena fuq il-bażi ta' ilmenti. L-Ombudsman beda wkoll disa' inkjesti bl-inizjattiva tiegħu. Ittratta total ta' 582 talba fl-2006, li minnhom 315 tkomplew mis-sena 2005.

Bħal fi snin ta' qabel, il-biċċa l-kbira tat-talbiet u jiġifieri 387 jew 66% mit-total, ikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea. Peress li l-Kummissjoni hi l-istituzzjoni ewlenija li tiegħu deċiżjonijiet li għandhom effett dirett fuq iċ-ċittadin hu normali li għandha tkun il-mira ewlenija ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 74 talba (13% tat-total) dwar l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO), 49 (8%) dwar il-Parlament Ewropew u 11 (2%) talba ikkonċernat il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tipi ewlenin ta' allegata amministrazzjoni ħażina kienu jikkonsistu f'nuqqas ta' trasparenza, li jinkludu rifjut ta' għoti ta' tagħrif (f'25% tal-każijiet), inġustizzja jew abbuż ta' poter (19%), proċeduri mhux sodisfaċenti (12%), dewmien li seta' kien evitat (9%), negliġenza (8%), żbalji legali (5%) u nuqqas ta' twettiq ta' obligazzjonijiet, jiġifieri nuqqas tal-Kummissjoni Ewropea li twettaq ir-rwol tagħha ta' "għassiesa tat-Trattat" fir-rigward ta' Stati Membri (4%).

Total ta' 3 540 talba individwali għal tagħrif daħlu bl-e-mail, imqabbel ma' madwar 3 200 kemm fl-2005 u fl-2004. Kull waħda haċet twegħiba individwali minn membru kompetenti mill-istaff ta' l-Ombudsman.

### Ir-riżultati ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman

Fl-2006, l-Ombudsman għalaq 250 investigazzjoni, 247 minnhom kienu marbuta ma' ilmenti u tlieta inbdew b'inizjattiva personali. Stampa ġenerali tal-konklużjonijiet isegwi f'dan it-test.

<sup>1</sup> Wiehded għandu jinnota li fl-2006, 281 ilment saru dwar l-istess tema, filwaqt li fl-2005, 335 ilment ikkonċernaw l-istess tema.



### *Ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina*

Ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina f'95 każ mistħarrġa mill-Ombudsman. Dan ma fissirx bilfors għeluq negattiv għall-ilmentatur, li almenu jgawdi mill-benefiċċju ta' spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni jew korp konċernat ta' dak li għamlu, kif ukoll tal-perspettiva tal-każ mill-Ombudsman. Fost eżempji ta' każijiet ta' l-2006 fejn ma nstabitx amministrazzjoni ħażina kien hemm dawn li ġejjin:

- L-Ombudsman irċieva ilment dwar kif il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) jitratta talbiet għal tagħrif dwar possibiltà ta' finanzjament ta' proġett fir-Repubblika Ċeka. Fir-reazzjoni tiegħu tal-bidu rigward talbiet għal tagħrif, il-BEI kien osserva f'termini ġenerali, li r-rifjut li jagħti aċċess jirriżulta mill-politika u regoli tiegħu li kienu infurzati f'dak iż-żmien. Matul l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman, ta spjegazzjoni aktar speċifika, fejn irrefera għall-interess pubbliku rigward relazzjonijiet internazzjonali. L-Ombudsman ikkonkluda li l-BEI ma kisirx regoli tiegħu stess dwar aċċess ta' tagħrif u għalaq il-każ b'nota li ma nstabitx amministrazzjoni ħażina. Minkejja dan, l-Ombudsman inkoraġġixxa lill-BEI biex fil-futur jikkumplimenta rifjut billi jgħarraf lill-persuna li tagħmel it-talba bi spjegazzjoni adegwata tar-raġunijiet għalxiex ingħata rifjut u dana qabel ma' l-problema tilħaq stadju fejn tissawwar f'ilment lill-Ombudsman. (3501/2004/PB)
- Parteċipant f'kompetizzjoni miftuħa organizzata mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) ilmenta ma' l-Ombudsman li l-kompetizzjoni ma kienetx trasparenti u organizzata tajjeb biżżejjed, u li l-iskadenza taż-żmien li wieħed kellu jirreġistra għat-testijiet ta' l-għażla ma ġiex rispettata. Permezz ta' l-investigazzjoni tiegħu l-Ombudsman sab li EPSO tat it-tagħrif dwar l-istadji suċċessivi tal-proċedura tal-għażla lill-kandidati fuq bażi regolari u skond il-provvedimenti tas-sejħa għal espressjoni ta' interess. Hu ikkonkluda li t-tagħrif mogħti mill-EPSO kien ċar u adegwat u li ma kienx hemm istanza ta' amministrazzjoni ħażina. (472/2006/DK)
- Aġenzija ta' traduzzjoni Svediża lmentat ma' l-Ombudsman dwar invit għal sottomissjoni ta' offerta maħruġ mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-inviti kien fih rekwiżit mhux imsemmi fin-nota tal-kuntratt oriġinali u li l-aġenzija ma setgħetx tonora. L-Ombudsman sab illi, skond ir-regoli rilevanti, kien biżżejjed li ċerti rekwiżiti jkun speċifikati biss fl-inviti għall-offerta u mhux fin-nota tal-kuntratt ukoll. Hu ikkonkluda li l-Qorti ma biddlitx il-kundizzjonijiet matul il-proċedura, skond kif allega l-ilmentatur, u għaldaqstant ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. (2523/2005/TN)

Anki jekk l-Ombudsman ma jsibx amministrazzjoni ħażina, jista' jidentifika opportunità għall-istituzzjoni jew għall-korp li jtejjeb il-kwalità ta' l-amministrazzjoni tiegħu fil-futur. F'każijiet bħal dawn, l-Ombudsman jagħmel kummenti ulterjuri, bħalma għamel fil-każijiet li ġejjin:

- L-Ombudsman ma sab l-ebda amministrazzjoni ħażina rigward deċiżjoni tal-Parlament li jirrifjuta l-offerta ta' l-ilmentatur wara sejħa għal offerti. Minkejja dan, għibed l-attenzjoni tal-Parlament għal stqarrija li kien għamel rigward id-diskrezzjoni fil-proċedura ta' sejħa għal tenders. L-Ombudsman ikkummenta li l-istqarrija ma kienetx tidher tikkumplimenta s-sejħa għall-offerti f'dan il-każ jew lill-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba rigward eżerċizzju ta' poteri diskrezzjonali. (1315/2005/BB)
- L-Ombudsman issuġġerixxa lill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) li, kull darba li l-Awtorità li Tappunta tistenna rispons għal appell magħmul taħt Artikoli 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, li jintbagħat wara l-iskadenza ta' erba' xhur mbassra, għandha tibgħat *holding reply*. Dan irriżulta minn sħarriġ li sar dwar ilment ta' kandidat li ma rnexxiex f'kompetizzjoni miftuħa. L-EPSO uriet il-preokkupazzjoni tagħha għad-dewmien f'dan il-każ. L-Ombudsman ħa vantaġġ miċ-ċans mogħti minn dan l-ilment sabiex jiċċara l-awtorizzazzjoni tiegħu li jeżamina l-legalità tad-deċiżjoni tal-Bord tas-Selezzjoni. (1217/2004/OV)



*Każijiet trattati mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet amikevoli*

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb riżoluzzjoni pożittiva li tissodisfa kemm lill-ilmentatur kif ukoll lill-istituzzjoni li kontriha jsir l-ilment. Il-koooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunita' hi essenzjali għas-suċċess ta' riżoluzzjoni simili, li jgħinu biex itejbu relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u jista' jevita l-bżonn ta' kawżi li jieħdu ż-żmien u jiswew il-flus.

Matul l-2006, 64 każ kienu solvuti b'riżoluzzjoni ta' l-istituzzjoni jew tal-korp stess wara li tressaq l-ilment mill-Ombudsman. Fost dawn kien hemm is-segwenti:

- Il-Kummissjoni irranġat każ ta' pagament li sar tard rigward programm ta' skambju ta' studenti li sar bejn Berlin, fil-Ġermanja, u Halton fir-Renju Unit, wara li awtorita' lokali ressqet l-ilment lill-Ombudsman. Il-Kummissjoni ħabbret ukoll li kienet ħadet passi sabiex ittejjeb l-amministrazzjoni tagħha fil-qasam ta' ġemellaġġ ta' l-ibliet. L-Ombudsman laqa' din ir-risposta iżda żied li jkun xieraq ukoll jekk jitħallas l-interess f'każijiet bħal dawn. (3172/2005/WP)
- Il-Kummissjoni qablet li għandu jitħallas ammont ta' salarju li kien dovut lil uffiċjal wara li l-Ombudsman investiga l-każ. L-uffiċjal kien marad ftit wara li assumiet il-kariga tagħha, u finalment ngħatat pensjoni ta' diżabilita'. Il-Kummissjoni irrifjutat li tħallasha għal żmien twil bl-iskuża li ma tatx provi li juru li l-assenza tagħha kienet dovuta għal raġunijiet ta' saħħa. Bħala riżultat ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni aċċettat li tħallas is-salarju dovut kif ukoll l-interess mitlub mill-ilmentatur. (106/2005/TN)
- Il-Kumitat tar-Reġjuni ta' lura spejjeż ta' invjaġġar lil kandidat li qagħad għal intervista ta' xogħol u aċċetta li jħallas interess, wara li l-Ombudsman ittratta l-każ. Fir-risposta tiegħu għall-punt imqajjem mill-ilmentatur li l-proċedura ta' rimborsar għandha titjeb, il-Kumitat sostna li d-dewmien kienu riżultat ta' ċirkostanzi eċċezzjonali u li l-proċeduri ma kellhomx bżonn reviżjoni. F'kummenti ulterjuri, l-Ombudsman issuggeriixxa li l-livelli amministrattivi tal-Kumitat kellhom jitjiebu iżjed kieku kellhom jiġu segwiti l-files ta' pagament kif seħħ f'dan il-każ. Dan seta' jsir billi jkun kunttattjati applikanti li kellhom dokumenti nieqsa u li, f'każ ta' dewmien, l-applikanti jinżammu informati b'dan id-dewmien u għal-liema raġunijiet. (800/2006/WP)

Jekk stħarriġ iwassal għal sejbien ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman dejjem jipprova jsir soluzzjoni fejjieda jekk ikun possibbli. F'xi każijiet, soluzzjoni amikevoli tista' tintlaħaq jekk l-istituzzjoni jew il-korp konċernat joffri kumpens lill-ilmentatur. Offerta simili ssir *ex gratia*, jiġifieri mingħajr ammissjoni ta' ħtija legali u mingħajr ma' jinħoloq preċedent legali.

Matul l-2006, 28 soluzzjoni amikevoli kienu proposti. Tlett każijiet, inklużi tnejn fejn il-proposta saret matul l-2005, ingħalqu matul is-sena wara li ntlaħqet soluzzjoni amikevoli. Fl-aħħar ta' l-2006, 27 proposta għal soluzzjoni amikevoli kienu għandhom qegħdin jiġu ikkunsidrati. Minn fost is-soluzzjonijiet simili miksuba fl-2006 kien hemm dawn li ġejjin:

- Il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) ta' aċċess parzjali għall-pubbliku għal rapport ta' kontabilità wara ilment li sar lill-Ombudsman. Barra minn hekk, aċċetta li jagħti lill-kumpanija privata rilevanti aċċess lil partijiet mir-rapport li speċifikament ikkonċernaw lill-grupp li għalih kienet tappartjeni l-kumpanija. Ir-rapport kien jitratta proġett finanzjat mill-UE fl-Afrika li ħa sehem fih il-grupp. L-Ombudsman laqa' t-tendenza kostruttiva ta' l-BEI bħala mudell għal aċċess għal dokumenti fil-futur. (1776/2005/GG)
- Il-Kummissjoni aċċettat li tirrevedi l-interpretazzjoni tagħha tad-Direttiva Ewropea għall-Protezzjoni tad-Dejta<sup>2</sup> wara ilment li sar minn ċittadin Ġermaniż. Skond l-ilmentatur l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istat ta' Amburgu mexxew data personali b'mod illegali lil intrapriżi meta kienu jafu li din ta' l-aħħar kienet se tintuża għal skopijiet ta' bejgħ dirett fis-suq. Il-

<sup>2</sup>

Direttiva 95/46 tal-Parlament u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' dan it-tip ta' data, ĠU, 1995 L281, paġna 31.



Kummissjoni fil-bidu stqarret li d-Direttiva għall-Protezzjoni tad-Dejta ma kienetx tagħti protezzjoni simili f'każ ta' din l-eventwalita'. Wara l-intervent ta' l-Ombudsman, aċċettat li tirrivedi l-konklużjoni tagħha. (2467/2004/PB)

- Wara l-intervent ta' l-Ombudsman fil-każ, l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (*European Aviation Safety Agency, EASA*) aċċettat li tħassar l-irkupru skedat ta' *allowances* li tħallsu lill-ilmentatur. L-Ombudsman sab li l-EASA kienet naqset milli tagħti tagħrif komplut lill-ilmentatur li seta' jwassal biex ġie żgwidat, u ippropona soluzzjoni amikevoli fejn l-EASA tikkonsidra li tikkanċella ta' l-inqas parti mill-*allowances*. L-EASA baqgħet issostni l-fehma tagħha li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina iżda "wara li ikkunsidrat in-natura unika ta' dan il-każ u peress li għandha l-akbar rispett lejn l-opinjoni ta' l-Ombudsman", ħassret l-irkupru b'mod sħiħ. (1729/2005/(PB)JF)

#### *Kummenti kritiċi, rakkomandazzjonijiet abbozzati u rapporti speċjali*

Jekk mhix possibbli soluzzjoni amikevoli jew jekk is-soluzzjoni ma rnexxietx, l-Ombudsman jew jagħlaq il-każ b'kumment kritiku għall-istituzzjoni jew korp konċernat jew jabbozza rakkomandazzjoni.

Kumment kritiku normalment issir jekk (i) mhux aktar possibbli għall-istituzzjoni konċernata li telimina l-istanza ta' l-amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina jidher li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkunx hemm bżonn ta' azzjoni ta' monitoraġġ sussegwenti mill-Ombudsman. Kumment kritiku tikkonferma lill-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha hu ġustifikat u juri lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernat fejn ikun żbalja, sabiex jgħinu jevita amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2006 l-Ombudsman għalaq 41 sħarriġ b'kummenti kritiċi. Per eżempju:

- L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli ma ħaditx passi ulterjuri biex il-Ġermanja tiġi in regola ma' sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li tikkonċerna Regolament ta' l-Ippakkettjar Ġermaniż. Dan sar wara ilment li għamlu diversi kumpaniji Ewropej li jipproduċu xorb dwar l-inattivita' tal-Kummissjoni fil-qasam. Il-Qorti kienet iddeċidiet li r-Regolament ta' l-Ippakkettjar Ġermaniż għal ċertu xorb kien joħloq xkiel fin-negozju fi ħdan il-Komunita'. In vista tal-fatt li waħda mill-proċeduri ta' ksur kontra r-Regolament Ġermaniż kienet għadha fis-seħħ, l-Ombudsman ikkunsidra li fehmtu, li esprimiha f'kumment kritiku, setgħet tiġi trattata mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dik il-proċedura. (1037/2005/GG)
- L-Ombudsman ikkritika l-EPSo talli ma tatx tagħrif mitlub minn kandidat għal kompetizzjoni miftuħa biex jgħinu jifhem il-marki li ġab f'eżami ta' traduzzjoni li m'għaddhiex minnu. EPSo lanqas ma argumentat li l-għoti ta' tagħrif kien se jinvolvi piż amministrattiv li ma kienx raġonevoli u lanqas ma indikat raġunijiet oħra validi talli ma tatx dan it-tagħrif lill-ilmentatur. (674/2004/PB)
- L-Ombudsman ikkritika lill-Kummissjoni talli rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti lill-għaqda mhux governattiva (NGO) ambjentali *Friends of the Earth*. Id-dokumenti jikkonċernaw materji xjentifiċi dwar is-sigurezza ta' ikel li hu ġenetikament modifikat (*genetically modified, GM*) li l-Kummissjoni kienet issottomettiet lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (*World Trade Organisation, WTO*). B'riferenza għall-fatt li aċċess pubbliku ristrett għandu jkun interpretat u applikat strettament, l-Ombudsman sab li f'dan il-każ il-Kummissjoni kienet addottat interpretazzjoni permissiva u estensiva tal-proviżjonijiet rilevanti. (582/2005/PB)

Hu importanti għall-istituzzjonijiet u l-korpi li jsegwu r-kummenti kritiċi mill-Ombudsman, u jieħdu azzjoni biex isolvu problemi pendenti biex b'hekk tkun evitata amministrazzjoni ħażina fil-futur. Matul l-2007, l-Ombudsman għandu l-ħsieb li jagħmel u jippubblika studju tas-segwitu tar-kummenti kritiċi li saru fl-2006 mill-istituzzjonijiet involuti. Studju bħalu għandu jsir dwar l-azzjoni li tiegħdet in-segwitu ta' kumment kritiku li sar fi 38 każ matul l-2006.

Fil-każijiet fejn l-azzjoni ta' segwitu mill-Ombudsman ma tidhirx biżżejjed, jiġifieri fejn hu possibbli għall-istituzzjoni li tneħħi l-amministrazzjoni ħażina, jew fil-każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina



kienet partikolarment serja jew li kellha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jabbozza rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew lill-korp konċernat, li min-naħa tagħha jkollha tagħti twegħiba dettaljata lill-Ombudsman fi żmien tliet xhur.

Matul l-2006 saru 13-il rakkomandazzjoni abbozzata. Barra minn dawn, għaxar rakkomandazzjonijiet abbozzati ta' l-2005 wasslu għal deċiżjoni fl-2006. Erba' każijiet ingħalqu matul is-sena meta rakkomandazzjoni abbozzata kienet aċċettata mill-istituzzjoni. Żewġ każijiet wasslu għal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Disa' każijiet ingħalqu għal raġunijiet oħra. Fl-aħħar ta' l-2006, disa' rakkomandazzjonijiet abbozzati kienu għandhom qegħdin jiġu kunsidrati, inkluż waħda li saret fl-2004. Ir-rakkomandazzjonijiet abbozzati magħmula fl-2006 kienu jinkludu dan li ġej:

- L-Ombudsman inkoraġġixxa lill-Kummissjoni biex titratta malajr kemm jista' jkun ilment dwar id-Direttiva Ewropea dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol. Tabib Ġermaniż ilmenta li l-Ġermanja kienet qegħda tikser id-Direttiva fejn jikkonċerna t-tobba fl-isptarijiet u fil-ħinijiet li jistgħu jiġu msejħa. Il-Kummissjoni sostniet li emendi għad-Direttiva kienu imminenti. L-Ombudsman, iżda, ikkunsidra li l-Kummissjoni ma kienetx intitolata li tipposponi għal żmien indefinit it-trattament ta' l-ilment bl-iskuża li d-Direttiva għandha tiġi emendata f'xi żmien fil-futur. (3453/2005/GG)
- L-Ombudsman appella lill-Kummissjoni biex tikkoreġi tagħrif żbaljat u li jista' jżvivja li jinsab f'fuljetti, powsters u preżentazzjoni ta' video dwar id-drittijiet tal-passiġġieri. Dan sar fuq ilment ta' żewġ assoċjazzjonijiet tal-linji ta' l-ajru. Huma ikkritikaw it-tagħrif provdut mill-Kummissjoni dwar id-drittijiet tal-vjaġġaturi għal kumpens u għal assistenza f'każ li ma jitħallewx jirkbu, li jitħassru t-titjiriet jew id-dewmien fit-tul. Għalkemm l-Ombudsman ma sabx l-ilmenti kollha ta' l-ilmentaturi kienu ġustifikati, identifika ċerti frażijiet li kienu skorretti u li jżvivjaw fil-materjal li fih it-tagħrif u talab lill-Kummissjoni sabiex tikkoreġihom. (1475/2005/(IP)GG and 1476/2005/(BB)GG)

L-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet abbozzati f'każ 3453/2005/GG kellha tiġi komunikata f'Diċembru 2006, u f'każijiet 1475/2005/(IP)GG u 1476/2005/(BB)GG, f'Marzu 2007. Peress li dawn l-inkjesti kienu għadhom miftuħa sa l-aħħar ta' l-2006, ma jidhrux f'Kapitlu 3 tar-Rapport.

Fost ir-rakkomandazzjonijiet abbozzati li kienu aċċettati fl-2006 kien hemm is-segwenti:

- Il-Kummissjoni aċċettat il-konklużjoni ta' l-Ombudsman, u ikkonfermat li se taħdem biex twettaq sforz simili, u jiġifieri li prassi amministrattiva tajba tirrekjedi it-tiftix għal-kjarifikazzjoni ta' stqarrijiet magħmula waqt laqgħa ta' Kumitat Reġjonali Parlamentari Ġermaniż. Dan ħareġ minn rakkomandazzjoni abbozzata li fiha l-Ombudsman ħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu l-aħjar passi biex tiżgura jekk il-bejgħ ta' kumpanija ta' l-istat fil-Ġermanja kinitx tinvolvi elementi ta' għajjnuna mill-istat. Skond l-ilmentatur, kien hemm bżonn ta' kjarifika ta' stqarrijiet li saru f'laqgħa ta' Kumitat Reġjonali Parlamentari Ġermaniż fejn kien suġġerit li kien hemm għajjnuna mill-istat. (642/2004/GG)
- Il-Kummissjoni aċċettat rakkomandazzjoni abbozzata li fiha l-Ombudsman stedinha tadotta deċiżjoni mill-aktar fis possibbli u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-ilmentatur u dana f'każ ta' ilment ta' ksur ta' dritt. Negożjant tal-karozzi Daniż irrikorra għand l-Ombudsman b'allegazzjoni li l-Kummissjoni ma onoratx il-wegħda tagħha li tasal għal konklużjoni dwar l-ilment tiegħu ta' ksur ta' dritt li jinvolvi t-tassazzjoni Daniża ta' karozzi importati. (956/2004/PB)

Jekk istituzzjoni jew korp Komunitarju ma jirrispondix b'mod sodisfaċenti għal rakkomandazzjoni abbozzata, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Dan jikkostitwixxi l-arma finali ta' l-Ombudsman u hu l-aħħar pass ta' sustanza li jista' juża fit-trattament ta' każ, peress li l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tal-poteri Parlamentari hu kwistjonijiet riżervati għall-ġudizzju politiku. Saru żewġ rapporti speċjali fl-2006:

- L-Ombudsman appella lill-Kunsill sabiex jikkunsidra l-għażla tal-lingwi użati fis-siti elettroniċi tal-Presidenzi ta' l-UE. Dan ħareġ minn ilment minn assoċjazzjoni Ġermaniża li sostniet li

dawn is-siti elettroniċi għandhom ikollhom verżjoni Ġermaniża apparti dik Ingliża u Franċiża. Il-Kunsill argumenta li l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza hu unikament responsabbli għas-siti elettroniku. L-Ombudsman ma qabilx, u bħala riżultat tar-rifjut tal-Kunsill tar-rakkomandazzjoni abbozzata minnu, l-Ombudsman ressaq il-kwistjoni quddiem il-Parlament Ewropew. (1487/2005/GG)

- F'rapport speċjali għall-Parlament, l-Ombudsman sostna li l-argument tal-Kummissjoni li ma setgħatx tilħaq kunsens politiku dwar kif kellha tipproċedi ma kienx jehlsha mid-dmir li titratta b'mod xieraq ilment ta' ksur ta' dritt. Fornitur Ġermaniż ta' servizz ta' mħatri sportivi ilmenta mal-Kummissjoni wara li awtoritajiet Ġermaniżi ordnawlu jieqaf joffri s-servizzi tiegħu, u b'hekk gēgħluh jagħlaq in-negozju tiegħu. F'għajnejn l-ilmentatur, din kienet tikkostitwixxi ksur tal-liberta' li joffri servizzi. Wara li kien sottomess rapport speċjali, il-Kummissjoni informat lill-Parlament u lill-Ombudsman li kienet ħadet deċiżjoni dwar il-ksur fl-ilment. (289/2005/GG)

### Inkjesti li saru b'inizzjattiva tiegħu stess

L-Ombudsman juża l-poter tiegħu sabiex iniedi inkjesti b'inizjattiva tiegħu stess f'żewġ istanzi. L-ewwelnett jista' jinvestiga possibilita' ta' każ ta' amministrazzjoni ħażina meta ilment jiġi sottomess minn persuna mhux awtorizzata (cioe, meta ilmentatur ma jkunx ċittadin jew residenti fl-Unjoni jew persuna legali f'uffiċċju reġistrat fi Stat Membru). Ħames inkjesti simili infetħu fl-2006. L-Ombudsman jista' wkoll juża l-poter ta' l-inizjattiva tiegħu biex jitratta dak li jidher li tkun problema sistematika fl-istituzzjonijiet. Għamel dan f'erba' okkażjonijiet fl-2006, inklużi dawn iż-żewġ istanzi:

- L-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-possibilita' ta' żieda fl-użu tal-medjazzjoni biex jissolva tilwim li jinħoloq minn kuntratti finanzjati minnha. Il-Kummissjoni wiegħbet pożitivamente billi għamlet impenn biex fil-futur tinkoraġġixxi metodi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim billi tinkludi klawżola fil-kuntratti ta' *standard procurement* li toffri medjazzjoni bħala għażla. Fl-għeluq ta' l-investigazzjoni, l-Ombudsman saqsa lill-Kummissjoni biex tipprovdilu tagħrif sat-30 ta' Ġunju 2007 dwar dak li ġara in segwitu kemm rigward il-klawżola ta' medjazzjoni u anki dwar l-isforzi ta' l-istituzzjoni li testendi l-użu tal-medjazzjoni biex tinkludi tilwim dwar *grants*. L-Ombudsman tefa' wkoll dawl fuq l-importanza li tkun rakkomandata l-medjazzjoni f'tilwim bejn kuntratturi u *sub-contractors*. (OI/1/2006/TN)
- F'Jannar 2006, l-Ombudsman fetaħ inkjesta b'inizjattiva personali dwar ir-regoli u l-politika tal-Parlament Ewropew dwar l-għola limitu ta' eta' fil-programmi tiegħu ta' apprendistat. Fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu l-Ombudsman irreferagħal (i) Artikoli 21 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, li jitratta n-nuqqas ta' diskriminazzjoni, (ii) gurijsprudenza riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirrifletti l-prinċipju ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' eta' bħala prinċipju ġenerali tal-liġi Komunitarja, u (iii) id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, wara rakkomandazzjoni magħmula mill-Ombudsman, li mill-15 ta' Frar 2006 ma jibqax japplika l-għola limitu ta' eta' rigward il-programm tagħha ta' apprendistat. (OI/3/2006/BB)

### Każijiet saljenti jagħtu eżempju ta' l-aħjar prassi

Ir-risposti hawn fuq imsemmija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-inizjattiva personali ta' l-Ombudsman dwar il-medjazzjoni (OI/1/2006/TN) u tal-Parlament Ewropew dwar l-investigazzjoni mibdija fuq inizjattiva personali dwar possibilita' ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' eta' (OI/3/2006/BB) joffru eżempji ħajja ta' l-aħjar prassi li jirrikjedu inklużjoni fost il-"każijiet saljenti" li dehru fir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman fl-2006. Dawn iservu wkoll bħala mudell għall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra Ewropej fit-terminu ta' x'inhi l-aħjar reazzjoni għall-kwistjonijiet imqajjma mill-Ombudsman. Il-Kummissjoni kompliet turi il-ħeġġa tagħha li taħdem b'mod kostruttiv ma' l-Ombudsman fil-każ hawn fuq imsemmi billi qablet li tirrivedi l-interpretazzjoni tagħha tad-Direttiva Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (2467/2004/PB). Billi iddakret mill-argumenti ta' l-Ombudsman u mit-tħassib ta' l-ilmentatur, hi uriet li lesta tpoġġi liċ-ċittadin fiċ-ċentru ta' l-attivitajiet tagħha. L-Ombudsman japplawdi din l-imġieba.





Eżempju ieħor ta' rispons kostruttiv mill-istituzzjonijiet fl-2006 intwera f'każ **106/2005/TN**, ikkwotat diġa', fejn il-Kummissjoni qablet li tirrisolvi ammont pendenti li kien dovut lil uffiċjal bħala parti mis-salarju tagħha, flimkien ma' l-interessi. L-**Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni** (EASA) ipprovidet eżempju ta' vera kultura ta' servizz meta minkejja li baqgħet issostni li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina, qablet mas-soluzzjoni amikevoli ta' l-Ombudsman (ara **1729/2005/JF** hawn fuq). Fl-aħħarnett, il-metodu innovattiv li permezz tiegħu l-**Bank Ewropew għall-Investment** (BEI) laqa' talba ta' ilmentatur li jingħata aċċess għal rapport ta' kontabilità fil-każ **1776/2005/GG**, filwaqt li fl-istess ħin ipproteġa l-interessi leġittimi ta' terzi persuni, ħoloq eżempju ta' kif ilment jiġi mwieġeb u jservi ta' mudell għal aċċess futur għal każijiet dwar dokumenti.

### Aktar analiżi

L-aħħar sezzjoni ta' Kapitolu 2 tar-Rapport Annwali fiha diskussjoni ta' dawn u ta' każijiet oħra minn perspettiva ta' kategoriji tematiċi kif ġej: (i) trasparenza, inkluż aċċess għal dokumenti u għal tagħrif, kif ukoll dwar protezzjoni ta' dejta, (ii) il-Kummissjoni bħala għassiesa tat-Trattat, (iii) offerti, kuntratti u għotjiet, u (iv) kwistjonijiet ta' persunal, inkluż reklu-taġġ.

Kapitolu 3 tar-Rapport fih ġabriet fil-qosor ta' 59 minn total ta' 250 deċiżjoni li għalqu każijiet fl-2006. Is-sommarji jirriflettu firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet koperti mill-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman u tat-tipi ta' konklużjonijiet differenti.

Deċiżjonijiet li għalqu każijiet kienu normalment pubblikati fuq is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż u, jekk differenti minn din, fil-lingwa ta' l-ilmentatur.

### Relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE

Relazzjonijiet kostruttivi ma' istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE hi essenzjali biex l-Ombudsman iwettaq il-ħidma tiegħu favur iċ-ċittadin b'mod effettiv. Il-koperazzjoni tiegħu l-forma ta' laqgħat regolari u ta' avvenimenti konġunti. L-Ombudsman juża opportunitajiet offruti minn dawn il-laqgħat biex jispjega r-rwol tiegħu fil-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi.

Kellhom importanza partikolari l-laqgħat bilaterali li saru ma' Kummissarji Ewropej fl-2006 biex jiddiskuti l-ħidma tal-proċedura ġdida tal-Kummissjoni biex titratta ma' l-inkjesti ta' l-Ombudsman li kienet introdotta f'Novembru 2005. F'Ġunju, l-Ombudsman kellu laqgħa li kienet produttiva ħafna ma' l-impiegati tal-Kummissjoni li huma responsabbli li jikkoordinaw l-andament ta' l-inkjesti ta' l-Ombudsman. Kienu kruċjali fil-koordinazzjoni tal-laqgħat kemm il-Viċi-President tal-Kummissjoni Margot WALLSTRÖM, li hi responsabbli fost l-oħrajn għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman, kif ukoll is-Segretarju-Ġenerali tal-Kummissjoni Catherine DAY. Is-Sin. WALLSTRÖM indirizzat ukoll lill-istaff ta' l-Ombudsman fi Strasburgu f'Diċembru fejn tat stampa ġenerali ta' l-isforzi li l-Kummissjoni kienet qegħda tagħmel biex ittejjeb ir-relazzjoni tagħha ma' iċ-ċittadin.

L-Ombudsman kompli jibni fuq ir-relazzjonijiet ta' ħidma kostruttiva ma' l-MPE fl-2006. Apparti sensiela ta' laqgħat individwali mal-Membri, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem, matul is-sena, f'erba' laqgħat mal-Kumitat tal-Petizzjonijiet fl-2006, li matulhom ippreżenta r-Rapport Annwali u r-Rapport Speċjali li koprew firxa ta' suġġetti. Fuq talba tal-Kumitat, l-Ombudsman kien ukoll irrapreżentat minn staff tiegħu f'kull laqgħa miżmuma mill-Kumitat matul is-sena in kwistjoni.

Fl-2006 l-Ombudsman kompli bl-isforzi tiegħu sabiex jilħaq istituzzjonijiet u korpi oħra. F'Marzu ltaqa' mal-Presidenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Prim'Istanza u tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili, mal-President tal-Qorti ta' l-Awdituri, u l-President tal-Bank Ewropew għall-Investment, fil-Lussemburgu. F'Ottubru ltaqa' mad-Diretturi ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni u ċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali fil-Greċja. Matul is-sena għamel ukoll preżentazzjonijiet dwar ħidmietu lil gruppi varji ta' staffi fl-istituzzjonijiet Ewropej fi Brussell, Lussemburgu u Strasburgu.



Bil-għan li jiġi żgurat l-aħjar servizz possibbli għaċ-ċittadini, l-Ombudsman iffirma numru ta' ftehim importanti matul l-2006.

F'Marzu iffirma ftehim ġdid mal-Parlament, li jkopri kooperazzjoni f'oqsma bħal politika ta' bini, teknoloġija ta' l-informatika u komunikazzjoni. Il-ftehim il-ġdid għandu jgħin lill-Ombudsman jaġmel l-aktar użu għaqli mir-riżorsi mogħtija lill-kariga tiegħu filwaqt li tkun żgurata awtonomija assoluta f'bidmiedu.

Ftehim ieħor importanti iffirmit fl-2006 kien il-Memorandum ta' Ftehim mas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta. L-għan ta' dan il-ftehim kien li jiżgura trattament kostanti ta' ilmenti li jirrigwardjaw protezzjoni ta' dejta u biex tiġi evitata dupplikazzjoni għal xejn. L-Ombudsman u s-Superviżur tal-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Peter HUSTINX, iffirmaw il-Memorandum ta' Ftehim fi Brussel fit-30 ta' Novembru.<sup>3</sup>

Aktar kmieni f'dik il-ġurnata, l-Ombudsman iffirma ftehim mal-Gvern Spanjol li jagħti poter liċ-ċittadin biex jilmenta ma' l-Ombudsman Ewropew f'xi waħda mil-lingwi ko-uffiċjali ta' Spanja (Bask, Katalan/Vanlenzjan, u Galizjan). Permezz ta' l-iffirmar tal-ftehim, l-Ombudsman mexxa l-prattika tiegħu mal-konklużjonijiet ta' Ġunju 2005 tal-Kunsill ta' l-UE li jipprovdu għall-użu ta' dawn il-lingwi biex iħaffu l-komunikazzjoni taċ-ċittadini ma' l-istituzzjonijiet ta' l-UE. Ir-Rappreżentant Permanenti ta' Spanja fl-UE, l-Ambaxxatur Carlos BASTARRECHE SAGÜES, iffirma l-ftehim f'isem il-Gvern Spanjol.

### Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib ma' awtoritajiet korrispondenti f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex jiżgura li l-ilmenti taċ-ċittadini dwar il-liġi ta' l-UE ikunu qegħdin jiġu trattati b'immedjatezza u effettività. Dan hu partikolarment importanti peress li ħafna ilmentaturi jirrikorru għand l-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. F'ħafna każijiet Ombudsman ta' pajjiż konċernat jista' jipprovdi rimedju effettiv. Din il-kooperazzjoni hi ugwalment vitali biex żviluppi importanti jkunu segwiti fid-dinja ta' l-Ombudsmen, fi skambju ta' tagħrif dwar il-liġi ta' l-UE u fi qsim ta' l-aħjar Prattika. Fil-biċċa l-kbira din il-kooperazzjoni tiffirma ruħha taħt l-awspiċju tan-*Network Ewropew ta' l-Ombudsmen*, għalkemm l-Ombudsman Ewropew jieħu sehem ukoll f'konferenzi, seminars u laqgħat barra min-*Network*.

#### *In-**Network** ta' l-Ombudsmen Ewropej*

In-*Network* ta' l-Ombudsmen Ewropej issa jinvolve kważi 90 uffiċċju f'31 pajjiż, u jkopri l-livelli nazzjonali u reġjonali fi ħdan l-Unjoni, kif ukoll il-livell nazzjonali tal-pajjiż applikanti għal sħubija fl-UE bl-addezzjoni tan-Norveġja u l-Iżlanda. In-*Network* iservi bħala mekkaniżmu effettiv għal kooperazzjoni dwar trattament ta' każijiet. Meta jkun possibbli, l-Ombudsman Ewropew jitransferixxi każijiet direttament lill-ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jew jagħti pariri siewja lill-ilmentaturi. Matul l-2006, l-Ombudsman ta parir lil 828 ilmentatur sabiex jirrikorru għand ombudsman nazzjonali jew reġjonali u trasferixxa 363 ilment (li minnhom 270 kienu fuq l-istess suġġett) direttament lill-ombudsman kompetenti.

Minbarra skambji informali regolari ta' tagħrif mifruż man-*Network*, teżisti proċedura speċjali li permezz tagħha Ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jistgħu jitolbu għal tveġiba bil-miktub dwar mistoqsi dwar liġi ta' l-UE u l-interpretazzjoni tagħha, inkużi rikjesti li jinqalgħu fit-trattament ta' każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jew jipprovdi t-tveġiba direttament jew, jekk tkun aktar xierqa, jgħaddi r-rikjesta lil istituzzjoni jew korp ieħor ta' l-UE għal risposta. Fl-2006 intlaqgħu żewġ talbiet simili (waħda minn Ombudsman nazzjonali u oħra minn wieħed reġjonali) u tlieta nqas (inklużi tnejn miġjuba mill-2005). Dettalji tal-mistoqsijiet huma provduti f'Kapitlu 3.

<sup>3</sup>

Memorandum ta' Ftehim bejn l-Ombudsman Ewropew u s-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, OJ 2007 C 27, paġna 21.



In-Netwerk hu ugwalment attiv fil-bdil ta' esperjenzi u ta' l-aħjar prassi – għanijiet li jipprova jilħaq permezz ta' seminars u ta' laqgħat, fuljett regolari, forum ta' diskussjoni elettronika u servizz ta' aħbarijiet elektroniku ta' kuljum.

Seminars għal Ombudsmen nazzjonali u reġjonali jinżammu kull sena alternattiva u huma organizzati konġuntament bejn l-Ombudsman Ewropew u l-korrispondenti nazzjonali jew reġjonali. Il-Ħames Seminar ta' Ombudsmen Reġjonali ta' Stati Membri ta' l-UE, organizzat mill-Ombudsman għall-Gvern Lokali għall-Ingilterra, is-Sur Tony REDMOND, u l-Ombudsman Ewropew, sar f'Londra bejn id-19 u l-21 ta' Novembru. Madwar 80 parteċipant minn kull wiehied mis-sitt pajjiżi li fihom hemm Ombudsman f'livell reġjonali (partikolarment il-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit<sup>4</sup>), attendew l-avveniment. It-tema tas-Seminar kien "Naħdmu flimkien fil-promozzjoni ta' amminstrazzjoni tajba u difiża tad-drittijiet taċ-ċittadini fl-UE" (*"Working together to promote good administration and defend citizens' rights in the EU"*). Il-programm kien jinkludi sessjonijiet fuq liġi ta' l-UE, promozzjoni ta' amminstrazzjoni tajba, trattament ta' ilmenti u ħidma flimkien ta' Ombudsmen.

Uffiċjali ta' koperazzjoni, li jaħdmu bħala l-ewwel punt ta' kuntatt għan-Netwerk ma' l-uffiċini ta' l-Ombudsmen nazzjonali, jiltaqgħu wkoll kull sentejn. Il-Ħames seminar għall-uffiċjali ta' koperazzjoni sar mit-18 sa l-20 ta' Ġunju fi Strasburg. Bit-titlu "Il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali – Skambju ta' l-aħjar prassi" (*"Upholding fundamental rights – Sharing best practice"*), is-Seminar kellu l-għan li jipprovdi forum għal bdil ta' fehmiet fost uffiċjali ta' koperazzjoni dwar l-aħjar prassi fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħhom, kif ukoll għad-diskussjoni ta' ħidmiethom fil-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali. Is-Seminar serva wkoll ta' opportunita' għall-uffiċjali ta' koperazzjoni biex jirrevedu l-funzjonalita' tan-Netwerk u biex jissuġġerixxu metodi ta' titjib. Kollox ma' kollox, 28 parteċipant minn 26 pajjiż Ewropew attendew is-Seminar inkluż, għall-ewwel darba, rappreżentanti mill-istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-Ombudsman tal-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija.

In-newsletter ta' l-Ombudsmen Ewropej kompli jservi ta' għodda ta' siwi kbir għal bdil ta' tagħrif dwar il-liġi ta' l-UE u l-aħjar prassi fl-2006. Iż-żewġ ħarġiet, pubblikati f'April u f'Ottubru, inkludew artikli dwar is-supremazija tal-liġi ta' l-UE, ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki fl-UE, liġi ambjentali Ewropea u aċċess għall-informazzjoni ambjentali, ir-rwol ta' l-Ombudsmen fis-supervizzjoni ta' ħabsijiet, aċċess universali għal broadband ta' l-internet, diskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjieg, liberta' ta' l-espressjoni, id-drittijiet tat-tfal, u problemi ta' immigrazzjoni u ta' asil. Il-fora ta' diskussjoni u ta' bdil ta' dokumenti permezz ta' l-internet ta' l-Ombudsman komplew jikbru matul is-sena u jagħtu ċans lil uffiċini li jaqsmu tagħrif billi jibgħatu mistoqsijiet u tweġibiet bl-internet. Inbdew diversi diskussjonijiet maġġuri dwar kwistjonijiet mifruxa daqs il-monitoraġġ indipendenti ta' ħabsijiet, l-istatus ta' residenti permanenti għat-tfal immigranti mwielda fl-UE, għieda kontra d-diskriminazzjoni u promozzjoni ta' trattament ugwali, u d-dritt tal-vot f'elezzjonijiet lokali fl-UE. Barra minn hekk, is-servizz ta' l-aħbarijiet elektroniku ta' l-Ombudsman – *L-Aħbarijiet ta' Kuljum ta' l-Ombudsman* – kien pubblikat kull ġurnata ta' xogħol u kien fih artikli, stqarrijiet għall-media u avviżi minn uffiċċji mifruxa man-Netwerk.

Żjarat ta' tagħrif lil ombudsmen fl-Istati Membri u f'pajjiżi applikanti taw prova ta' kemm huma effettivi b'mod sinifikattiv fl-iżvilupp tan-Netwerk u jiffurmaw mezz eċċellenti ta' trawwim ta' kuxjenza dwar il-firxa ta' għodda ta' komunikazzjoni li jagħmel disponibbli. Matul l-2006 l-Ombudsman Ewropew żar lill-kollegi bħala f'Lussemburgu (Marzu), Spanja (Mejju), l-Irlanda ta' Fuq (Novembru) u l-Bulgarija (Novembru).

### Laqgħat

Matul is-sena, l-isforzi ta' l-Ombudsman biex jikkollabora mal-kollegi tiegħu marru lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen. Bil-ħsieb li jippromwovi l-ħidma ta' ombudsman, diskussjoni ta' relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u skambju ta' l-aħjar prassi, huwa attenda 28 avveniment organizzati minn ombudsmen nazzjonali u reġjonali u ltaqa' ma' firxa wiesa'

<sup>4</sup>

Il-pajjiżi huma mniżżla fil-lista ta' l-ordni tal-protokol ta' l-UE, u cioe' alfabetikament, ibbażat fuq l-isem ta' kull pajjiż fil-lingwa tiegħu. Din l-ordni ta' protokol hi wżata f'din il-pubblikazzjoni.

ta' ombudsmen u rappreżentanti tagħhom u ta' istituzzjonijiet ta' ombudsmen kemm fi ħdan l-UE u aktar minn barra.

### Attivitajiet ta' Komunikazzjoni

Li jilħaq liċ-ċittadini hi attività ċentrali għall-funzjoni ta' l-Ombudsman. Sforzi biex jinxtred tagħrif dwar id-dritt li jsir ilment dwar amministrazzjoni ħażina kienu intensifikati aktar fl-2006. Madwar 120 preżentazzjoni saru mill-Ombudsman u l-istaff tiegħu matul konferenzi, seminars, u laqgħat li saru matul is-sena. Iż-żjajjar ta' l-Ombudsman fil-Lussemburgu, Spanja, Irlanda ta' Fuq, u l-Bulgarija, tawh opportunita' oħra biex jippromwovi kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi.

Attivitajiet tal-media kienu ntensifikati fl-2006, bi 22 stqarrija għall-media mqassma lil ġurnalisti madwar l-Ewropa kollha. Fost il-kwistjonijiet li ssemew kien hemm l-għażla tal-lingwi f'siti elettroniċi tal-Presidenza ta' l-UE, trasparenza fil-qasam ta' *lobbying* u ta' sussidji, ilment dwar nuqqas ta' implimentar tad-Direttiva dwar Ħinijiet tax-Xogħol, u n-nuqqas ta' trasparenza fl-iffunzjonar tal-Kunsill. L-Ombudsman ta aktar minn 40 intervista lil ġurnalisti ta' l-istampa, tax-xandir, u tal-media elektronika fi Brussell, Strasburg u postijiet oħra. Hu ippreżenta wkoll ħidmietu u wiegħ għall-mistoqsijiet li saru waqt konferenzi u laqgħat għall-istampa.

Tqassam ħafna materjal dwar ħidmet l-Ombudsman matul is-sena, partikolarment f'Jum il-Ftuħ organizzati mill-Parlament Ewropew f'Mejju. Edizzjonijiet ġodda ta' żewġ għodda importanti kienu publikati fl-2006: it-tagħrif u l-formula għall-ilmenti intitolata *L-Ombudsman Ewropew: Jista' jgħinek?* (*The European Ombudsman: Could he help you?*) inqalbet għal 23 lingwa, u *L-Ombudsman Ewropew: tagħrif fil-qosor* (*The European Ombudsman: At a glance*) fuljett f'25 lingwa. Edizzjoni Franċiża tal-volum commemorattiv ta' l-Ombudsman intitolat *L-Ombudsman Ewropew: Orìġini, Stabbiliment, Evoluzzjoni* (*The European Ombudsman: Origins, Establishment, Evolution*) kien prodott kemm b'qoxra iebsa u ratba f'Novembru. L-Ombudsman kompla jqassam kopji tal-pubblikazzjonijiet l-oħra tiegħu matul is-sena, b'mod partikolari *Il-Kodiċi Ewropea ta' Mġieba Amministrattiva Tajba* (*The European Code of Good Administrative Behaviour*) f'25 lingwa. Il-Kodiċi kien prodott bil-Macedoniż fl-2006 biex jgħin ħalli tikber il-kuxjenza ta' amministrazzjoni tajba fl-Ex-Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja.

Is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman kien aġġornat regolarment b'deċiżjoni, stqarrijiet għall-istampa, u dettalji dwar l-attivitajiet komunikattivi tiegħu. F'Mejju, is-sit elettroniku, flimkien ma' daww ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra ta' l-UE, emigraw għad-*domain* dot.EU il-ġdid ta' livell għoli. L-indirizz uffiċjali issa huwa: <http://www.ombudsman.europa.eu>

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2006, is-sit elettroniku ta' l-Ombudsman żaruh 416 533 viżitatur uniku. Il-paġni bil-lingwa Ingliża tas-sit kienu l-aktar li ġew konsultati, segwiti mill-paġni Franċiżi, Spanjoli, Ġermaniżi u Taljani. F'termini ta' oriġini ġeografika taż-żjarat, l-akbar numru ta' viżitaturi ġew mill-Italja, segwiti mill-Iżvezja, ir-Renju Unit, Spanja u l-Ġermanja. It-taqsimi tal-*links* tas-sit ta' l-Ombudsman tinkludi *links* ma' siti ta' ombudsmen nazzjonali u reġjonali madwar l-Ewropa. Saru aktar minn 44 000 żjara matul l-2006, u dan juri biċ-ċar is-sinifikat importanti ta' ħidmet l-Ombudsman Ewropew fil-koordinazzjoni tan-Netwerk Ewropew ta' l-Ombudsmen għaċ-ċittadini.

### Żviluppi interni

L-Ombudsman kompla bl-isforzi tiegħu fl-2006 biex jiżgura li l-istituzzjoni hi mġammra biex tlaħħaq ma' ilmenti mingħand ċittadini ta' 25 Stat Membru f'21 lingwa tat-Trattat. Qegħdin isiru tħejjijiet fl-istennija tad-dħul tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007.

Mill-aspett ta' l-istaff, l-Ombudsman ħatar l-ewwel Segretarju-Ġenerali fl-1 ta' Awissu 2006 permezz tal-proċedura ta' kompetizzjoni miftuħa. It-tielet superviżur legali kien ukoll staff fid-Dipartiment Legali biex jgħin fit-tiżi tal-proċeduri għal maniġġjar ta' każijiet u ta' kontroll ta' kwalita'.

L-għadd ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment ta' l-Ombudsman kien ta' total ta' 57 fl-2006, imqabbel ma' 51 fl-2005. Din iż-żieda saret primarjament minħabba fit-theħħijiet għad-dħul tal-Bulgarija u tar-Rumanija u t-twettiq tad-deċiżjoni ta' ksib ta' awtonomija sħiħa mis-servizzi tal-Parlament





fir-rigward ta' l-immaniġġjar ta' l-istaff ta' l-Ombudsman. Mhix prevista l-ebda żieda fil-baġit ta' l-2007 kif addottat mill-awtoritajiet finanzjarji f'Diċembru 2006.

Bil-ġhan ta' żvlupp u ta' tiżiħ tal-valuri u l-missjoni ta' l-istituzzjoni, u għall-promozzjoni ta' ħidma effettiva, l-Ombudsman organizza irtir għall-istaff f'Ottubru 2006. Din hi l-ewwel darba fl-istorja qasira ta' l-istituzzjoni li saret attivita' simili.

Bħala parti mit-tnejja għall-irtir, membri ta' l-istaff kienu mistiedna jesprimu fehmithom dwar l-iffunzjonar ġenerali ta' l-uffiċċju u ta' l-impatt aktar wiesa' ta' ħidmet l-Ombudsman s'issa, bil-parteċipazzjoni f'eżerċizzju ta' assessjar individwali. Dan ħa l-forma ta' kwestjonarju li fih membri ta' l-istaff evalwaw aspetti differenti tal-proċeduri tax-xogħol ta' l-Ombudsman u metodi użati fl-oqsma varji ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni, kif ukoll dak li l-Ombudsman kiseb għaċ-ċittadin b'mod ġenerali. Għan ieħor għal din l-attivitá importanti kien dak li jipprovdi assessjar ta' riskju fi ħdan l-istituzzjoni aktar avvanzat bħalma hu mitlub fl-istandards interni ta' kontrol ta' l-UE.

Ir-riżultat tal-kwestjonarju, flimkien ma' materjal ieħor ta' tagħrif li jagħti sfond, servew bħala pedament li fuqu nbriet struttura ta' diskussjonijiet matul l-avveniment, li iffoka fuq (i) it-tifsira ta' amministrazzjoni tajba kemm minn perpejtiva ta' kunċett u ta' proċedura, (ii) kif jintlaħqu ċittadini b'mod wiesa' u partikolarment, udjenzi aktar speċjalizzati, u (iii) kif jitjeb aktar u tkun promossa kultura ta' servizz fi ħdan l-uffiċċju ta' l-Ombudsman. Kull membru ta' l-istaff kien inkoraġġit jieħu sehem fid-deliberazzjonijiet. Kien hemm kunsens wiesa' wara l-irtir li l-esperjenza kienet produttiva ħafna u ta' siwi li jixirqilha tirrepeti ruħha.

L-Ombudsman adotta struttura ġdida ta' baġit għas-sena 2007. L-allokazzjoni totali għall-2007 hi dik ta' EUR 8 152 800 (imqabbla ma' EUR 7 682 538 fl-2006).







## 2 ILMENTI U INVESTIGAZZJONIJIET

Wieħed mill-mezzi l-aktar importanti kif l-Ombudsman Ewropew iġib 'il quddiem l-amministrazzjoni tajba huwa billi jistħarreġ il-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina u jirrakkomanda azzjoni korrettiva fejn ikun meħtieġ. Ġeneralment l-Ombudsman isir jaf dwar sitwazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina l-aktar permezz ta' ilmenti, li x-xogħol fuqhom jirrappreżenta l-aspett l-aktar importanti tal-funzjoni reattiva tiegħu.

Id-dritt ta' ilment lill-Ombudsman Ewropew huwa wieħed mit-drittijiet taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni Ewropea (Artikolu 21 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea (KE)) u huwa inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Artikolu 43).

L-Ombudsman imexxi wkoll investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu biex b'hekk ikun qed jaqdi funzjoni proattiva fil-ġlieda kontra l-amministrazzjoni ħażina.

### 2.1 IL-BAŻI LEGALI TAL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN

Il-ħidma ta' l-Ombudsman hija rregolata bl-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, mill-Istatut ta' l-Ombudsman (li joħroġ minn deċiżjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>) u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni adottati mill-Ombudsman skond l-Artikolu 14 ta' l-Istatut. Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li hemm bħalissa kienu daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2003. Jistgħu jinkisbu mill-websajt ta' l-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>) u huma stampati mill-Uffiċju ta' l-Ombudsman.

L-Istatut jipprovdi wkoll qafas tajjed għall-attivitajiet ta' l-Ombudsman. Iżda, wara reviżjoni sewwa, l-Ombudsman identifika ċertu tibdil limitat li seta' jsahha il-kapaċità tiegħu li jaħdem b' mod aktar effettiv għall-ġid taċ-ċittadini Ewropej. Fil-11 ta' Lulju 2006, huwa għalhekk kiteb lill-President tal-Parlament Ewropew, fejn talbu li tinbeda l-proċedura biex ikun emendat l-Istatut.

### 2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jagħti s-setgħa lill-Ombudsman li jirċievi ilmenti minn kull ċittadin ta' l-Unjoni jew minn kull persuna fiżika jew ġuridika li jkollha r-residenza jew l-uffiċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, dwar sitwazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi Komunitarji, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-funzjoni ġudizzjarja tagħhom. Iment, għalhekk, imur lil hinn mill-iskop tal-mandat jekk:

1. l-ilmentatur ma jkunx persuna intitolata li tressaq ilment;
2. l-ilment ma jkunx indirizzat kontra istituzzjoni jew korp tal-Komunità;
3. l-ilment ikun indirizzat kontra l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-funzjoni ġudizzjarja tagħhom; jew

<sup>1</sup> Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu, 1994, dwar ir-regolamenti u l-kondizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman, ĠU 1994 L 113, p. 15.



4. l-ilment ma jkunx dwar il-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina.

Kull wieħed minn dawn il-punti huwa diskuss iktar 'l isfel.

### 2.2.1 Ilmenti u investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman

Għalkemm id-dritt ta' l-ilment lill-Ombudsman Ewropew huwa limitat għal ċittadini, residenti u persuni ġuridiċi b'uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru, l-Ombudsman għandu wkoll is-setgħa li jiftaħ investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu. Bis-saħħa tas-setgħa li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu, l-Ombudsman jista' jinvestiga l-possibilità ta' każ ta' amministrazzjoni ħażina miġjub għall-attenzjoni tiegħu minn persuna li ma tkunx intitolata tressaq ilment. Il-prattika, f'każijiet bħal dawn, hija li l-Ombudsman jaġhti lill-persuna interessata l-istess opportunitajiet proċedurali matul l-investigazzjoni daqs li kieku l-kwistjoni kienet tqieset bħala ilment.

Fl-2006 kien hemm ħames investigazzjonijiet bħal dawn fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman.

L-Ombudsman ġeneralment jittratta fuq bażi ta' każ b'każ jekk għandux juża s-setgħa ta' inizjattiva tiegħu b'dan il-mod. B'reazzjoni, per eżempju, għal tħassib minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar ir-responsabbiltà tal-Bank Ewropew għall-Investment (BEI), l-Ombudsman għamilha ċara li huwa ma kellux is-setgħa li jistħarreġ il-possibilità ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' self tal-BEI barra mill-Unjoni Ewropea (self estern). Barra minn dan, bla ħsara għal restrizzjonijiet li jista' jkun hemm għall-gejġieni minħabba limitazzjonijiet ta' riżorsi, l-Ombudsman għandu l-għan li juża s-setgħa li jaġixxi fuq l-inizjattiva tiegħu stess kull meta l-unika raġuni li ma jistħarriġx ilment dwar allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina mill-BEI fis-self estern tiegħu tkun li l-ilmentatur ma jkunx ċittadin ta' l-Unjoni jew residenti fiha.

### 2.2.2 Istituzzjonijiet u korpi Komunitarji

Il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew ikopri l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji. L-istituzzjonijiet huma elenkati fl-Artikolu 7 tat-Trattat iżda m'hemmx definizzjoni jew lista awtorevoli tal-korpi Komunitarji. Dan it-terminu jinkludi korpi stabbiliti mit-Trattati, bħal ma huma l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Bank Ċentrali Ewropew, kif ukoll korpi kkostitwiti b'liġi skond it-Trattati, inklużi aġenziji bħal l-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent u l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX).

L-ilmenti kontra awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri ma jaqgħux taħt il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew, minkejja jekk ikunu dwar kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-iskop tad-dritt Komunitarju. Iżda ħafna minn dawn l-ilmenti jaqgħu fil-mandat ta' l-ombudsmen nazzjonali jew reġionali tan-Netwerk Ewropew ta' Ombudsmen (ara iktar 'l isfel f'sezzjoni 2.5).

#### Eżempju ta' ilment li ma kienx kontra istituzzjoni jew korp tal-Komunità

Fi Frar, 2006, l-Ombudsman irċieva għadd ta' ilmenti dwar l-Opinjoni N 4-2005 tan-Netwerk ta' Esperti Indipendenti ta' l-Unjoni Ewropea (UE) dwar Drittijiet Fundamentali. Skond l-ilmentaturi, l-Opinjoni implikat li t-tobba setgħu jkunu mgeġġlin jagħmlu abort, ikun x'ikun it-twemmin tagħhom.

In-Netwerk huwa ffinanzjat permezz ta' kuntratt ta' servizz bejn il-Kummissjoni u l-Università ta' Louvain, mogħti wara proċedura ta' sejħa għall-offerti. Kemm il-pubblikazzjonijiet tan-Netwerk stess, kif ukoll dawk tal-Kummissjoni jiddeskrivu n-Netwerk bħala kompletament indipendenti u l-Kummissjoni b'mod espress tirrinunzja għal kull responsabbiltà għall-opinjonijiet tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman qies li ma kienx awtorizzat ikollu x'jaqsam ma' dawk l-ilmenti.

*Ilment 530/2006/KW*

### Ilment kontra l-Aġenzija Ewropea tad-Difiża

L-Aġenzija Ewropea tad-Difiża (*European Defence Agency* - EDA) kienet stabbilita b'Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2004/551/PKBS tat-12 ta' Lulju, 2004, fil-qafas tal-Politka Komuni Barranija u ta' Sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Ombudsman irċieva ilment mingħand persuna li kienet applikat għal xogħol ma' l-EDA. Huwa stieden lill-EDA u lill-Kunsill biex jagħtu opinjoni u t-tnejn hekk għamlu.

Fid-deċiżjoni fuq il-każ, l-Ombudsman osserva li l-EDA topera taħt l-awtorità tal-Kunsill, li l-ilment kellu x'jaqsam ma' proċeduri ta' reklutaġġ u li l-Kunsill kien adotta r-Regolamenti tal-Personal ta' l-EDA bħal strument legali tal-Komunità. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Ombudsman kien tal-fehma li l-ilment kien fil-kompetenza tiegħu.

*Każ kunfidenzjali*

### 2.2.3 "Amministrazzjoni ħażina"

L-Ombudsman Ewropew dejjem kien konsistenti fil-fehma tiegħu li l-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina huwa wieħed wiesa' u li l-amministrazzjoni tajba tehtiegħ, fost affarijiet oħrajn, li tkun konformi ma' regoli u prinċipji legali, inklużi drittijiet fundamentali. Iżda l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jmorru lil hinn minn dan u jesigū li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji mhux biss jirrispettaw l-obbligi tagħhom skond il-liġi imma wkoll li jkollhom sens ta' servizz u jassiguraw li l-membri tal-pubbliku jkunu ttrattati sewwa u jgawdu d-drittijiet kollha tagħhom. Għalhekk, waqt li l-illegalità timplika amministrazzjoni ħażina, l-amministrazzjoni ħażina ma għibx magħha awtomatikament l-illegalità. Meta jinstab li jkun hemm amministrazzjoni ħażina, għalhekk, ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm aġir illegali li tista' tiġi ssanzjonata minn qorti.<sup>2</sup>

Bi tweġiba għal sejħa mill-Parlament Ewropew għal definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman kien offra d-definizzjoni li ġejja fir-*Rapport Annwali 1997* tiegħu:

*Ikun hemm amministrazzjoni ħażina meta korp pubbliku jonqos milli jaġixxi skond regola jew prinċipju li huwa jkun obbligat iħares.*

Fl-1998, il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li biha laqa' din id-definizzjoni. L-iskambju ta' korrispondenza bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni matul l-1999 għamilha ċara li l-Kummissjoni kienet qablet ukoll mad-definizzjoni.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ipproklamata f'Diċembru 2000, tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fundamentali taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni (Artikolu 41).

L-Artikolu 43 tal-Karta jagħti d-dritt ta' l-ilment lill-Ombudsman Ewropew, li jipprovdi mekkaniżmu estern li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jissejħu biex jagħtu rendikont għal amministrazzjoni ħażina. Huwa importanti li wieħed jifhem li l-kultura ta' servizz liċ-ċittadini tagħmel parti integrali minn amministrazzjoni tajba. M'għandhiex titħawwad ma' kultura ta' ħtija li tinkuraġġixxi difiża. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota li l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman ma jikkostitwixxux proċedura dixxiplinarja jew pre-dixxiplinarja (ara s-sommarju tal-każ 163/2006/MHZ fil-Kapitolu 3).

L-istrateġija ta' l-Ombudsman biex jippromwovi l-kultura ta' servizz tinkludi mhux biss diversi attivitajiet pro-attivi, iżda testendi wkoll għat-trattament ta' ilmenti. Parti importanti mill-kultura ta' servizz hija l-ħtieġa li jkunu rikonoxxuti l-iżbalji meta jsiru u biex l-affarijiet, jekk jista' jkun, jissewew. L-Ombudsman ihegħegħ lill-istituzzjonijiet u lill-korpi biex iġibu rwieħhom b'dan il-mod billi jfittxu soluzzjoni, jekk jista' jkun, ma' l-istituzzjoni jew korp involuti biex jissodisfaw lill-ilmentatur. Huwa importanti li wieħed josserva, iżda, li d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' l-Istatut

<sup>2</sup>

Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Ottubru, 2004, fil-Kawżi Magħquda T-219/02 u T-337/02, *Herrera vs Il-Kummissjoni*, para. 101, u ta' l-4 ta' Ottubru, 2006, fil-Kawża T-193/04 R, *Hans-Martin Tillack vs Il-Kummissjoni*, para. 128.



(Artikolu 3.5<sup>3</sup>) u d-Dispożizzjonijiet Implimentattivi (Artikolu 6.1<sup>4</sup>) japplikaw biss jekk jidher li jkun hemm amministrazzjoni ħażina u jekk jidher li din tkun tista' tiġi eliminata.

#### Amministrazzjoni ħażina u l-medjazzjoni

Il-verżjonijiet f'ċerti lingwi ta' "L-Ombudsman Ewropew" (e.g. *Médiateur européen* bil-Franċiż, *Mediatore europeo* bit-Taljan) jistgħu jagħtu l-impressjoni żbaljata li l-funzjonijiet ta' l-Ombudsman jinkludu l-medjazzjoni, jiġifieri li huwa jassisti lill-partijiet li jkunu f'tilwima biex jiftehmu, mingħajr ma jeżamina l-mertu tat-tilwima.

Fil-fatt, l-Ombudsman jista' biss jipproponi soluzzjoni bonarja biex jelimina sitwazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman tabilħaqq ifittex, b'mod attiv, li jhegġegħ lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji biex jużaw il-medjazzjoni biex isolvu tilwim: ara, per eżempju, is-sommarji fil-Kapitolu 3 ta' investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu OI/1/2006/TN u tal-każ 2601/2005/ID. FI- 2006, l-Ombudsman talab ukoll lill-Kummissjoni għal informazzjoni dwar is-servizzi ta' medjazzjoni disponibbli għall-personal tagħha u kif ix-xogħol tagħhom jirrelata mal-proċeduri ta' l-Artikolu 90 (1) and (2) tar-Regolamenti tal-Personal. Ir-risposta tal-Kummissjoni semmiet il-medjatur ta' l-personal tagħha, it-tim kontra l-fastidju u kunsilliera kunfidenzjali fid-DĠ ADMIN, kif ukoll faċilitatur intern fid-DĠ TREN. Biex ikun jista' jevalwa jekk jistax ikun hemm intervent, il-medjatur ta' l-personal jirċievi kopja ta' l-ilmenti kollha skond l-Artikolu 90 (2).<sup>5</sup>

Kif juru diversi sommarji fil-Kapitolu 3, wieħed mill-aktar modi effikaċi biex titneħħa t-tensjoni u jitnaqqas il-kunflitt huwa li ssir apoloġija għall-iżbalji li wieħed ikun għamel. Apoloġija f'waqtha tista' ssolvi l-affari malajr (3297/2006/BU u 3684/2006/BU), jew għallinqas ma tħallix li jkun hemm il-ħtieġa li l-Ombudsman jagħmel kritika formali ta' l-istituzzjoni involuta (1841/2005/BM u 242/2006/BM). Sempliċi espressjoni ta' dispjaċir, iżda, mhix apoloġija (163/2006/MHZ). Għandu jiġi osservat li wieħed jista' joffri li jagħmel apoloġija mingħajr ma jfisser li jkun qed jammetti l-ħtija jew responsabbiltà legali (2312/2004/MHZ).

#### 2.2.4 Il-Kodiċi Ewropea ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba

Fis-6 ta' Settembru, 2001, il-Parlament Ewropew approva Kodiċi ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba li istituzzjonijiet u korpi Ewropej, l-amministrazzjonijiet tagħhom u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Il-Kodiċi jqis il-prinċipji tad-dritt amministrattiv Ewropew li jinsab fil-każistika tal-qراطي Komunitarji u jsib l-ispirazzjoni tiegħu mill-iġijiet nazzjonali. Il-Parlament talab ukoll lill-Ombudsman biex japplika l-Kodiċi ta' Mgħiba Tajba. L-Ombudsman, għalhekk, iqis ir-regoli u l-prinċipji li hemm fil-Kodiċi meta jeżamina ilmenti u meta jmexxi investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu.

### 2.3 AMMISSIBBILITÀ U MOTIVI GħAL INVESTIGAZZJONIJIET

Qabel ma l-Ombudsman jibda investigazzjoni, ilment minn ilmentatur li jkun awtorizzat jagħmel ilment dwar amministrazzjoni ħażina minn istituzzjoni jew korp Komunitarji għandu jissodisfa kriterji ulterjuri ta' ammissibbiltà. Dawn il-kriterji, kif huma stabbiliti fl-artikoli rilevanti ta' l-Istatut, jispesifikaw illi:

<sup>3</sup> "Kem jista' jkun, l-Ombudsman għandu jsib soluzzjoni ma' l-istituzzjoni jew korp konċernati biex jelimina ċirkostanza ta' amministrazzjoni ħażina u biex jissodisfa l-ilment.

<sup>4</sup> "Fejn l-Ombudsman isib amministrazzjoni ħażina, kem jista' jkun huwa għandu jikkoopera ma' l-istituzzjoni konċernata biex tinstab soluzzjoni bonarja biex jeliminaha u biex jissodisfa lil min ikun għamel l-ilment."

<sup>5</sup> Ittra mill-Ombudsman lill-President tal-Kummissjoni tal-15 ta' Frar, 2006; ir-risposta tal-President lill-Ombudsman kienet datata 15 ta' April, 2006.



1. l-awtur u s-suġġett ta' l-ilment għandhom ikun identifikati (Artikolu 2(3) ta' l-Istatut);
2. l-Ombudsman ma jistax jagħmel intervent f'każijiet pendenti quddiem il-qorti jew jiffa' dubju fuq il-korrettezza ta' deċiżjoni ta' qorti (Artikolu 1(3) ta' l-Istatut);
3. l-ilment għandu jsir fi żmien sentejn minn meta l-ilmentatur ikun sar bil-fatti li fuqhom ikun imsejjes l-ilmentatur (Artikolu 2(4) ta' l-Istatut);
4. qabel ma jsir l-ilment għandhom jiġu avviciinati, b'mod amministrattiv xieraq, l-istituzzjoni jew il-korp konċernati (Artikolu 2(4) ta' l-Istatut); u
5. fil-każ ta' ilmenti dwar relazzjonijiet ta' xogħol bejn l-istituzzjonijiet jew korpi u l-uffiċjali u l-impjegati tagħhom, il-possibiltajiet li jkunu sottomessi talbiet u ilmenti amministrattivi interni għandhom ikunu ġew eżawriti qabel ma jkun ippreżentat l-ilment (Artikolu 2(8) ta' l-Istatut).

L-Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE jgħid li l-Ombudsman għandu "jagħmel stħarriġ li jaħseb li jkun ġustifikat". F'xi każijiet jista' ma jkunx hemm motivi suffiċjenti biex l-Ombudsman jibda investigazzjoni, anki jekk l-ilment ikun ammissibbli.

L-Ombudsman huwa wkoll tal-fehma li, fejn ilment ikun diġà ġie ttrattat bħala petizzjoni mill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, ġeneralment ma jkunx hemm motivi biex tinfetħ investigazzjoni mill-Ombudsman, sakemm ma jkunux ġew ippreżentati provi ġodda.

## 2.4 ANALIŻI TA' ILMENTI EŻAMINATI FL-2006

Matul l-2006, l-Ombudsman irċieva 3 830 ilment ġdid, imqabbel ma' 3 920 fl-2005<sup>6</sup>. Skond prattika stabbilita, l-ilmenti kollha li jagħtu lok għal investigazzjoni jingħaddu fl-istatistika maħruġa mill-Ombudsman. Biex ma jkunx hemm distorsjoni, iżda, l-ilmenti inammissibbli mibgħutin bil-massa permezz ta' l-*email*, li sikwit ilaħħqu bosta eluf, jingħaddu separatament fl-istatistika sa u inkluż il-ħdax-il ilment.

Intabgħtu ilmenti direttament minn ċittadini individwali fi 3 619-il każ u 211 kienu ta' assoċjazzjonijiet u kumpaniji.

Matul l-2006, il-proċess ta' eżaminazzjoni ta' ilmenti sabiex jiġi stabbilit jekk kinux jaqgħu taħt il-mandat, jekk kinux jissodisfaw il-kriterji ta' ammissibbiltà u jekk kellhomx il-motivi biex tinfetħ investigazzjoni, tlesta fil-95% tal-każijiet. Mill-ilmenti kollha eżaminati, ftit aktar minn 21.5% kienu jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-Ombudsman. Minn dawn, 449 kienu jissodisfaw il-kriterji ta' ammissibbiltà, iżda 191 ma kellhomx motivi biex tinfetħ investigazzjoni.

Matul is-sena infetħu total ta' 258 investigazzjoni bbażati fuq ilmenti. L-Ombudsman beda wkoll disa' investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu. Analiżi ta' l-istatistika ta' dawn l-investigazzjonijiet tinsab fl-Anness A.

B'kollox, l-Ombudsman Ewropew ittratta total ta' 582 investigazzjoni fl-2006, bi 315 minnhom ġejjin mill-2005.

Bħal fis-snin ta' qabel, il-parti l-kbira kienu kontra l-Kummissjoni (66% tat-total). Meqjus il-fatt li l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni Komunitarja ewlenija li tiegħu deċiżjonijiet li jolqtu direttament liċ-ċittadini, huwa normali li hija tkun il-mira prinċipali ta' ilmenti minn ċittadini. Kien hemm 74 investigazzjoni fir-rigward ta' l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO), 49 dwar il-Parlament Ewropew u 11 dwar il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

6

Għandu jiġi osservat li fl-2006, 281 ilment kienu fuq l-istess suġġett, waqt li fl-2005, 335 ilment kienu fuq l-istess suġġett.





It-tipi ewlenin ta' amministrazzjoni ħażina li kienet allegata kienu jirrigwardaw nuqqas ta' trasparenza, inkluż ir-rifjut li tingħata informazzjoni (190 każ), inġustizzja jew abbuż ta' poter (141 każ), proċeduri mhux sodisfaċenti (91 każ), dewmien evitabbli (71 każ), diskriminazzjoni (65 każ), negliġenza (59 każ), żball legali (36 każ) u nuqqas li jiġi żgurat il-ħarsien ta' l-obbligi jitħarsu, jiġifieri nuqqas mill-Kummissjoni Ewropea li taqdi l-funzjoni tagħha bħala "għassiesa tat-Trattati" fil-konfront ta' l-Istati Membri (28 każ).

## 2.5 TRASFERIMENTI U PARIR

Jekk ilment ma jkunx fil-kompetenza tiegħu, l-Ombudsman jipprova jagħti parir lill-ilmentatur dwar korp ieħor li jkun jista' jindirizza l-ilment, l-aktar jekk il-każ ikollu x'jaqşam mad-dritt Komunitarju. Jekk ikun possibbli, u jekk ikun jidher li hemm motivi għall-ilment, l-Ombudsman, bil-kunsens ta' l-ilmentatur, jittrasferih direttament lil korp ieħor kompetenti.

Ċittadina Awstrijaka ilmentat dwar il-priġunerija ta' bintha fil-Kosovo. Is-servizzi ta' l-Ombudsman Ewropew ċemplu lill-uffiċċju ta' l-Ombudsman tal-Kosovo, li eżamina l-każ u fi żmien qasir ħafna għarraf bit-telefon lill-Ombudsman Ewropew li bint l-ilmentatriċi kienet inħelset mill-ħabs. Din l-informazzjoni ingħatat malajr lill-ilmentatriċi, flimkien mal-parir biex tagħmel kuntatt ma' l-Ombudsman tal-Kosovo għal aktar informazzjoni jew jekk riedet, setgħet issewgi l-każ permezz ta' ilment.

Każ 3353/2006/RF

Kif diġà ġie osservat, l-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib ma' kontropartijiet oħrajn tiegħu fuq livell nazzjonali u reġjonali fl-Istati membri permezz tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej (ara l-Kapitlu 5 hawn taħt). Wieħed mill-għanijiet tan-Netwerk huwa li jiffaċilita it-trasferiment ta' malajr ta' ilmenti lill-ombudsmen nazzjonali jew reġjonali kompetenti jew korp simili. Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew jipparteċipa wkoll fin-Netwerk bħala membru sħiħ.

Matul l-2006 ġew ittrasferiti 399 ilment. Minn dawn, 363, inklużi 270 li kienu fuq l-istess suġġett, ġew ittrasferiti lil ombudsman nazzjonali jew reġjonali, 22 lill-Parlament Ewropew biex ikunu trattati bħala petizzjonijiet, disgħa lil SOLVIT<sup>7</sup>, ħamsa lill-Kummissjoni Ewropea u wieħed lil assoċjazzjoni ta' banek fil-Ġermanja.

### Eżempji ta' każijiet ittrasferiti lil SOLVIT

Ċittadin Spanjol kera karrozza għal ġurnata fl-Olanda. Wara li kien mar lura Spanja, irċieva avviż mingħand il-pulizija Olandiża biex iħallas multa għal kontravvenzjoni tat-traffiku f'Rotterdam. Skond ma qal l-ilmentatur, huwa qatt ma kien mar Rotterdam. Billi ma kienx qed joqgħod fl-Olanda u ma kienx jaf il-lingwa Olandiża u lanqas il-proċeduri amministrattivi Olandiżi, ma kienx f'qagħda li jikkontesta l-multu.

L-Ombudsman ittrasferixxa l-ilment liċ-ċentru ta' SOLVIT fi Spanja, u din ikkuntattjat l-istess ċentru fl-Olanda.

F'April 2006, l-ilmentatur irċieva ittra mingħand l-awtoritajiet Olandiżi li rrikonoxxew li l-allegazzjonijiet tiegħu kienu fondati u, għalhekk, għarrfuh li ma kellux iħallas il-multu.

Każ 3713/2005/BM

<sup>7</sup>

SOLVIT huwa netwerk imwaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea biex tgħin persuni li jkollhom jiffaċċjaw ostakli meta jipprovaw jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fis-suq intern ta' l-Unjoni.



Il-kumpanija tal-linja tal-ferrovija nazzjonali Spanjola (RENFE) kienet tagħti karta (il-“Karta tad-Deheb”) lil persuni ‘il fuq minn 60 sena, li kienet tagħtihom jedd għal tnaqqis fin-noll tal-ferrovija fuq in-network tagħha. Il-Karta tad-Deheb kienet tingħata biss lil ċittadini jew residenti fi Spanja. Iċ-ċittadini ta’ l-Unjoni Ewropea mhux ta’ nazzjonalità Spanjola u mhux residenti fi Spanja ma kinux eliġibbli. Dan kien il-każ tal-mara ta’ l-ilmentatur, li kienet Ingliża u kienet tgħix fir-Renju Unit. Għall-kuntrarju, l-ilmentatur, ċittadin Spanjol, li ukoll kien jgħix fir-Renju Unit, kien kiseb faċilmernt il-Karta tad-Deheb.

Billi l-każ ma kienx jaq’ taħt il-mandat tiegħu, l-Ombudsman ittrasferixxa l-ilment liċ-ċentru ta’ SOLVIT Spanjol, li kien talab lil RENFE biex tibdel il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-Karta tad-Deheb, sabiex b’hekk ma ssirx diskriminazzjoni kontra ċittadini ta’ l-UE. F’Novembru 2006, RENFE għarraġ liċ-ċentru ta’ SOLVIT Spanjol li l-ħtieġa tar-residenza fi Spanja kienet tneħħiet.

*Każ 862/2006/BM*

### **Eżempji ta’ każijiet ittrattati permezz tan-Netzwerk Ewropew ta’ l-Ombudsmen**

Ċittadin Awstrijakk li kien joqgħod fl-Urugway kien ħadem u ħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fi Spanja għal tnax-il sena, iżda l-awtoritajiet tas-Sigurtà Soċjali Spanjoli ma rikonoxxew id-dritt tiegħu għal pensjoni.

L-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman Spanjol, li fetaħ investigazzjoni. L-awtoritajiet tas-Sigurtà Soċjali Spanjoli mbagħad qablu li jħallsu l-pensjoni dovuta.

*Każ 2162/2006/BM*

L-Ombudsman Reġjonali ta’ Aragona, fi Spanja, ittrasferixxa lill-Ombudsman Ewropew żewġ ilmenti dwar konnessjonijiet ta’ trasport bejn Franza u Spanja. L-ewwel ilment kien dwar il-mina Spanjola li kienet inżammet magħluqa għal aktar minn ġimgħa. L-ilment allega li meta naqsu li jassiguraw aċċess ħieles għall-mina, l-awtoritajiet Franċiżi kisru l-kundizzjonijiet li kien hemm marbuta ma’ l-għajjnuna finanzjarja Komunitarja għall-bini tagħha. It-tieni ilment kien dwar il-konnessjoni bil-ferrovija bejn Canfranc, fi Spanja u Oloron, fi Franza. L-argument ta’ l-ilmentatur kien li l-proġett tal-ferrovija kien iċċieva għajjnuna finanzjarja mill-UE u li l-awtoritajiet Franċiżi kellhom jiffruhu biex jassiguraw il-libertà tal-moviment ta’ merkanzija u ta’ ċittadini bejn iż-żewġ reġjuni.

L-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-ilment lill-Kummissjoni, bħala l-għassiesa tat-Trattati.

F’April, 2006, l-Ombudsman Reġjonali ta’ Aragona ta aktar informazzjoni, u saħaq li ma kienx hemm konnessjonijiet tajbin bil-ferrovija jew bit-triq bejn iż-żewġ pajjiżi u kkritika l-attitudni ta’ l-awtoritajiet Franċiżi.

Il-Kummissjoni żammet lill-Ombudsman Ewropew infurmat bil-progress ta’ l-investigazzjonijiet tagħha u dwar id-deċiżjoni aħħarja tagħha biex ma tibdiex proċeduri ta’ ksur. L-għeluq tal-mina Somport, spjegat il-Kummissjoni, kien dovut għal kundizzjonijiet ħżiena tat-temp u minħabba xogħlijiet. Għalkemm Franza kienet skedat xogħlijiet oħrajn, dawn ma kinux ser jinterrompu t-traffiku ta’ karrozzi. Il-Kummissjoni ikkonkludiet li ma kienx hemm riskju għal-libertà tal-moviment. Dwar il-konnessjoni bil-ferrovija bejn Canfranc u Oloron, il-Kummissjoni spjegat li d-deċiżjoni dwar il-ftuħ mill-ġdid tagħha kellhom jeħduha l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u li l-proġett ma kienx iffinanzjat mill-UE.

L-Ombudsman Reġjonali ta’ Aragona ma kienx sodisfatt bit-tweġiba tal-Kummissjoni. L-Ombudsman Ewropew għarrfu bil-kundizzjonijiet li taħthom sera’ jsir ilment kontra l-Kummissjoni fir-rigward tal-kwistjoni.

*Każijiet 483/2003/JMA u 1510/2005/BM*

Ċittadin Ġermaniż, li għamel l-ilment, xtaq li jieħu fondi għal proġett biex jippromwovi is-sajd tat-trota fiż-żona ta’ Flensburg fit-tramuntana tal-Ġermanja. Huwa allega li kumpanija ta’ l-iżvilupp ta’ negozju pubbliku reġjonali kienet tagħtu informazzjoni kontraddittorja dwar id-disponibbiltà ta’ fondi bħal dawk u kienet irrifutata li taċċetta l-applikazzjoni tiegħu. L-Ombudsman Ewropew ittrasferixxa l-ilment lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet ta’ Landtag ta’ Schleswig-Holstein.



Sussegwentement, il-Kumitat għarraf lill-Ombudsman li, wara li kien ikkonsulta mal-ministeru kompetenti, huwa kien ikkonkluda li l-ilmentatur ma kienx ġie żvantaġġat apposta u li issa kien ingħata l-opportunità li jippreżenta l-proġett tiegħu lil grupp ta' esperti, inklużi rappreżentanti tal-gvern reġjonali u l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet ewlenin li jqiegħdu l-affarijiet fis-suq f'dak il-qasam.

*Każ 3399/2005/WP*

Ċittadina Taljana ilmentat li l-Istitut Nazzjonali għall-Ħarsien Soċjali fl-Italja kien naqqsilha l-pensjoni tagħha ta' l-irtirar mingħajr ma taha raġuni għad-deċiżjoni tiegħu.

L-Ombudsman Ewropew taha l-parir li tressaq il-każ tagħha lill-Ombudsman tar-reġjun Taljan ta' Friuli-Venezia Giulia.

Sussegwentement, l-Ombudsman Reġjonali għarrfet lill-Ombudsman Ewropew li l-Istitut Nazzjonali għall-Ħarsien Soċjali kien ikkunsidra d-deċiżjoni tiegħu qies mill-ġdid u ta lill-ilmentatriċi aktar minn EUR 20 000, flimkien ma' l-imgħaxxijiet.

L-Ombudsman Ewropew irringrazzja lill-Ombudsman Reġjonali għall-azzjoni effettiva tagħha.

*Każ kunfidenzjali*

Ingħata parir f'2 363 każ. Fi 828 minnhom, l-ilmentaturi ingħataw il-parir li jressqu l-każ tagħhom lil ombudsmen nazzjonali jew reġjonali u f'166 każ biex issir petizzjoni lill-Parlament Ewropew. Fi 383 każ, ir-rakkomandazzjoni kienet li jsir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea. Din iċ-ċifra tinkludi xi każijiet li fihom ilment kontra l-Kummissjoni kien iddikjarat inammissibbli minħabba li ma kinitx ġiet avviċinata, b'mod amministrattiv tajjeb, l-istituzzjoni qabel ma sar l-ilment. F'109 każ, ġie ssuġġerit li jsir kuntatt ma' SOLVIT, waqt li 877 ilmentatur ingħataw il-parir li jikkuntattjaw korpi oħrajn, l-aktar lil ombudsmen jew korpi speċjalizzati li jieħdu ħsieb l-ilmenti fi Stat Membru.

## 2.6 IL-PROĊEDURI TA' L-OMBUDSMAN

L-ilmenti kollha mibgħutin lill-Ombudsman jiġu rreġistrati u tintbagħat irċevuta, ġeneralment fi żmien ġimgħa mill-wasla tagħhom. L-irċevuta tgħarraf lill-ilmentatur bil-proċedura u tinkludi numru ta' referenza, kif ukoll l-isem u n-numru tat-telefon tal-persuna li tkun qiegħda tiegħu ħsieb l-ilment. L-ilment jiġi analizzat biex tittieħed deċiżjoni jekk għandhiex tinfetħ investgazzjoni u l-ilmentatur jiġi mgħarraf bir-riżultat ta' l-analiżi, normalment fi żmien xahar.

Jekk ma tinfetħx investgazzjoni, l-ilmentatur jiġi mgħarraf bir-raġuni għal dan. Kull meta jkun possibbli, l-ilment jiġi ttrasferit jew l-ilmentatur jingħata parir xieraq dwar korp kompetenti li lilu jkun jista' jgħaddi l-ilment tiegħu.

### 2.6.1 Ftuħ ta' investigazzjoni

L-ewwel stadju f'investgazzjoni huwa li l-ilment jgħaddi lill-istituzzjoni jew korp konċernati fejn dawn jintalbu jibgħatu l-opinjoni tagħhom lill-Ombudsman, ġeneralment fi żmien tliet xhur. Il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni qablu fl-2004 li jaċċettaw terminu aqsar ta' xahrejn għal ilmenti kontra r-rifjut ta' aċċess għal dokumenti.

### 2.6.2 Proċedura ġusta

Il-prinċipju ta' proċedura ġusta jesiġi li d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fuq ilment m'għandhiex tqis informazzjoni li tkun f'dokumenti mogħtija mill-ilmentatur jew mill-istituzzjoni jew mill-korp



Komunitarji, jekk il-parti l-oħra ma jkollhiex l-opportunità li tara d-dokumenti u tagħti l-opinjoni tagħha.

L-Ombudsman, għalhekk, jibgħat l-opinjoni ta' l-istituzzjoni jew korp Komunitarju lill-ilmentatur u jistiednu jibgħat osservazzjonijiet. Issir l-istess proċedura jekk tinħass il-ħtieġa li jkun hemm aktar investigazzjonijiet dwar l-ilment.

La t-Trattat u lanqas l-Istatut ma jipprovdu għal appell jew rimedji oħrajn kontra d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman dwar kif ikun ġie ttrattat ilment jew ir-riżultat miksub. Iżda, bħall-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħrajn kollha Komunitarji, l-Ombudsman huwa suġġett għal azzjoni għal danni skond l-Artikolu 288 tat-Trattat tal-KE. Huwa possibbli, fil-prinċipju, li ssir dik l-azzjoni bbażata fuq allegat trattament ħażin ta' ilment.

### 2.6.3 Spezzjoni ta' l-atti proċesswali u s-smiġħ tax-xhieda

L-Artikolu 3(2) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman jesiġi li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jagħtu lill-Ombudsman kull informazzjoni li huwa jitlob minnhom u jagħtuh aċċess għad-dokumenti kollha in kwistjoni. Huma jistgħu jirrifjutaw biss jekk iġibu raġuni bil-provi kif imiss dwar motivi ta' segretezza.

Is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona d-dokumenti tippermettilu jivverifika kemm l-informazzjoni mogħtija lil mill-istituzzjoni jew korp Komunitarji in kwistjoni tkun kompleta u korretta. Hija, għalhekk, garanzija importanti għall-ilmentatur u għall-pubbliku li l-Ombudsman jista' jagħmel investigazzjoni sewwa u sħiħa.

L-Artikolu 3(2) ta' l-Istatut jesiġi wkoll li uffiċjali u impjegati oħrajn ta' l-istituzzjoni jew korp Komunitarji jagħtu x-xhieda tagħhom fuq talba ta' l-Ombudsman.

Matul l-2006, is-setgħa ta' l-Ombudsman li jispezzjona d-dokumenti ta' l-istituzzjoni intużat fi 15-il każ. Is-setgħa li jisma' x-xhieda intużat f'każ wieħed.

### 2.6.4 Proċedura miftuħa

L-ilmenti lill-Ombudsman jiġu ttrattati b'mod pubbliku sakemm l-ilmentatur ma jitlobx li jsiru b'mod kunfidenzjali.

L-Artikolu 13 tad-dispożizzjonijiet implimentattivi jipprovdi li l-ilmentatur ikollu aċċess għad-dokumenti ta' l-Ombudsman fuq l-ilment tiegħu jew tagħha. L-Artikolu 14 jipprovdi għal aċċess pubbliku tad-dokumenti miżmuma mill-Ombudsman, bla ħsara għall-istess kundizzjonijiet u termini ta' żmien bħal dawk stabbiliti bir-Regolament 1049/2001<sup>8</sup>. Iżda fejn l-Ombudsman jispezzjona dokument ta' l-istituzzjoni jew korp konċernati jew jisma' x-xhieda, la l-ilmentatur u lanqas il-pubbliku ma jkunu jistgħu ikollhom aċċess għal kull dokument ta' natura kunfidenzjali jew għal kull informazzjoni kunfidenzjali li jkunu nkisbu bħala riżultat ta' spezzjoni jew smiġħ (Artikoli 13.3 u 14.2). L-iskop ta' din l-esklużjoni huwa li l-Ombudsman ikun megħjun fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu ta' investigazzjoni.

## 2.7 IR-RIŻULTATI TA' INVESTIGAZZJONIJIET

Matul investigazzjoni, l-ilmentatur ikun mgħarraf b'kull pass li jittieħed. Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jikkonkludi l-investigazzjoni, huwa jgħarraf lill-ilmentatur bir-riżultat ta' l-

<sup>8</sup>

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju, 2001, dwar aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.



investigazzjoni u bil-konklużjonijiet tiegħu. Id-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman ma jorbtux legalment u ma johlqux drittijiet jew obbligi li huma legalment eżegwibbli mill-ilmentatur jew mill-istituzzjoni jew korp konċernati.

Fl-2006, l-Ombudsman ikkonkluda 250 investigazzjoni, li minnhom 247 kellhom rabta ma' ilmenti u tlieta kienu saru fuq inizjattiva tiegħu.

Jekk investigazzjoni tkun fuq aktar minn allegazzjoni jew talba waħda, dawn jistgħu jagħtu lok għal diversi sejbiet mill-Ombudsman.

### 2.7.1 L-ebda amministrazzjoni ħażina

Fl-2006, 95 każ, inklużi żewġ investigazzjonijiet fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman, ingħalqu fejn instab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. Dan mhux bilfors huwa riżultat negattiv għall-ilmentatur, li almenu jieħu l-benefiċċju ta' spjegazzjoni sħiħa mill-istituzzjoni jew korp konċernati ta' dak li jkun għamlu. Barra minn hekk, anki jekk l-Ombudsman ma jsibx li kien hemm amministrazzjoni ħażina, huwa jista' jindika opportunità lill-istituzzjoni jew korp biex itejbu l-kwalità ta' l-amministrazzjoni tagħhom għall-ġejjieni. F'każijiet bħal dawn, l-Ombudsman jagħmel rimarka ulterjuri.

### 2.7.2 Każijiet solvuti mill-istituzzjoni u soluzzjonijiet bonarji

Kull meta jkun possibbli, l-Ombudsman jipprova jikseb riżultat b'bilanċ pożittiv li jissodisfa kemm lill-ilmentatur, kif ukoll lill-istituzzjoni li kontriha jkun sar ilment. Il-kooperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji hija essenzjali biex ikun hemm suċċess fil-kisba ta' dawk ir-riżultati, u dan jgħin biex jissaħħew ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u ċ-ċittadini u jevita l-ħtieġa ta' kontestazzjoni li tqum ħażna u tiegħu fit-tul.

Matul l-2006, 64 każ ġew solvuti mill-istituzzjoni jew korp wara li kien sar ilment lill-Ombudsman. Minn dawn, 52 kienu każijiet li fihom l-intervent ta' l-Ombudsman irnexxielu jikseb tweġiba malajr għal korrispondenza li ma tweġbitx (ara s-sezzjoni 2.9 tar-Rapport Annwali 1998 għal dettalji tal-proċedura użata f'każijiet bħal dawn).

Jekk investigazzjoni twassal biex jinstab li kien hemm amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman jipprova jikseb soluzzjoni bonarja kull meta jkun possibbli. Matul l-2006, kienu proposti 28 soluzzjoni bonarja. Tliet każijiet, inklużi tnejn fejn il-proposta kienet saret fl-2005, ingħalqu matul is-sena wara li nstabet soluzzjoni bonarja. Fl-aħħar ta' l-2006, 27 proposta għal soluzzjonijiet bonarji kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati.

F'xi każijiet, soluzzjoni bonarja tista' tinkiseb jekk l-istituzzjoni jew korp konċernati joffru kumpens lill-ilmentatur. Kull offerta bħal din issir *ex gratia*, jiġifieri mingħajr ma jkun hemm ammissjoni ta' responsabbiltà skond il-liġi u mingħajr ma jinħolqu preċedenti legali.

### 2.7.3 Rimarki ta' kritika u abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet

Jekk soluzzjoni bonarja ma tkunx possibbli jew jekk it-tfittija għal soluzzjoni bħal dik ma tirnax, l-Ombudsman jew jagħlaq il-każ b'rimarka ta' kritika għall-istituzzjoni jew korp konċernati jew jabbozza rakkomandazzjoni.

Rimarka ta' kritika normalment issir jekk (i) ma jkunx aktar possibbli għall-istituzzjoni interessata li telimina l-att ta' amministrazzjoni ħażina, (ii) l-amministrazzjoni ħażina tkun tidher li ma jkollhiex implikazzjonijiet ġenerali, u (iii) ma jkunx jidher li l-Ombudsman ikun jeħtieġu jieħu azzjoni ulterjuri. Rimarka ta' kritika ssir ukoll jekk l-Ombudsman iqis li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma jkollu ebda skop utli jew li ma jkunx jidher li jkun xieraq li huwa jissottometti rapport f'każ fejn l-istituzzjoni jew korp konċernati jonqsu li jaċċettaw abbozz ta' rakkomandazzjoni.



Rimarka ta' kritika tikkonferma ma' l-ilmentatur li l-ilment tiegħu jew tagħha kien iġġustifikat u tindika lill-istituzzjoni jew korp konċernati dak li jkunu għamlu ħażin, biex tgħinjom jevitaw amministrazzjoni ħażina fil-futur. Fl-2006, l-Ombudsman ikkonkluda 41 investigazzjoni b'rimarki ta' kritika. Lista sħiħa ta' dawn il-każijiet tidher fl-Anness D.

Matul l-2007, l-Ombudsman bi ħsiebu jagħmel u jippubblika studju tal-passi li hađu l-istituzzjonijiet wara li sarulhom rimarki ta' kritika matul l-2006. Studju simili ser isir ukoll dwar dak li kellhom jagħmlu wara t-38 każ fejn kien hemm rimarka ulterjuri matul l-2006.

F'każijiet fejn l-Ombudsman ma jkunx jeħtiġlu jieħu azzjoni biex jara x'passi jkunu ttieħdu wara, jiġifieri, fejn ikun possibbli għall-istituzzjoni konċernata li telimina l-att ta' amministrazzjoni ħażina, jew f'każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina tkun partikularment gravi jew ikollha implikazzjonijiet ġenerali, l-Ombudsman normalment jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew korp konċernati. B'mod konformi ma' l-Artikolu 3(6) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman, l-istituzzjoni jew korp għandhom jibagħtu opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur. Matul l-2006, saru 13-il abbozz ta' rakkomandazzjonijiet. Barra minn dan, għaxar abbozz ta' rakkomandazzjonijiet mill-2005 wasslu għal deċiżjonijiet fl-2006. Erba' każijiet ingħalqu matul is-sena fejn abbozz ta' rakkomandazzjoni kien ġie aċċettat mill-istituzzjoni. Żewġ każijiet wasslu biex isir rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Disa' każijiet ingħalqu għal raġunijiet oħrajn. Fl-aħħar ta' l-2006, disa' abbozz ta' rakkomandazzjoni kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati, inkluż wieħed magħmul fl-2004.

#### 2.7.4 Rapporti speċjali lill-Parlament Ewropew

Jekk istituzzjoni jew korp Komunitarji jonqsu li jwieġbu b'mod sodisfaċenti għal abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman jista' jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Ir-rapport speċjali jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet.

Kif kien indikat fir-*Rapport Annwali 1998* ta' l-Ombudsman Ewropew, il-possibilità li l-Ombudsman jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament Ewropew hija ta' valur imprezzabbli għall-ħidma tiegħu.

Rapport speċjali lill-Parlament Ewropew huwa l-aħħar pass sostantiv li l-Ombudsman jieħu meta jkun qed jittratta każ, billi l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat tal-Parlament huma affarijiet li dik l-istituzzjoni għandha tqis politikament. L-Ombudsman naturalment jagħti dik l-informazzjoni u l-għajnuna kollha meħtieġa mill-Parlament meta dan ikollu quddiemu rapport speċjali.

Ir-Regoli tal-Parlament Ewropew jagħmlu lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet responsabbli mir-relazzjonijiet tal-Parlament ma' l-Ombudsman. Waqt laqgħa tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet fit-12 ta' Ottubru, 2005, l-Ombudsman obbliga ruħu, skond ir-Regola 195(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Parlament, li jidher quddiem il-Kumitat fuq talba ta' dan ta' l-aħħar, kull meta huwa jippreżenta rapport speċjali lill-Parlament.

Ġew sottomessi żewġ rapporti speċjali lill-Parlament fl-2006. Dawn kellhom x'jaqsmu mal-każijiet 289/2005/GG u 1487/2005/GG.

## 2.8 DEĊIŻJONIJIET TA' GĦELUQ TA' KAŻIJIET FL-2006

Deċiżjonijiet ta' għeluq ta' każijiet is-soltu jiġu ppubblikati fuq il-websajt ta' l-Ombudsman's (<http://www.ombudsman.europa.eu>) bl-Ingliż, jew inkella bil-lingwa ta' l-ilmentatur. Il-Kapitolu 3 għandu sommarji ta' 59 deċiżjoni ta' għeluq ta' investigazzjonijiet. Is-sommarji jirriflettu l-firxa ta' suġġetti u ta' istituzzjonijiet u korpi Komunitarji li jissem mew fil-250 deċiżjoni ta' għeluq ta' investigazzjonijiet fl-2006, kif ukoll il-motivazzjonijiet differenti għall-għeluq. Għandhom indiċi



skond ir-referenza tal-każ, is-suġġett ġenerali skond il-qasam tal-kompetenza Komunitarja involuta u x-xorta ta' amministrazzjoni ħażina allegata mill-ilmentatur.

Il-bqija ta' din is-sezzjoni tal-Kapitolu 2 hija analiżi tas-sejbiet l-aktar sinifikanti fil-fatt u fid-dritt li hemm fid-deċiżjonijiet. Hija organizzata skond klassifikazzjoni orizzontali tas-suġġett prinċipali ta' l-investigazzjonijiet, u bbażata fuq ħames kategoriji ewlenin:

- Trasparenza (inkluż l-aċċess għal dokumenti u informazzjoni) u protezzjoni tad-dejta;
- Il-Kummissjoni Ewropea bħala l-għassiesa tat-Trattat;
- Sejħiet għal offerti, kuntratti u għotjiet;
- Kwistjonijiet tal-personal, inkluż ir-reklutaġġ;
- Kwistjonijiet oħra.

Għandu jiġi osservat li l-kategoriji msemmin hawn fuq sostanzjalment jidħlu f'xulxin. Pereżempju, kwistjonijiet ta' trasparenza u aċċess pubbliku sikwit jissemmew f'ilmenti dwar ir-reklutaġġ jew il-funzjoni tal-Kummissjoni bħala l-għassiesa tat-Trattat.

### 2.8.1 Trasparenza, aċċess pubbliku u protezzjoni tad-dejta

Proporzjon kbir (25%) ta' investigazzjonijiet li kien hemm fl-2006 kienu dwar allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' trasparenza. L-Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jirreferi għal deċiżjonijiet fl-Unjoni li għandhom jittieħdu "b'mod miftuħ kemm jista' jkun", waqt li l-Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE jagħti d-dritt ta' aċċess għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Dan id-dritt jinsab fir-Regolament 1049/2001<sup>9</sup>. Wara li kien hemm investigazzjonijiet fuq inizzjattiva ta' l-Ombudsman fl-1996 u fl-1999, ħafna istituzzjonijiet u korpi Komunitarji oħrajn ukoll adottaw regoli dwar aċċess għal dokumenti.

#### *Aċċess għal dokumenti*

Ir-Regolament 1049/2001 jagħti lill-applikanti għażla ta' rimedji: jistgħu jikkontestaw rifjut permezz ta' proċeduri ġudizzjarji skond l-Artikolu 230 tat-Trattat tal-KE jew permezz ta' ilment lill-Ombudsman. Matul l-2006, l-Ombudsman għalaq investigazzjonijiet fuq hdaq-il ilment dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001, li disġha minnhom kienu kontra l-Kummissjoni, wieħed kontra l-Kunsill u wieħed kontra l-Parlament Ewropew. F'każ ieħor (1845/2004/GG), l-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni fuq abbozz ta' rakkomandazzjoni fl-aħħar tas-sena kienet għadha ma ngħatatx.

Żewġ investigazzjonijiet ingħalqu fuq ilmenti dwar aċċess għal dokumenti u informazzjoni li kienu indirizzati kontra l-Bank Ewropew għall-Investment (BEI).

Is-sommarji ta' disġha minn dawn il-każijiet imsemmijin hawn fuq huma inklużi fil-Kapitolu 3.

Dwar l-eċċezzjonijiet għal aċċess, l-Ombudsman indika, fil-każ 617/2003/IP, li r-Regolament 1049/2001 m'għandux eċċezzjoni li tobbliga lill-Unjoni Ewropea tirrifjuta aċċess għal dokumenti biss għaliex l-iżvelar ta' dokumenti fi Stat Membru huwa marbut ma' ħlas. Fil-każ 582/2005/PB, l-Ombudsman m'aċċettax l-argument tal-Kummissjoni li l-proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ kellha tkun tixbah lil dik ta' "proċeduri ġudizzjarji" għall-finijiet tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament. Fil-każ 1463/2005/TN, l-Ombudsman qies li l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) tar-Regolament dwar dokumenti ta' istituzzjoni għall-użu intern, ma japplikax għal dokumenti li l-Kummissjoni kienet bagħtet lill-awtoritajiet ta' Stati Membri jew li hija kienet irċeviet mingħandhom. Lanqas ma setgħet il-Kummissjoni tibbaża fuq it-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4(2) dwar il-protezzjoni għall-fini ta' investigazzjonijiet, billi ma kinitx

<sup>9</sup>

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju, 2001, dwar aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.

stabbiliet li l-iżvelar ta' dokument iġib fix-xejn l-iskop ta' l-investigazzjonijiet rilevanti, li kien li l-pjanijiet ta' l-Istati Membri għall-allokazzjoni ta' konċessjonijiet għal emissjoni ta' gass ta' l-effett serra jkunu konformi mad-dritt Komunitarju. Fil-każ 1919/2005/GG, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament ma kienx jiġġustifika r-rifjut tal-Parlament Ewropew għal aċċess għal lista ta' applikanti fi proċedura ta' għażla. L-Ombudsman ma kienx konvint li l-iżvelar tal-fatt li ċertu uffiċjal tal-Komunità kien applika għal kariga oħra fis-servizz Komunitarju seta' jippreġudika l-privatezza tiegħu jew tagħha.

L-Artikolu 11 tar-Regolament 1049/2001 jesiġi li kull istituzzjoni tagħti aċċess pubbliku għal reġistru ta' dokumenti li fih ir-referenzi għal dokumenti għandhom ikuni rreġistrati mingħajr dewmien. Fil-każ 1764/2003/ELB, l-Ombudsman sab li r-reġistru tal-Kummissjoni ma kienx adegwat għal dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma verifika magħmula mill-Kummissjoni. L-Ombudsman indika li kontroll finanzjarju sod jikkonċerna sew lill-pubbliku u li rapporti ta' verifika huma sorsi siewja ta' informazzjoni dwar kif jintużaw il-fondi Komunitarji.

Fil-każ 1776/2005/GG, il-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) wieġeb għal suġġeriment ta' l-Ombudsman billi qabel li jiżvela partijiet minn rapport ta' verifika, skond ir-regoli tiegħu stess dwar aċċess pubbliku. Barra dan, huwa ħalla lill-kumpanija ta' l-ilmentatur ikollha aċċess privat għal partijiet tar-rapport li kienu speċifikament jikkonċernaw lill-grupp ta' kumpaniji li għalih l-ilmentatur kien jappartjeni. L-Ombudsman pubblikament laqa' tajjeb l-atteġġament kostruttiv tal-BEI f'dan il-każ, waqt li indika li, għalkemm il-privatezza u l-kunfidenzjalità kummerċjali huma interessi leġittimi li jistgħu jillimitaw aċċess pubbliku, il-persuna nfisha li l-privatezza jew l-interessi kummerċjali tagħha jkunu involuti ma tistax tkun imċaħħda aċċess fuq dik il-bażi.

#### *Aċċess għal informazzjoni*

Fil-każ 3436/2004/ELB, l-ilment kien kontra l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u l-ilmentaturi allegaw li kienu vittmi ta' frodi. L-Ombudsman qies li huma kienu intitolati jistennew li l-OLAF tagħti attenzjoni speċjali lill-interess tagħhom biex jiksbu informazzjoni dwar investigazzjonijiet li kienet għamlet l-OLAF. Iżda huwa nnota li, biex tkun evitata impożizzjoni fuq istituzzjoni ta' piż amministrattiv mhux raġonevoli, l-obbligu li wieħed jirrispondi għal talbiet għal informazzjoni skond il-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba għandu l-limiti tiegħu.

Fil-każ 3501/2004/PB, l-Ombudsman sab li, matul l-investigazzjoni tiegħu, il-BEI kienet ta raġunijiet validi għaliex irrifjuta li jagħti l-informazzjoni mitluba minn Organizzazzjoni mhux Governattiva (NGO). Għall-futur, iżda, huwa stieden lill-BEI biex flimken ma' rifjut li jagħti informazzjoni jagħti spjegazzjoni adegwata tar-raġunijiet għar-rifut, indirizzata lill-persuna li tkun talbet l-informazzjoni qabel ma l-problema tilħaq l-istadju fejn ikollu jsir ilment lill-Ombudsman.

#### *Protezzjoni tad-dejta*

Il-każ 2467/2004/PB kien dwar il-mod li bih il-Kummissjoni ttrattat ilment li kien sarilha kontra l-leġiżlazzjoni ta' l-Istat Ġermaniż ta' Hamburg. L-ilmentatur kien allega ksur ta' l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta<sup>10</sup>, li għandha x'taqsam ma' dejta personali biex tintuża għal *marketing* dirett. L-Ombudsman sab lil l-Kummissjoni kienet naqset li tagħti argumenti validi u konvinċenti dwar il-pożizzjoni tagħha li d-Direttiva ma kinitx tapplika għaċ-ċirkostanzi speċifiċi msemmin mill-ilmentaturi. Bi tweġiba għal proposta għal soluzzjoni bonarja, il-Kummissjoni aċċettat li interpretazzjoni usa' ta' l-Artikolu 14(1)(b) kienet possibbli u obligat lilha nnifisha li tindirizza l-kwistjoni ma' l-Istati Membri u li tindirizza l-każ speċifiku tal-leġiżlazzjoni ta' Hamburg f'dan il-kuntest.

<sup>10</sup>

Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru, 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*, ĠU 1995 L 281, p. 31. L-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva jgħid: "*Stati Membri għandhom jagħtu lis-suġġett tad-data d-dritt ... li jagħmel oġġezzjoni kontra l-ipproċessar ta' data personali dwaru li l-kontrollur jistenna li jkun ipproċessat għall-fini ta' bejgħ dirett fis-suq, jew li jkun mġarraf qabel ma d-data personali tkun żvelata għall-ewwel darba lil partijiet terzi jew użat f'isimhom għal l-għanijiet ta' bejgħ dirett fis-suq, u li jingħata espressioni id-dritt li jagħmel oġġezzjoni ... kontra dak l-iżvelar...*"





## 2.8.2 Il-Kummissjoni bħala l-għassiesa tat-Trattat

L-istat tad-dritt huwa prinċipju fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Wieħed mid-dmirijiet l-aktar importanti tal-Kummissjoni huwa li tkun l-għassiesa tat-Trattat<sup>11</sup>. L-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE joħloq proċedura ġenerali li biha l-Kummissjoni tista' tinvestiga u tirreferi lill-Qorti tal-Ġustizzja ksur li jista' jkun hemm tad-dritt Komunitarju minn Stati Membri. Il-Kummissjoni tista' tibda investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħha, ibbażati fuq ilmenti jew bi tweġiba għal talbiet mill-Parlament Ewropew biex jittratta petizzjonijiet indirizzati lill-iskond l-Artikolu 194 tat-Trattat tal-KE. Proċeduri oħrajn japplikaw dwar kwistjonijiet speċifiċi bħal għajnuniet illegali mill-Istat.

L-ilmenti li ma jaqgħux taħt il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew ta' sikwit huma dwar allegat ksur tad-dritt Komunitarju minn Stati Membri. Ħafna mill-każijiet bħal dawn jistgħu l-aħjar jiġu ttrattati minn membru ieħor tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej. F'xi każijiet, iżda, l-Ombudsman iqis li jkun aħjar li jittrasferixxi l-ilment lill-Kummissjoni. Is-Sezzjoni 2.5 hawn fuq tagħti eżempji taż-żewġ metodi.

L-Ombudsman Ewropew jirċievi u jittratta ilmenti kontra l-Kummissjoni fil-funzjoni tagħha ta' għassiesa tat-Trattat. Meta l-Ombudsman jibda investigazzjoni fuq ilment bħal dak, huwa dejjem joqgħod attent li jagħmilha ċara lill-ilmentatur, fejn ikun meħtieġ, li l-investigazzjoni ma tkunx ser teżamina jekk ikunx hemm ksur, għaliex l-Ombudsman Ewropew mhux kompetenti li jistħarreġ l-azzjonijiet ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Il-Kapitolu 3 għandu sommarju ta' disa' deċiżjonijiet li juru kif l-Ombudsman jittratta ilmenti kontra l-Kummissjoni fil-funzjoni tagħha ta' għassiesa tat-Trattat. Tmienja mill-każijiet, u wieħed li baqa' miftuħ fl-aħħar ta' l-2006, huma msemminjati hawn.

Dwar l-obbligi proċedurali tal-Kummissjoni lejn ilmentaturi, il-punt prinċipali ta' referenza ta' l-Ombudsman huwa Komunika maħruġa mill-Kummissjoni fl-2002<sup>12</sup>, bi tweġiba għal kritika ta' l-Ombudsman. Il-Komunika tgħid li, bħala regola ġenerali, id-dipartimenti tal-Kummissjoni jistħarrġu ilmenti bil-għan li jaslu għal deċiżjoni li joħorġu avviż uffiċjali jew li jagħlqu l-każ fi żmien mhux aktar minn sena mid-data li fiha jkun ġie rreġistrat l-ilment mis-Segretarjat-Ġenerali. Il-Punt 3 tal-Komunika jiddefinixxi ċ-ċirkostanzi li fihom is-Segretarjat-Ġenerali huwa intitolat li ma jirreġistrax korrispondenza bħala ilment. Bi tweġiba għal rimarka oħra fil-każ 3369/2004/JMA, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-ħtiġijiet tal-Komunika japplikaw ukoll fil-perjodu wara li hija tkun baġtet ittra ta' avviż formali lill-Istat Membru interessat.

Ingħalqu żewġ każijiet wara li l-Kummissjoni aċċettat abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet mingħand l-Ombudsman. Fil-każ 642/2004/GG, l-Ombudsman irrakkomanda li l-Kummissjoni kellha terġa' teżamina jekk il-bejgħ ta' intrapriża partikolari kienx jinvolvi għajnuna mill-Istat. Ir-rakkomandazzjoni saret fid-dawl ta' suġġerimenti li l-gvern tas-Sassonia t'Isfel kien jaqbel ma' l-idea li l-prezz imħallas kien anqas mill-prezz tas-suq. Il-Kummissjoni aċċettat dak li kien sab l-Ombudsman dwar il-kwistjoni u rreferiet lill-awtoritajiet Ġermaniżi biex tikkjarifika l-istqarrijiet rilevanti. Il-Kummissjoni aċċettat ukoll l-abbozz tar-rakkomandazzjoni fil-każ 956/2004/PB li hija kellha tadotta deċiżjoni malajr kemm jista' jkun dwar ilment ta' ksur u li tikkomunika d-deċiżjoni lill-ilmentatur. L-ilmentatur, negozjant Daniż tal-karrozzi, kien ilmenta li l-Kummissjoni kienet naqset li tirrispetta impenn li tasal għal konklużjoni fuq dan l-ilment ta' ksur, li kellu x'jaqsam mat-tassazzjoni fid-Danimarka fuq karrozzi importati.

Fil-każ 289/2005/GG, l-Ombudsman fassal abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni kellha tittratta b'mod diliġenti u mingħajr dewmien żejjed l-ilment ta' ksur ta' l-ilmentatur dwar restrizzjonijiet fuq servizzi ta' mħatri fuq l-isport. L-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni esprimiet dispaċir li, fin-nuqqas ta' qbil politiku, hija ma setgħetx tiegħu deċiżjoni fuq din il-kwistjoni sensittiva. Billi ma kkunsidrax li din kienet tikkostitwixxi raġuni valida biex ma tittrattax l-ilment

<sup>11</sup> L-Artikolu 211 tat-Trattat tal-KE jeħtieġ li l-Kummissjoni "tissorvelja l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Trattat u tal-miżuri adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità bis-saħħa tagħhom".

<sup>12</sup> Komunika lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew fuq ir-relazzjonijiet ma' ilmentatur li jallega ksur tad-dritt Komunitarju, ĠU 2002 C 244, p. 5.

ta' ksur f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-Ombudsman għamel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni wara għarrfet lill-Parlament u lill-Ombudsman li hija kienet bagħtet ittra ta' avviż formali lill-Ġermanja.

L-Ombudsman ma qiesx li kien hemm il-ħtieġa li jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni fil-każ 1037/2005/GG, fejn sab li l-Kummissjoni kienet naqset li ggħib argumenti konvinċenti biex turi li ma kienx hemm bżonn ta' miżuri oħrajn biex iġiegħlu lill-Ġermanja tikkonforma ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'din is-sentenza il-Qorti ddeċidiet li r-Regolament tal-Ġermanja dwar l-Ippakkjar għal ċertu xorb kien jikkostitwixxi ostakolu għall-kummerċ intra-Komunitarju. L-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka ta' kritika billi nnota li l-Kummissjoni setgħet tagħmel tajjeb għan-nuqqas tagħha peress li fil-frattemp kienu għaddejnin proċeduri dwar ksur fir-rigward tar-Regolament.

Żewġ każijiet kienu dwar l-eżekuzzjoni tal-liġi Ewropea dwar il-ħin tax-xogħol. Fil-każ 2944/2004/ID, il-Kummissjoni spjegat lill-Ombudsman, fi Frar 2005, li hija kienet ipposponiet deċiżjoni fuq jekk tipproċedix bl-ilment ta' ksur ta' l-ilmentatriċi, li kien sottomess f'Awissu, 2003, għaliex deċiżjoni bħal dik kienet tiddependi minn dak li kien ser jiġri mill-proposta tagħha biex jiġu emendati l-liġijiet Komunitarji rilevanti. L-Ombudsman aċċetta l-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni għan-nuqqas tagħha li tirrispetta l-iskadenza normali ta' sena, imma nnota wkoll li l-ilmentatriċi setgħet tagħmel ilment għdid lill-Ombudsman, jekk hija ma kinitx sodisfatta mill-mod kif il-Kummissjoni kienet reġgħet ittrattat l-ilment tagħha ta' ksur. Fil-każ 3453/2005/GG, tabib għamel ilment f'Novembru, 2005, li l-Kummissjoni kienet naqset li tieħu azzjoni fuq l-ilment li kien għamel kontra l-Ġermanja aktar minn tliet snin u nofs qabel. Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjon reġgħet irreferiet għall-proposta tagħha biex ikunu emendati l-liġijiet Komunitarji rilevanti. L-Ombudsman kien ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni ma kinitx intitolata li tipposponi indefinittivament l-konklużjoni tagħhafuq ilment għar-raġuni li l-liġi applikabbli setgħet tkun emendata f'xi żmien fil-ġejjieni u għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li sejjaħ lill-Kummissjoni biex tittratta l-ilment malajr kemm jista' jkun. Il-każ kien għadu pendent fl-aħħar ta' l-2006.

L-Ombudsman irċieva aktar minn 5 000 ilment u komunikazzjonijiet oħra ta' kritika lill-Kummissjoni b'rabta ma' l-iżvilupp ta' port industrijali fi Granadilla, fil-gżira ta' Tenerife, Spanja. Skond l-ilmentaturi, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li l-iżvilupp ma kienx kontra d-dritt Komunitarju, l-aktar l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-Ambjenti Naturali<sup>13</sup>. L-Ombudsman qies li kien utli li huwa jiftaħ investigazzjoni fuq inizzjattiva tiegħu (OI/2/2006/JMA) biex il-Kummissjoni tfisser il-pożizzjoni tagħha. Billi l-Kummissjoni għamlitha ċara li, fil-fatt, hija ma kinitx għadha ħadet deċiżjoni fuq din il-kwistjoni, l-Ombudsman għalaq l-investigazzjoni tiegħu.

Il-każ 3133/2004/JMA huwa fuq ilment ta' ksur mibgħut lill-Kummissjoni dwar il-leġiżlazzjoni Spanjola li kienet timplimenta direttiva fuq xandir televiżiv. L-ilmentaturi kkontestaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni li d-Direttiva kienet ġiet trasposta b'mod korrett. Fid-dawl tal-każistika tal-Qorti dwar it-traspożizzjoni ta' direttivi u mill-kliem u l-iskop ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi rilevanti Spanjoli, l-Ombudsman ikkunsidra l-analiżi tal-Kummissjoni li t-traspożizzjoni kienet adegwata bħala waħda raġonevoli. Huwa, għalhekk, ma sabx li kien hemm amministrazzjoni ħażina.

### 2.8.3 Sejħiet għall-offerti, kuntratti u għotjiet

L-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji jagħmlu użu minn kuntratti kemm biex jiksibu l-prodotti u s-servizzi meħtieġa biex iwettqu l-funzjonijiet tagħhom, kif ukoll bħala strumenti biex jirregolaw għotjiet u sussidji li huma jagħtu permezz ta' varjetà ta' programmi ta' l-UE.<sup>14</sup>

L-Ombudsman jista' jittratta ilmenti dwar l-għoti jew in-nuqqas ta' għoti, u l-kontroll ta' kuntratti. Iżda, fejn ikun hemm kwistjoni li seta' kien hemm ksur ta' kuntratt, l-Ombudsman jillimita l-investigazzjoni tiegħu biex jeżamina jekk l-istituzzjoni jew il-korp Komunitarji qisux b'mod

<sup>13</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju, 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU 1996 L 59, p. 63.

<sup>14</sup> Ilmenti relatati ma' kuntratti ta' l-impjieg huma trattati fis-sotto-sezzjoni 2.8.4.



koerenti u raġonevoli l-bażi legali ta' l-azzjonijiet tagħhom u r-raġuni għaliex huma jemmnu li fil-fehma tagħhom il-pożizzjoni kuntrattwali tkun ġustifikata.

Il-Kapitolu 3 jiġbor fil-qosor tmien deċiżjonijiet li juru kif l-Ombudsman jitratta ilmenti ta' din ix-xorta, kif ukoll deċiżjoni waħda li għalqet investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu. Sitta minn dawn il-każijiet ser jissemmew 'il quddiem hawnhekk.

Fil-każ 1252/2005/GG, sotto-kuntrattur allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li twaqqaf il-ftehim li bih hija kienet qed tagħti għajna finanzjarja lill-Kumitat Ewropew ta' l-Istandardizzazzjoni (*Comité Européen de Normalisation* - CEN) kienet illegali u mhux ġusta. Wara li fakkar lill-Kummissjoni li hija kellha wkoll twieġeb għall-allegazzjoni li d-deċiżjoni ma kinitx ġusta, l-Ombudsman wara sab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. L-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni dwar għaliex hija ma kinitx obbligata tagħti avviż minn qabel għad-deċiżjoni tagħha dehret raġonevoli u l-Kummissjoni ma setgħetx tinżamm responsabbli għad-deċiżjoni ta' CEN li ma jissottomettix talba għall-ħlas fir-rigward tax-xogħlijiet ta' l-ilmentaturi.

Fil-każ 786/2006/JF, il-Kumitat tar-Reġjuni ċaħad ir-rapport finali ta' l-ilmentatur haġest ijiem wara l-iskadenza taż-żmien li fih huwa kellu jagħmel dan. L-Ombudsman fehem li dik kienet il-pożizzjoni tal-Kummissjoni, minkejja d-dewmien tagħha biex tinforma lill-ilmentatur, u li hija kienet ġustifikata meta ma ħallsitx l-ammont kollu għaliex ir-rapport ma kienx ta' dik il-kwalità li hija kienet intitolata li tirċievi skond il-kuntratt. L-Ombudsman kien tal-fehma li jekk il-Kumitat ma setax jirrispetta d-data ta' skadenza kuntrattwali, huwa kellu, bħala prattika ta' amministrazzjoni tajba, iġharraf lill-ilmentatur b'dan qabel ma għalqet l-iskadenza. In-nuqqas tiegħu li jagħmel dan kienet amministrazzjoni ħażina. Iżda, il-Kumitat kien spjega, b'mod koerenti u raġonevoli, il-bażi legali ta' l-azzjonijiet tagħha u għaliex huwa emmen li dak li kien jidhirlu dwar il-pożizzjoni kuntrattwali kien ġustifikat. L-Ombudsman ma daħalx fil-kwistjoni jekk kienx hemm ksur kuntrattwali jew jekk il-Kumitat kienx intitolat kuntrattwalment li jirrifjuta li jħallas l-ammont kollu.

L-ilmentatur fil-każ 66/2006/SAB ikkontesta r-rifjut tal-Kummissjoni tal-proposti preliminari tiegħu taħt il-programm Socrates. Skond il-Kummissjoni, il-proposti preliminari kienu ntbaġhtu wara d-data ta' l-iskadenza. L-investigazzjoni ta' l-Ombudsman uriet provi dokumentati, li kienu disponibbli għall-Kummissjoni fiż-żmien meta haġest id-deċiżjoni tagħha, li l-proposti preliminari kienu, fil-fatt, intbaġhtu fil-jum ta' l-iskadenza. L-Ombudsman, għalhekk, sab li kien hemm amministrazzjoni ħażina.

Il-każ 3172/2005/WP kien dwar dewmien mill-Kummissjoni biex tħallas għotja għal ċerti attivitajiet ta' ġemellaġġ ta' bliet. Fl-opinjoni tagħha fuq l-ilment, il-Kummissjoni talbet skuża għad-dewmien u fissret il-problemi amministrattivi li hija kienet iltaqgħet magħhom u t-titjib li hija, bħala reazzjoni, kienet introduċiet għas-sistema ta' pagamenti. L-ilmentatur għarraf lill-Ombudsman li kien irċieva ħlas u kien iqis il-każ bħala solvut. F'rimarka ulterjuri, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni tikkunsidra tħallas imgħaxijiet għal ħlas li jsir tard f'każijiet bħal dawn.

Il-każ 2523/2005/TN kien dwar stedina għal proċedura ta' l-offerti organizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja għal kuntratti standard għat-traduzzjoni ta' testi legali. L-istedina għal offerti kienet teħtieġ li jintbaġhat test ta' traduzzjoni. L-ilmentatur ikkontesta din il-ħtieġa għar-raġuni li t-test ma kienx isemma' fl-avviż oriġinali tal-kuntratt. L-Ombudsman qies li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina minħabba li test ta' traduzzjoni kien jikkostitwixxi informazzjoni supplimentari ta' dik ix-xorta li, skond id-Direttiva 92/50<sup>15</sup>, setgħet tkun speċifikata fl-istadju ta' l-istedina għall-offerti.

Fl-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu OI/1/2006/TN, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tinvestiga l-possibilità ta' aktar użu tal-medjazzjoni biex ikun ittrattat tilwim li jinqala' minħabba l-kuntratti li hija tiffinanzja. Il-Kummissjoni wiegħbet b'mod pożittiv billi daħlet f'impenn li għall-ġejjieni tinkuraġġixxi metodi alternattivi ta' rizzoluzzjoni ta' tilwim, permezz li ddaħħal klawsola

15

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju, 1992, dwar il-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku, ĠU 1992 L 209, p. 1. Din id-Direttiva m'għadhiex aktar fis-seħħ iżda kienet fis-seħħ meta kien ippubblikat l-avviż.

mhux obbligatorja ta' medjazzjoni fil-kuntratti tagħha standard ta' akkwisti. Hu u jagħlaq l-investigazzjoni l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tagħtih sat-30 ta' Ġunju, 2007, rendikont ta' dak li tkun għamlet wara dwar il-klawsola ta' medjazzjoni u l-isforzi tagħha biex testendi l-użu tal-medjazzjoni biex jinkludi tilwim fuq għotjiet. L-Ombudsman saħaq ukoll fuq l-importanza li jkun rakkomandat l-użu tal-medjazzjoni f'kunflitti bejn kuntratturi u sotto-kuntratturi.

## 2.8.4 Kwistjonijiet tal-personal

Il-Kapitolu 3 għandu 18-il sommarju ta' deċiżjonijiet fuq ilmenti li kellhom x'jaqsmu ma' affarijiet tal-personal. Minn dawn, disgħa kienu dwar proċeduri ta' reklutaġġ organizzati mill-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO), u sitta oħra kienu dwar relazzjonijiet ta' xogħol ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi. Żewġ sommarji kienu dwar deċiżjonijiet fuq ilmenti minn esperti nazzjonali ssekondati u waħda dwar investigazzjoni fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman (OI/3/2006/BB). F'dan l-aħħar każ, il-Parlament Ewropew mexa fuq l-eżempju tal-Kummissjoni fl-2005, u abolixxa l-età massima għal apprendistat, b'effett mill-15 ta' Frar 2006.

Ebda ilment dwar relazzjonijiet ta' xogħol ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi Kumunitarji ma jista' jsir lill-Ombudsman jekk l-ilmentatur ma jkunx l-ewwel eżawrixxa l-proċeduri ta' l-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament tal-Personal u t-termini ta' żmien għal risposti jkun skadew. Fil-każijiet 1217/2004/OV u 2227/2004/MF, l-Ombudsman enfasisza li n-nuqqas ta' risposta għal ilment magħmul skond l-Artikolu 90(2) hija amministrazzjoni ħażina. Għalkemm ir-Regolamenti tal-Personal iqisu li n-nuqqas ta' risposta f'terminu ta' xahrejn jikkostitwixxi deċiżjoni negattiva impliċita, l-għan ta' din id-dispożizzjoni kien li jħalli lill-persuna interessata tappella lit-Tribunal tas-Servizz Ċivili, u mhux li jeħilsu lill-amministrazzjoni mill-obbligu tagħha li tirrispondi.

Żewġ ilmenti dwar relazzjonijiet ta' xogħol kellhom riżultat pożittiv ħafna għall-ilmentaturi u wrew kooperazzjoni eċċellenti ma' l-Ombudsman mill-istituzzjoni u l-korp konċernati.

Fil-każ 106/2005/TN, il-Kummissjoni rrifjutat li tħallas is-salarju ta' bint l-ilmentatur, li qabel kien uffiċjal tal-Kummissjoni, li s'fat marida ftit wara li bdiet taħdem mal-Kummissjoni. Bi tweġiba għall-ilment, il-Kummissjoni bidlet il-pożizzjoni tagħha u qablet li tħallas is-salarju msemmi flimkien ma' l-imgħaxijiet.

Il-Każ 1729/2005/JF kien dwar ir-rifużjoni ta' konċessjonijiet imħallsin lill-ilmentatur mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (AESA). L-Ombudsman sab li l-AESA kienet tat informazzjoni mhux sħiħa, li setgħet tiżgwida lill-ilmentatur, u pproponiet soluzzjoni bonarja li AESA setgħet tikkunsidra li tikkanċella r-rifużjoni ta' almenu parti mill-konċessjonijiet. Fir-risposta tagħha l-AESA sostniet l-opinjoni tagħha li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. Iżda, "minħabba n-natura unika ta' dan il-każ u bl-ikbar rispett għall-opinjoni ta' l-Ombudsman", hija kkanċellat ir-rifużjoni kollha. B'hekk intlaħqet soluzzjoni bonarja.

Fi tliet każijiet, iżda, il-Kummissjoni rrifjutat mhux biss il-proposti ta' l-Ombudsman għal soluzzjonijiet bonarji, imma wkoll l-isforzi li huwa kien għamel wara biex jinkiseb riżultat sodisfaċenti. Tnejn minn dawn il-każijiet kienu dwar esperti nazzjonali ssekondati (SNE).

Fil-każ 760/2005/GG, l-Ombudsman issuġġerixxa, l-ewwel bħala soluzzjoni bonarja u mbagħad bħala abbozz ta' rakkomandazzjoni, li l-Kummissjoni tikkunsidra li temenda jew tikkjarifika r-regoli dwar *leave* speċjali għal SNE li jkollhom jidhru bħala xhieda quddiem qorti. Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni qalet li kienet ser tistudja l-proposta ta' l-Ombudsman, fil-kuntest ta' eżami, għall-futur u b'mod aktar komprensiv, tas-sitwazzjoni ta' SNE, iżda b'dispijaċir, ma setgħetx tagħti informazzjoni aktar dettaljata dwar meta dan l-eżami kien ser isir.

Il-Każ 495/2003/ELB kien dwar tilwima fuq il-konċessjonijiet dovuti lil SNE. Wara li l-Kummissjoni rrifjutat proposta għal soluzzjoni bonarja, l-Ombudsman kiteb lill-Kummissarju responsabbli fejn talbu biex jintervjeni personalment biex jinkiseb riżultat sodisfaċenti għat-tilwima, li setgħet tieħu l-forma ta' ħlas *ex gratia* lill-ilmentaturi. Għalkemm il-Kummissjoni kienet wara bidlet ir-regoli applikabbli, ir-risposta tal-Kummissarju kienet fis-sens li l-Kummissjoni kienet interpretat b'mod korrett ir-regoli li kien hemm qabel u rrifjutat il-proposta ta' l-Ombudsman. Fil-fehma ta' l-





Ombudsman, il-Kummissjoni ma kinitx aġixxiet b'mod ġust ma' l-ilmentaturi, meta, fil-fatt, ittrattat il-kwistjoni b'hal li kieku r-regoli li kienu adottati wara kienu fis-seħħ fiż-żmien meta hija ddeċidiet li l-konċessjonijiet kellhom jiġihallu.

Il-każ 1537/2003/ELB kien dwar persuna, li qabel kienet aġent temporanju tal-Kummissjoni, li kienet ġie illiberata minn akkuża dixxiplinarja wara dewmien twil, fejn l-Ombudsman kien aktar qabel sab li d-dewmien kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman ippropona b'hal soluzzjoni bonarja li l-Kummissjoni tikkunsidra tirrimborża lill-ilmentatur l-iżpejjeż li huwa raġonevolment kien għamel għad-difiża tiegħu tul il-proċeduri dixxiplinari. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li r-Regolamenti tal-Personal ma kinux iħalluha tagħmel dan. F'dan il-każ ukoll, l-Ombudsman kiteb lill-Kummissarju responsabbli. L-Ombudsman wera l-fehma li r-Regolamenti tal-Personal ma kinux iżommu lill-Kummissjoni milli tagħmel ħlas *ex gratia*. Il-Kummissarju, iżda, rrifjuta l-proposta ta' l-Ombudsman.

Fit-tliet każijiet kollha, id-deċiżjoni finali ta' l-Ombudsman esprimiet dispjaċir li l-Kummissjoni kienet naqset li tiegħu l-opportunità biex turi l-impenn tagħha għal prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. L-Ombudsman ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jeżamina, mal-Kummissarju responsabbli, kif l-aħjar tinġieb 'il quddiem kultura ta' servizz fid-Direttorat-Ġenerali konċernat.

### 2.8.5 Kwistjonijiet oħrajn

Il-Kapitolu 3 ukoll għandu għadd ta' sommarji li ma jaqgħux fil-kategoriji ttrattati fit-sotto-sezzjonijiet preċedenti. Erbgħa mill-każijiet ser jissemew hawn.

Fil-każ 2601/2005/ID, il-kumpanija li għamlet l-ilment allegat li l-Kummissjoni kienet kisret id-drittijiet tal-proprietà intelletwali tagħha għal programm ta' traduzzjoni awtomatika. Il-Kummissjoni ma kkontestatx li l-ilmentatriċi kellha daww id-drittijiet, iżda esprimiet id-dubbi tagħha dwar l-iskop u l-implikazzjonijiet tagħhom. L-Ombudsman kien tal-fehma li kien l-obbligu ta' l-ilmentatriċi li tispeċifika u tistabbilixxi l-bażi legali tad-drittijiet li allegatament kienu nkisru. Billi l-ilmentatriċi ma kinitx għamlet dan, ma nstabx li kien hemm amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni. Iżda l-Ombudsman stieden lill-ilmentatriċi u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw il-possibilità li jużaw il-proċedura tal-medjazzjoni biex jippruvaw isibu soluzzjoni li tkun aċċettabbli għalihom it-tnejn.

Żewġ każijiet huma dwar l-implikazzjonijiet tar-responsabbiltà tal-Kunsill għall-Presidenza tiegħu.

Fil-każ 1487/2005/GG, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-lingwa Ġermaniża lmentat li l-websajts tal-Presidenza ta' l-UE ma kinux fil-lingwa Ġermaniża. Il-Kunsill ma indirizzax il-mertu ta' l-argumenti dwar l-għadd ta' ċittadini ta' l-UE li kienu jikkellmu l-Ġermaniż b'hal l-ewwel jew it-tieni lingwa tagħhom. Waqt li aċċetta li l-Presidenza kienet tiffirma parti mill-Kunsill b'hal istituzzjoni, il-Kunsill sostna li ma kienx responsabbli għall-websajts tal-Presidenza, u argumenta li dawn kienu taħt l-awtorità ta' l-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza. L-Ombudsman, iżda, qies li l-Kunsill huwa tabilħaqq responsabbli għal-lingwi użati fil-websajts tal-Presidenza u li l-informazzjoni f'dawk il-websajts kellha idealment tkun fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Komunità. Kompla jsostni li, jekk kellhom jintużaw anqas lingwi, l-għażla kellha ssir fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u raġonevoli. In-nuqqas tal-Kunsill li jqis il-mertu tat-talba ta' l-ilmentatur, għalhekk, kien jikkoktiwixxi amministrazzjoni ħażina. Wara li l-Kunsill irrifjuta l-abbozz tar-rakkomandazzjoni dwar din il-kwistjoni, l-Ombudsman għamel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew.

Fil-każ 2172/2005/MHZ, l-ilmentatur esprima t-tħassib tiegħu dwar *sponsorship* kummerċjali ta' Presidenza partikolari. Il-Kunsill kien tal-fehma li *sponsorship* tal-Presidenza tagħha ma kinitx ħaġa li kienet taqas taħt ir-responsabbiltà tagħha b'hal istituzzjoni Komunitarja. L-Ombudsman issuġġerixxa, b'hal soluzzjoni bonarja, li l-Kunsill seta' jaċċetta r-responsabbiltà għal din l-affari u jindika r-rieda tiegħu, fi żmien xieraq, li jieħu miżuri biex ma jħallix li jkun hemm *sponsorship* b'hal dak, jew li jirregolah b'mod li jkun assigurat li konflitti li seta' jkun hemm bejn interessi privati u dmirijiet pubbliċi jkun kkontrollati sewwa. Il-Kunsill ma laqax il-proposta. Billi r-rapport uffiċjali



fil-każ 1487/2005/GG kien diġà poġġa l-mistoqsija ġenerali dwar ir-responsabbiltà tal-Kunsill għall-Presidenza tiegħu quddiem il-Parlament Ewropew, l-Ombudsman ma kompliex isegwi l-kwistjoni. L-Ombudsman baqa' mħasseb, iżda, li l-fiduċja taċ-ċittadin fl-Unjoni u l-mod kif din kienet tiffunzjona setgħu jintlaqtu ħażin bin-nuqqas tal-Kunsill li jagħti każ tal-mertu tal-kwistjoni ta' *sponsorship* kummerċjali tal-Presidenza tagħha. L-Ombudsman, għalhekk, kiteb lil kull wieħed mir-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri dwar din il-kwistjoni.

Il-każ 3403/2004/GG kien dwar ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni dwar jekk kienx hemm proċedura ta' appell fl-Iskejjel Ewropej. Għalkemm il-Konvenzjoni li kien hemm u li kienet tirregola l-Iskejjel kienet daħlet fis-seħħ fl-2002, id-dispożizzjoni li kienet tipprospetta proċedura ta' appell ma kinitx implimentata qabel l-2005. Dan id-dewmien qanqal lill-Bord ta' l-Ilmenti jqis li ma kienx kompetenti jisma' l-każ ta' l-ilmentatur, li kien dwar marki mogħtija fl-2004 u li l-ilmentatur kien ilu jipprova jikkontesta sa minn dak iż-żmien. L-Ombudsman hegġegħ lill-Kummissjoni biex tipperswadi lill-Bord tal-Gvernaturi biex jadottaw dispożizzjonijiet li bihom il-Bord ta' l-Ilmenti jkun jista' jisma' l-appell ta' l-ilmentatur. Minkejja li kien hemm sforzi kostruttivi u sostnuti mill-Kummissjoni biex tassisti lill-ilmentatur, il-Bord tal-Gvernaturi naqas li jieħu azzjoni. L-Ombudsman deherlu li, minħabba natura ċara tan-nuqqas u l-importanza tal-kwisjoni, il-Kummissjoni messha insistiet li l-Bord tal-Gvernaturi jiddiskuti l-proposta. Minħabba l-importanza tal-kwistjoni, il-Kummissjoni talbet lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej biex ipoġġi d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fuq l-aġenda tal-Bord tal-Gvernaturi.





Deċiżjonijiet li segwew investigazzjoni





### 3 DEĊIŻJONIJIET LI SEGWEW INVESTIGAZZJONI

Dan il-Kapitolu jikkonsisti f'għażla ta' sommarji tad-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman fl-2006, li juru l-firxa ta' suġġetti u istituzzjonijiet li dwarhom ikun hemm ilmenti u investigazzjonijiet fuq inizzjattiva tiegħu. Jinkludi sommarji tad-deċiżjonijiet kollha imsemmijin fl-analiżi tematika tal-Kapitolu 2. Is-sommarji ta' deċiżjonijiet fuq ilmenti huma mqassmin, l-ewwel, skond it-tip ta' konstatazzjoni jew riżultat u, wara, skond l-istituzzjoni jew korpo interessat. Sommarji ta' deċiżjonijiet wara investigazzjoni fuq inizzjattiva ta' l-Ombudsman u ta' eżempji ta' mistoqsijiet mibgħutin minn ombudsmen nazzjonali u reġjonali huma ttrattati fl-aħħar tal-Kapitolu.

F'kull sotto-sezzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-każijiet huma ppreżentati fl-ordni tan-numru tal-każ. Per eżempju, fis-sotto-sezzjoni 3.1.2, il-każ 2944/2004/ID jiġi qabel il-każ 3133/2004/JMA. Id-deċiżjoni f'kull wieħed mill-każijiet tista' tinstab fis-sezzjoni tad-deċiżjonijiet tal-websajt ta' l-Ombudsman (<http://www.ombudsman.europa.eu>). Jista' jsir aċċess għad-deċiżjoni rilevanti billi jintuża n-numru tal-każ. Id-deċiżjonijiet huma inklużi sħaħ fil-websajt bl-Ingliż u bil-lingwa ta' l-ilmentatur, jekk din tkun differenti. Kopja tad-deċiżjoni sħiħa, kif tidher fil-websajt, tista tintalab mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman.

#### 3.1 KAŻIJET FEJN MA NSTABITX AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA



##### 3.1.1 Il-Parlament Ewropew

#### NUQQAS TAL-PARLAMENT LI JITLOB KJARIFIKI DWAR SOTTOMISSJONI TA' OFFERTA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1315/2005/BB kontra l-Parlament Ewropew*

Il-Parlament ċaħad l-offerta ta' l-ilmentatur, wara sejħa għall-offerti, ("is-Sejħa"), minħabba li ċertifikat partikolari ma kienx intbagħat fl-orijinal, skond il-kundizzjonijiet tas-Sejħa, iżda ntbagħtet kopja.

Wara li ddeċieda li n-nuqqas imsemmi fis-Sejħa kien essenzjali, fis-sens li kien jikkostitwixxi raġuni għal esklużjoni ta' l-offerta, minħabba dispożizzjoni espliċita tas-Sejħa, l-Ombudsman innota li l-possibilità għall-awtorità tal-kuntratti li tikkuntattja lil min jagħmel offerta, b'konformità mas-Sejħa, għandu jkollha interpretazzjoni stretta bħala "eċċezzjoni speċjali" għall-projbizzjoni tas-Sejħa ta' "[kull]kuntatt bejn daww li jissottomettu l-offerti u l-awtoritajiet kontraenti" wara li jkunu nfetħu l-offerti. L-Ombudsman qies ukoll il-bżonn li jkun assigurat it-trattament ugwali ta' daww li jagħmlu l-offerti. Fid-dawl ta' dan kollu, il-korrezzjoni tan-nuqqas kellha titqies li la kienet "kjarifika" ta' l-offerta u lanqas korrezzjoni ta' "żball klerikali ovvj", skond it-tifsira ta' l-eċċezzjoni rilevanti msemmija fis-Sejħa. Għaldaqstant, id-deċiżjoni li tkun miċħuda l-offerta ma kinitx tikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni ħażina.



L-Ombudsman għamel ukoll rimarka ulterjuri dwar l-istqarrija tal-Parlament li f'dan il-każ huwa "m'għamilx użu mil-libertà tiegħu li jitlob għal informazzjoni jew ċertifikazzjoni supplimentari meta dawn ikunu nieqsa". Din ir-rimarka ulterjuri wriet li l-istqarrija msemmija ma kinitx taqbel mas-Sejħa nnifisha u mall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba dwar l-eżerċizzju ta' setgħat diskrezzjonali.



### 3.1.2 Il-Kummissjoni Ewropea

#### DEWMIEN FIS-SMIGĦ FIL-MERTI TA' ILMENT DWAR L-ARTIKOLU 226

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2944/2004/ID kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatriċi ippreżentat ilment ta' ksur lill-Kummissjoni f'Awwissu, 2003. F'Awwissu, 2004, hija sostniet f'ilment li għamlet lill-Ombudsman li l-Kummissjoni kienet naqset li tinfurmaha bl-evalwazzjoni tagħha dwar il-merti ta' l-allegazzjoni tagħha dwar regolamenti nazzjonali fuq siegħat ta' xogħol u ħin *on-call* li allegatament kienu jiksru Direttivi Komunitarji.

Fid-deċiżjoni tiegħu fuq l-ilment, l-Ombudsman, l-ewwel innota li, skond l-impenn li kienet għamlet il-Kummissjoni f'punt 8 tal-Komunika tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentatriċi dwar il-ksur tad-dritt Komunitarju<sup>1</sup>, l-iskadenza ta' sena msemmija f'dak il-punt setgħat ma tkunx osservata biss f'każijiet speċjali, u li l-Kummissjoni kellha tispegja, b'mod adegwat, ir-raġunijiet għad-dewmien.

F'dan il-każ, il-Kummissjoni spjegat li hija kienet ipposponiet deċiżjoni jekk tkomplex tittratta l-ilment dwar l-Artikolu 226 minħabba li l-proċess ta' azzjoni eventwali kien jiddependi fuq il-proċess tal-proposta tagħha tat-22 ta' Settembru, 2004, biex tkun emendata l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-ħin tax-xogħol, inkluż il-ħin *on-call*. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni innotat li l-proposta kienet għet adottata wara konsultazzjoni estensiva fl-Ewropa kollha, wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fil-każijiet C-303/98 u C-151/02, li kellhom effett kbir fuq l-Istati Membri, l-aktar fuq is-sistema tas-saħħa pubblika tagħhom. F'din id-deċiżjoni (mogħtija f'Jannar, 2006), l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni kienet tat spegazzjonijiet raġonevoli u adegwati għan-nuqqas tagħha li tevalwa l-merti ta' l-ilment dwar l-Artikolu 226 qabel l-iskadenza taż-żmien ta' sena msemmija hawn fuq. Madankollu, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri, li fiha huwa tenna li hija Prattika amministrattiva tajba għall-Kummissjoni li żżomm lill-ilmentaturi informati bl-istat ta' l-ilmenti li huma jipprezentawliha, u ħeġġeġ lill-Kummissjoni li tinforma regolarment lill-ilmentatriċi dwar l-istat ta' l-ilment tagħha. Huwa nnota wkoll li l-ilmentatriċi setgħat tippreżenta ilment ġdid lill-Ombudsman, jekk ma kinitx sodisfatta bil-mod kif il-Kummissjoni kompliet tittratta l-ilment ta' ksur tagħha.

#### L-EVALWAZZJONI TAL-KUMMISSJONI TAL-LEĠIŻLAZZJONI SPANJOLA DWAR IX-XANDIR TA' KORRIDI

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3133/2004/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq ilment formali fejn l-ilmentatur allega li l-liġi Spanjola għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 89/552/KEE<sup>2</sup>, jiġifieri l-Istatut 22/1999, ma kinitx tinkludi l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 22 tad-Direttiva li jistipula li x-xandiriet televiżivi

<sup>1</sup> KUMM(2002) 141 finali, ĠU 2002 C 244, p. 5.

<sup>2</sup> Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE tat-3 ta' Ottubru 1989 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti minn Liġi, Regolament jew Azzjoni Amministrattiva fl-Istati Membri dwar it-tweġiq ta' attivitajiet ta' xandir televiżiv, ĠU 1989 L 298, p. 23.



m'għandhomx jinkludu programmi li jistgħu jagħmlu ħsara lill-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tal-minorenni, b'mod partikolari programmi li jinvolvu vjolenza għal xejn b'xejn, bħal, fl-opinjoni ta' l-ilmentatur, wirjiet ta' korridi.

Il-Kummissjoni sostniet li l-obbligi kollha li jinsabu fid-Direttiva kienu ġew trasposti korrettament ma' l-Att 22/1999, u li l-Artikolu 17 ta' l-Istatut jirrifletti b'mod sħiħ l-obbligi stipulati fl-Artikolu 22 tad-Direttiva. Hija kienet tal-fehma li, għalkemm l-leġiżlazzjoni Spanjola ma tinkludix referenza għal vjolenza għal xejn b'xejn, dan il-kunċett, kif ukoll dak tal-pornografija, jissemmew fid-Direttiva biss bħala eżempji tal-kontenut ta' programm televiżiv li jista' jagħmel ħsara serja lill-iżvilupp tal-minorenni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, madankollu, l-iskop ta' din id-dispożizzjoni m'huwix limitat għal dawn iż-żewġ aspetti speċifiċi, iżda jista' jinkludi wkoll sitwazzjonijiet oħrajn.

L-Ombudsman osserva li l-Artikolu 22 tad-Direttiva jipprojbixxi b'mod espliċitu lill-Istati Membri milli jippermettu lix-xandara taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom milli jxandru programmi televiżivi li jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-iżvilupp tal-minorenni. Id-Direttiva, madankollu, ma tinkludix definizzjoni tat-tipi speċifiċi ta' programmi li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jagħmlu ħsara lill-iżvilupp tal-minorenni, għalkemm issemmi dawk li jinkludu pornografija jew vjolenza għal xejn b'xejn bħala eżempji li għandhom jiġu inklużi taħt din il-kategorija. L-Ombudsman, waqt li għamel referenza għall-Artikolu 249(3) tat-Trattat tal-KE u l-każistika tal-qrati tal-Komunità, sqarr li t-traspożizzjoni ta' direttiva fil-liġi nazzjonali ma teħtieġx neċessarjament li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jiddaħħlu kelma b'kelma f'dispożizzjoni espressa u speċifika tal-liġi nazzjonali, peress li l-kuntest legali ġenerali jista' jkun biżżejjed jekk dan attwalment jiżgura l-applikazzjoni sħiħa tad-Direttiva b'mod ċar u preċiż.

L-Ombudsman osserva li l-Artikolu 22 tad-Direttiva u d-dispożizzjoni li timplimentaha taħt il-liġi Spanjola, jiġifieri l-Artikolu 17 ta' l-Istatut 22/1999, kienu kważi identiċi, ħlief li l-liġi Spanjola ma ssemmix speċifikament programmi li jinvolvu pornografija jew vjolenza għal xejn b'xejn. Kif stabbilit fl-analiżi tal-Kummissjoni ta' l-adegwatezza ta' din it-traspożizzjoni, kull programm li jinvolvi pornografija jew vjolenza għal xejn b'xejn ċertament jitqies li jagħmel ħsara lill-iżvilupp tal-minorenni u b'hekk jaqa' taħt l-iskop tad-dispożizzjoni implimentattiva Spanjola. Wara li kkunsidra l-mod kif inhuma miktuba u l-iskop tad-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dehret li hija raġonevoli. L-Ombudsman b'hekk ikkonkluda li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tipproċedix bi proċeduri ta' ksur kontra l-awtoritajiet Spanjoli u, b'hekk, li tagħlaq l-ilment formali ppreżentat mill-ilmentatur, tidher li hija raġonevoli.

## IT-TERMINAZZJONI TA' KOOPERAZZJONI IBBAŻATA FUQ ARRANĠAMENTI FIT-TUL

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 191/2005/BB kontra l-Kummissjoni*

EuronAid ("EA"), assoċjazzjoni li ma tagħmilx profitt ta' diversi NGO, kienet ilha 20 sena timmobilizza għajnuna fil-forma ta' f'ikel fil-qafas tal-Programmi ta' l-NGO tal-Kummissjoni ta' Għajnuna f'Ikel u Sigurtà ta' l-Ikel. F'Settembru, 2004, il-Kummissjoni baġtet ittra lill-EA li biha kkonfermat li, minħabba r-Regolament Finanzjarju l-ġdid<sup>3</sup>, hija ma setgħatx tidħol f'relazzjonijiet kuntrattwali ġodda ma' l-EA fuq il-bażi ta' l-arranġamenti tagħha li kienu ilhom hemm għal żmien twil.

Il-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq (iv) l-Artikoli 54 u 57 tar-Regolament Finanzjarju u (ii) l-Artikoli 110 u 89 tar-Regolament Finanzjarju u l-prinċipji ta' trasparenza u kompetizzjoni ħielsa. L-ilmentatur ikkontesta kemm kien f'loku dak ir-raġunament. Iżda, l-argument tiegħu kien biss kontra l-motiv (i) u ma kkontestax speċifikament il-motiv (ii). L-Ombudsman osserva li l-prinċipji u r-regoli Komunitarji li jirregolaw l-ġoti ta' għajnuna jew kuntratti ta' servizzi pubbliċi

<sup>3</sup>

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju, 2002, dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej; ĠU 2002 L 248, p. 1.



kienu jikkostitwixxu bażi separata, awto-suffiċjenti u indipendenti mid-deċiżjoni kontestata, meqjus il-fatt li l-kooperazzjoni li l-Kummissjoni u l-EA kellhom qabel ma r-Regolament Finanzjarju kien daħal fis-seħħ, kienet tidher li kienet ibbażata fuq l-għoti *dirett* ta' għajnuna u kuntratti ta' servizzi. Tabilħaqq, anki jekk wieħed jassumi, kif l-EA sostniet, li x-xogħlijiet magħmulin mill-EA fil-qafas tal-kooperazzjoni ta' qabel mal-Kummissjoni kienu "*xogħlijiet tekniċi ta' natura esperta u amministrattiva, xogħlijiet ta' tħejji u anċillari li ma kinux jinvolvu la l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika, lanqas l-użu ta' setgħat diskrezzjonali ta' ġudiżżju*" skond it-tifsira ta' l-Artikolu 57(2) tar-Regolament Finanzjarju, xogħlijiet bħal daww ma setgħux, f'kull każ, ikunu assenjati lill-EA b'nuqqas ta' ħarsien tal-prinċipji u r-regoli Komunitarji li jirregolaw l-għoti ta' għajnuna jew kuntratti ta' servizzi. L-Ombudsman, għalhekk, ma sabx li kien hemm amministrazzjoni ħażina.

## L-GĦAŻLA TA' ESPERTI SKOND IS-SITT PROGRAMM TA' QAFAS

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 552/2005/SAB kontra l-Kummissjoni*

L-ilmentatur allega li d-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riċerka kien kiser il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba meta għażel biex jassistuh fl-evalwazzjoni ta' proposti taħt is-Sitt Programm ta' Qafas l-istess esperti li kienu mpjegati miegħu qabel. Wara li l-Kummissjoni fissret, fl-opinjoni tagħha, li hija użat prinċipju speċjali ta' rotazzjoni fl-għażla ta' esperti, kif kien stabbilit fil-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-Evalwazzjoni ta' Proposti u l-Proċeduri ta' l-Għażla<sup>4</sup> u bil-kundizzjoni li mhux anqas minn 25% ta' l-esperti kellhom jinbidlu kull sena kalendarja, l-ilmentatur ikkontesta kemm din il-kwota kienet korretta.

L-Ombudsman osserva li, skond il-linji gwida tal-Kummissjoni, il-proċeduri ta' evalwazzjoni proposti kienu magħmulin biex jiġihaddmu kemm jista' jkun b'ħeffa waqt li jżommu l-kwalità ta' l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni kienet stabbilit kwota bil-ħsieb li jkun hemm bilanċ xieraq fl-għażla ta' esperti ġodda u fl-interess leġittimu li jinżammu esperti ta' esperjenza u bi kwalifiki għolja. L-Ombudsman innota wkoll li l-prattika ta' qabel li jinbidlu terz ta' l-esperti dehret li kienet gābet magħha problemi sinjifikanti biex jinstabu esperti biżżejjed u li l-Kummissjoni kienet, wara konsultazzjonijiet estensivi u wara bosta snin ta' esperjenza rilevanti, adottat il-kwota kkontestata. L-Ombudsman sostna li dawn il-ġustifikazzjonijiet oġġettivi għall-kwota msemmija kienu rilevanti u leġittimi, u kkonkluda li ma kienx ġie ppruvat li l-Kummissjoni kienet eċċediet il-marġni tad-diskrezzjoni tagħha. L-Ombudsman, għalhekk, ma sabx li kien hemm amministrazzjoni ħażina.

## KANĊELLAZZJONI TA' FINANZJAMENT GħAL XOGĦOL TA' STANDARDIZZAZZJONI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1252/2005/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fi ftehim iffirmat fl-1991, il-Kummissjoni impennjat ruħha li tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-*"Comité Européen de Normalisation"* (CEN) għall-abbozzar ta' ċerti standards Ewropej. L-ilmentatur, espert Ġermaniż, ġie maħtur bħala mexxej ta' proġett minn wieħed mis-sottokuntratturi tas-CEN biex iwettaq ċerti testijiet għal standard Ewropew.

F'Mejju/Ġunju 2002, il-Kummissjoni u CEN iffirmaw addendum għall-ftehim, li permezz tiegħu temmew il-finanzjament għall-proġett.

L-ilmentatur allega li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkanċella l-finanzjament tagħha kienet skorretta u inġusta. Huwa sostna li l-Kummissjoni għandha tibgħat l-ammont dovut lil CEN sabiex b'hekk il-korpi u persuni involvuti jkunu jistgħu jiġihallu ta' xogħlhom.



Il-Kummissjoni osservat li l-progress tal-ħidma ta' standardizzazzjoni taħt għadd ta' ftehim kien miexi bil-mod u ma kienx sodisfaċenti. B'mod konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda, hija b'hekk temmet dawn il-ftehim b'konsultazzjoni mal-kuntratturi. Il-Kummissjoni ma kienet responsabbli għal ebda ftehim ta' sottokuntrattar. CEN kienet f'pożizzjoni li tinforma lil kull parti involuta dwar it-terminazzjoni ppjanata u li tindirizza kull talba għal hlaas li kienet għadha pendenti lill-Kummissjoni qabel it-terminazzjoni tal-ftehim. Il-Kummissjoni b'hekk ikkunsidrat li hija kienet issodisfat l-obbligi legali kollha tagħha.

L-Ombudsman stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tagħtih opinjoni dwar l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li d-deċiżjoni kienet inġusta. F'dan il-kuntest, l-Ombudsman osserva li l-korrispondenza rilevanti ma kinitx issemmi jekk il-Kummissjoni kinitx tat avviż minn qabel ta' l-intenzjoni tagħha li ttemm il-ftehim.

Il-Kummissjoni ddikjarat li l-minuti tal-laqgħat li hija kellha mal-kuntratturi kienu jagħmluha ċara li l-Kummissjoni setgħet tikkanċella l-finanzjament f'kull ħin jekk l-iskedi ta' żmien ma jiġux rispettati. Ma kien hemm ebda raġuni għalfejn kellha tinħareġ twissija oħra lil CEN. Dwar il-kwistjoni jekk id-deċiżjoni kinitx inġusta fil-konfront ta' l-ilmentatur, il-Kummissjoni saħqet li hija qatt ma kellha relazzjoni kuntrattwali miegħu.

Għar-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet illegali, l-Ombudsman osserva li l-ilmentatur ma kienx ikkontesta l-argument tal-Kummissjoni li l-ftehim kien ġie mitmum minn CEN u mill-Kummissjoni bi ftehim reċiproku. Huwa kien tal-fehma li l-ilmentatur ma stabbilixxiex l-allegazzjoni tiegħu.

Għar-rigward ta' l-inġustizzja allegata, l-Ombudsman osserva li l-ilmentatur kien lesta xogħlu sa meta ttieħdet id-deċiżjoni li jiġi kkanċellat il-finanzjament. B'hekk wieħed seta' jifhem li huwa kien urtat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni. Madankollu, l-argument tal-Kummissjoni li ma kien hemm ebda raġuni għal twissija ulterjuri dehret li kienet raġonevoli. L-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni ma setgħatx tinżamm responsabbli għad-deċiżjoni ta' CEN li ma tissottomettix talba għal hlaas fir-rigward tal-ħidma ta' l-ilmentatur. Huwa għalaq il-każ b'konstatazzjoni li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina.

### KSUR ALLEGAT TA' DRITTIIJET TA' PROPRIJETA' INTELLETWALI RIGWARD PROGRAMM TA' TRADUZZJONI

#### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2601/2005/ID kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatriċi, kumpanija bl-isem SYSTRAN, allegat li l-Kummissjoni kienet qegħda tikser id-drittijiet proprjetarji tagħha fi programm ta' traduzzjoni awtomatika. Skond l-ilmentatriċi, dawn id-drittijiet kienu jirrikjedu li l-Kummissjoni tikseb l-awtorizzazzjoni tagħha qabel twettaq ċertu tibdil fil-programm, li kien żviluppat fuq il-bażi ta' diversi kuntratti mal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ma kkuntestatx l-eżistenza tad-drittijiet ta' proprjetà intelletwali ta' SYSTRAN fuq il-programm, iżda minflok esprimiet dubji rigward l-għan u l-firxa ta' dawn id-drittijiet. Hi argumentat, fil-qosor, li l-oneru tal-prova li verament kien hemm ksur ta' drittijiet rilevanti ta' proprjetà intelletwali kien jispetta lill-ilmentatur u li dan ta' l-aħħar kellu l-ewwel jistabbilixxi l-bażi legali u kuntrattwali ta' dawk id-drittijiet.

L-Ombudsman innota li l-aspetti legali ta' protezzjoni ta' dritt, bħalma hu dak li għalih irreferiet l-ilmentatriċi, jista' jiddependi fuq il-leġiżlazzjoni applikabbli u fuq il-kontenut tar-relazzjonijiet kuntrattwali stabbiliti bejn il-partijiet konċernati, skond din il-leġiżlazzjoni. Fil-każ preżenti, l-ilmentatur sempliċement ikkonstata li d-dritt tiegħu kien rikonoxxut mid-Direttiva 91/250/KEE dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter<sup>5</sup> kif ukoll bit-totalità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta'

<sup>5</sup>

Direttiva tal-Kunsill 91/250/EEC ta' l-14 ta' Mejju 1991 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter, ĠU 1991 L 122, p. 42.





L-Istati Membri, b'mod partikolari Franza, il-Belġju u l-Lussemburgu. Minkejja dan, ma rrefera għal ebda dispożizzjoni ta' tad-Direttiva (li kienet indirizzata lill-Istati Membri, mhux lill-Komunità jew lill-istituzzjonijiet tagħha) u lanqas tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti applikabbli, u lanqas ma rnexxielu jiċċara liema leġiżlazzjoni nazzjonali kellha tapplika u għalxiex. Barra minn hekk, l-ilmentatur kellu l-inkarigu li jispjega u jstabilixxi l-bażi legali tad-dritt li allegatament kien inkisser, eżerċizzju li ma rnexxilux iwettaq. Għaldaqstant l-Ombudsman ikkonkluda li l-ilmentatur ma pprova l-allegat ksur.

L-Ombudsman ikkonkluda billi stieden l-ilmentatur u lill-Kummissjoni sabiex jikkunsidraw il-possibilità li jissottomettu l-kwistjoni tagħhom għall-proċedura ta' medjazzjoni, li permezz tagħha l-partijiet setgħu jilhqqu soluzzjoni aċċettabbli għall-problema bl-għajnuna ta' medjatur(i), jew għallinqas, jidentifikaw il-kwistjonijiet legali, fattwali u tekniċi li jeżistu fil-kwistjoni b'eżattezza u ċarezza suffiċjenti u dan qabel ma jissottomettu l-każ quddiem qorti jew struttura ta' arbitraġġ.



### 3.1.3 Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

#### AVVIŻ TA' KUNTRATT GĦAL SERVIZZI TA' TRADUZZJONI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2523/2005/TN kontra l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej*

L-ilment kien dwar avviż ta' kuntratt, ippubblikat mill-Qorti, dwar il-konklużjoni ta' kuntratti ta' qafas għat-traduzzjoni ta' testi legali. L-ilmentatriċi kienet aġenzija Żvediża tar-traduzzjonijiet, li wara li kienet applikat biex tipparteċipa, ġiet mistiedna tagħmel offerta. Iżda din l-istedina kellha kundizzjoni li ma kinitx imsemmija fl-avviż oriġinali tal-kuntratt, jiġifieri li t-traduttur għal kull kombinazzjoni ta' lingwi kellu jagħmel eżami ta' traduzzjoni fi żmien 37 jum bħala parti mill-offerta. Billi t-traduttur tagħha għat-traduzzjonijiet mill-Ingliż għall-Iżvediż u mill-Franċiż għall-Iżvediż kien jinsab fuq btala ta' 35 jum fiż-żmien meta hija rċeviet l-istedina, l-ilmentatriċi ma kinitx f'pożizzjoni li tissodisfa din il-kundizzjoni.

Skond l-ilmentatriċi, il-ħtiġijiet kollha applikabbli għall-proċedura ta' kuntratt kellhom jiġu speċifikati fl-avviż tal-kuntratt u li l-Qorti ma kinitx għamlet sewwa meta bidlet il-kundizzjonijiet meta l-proċedura kienet għadha għaddejja.

L-argument tal-Qorti kien li hija aġixxiet skond ir-regoli applikabbli, partikolarment id-Direttiva 92/50<sup>6</sup> dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku.

Peress li l-ilmentatriċi ma kkontestatx ir-regoli kif applikati mill-Qorti, l-Ombudsman kien tal-fehma li kien raġonevoli li jeżamina l-każ fid-dawl tad-Direttiva 92/50. L-Artikolu 32(3) tad-Direttiva 92/50 jissuġġerixxi li kien biżżejjed li ċerti kundizzjonijiet relatati ma' informazzjoni jiġu speċifikati biss fl-istedina għall-offerti biss u mhux neċessarjament fl-avviż tal-kuntratt. L-Ombudsman qies li din il-konklużjoni kienet sostnuta bl-Artikolu 19(2)(d), li jgħid li l-ittra li tistieden lill-kandidati magħżulin biex jibagħtu l-offerta tagħhom kellha tinkludi indikazzjoni ta' kull dokument li kellu jkun anness jew biex isostni d-dikjarazzjonijiet verifikabbli mibgħuta mill-kandidat jew biex jissupplimenta l-informazzjoni li tkun diġà ntbagħtet. L-Ombudsman deherlu li eżami ta' traduzzjoni kien jikkostitwixxi informazzjoni supplimentari ta' din ix-xorta u ma deherlux li l-Qorti kienet biddlet il-kundizzjonijiet waqt proċedura li kienet għadha għaddejja. L-Ombudsman, għalhekk, ikkonkluda li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina.

<sup>6</sup>

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE tat-18 ta' Ġunju, 1992, dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' servizz pubbliku, ĠU 1992 L 209, p. 1. Din id-Direttiva m'għadhiex aktar fis-seħħ iżda kienet fis-seħħ fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż.



### 3.1.4 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

#### EVALWAZZJONI ALLEGATAMENT SKORRETTA TA' EŻAMIJIET KOMPETITTIVI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1217/2004/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO)*

L-ilmentatur, li kien ħa sehem f'Konkors Miftuħ COM/A/9/01, organizzat mill-EPSO, kien infurmat li ma kienx fost il-200 kandidat li kienu ġabu l-aħjar marki għall-eżami bil-miktub e) u l-eżami orali f). Kien kiteb lill-EPSO fejn talab għar-reviżjoni tar-riżultati tiegħu għaliex, minħabba l-preparazzjoni serja tiegħu għall-eżamijiet u l-esperjenza li kellu f'dan il-qasam, huwa kien konvint li kienu saru żbalji fil-marki. Huwa baġat ukoll lill-EPSO pakkett li kien jinkludi awdjo CD u erba' paġni ta' 'traskrizzjoni' ta' l-eżami orali tiegħu biex juri li t-tweġibiet tiegħu fl-eżami orali kienu tajbin. Il-Bord ta' l-Għażla żamm ferm mad-deċiżjoni tiegħu. L-ilmentatur appella skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Personal, għal-liema appell l-Awtorità tal-Ħatra tat ir-risposta tagħha fit-2 ta' Marzu, 2004. Iżda l-ilmentatur ma rċevix traduzzjoni tad-deċiżjoni fil-lingwa tiegħu, l-Olandiż.

L-ilment lill-Ombudsman kien jikkontesta l-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-eżamijiet ta' l-ilmentatur u allega li l-Bord kien naqas li jikkunsidra x-xhieda ppreżentata mill-ilmentatur u li jimmotiva r-risposti tiegħu. L-ilmentatur allega wkoll li l-EPSO ma kinitx irrISPettat id-dati ta' skadenza fir-risposti tagħha għall-appell tiegħu skond l-Artikolu 90(2), u kkontesta n-nuqqas tagħha li twieġbu bl-Olandiż.

Fl-opinjoni konġunta tagħhom, il-Kummissjoni u l-EPSO fakkru li l-evalwazzjoni ta' kandidati hija waħda komparattiva u sostnew li l-pakkett mibgħut mill-ilmentatur kellu dokumenti irrilevanti biex terġa' ssir evalwazzjoni ta' l-eżamijiet tiegħu. L-EPSO nnotat ukoll li risposta bl-Olandiż għall-appell skond l-Artikolu 90(2) kienet fil-fatt intbagħtet lill-ilmentatur fl-1 ta' Ġunju, 2004, u esprimiet id-dispjaċir tagħha għad-dewmien.

B'risposta għal aktar sħarriġ, l-EPSO għamlet distinzjoni bejn *ix-xogħol amministrattiv* magħmul mill-personal ta' l-EPSO, fejn hu possibbli li jkun identifikat każ potenzjali ta' amministrazzjoni ħażina, u *d-deċiżjonijiet adottati mill-Bord ta' l-Għażla*, li, hija sostniet, jistgħu ikunu mistħarrġa biss mit-Tribunal għas-Servizz Ċivili.

Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman, waqt li rreferiet għall-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, enfasizzat li l-Ombudsman jista' jeżamina wkoll il-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bord, li tagħhom l-Awtorità tal-Ħatra għandha r-responsabbiltà finali.

Fir-rigward ta' l-evalwazzjoni ta' l-eżamijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm żball manifest fl-evalwazzjoni li kienet għamlet il-Bord, u li l-Bord kien ta motivazzjoni suffiċjenti għad-deċiżjoni tiegħu. L-Ombudsman qies ukoll li 't-traskrizzjoni' ta' l-eżami orali ma kinitx tikkostitwixxi fattur rilevanti għall-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-operat ta' l-ilmentatur minħabba li kienet imsejsa fuq dak li kien jiftakar hu mill-eżami.

Fir-rigward tar-risposta għall-appell ta' l-ilmentatur skond l-Artikolu 90, l-Ombudsman ikkonkluda li, meta jitqies li l-EPSO kien wera dispjaċir għad-dewmien biex jibgħat ir-risposta tiegħu u t-traduzzjoni bl-Olandiż, ma kienx hemm ħtieġa ta' aktar sħarriġ. Iżda, huwa rrimarka ulterjorment billi ħeġġeġ lill-Awtorità tal-Ħatra li tibda tibgħat risposta provviżorja jekk taħseb li r-risposta tagħha tkun se tintbagħat wara li jkun skada t-terminu ta' erba' xhur.



**IN-NUQQAS TA' AMMISSIBILITA' GĦAL EŻAMI TA' GĦAŻLA**

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1482/2005/MHZ kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO)*

L-ilment tressaq f'isem l-Assoċjazzjoni tal-Gradwati ta' l-Iskola Nazzjonali ta' l-Amministrazzjoni Pubblika fil-każ ta' Kompetizzjoni Miftuħa EPSO/A/8/03 għal assistenti amministrattivi (nazzjonalità Pollakka) fil-qasam tal-“Verifika.”

Numru ta' kandidati Pollakki li kienu ġew innominati awdituri ta' l-istat mill-Kamra Suprema tal-Kontroll fil-Polonja (“Il-Kamra tal-Kontroll”), wara li għaddew mill-eżaminazzjoni rilevanti u hađu taħriġ speċifiku fil-verifika, tħallew barra mill-konkors minħabba li l-grad universitarju tagħhom ma kienx f'suġġett rilevanti u li l-kwalifiki professjonali tagħhom ma laħqux il-livell ekwivalenti meħtieġ.

L-ilmentatur allega li l-Bord ta' l-Għażla naqas milli jikkunsidra s-sistema Pollakka ta' taħriġ ta' awdituri u li allura żbalja fil-valutazzjoni tal-kwalifiki tal-kandidati Pollakki. Kien sostnut ukoll li l-EPSO għandha tniedi minnufih konkors ġdid fil-qasam tal-verifika li fiha l-kandidati mill-Polonja jkunu jistgħu jieħdu sehem.

L-EPSO ġibed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-Bord għandu diskrezzjoni wiesgħa fir-rigward ta' l-ivvalutar tal-kwalifiki tal-kandidati u li tali valutazzjoni ssir fuq il-bażi ta' dak mitlub kif stipulat fl-Avviż tal-Kompetizzjoni. L-EPSO osserva wkoll li kien organizza żewġ kompetizzjonijiet ġodda fil-qasam tal-verifika (EPSO/AD/23-24/05), li fiha l-kandidati li ma kellhomx grad f'qasam rilevanti għadoveri kkonċernati setgħu jkunu ammessi fuq il-bażi ta' kwalifikazzjoni addizzjonali rilevanti.

L-Ombudsman wera l-fehma li l-EPSO, fit-tfassil ta' l-Avviż ta' Kompetizzjoni, ma kienx fehem b'mod sħiħ il-mod kif kienet taħdem is-sistema edukattiva Pollakka fil-qasam tal-verifika finanzjarja, iżda fit-tfassil ta' avviżi għal kompetizzjonijiet ġodda, jidher li EPSO għamel l-aħjar użu minn informazzjoni addizzjonali li l-ilmentatur kien ġibdu l-attenzjoni għaliha. L-Ombudsman osserva wkoll li l-kandidati li l-applikazzjoni tagħhom kienet ġiet irrifjutata issa kienu mid-dehra eliġibbli li jipparteċipaw fil-kompetizzjonijiet il-ġodda u li l-ilmentatur kien għamilha ċara li ma kienx qed ifittex l-annulament tal-kompetizzjoni in kwistjoni.

L-Ombudsman ikkonkluda li ebda sħarriġ ieħor dwar din il-kwistjoni ma kien iġġustifikat u għalaq il-każ.

**OBLIGU TA' APPLIKAZZJONI GĦAL KONKORS WIEĦED BISS MINN TLIET KONKORSI PARALLELI**

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2616/2005/SAB kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO)*

L-EPSO ppubblika avviżi għal tliet konkorsi għal amministraturi lingwistiċi, li għarrfu lill-kandidati li l-eżamijiet għal dawn il-konkorsi setgħu jsiru fl-istess ħin u li avżawhom biex japplikaw għal wiehед biss minn dawn il-konkorsi. L-ilmentatur ikkontesta din ir-restrizzjoni u xtaq japplika għat-tliet konkorsi.

L-EPSO qal li huwa kien organizza l-eżamijiet tal-konkorsi fl-istess ħin għal raġunijiet li kellhom x'jaqsmu mal-kontroll ta' l-esiġenzi tal-ħin u l-implikazzjonijiet finanzjarji inerenti fil-proċeduri ta' reklutaġġ li kienu jinvolvu għadd kbir ta' kandidati.

L-Ombudsman ra li l-ispejgazzjoni ta' l-EPSO kienet raġonevoli fid-dawl ta' l-għanijiet leġittimi biex ikun żgurat kontroll tajjeb tal-ħin u l-użu razzjonali tar-riżorsi finanzjarji disponibbli. Is-soluzzjoni alternattiva li tobbliga l-EPSO li torganizza separatament l-eżamijiet tal-konkorsi imsemmija, biex il-kandidati li riedu joqogħdu għalihom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-konkorsi kollha, kienet



toħloq diffikultajiet sproporzjonati u mhux raġonevoli għall-amministrazzjoni u ħafna dewmien mhux ġustifikat għall-istituzzjonijiet u kandidati oħrajn. Wara li qies dawn il-kunsiderazzjonijiet u l-fatt li l-eżamijiet tal-konkorsi miftuħa msemija kienu fil-fatt saru fl-istess jum, l-Ombudsman ikkonkluda li xejn ma kien jindika li l-EPPO kien mar lil hinn mill-marġni tas-setgħat diskrezzjonali tiegħu meta ħalla lill-kandidati japplikaw għal wieħed biss mill-konkorsi. L-Ombudsman, għalhekk, sab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina.

Iżda l-Ombudsman ikkunsidra li, bħala regola, l-EPPO m'għandux jipprojbixxi lill-kandidati milli japplikaw għal aktar minn konkors parallel wieħed, sakemm ma jkunx ċert li l-eżamijiet għall-konkorsi jkun tabilħaqq se jsiru fl-istess ħin. Huwa għamel rimarka ulterjuri f'dan is-sens.

### EVALWAZZJONI TA' TWEĠIBA TA' KANDIDAT GĦAL MISTOQSIJA TA' EŻAMI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3389/2005/WP kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPPO)*

L-ilmentatur ħa sehem f'konkors miftuħ għal qarreja tal-provi fil-lingwa Ġermaniża. Waħda mill-mistoqsijiet ta' l-eżami kienet din: "Xi tfisser 'prelims'? (a) dik il-parti tal-ktieb li tiġi qabel il-parti testwali; (b) il-biblijografija; (c) it-titolu prinċipali flimkien mas-sotto-titoli korrispondenti; (d) ebda waħda minn dawn." L-ilmentatur kien għażel it-tweġiba (d). Iżda skond il-lista ta' tweġibiet tajba, it-tweġiba (a) kienet it-tajba.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Bord ta' l-Għażla kien għamel evalwazzjoni ħażina li t-tweġiba tiegħu kienet skorretta. Sostna li mhux biss il-parti tal-ktieb li tiġi qabel il-parti testwali tikkostitwixxi l-'prelims', imma li xi minn daqqiet partijiet tal-'prelims', bħal paġni vojta jew ritratt ta' l-awtur, jiġu jidhru wara l-parti testwali. L-ilmentatur irrefera wkoll għal annotazzjoni f'dizzjunarju li ġejja: "Il- 'prelims' huma l-paġni ta' ktieb li jiġu qabel it-test stess, bħalma hija l-marka tal-pubblikatur. (...) F'kotba ta' xi pubblikaturi l-marka tista' tkun fl-aħħar tal-ktieb."

Fl-opinjoni tiegħu, l-EPPO ssottometta li l-Bord ta' l-Għażla għandu setgħat wiesa' ta' diskrezzjoni u la huwa obligat jispjega eżattament għaliex dak li jkun wieġeb kandidat ma jkun tqies li kien biżżejjed, lanqas li jagħti informazzjoni dettaljata dwar l-evalwazzjoni li huwa jkun għamel. Madankollu, l-EPPO għarraf lill-Ombudsman li, wara li kien reġa' eżamina l-każ ta' l-ilmentatur, il-Bord ta' l-Għażla kkunsidra li, bir-referenza li kien għamel għall-annotazzjoni tad-dizzjunarju, l-ilmentatur ikkonferma l-pożizzjoni ġenerali tal-"prelims" fi ktieb. Għalhekk, kien ovvju anki għalih li t-tweġiba (a) ma setgħetx kienet ħażina. Għaldaqstant, it-tweġiba (d) ma setgħatx titqies li kienet korretta. L-EPPO kien tal-fehma li l-ilmentatur ma kienx irnexxielu juri li kienet ħaġa impossibbli li tinstab it-tweġiba korretta għall-mistoqsija msemija.

Bl-applikazzjoni ta' l-istess kriterji tal-Qrati Komunitarji f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet ta' reklutaġġ, li huma kkaratterizzati mid-diskrezzjoni wiesgħa li għandu l-Bord ta' l-Għażla, l-Ombudsman ipprova jstabbilixxi jekk kienx hemm żball manifest fl-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla. Anki mill-informazzjoni mogħtija lill-Ombudsman, kien jidher li, per eżempju, il-marka tal-pubblikatur, li ġeneralment tagħmel parti mill-"prelims", hija tassew, kultant, stampata wara l-paġni testwali. L-Ombudsman, għalhekk, fehem għaliex l-ilmentatur eżita meta ġie biex jagħżel it-tweġiba (a). Iżda kieku kellu jingħad li d-definizzjoni ta' l-ilmentatur ta' "prelims" kienet korretta, l-Ombudsman deherlu li t-tweġiba (d) ma setgħatx kienet korretta għaliex ma kienx kontestat li l-"prelims" (ukoll) juru l-parti tal-ktieb qabel il-parti testwali, u, għalhekk, it-tweġiba (a) ma setgħatx tkun eskluża bħala ħażina.

F'kull każ, l-Ombudsman qies li l-ilmentatur ma kienx wera li kien hemm żball manifest fl-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla. L-Ombudsman għalaq il-każ billi sab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina.

**AMMINISTRACZJONI ALLEGATAMENT ĦAŻINA TA' KONKORS MIFTUĦ**

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 472/2006/DK kontra l-uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO)*

Parteċipant f'konkurs miftuħ organizzat mill-EPSO ilmenta lill-Ombudsman li l-konkurs ma kienx trasparenti biżżejjed u organizzat sew. Allega l-aktar li t-termini ta' żmien għar-reġistrazzjoni għall-eżamijiet ta' l-għażla ma kinux rispettati.

L-EPSO rrikonoxxa li diversi kandidati kienu sabu diffikultajiet meta ppruvaw jirreġistraw għall-eżamijiet, minħabba l-fatt li numru kbir ta' kandidati ippruvaw jirreġistraw fl-ewwel jum tal-perjodu tar-reġistrazzjoni u b'riżultat ta' dan is-sistema ta' l-IT tgħabbiet iżżejjed. L-EPSO, għalhekk, kellu jgħallq sistema ta' kju biex jillimita l-inkonvenjenza kkawżata mid-diffikultajiet imsemmija. Huwa sostna li qatt ma kienet naqas li jtippublika informazzjoni rilevanti u aġġornata fil-Portal EPSO (profil *on-line*) tal-kandidati u fuq il-websajt uffiċjali tiegħu.

Wara li qies ix-xorta ta' informazzjoni mogħtija mill-EPSO fuq il-websajt uffiċjali tiegħu u fil-Portal EPSO tal-kandidati, kif ukoll kemm din l-informazzjoni kienet ingħatat malajr, l-Ombudsman sab li l-EPSO kien ta lill-kandidati, fuq bażi regolari u b'konformità mas-Sejħa għat-turija ta' interess, informazzjoni dwar l-istadji suċċessivi tal-proċedura ta' l-għażla. F'dan il-kuntest, l-Ombudsman innota li l-EPSO kien għamel sforzi, bil-ħsieb li jagħti servizz, biex tinforma lill-kandidati dwar id-diffikultajiet tekniċi li huwa kien iltaqa' magħhom, u t-tibdiliet li kienu meħtieġa fl-organizzazzjoni ta' l-eżamijiet ta' l-għażla biex jagħmlu tajjeb għal dawn id-diffikultajiet. Barra minn hekk, l-informazzjoni mogħtija mill-EPSO kienet ċara u adegwata, billi ppermettiet lil qarrej raġonevoli jifhem liema kien se jkun l-istadju li jmiss tal-proċedura u liema element tal-proċedura kien inbidel. L-Ombudsman qies ukoll li l-EPSO oriġinarjament ma setax ikun jaf minn qabel bil-problema teknika msemmija hawn fuq, li kien ħa ħsieb b'mod xieraq dak li nqala' għal għarrieda, u, l-aktar importanti, li kien għarraf lill-kandidati, mingħajr dewmien, bit-tibdiliet relattivi fl-organizzazzjoni tal-konkurs. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ombudsman sab li ma kienx hemm amministracziġni ħażina li tikkorrispondu ma' l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur.

**3.1.5 Il-Bank Ewropew għall-Investment****RIFJUT LI TINGĦATA INFORMACZJONI DWAR IL-POSSIBILTÀ TA' FINANZJAMENT TA' PROĠETT F'PAJJIŻ KANDIDAT**

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3501/2004/PB kontra l-Bank Ewropew għall-Investment (BEI)*

Il-BEI rrifjuta t-talba ta' l-ilmentaturi, ippreżentata fl-2003, għal informazzjoni dwar il-possibilità li l-Bank jiffinanzja proġett fir-Repubblika Ċeka, għar-raġuni li l-awtoritajiet Ċeki kienu talbuh biex iżomm kunfidenzali dik l-informazzjoni sakemm il-Parlament Ċek ikun approva s-self. Bi tweġiba għal ilment mibgħut lilu, l-BEI osserva, f'termini ġenerali, li r-rifjut tiegħu kien konformi mal-politika u r-regoli tiegħu fis-seħħ dak iż-żmien. It-tweġiba ma indirizzatx l-argument ta' l-ilmentaturi li, skond pubblikazzjoni tal-BEI, kien ikun hemm trasparenza sakemm il-promoturi tal-proġett kienu jopponuh, għal raġunijiet ġustifikati ta' kunfidenzjalità kummerċjali/tas-suq.

L-ilmentaturi, għalhekk, irrikorrew għand l-Ombudsman.

Waqt li l-Ombudsman kien qed jistħarreġ it-talba, il-BEI irrimedja n-nuqqas oriġinali tiegħu li jindirizza l-argument ta' l-ilmentaturi dwar it-trasparenza billi ta spjegazzjonijiet li kellhom x'jaqsmu ma l-interess pubbliku fir-rigward ta' relazzjonijiet internazzjonali. L-Ombudsman sab li l-BEI seta' b'mod validu joqgħod fuq dawk il-kunsiderazzjonijiet. Barra dan, l-Ombudsman qies

li l-BEI ma kienx obligat li jikseb konferma bil-miktub tax-xewqa tal-Gvern Ċek li jkun hemm il-kunfidenzjalità speċifikament għall-proġett imsemmi, u li fil-kuntest ta' l-istħarriġ tiegħu, il-BEI kien ta' provi biżżejjed dwar l-aġir ta' l-awtoritajiet Ċeki li bihom huwa wasal biex jirrifjuta li jiżvela l-informazzjoni msemmija.

L-Ombudsman innota li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jobbligaw lill-Amministrazzjoni li tagħti liċ-ċittadini l-informazzjoni li dawn ikunu talbu, sakemm hija ma tagħtix raġunijiet validi u adegwati biex ma tagħmilx hekk. Din il-ħtieġa kienet riflessa fil-kodiċi ta' l-BEI nnifsu dwar imġieba amministrattiva tajba, li kienet tirreferi wkoll għall-obbligu li d-deċiżjonijiet ikunu motivati.

Fir-rigward ta' dan il-każ, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx ġie stabbilit li l-BEI kien kiser ir-regoli tiegħu stess dwar aċċess għal informazzjoni. Madankollu, huwa stieden lill-BEI biex, jekk għall-quddiem huwa jirrifjuta li jagħti informazzjoni, huwa jagħti spjegazzjoni adegwata lill-persuna li titlob l-informazzjoni qabel l-istadju ta' ilment lill-Ombudsman.

### 3.1.6 L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi

#### ALLEGAT NUQQAS TA' RISPOSTA GĦAL TALBA GĦAL INFORMAZZJONI

*Sommarju tad-Deċiżjoni għall-ilment 3436/2004/ELB kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)*

L-ilmentaturi kienu diretturi ta' kumpanija li l-proġett tagħha (*Blue Dragon*) kien intgħażel biex jirċievi fondi tal-Kommunità mogħtija taħt l-inizjattiva LEADER II. Fuq suspett li l-fondi li l-kumpanija applikat għalihom kienu soġġetti għal frodi, huma kkuntattjaw lil OLAF. Fi tmiem l-investigazzjoni tiegħu OLAF ikkonkluda li l-fondi mħallsa mill-Kommunità kellhom jiġu rkuprati. L-ilmentaturi allegaw li OLAF naqas milli jwieġeb għad-domandi li ndirizzawlu li kienu jikkonċernaw l-investigazzjoni tiegħu dwar il-proġett ta' *Blue Dragon*.

Fl-opinjoni tiegħu, OLAF innota li xi kwistjonijiet mqajma fl-ittra ta' l-ilmentaturi kienu relatati ma' l-istess avvenimenti u ma' l-istess perjodu bħal daww imsemmija fl-ilment 1769/2002/(IJH)ELB. Fil-kuntest ta' dan l-ilment, OLAF kien ipprova informazzjoni estensiva fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma fis-sottomissjonijiet. Barra minn hekk, din il-kwistjoni, kif ukoll kwistjonijiet oħrajn speċifiċi msemmija fl-ittra ta' l-ilmentaturi, kienet ukoll soġġetta għal skrutinju mill-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Kontroll tal-Baġit (COCOB), li OLAF kien għaddielha informazzjoni dettaljata kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm. Li OLAF jerġa' jintalab jipprova risposti dettaljati fuq l-istess suġġett jikkostitwixxi piż amministrattiv żejjed. OLAF kkonkluda li kien ser jillimita s-sottomissjonijiet tiegħu billi jindika lill-ilmentaturi fejn setgħu jsibu r-risposti diġà mogħtija għall-mistoqsijiet li għamlu fl-ittra tagħhom, waqt li pprova informazzjoni supplimentari li setgħet tkun ta' għajjuna.

L-Ombudsman ikkunsidra li, bħala allegati vittmi ta' frodi li ressu l-ilment tagħhom quddiem OLAF, l-ilmentaturi kienu ntitolati li jistennu li OLAF tagħti attenzjoni speċjali lill-interessi tagħhom li jiksbu informazzjoni dwar l-inkjesti rilevanti mmexxija minn OLAF. Hu qies ukoll, iżda, li hemm limiti għad-dover ta' l-istituzzjonijiet Ewropej li jirrispondu għal talba għal informazzjoni skond il-Kodiċi Ewropew ta' Imġieba Amministrattiva Tajba. B'mod partikolari, l-interessi ta' amministrazzjoni xierqa jeħtieġu li d-dover ikun soġġett għall-prinċipju ta' proporzjonalità sabiex ikun evitat piż amministrattiv żejjed. F'ċirkostanzi bħalma huma daww tal-każ in kwistjoni, fejn OLAF kien diġà rrisponda għat-talba magħmula mill-Ombudsman u mill-COCOB, l-Ombudsman ikkunsidra li l-OLAF seta' raġonevolment iwieġeb l-ittra ta' l-ilmentaturi billi jindika fejn kienu diġà ngħataw ir-risposti għal kull waħda mill-mistoqsijiet imqajma mill-ilmentaturi. L-Ombudsman irrikonoxxa li l-ilmentaturi ma kienux sodisfatti bil-kontenut ta' daww ir-risposti.



Minkejja dan, wara eżami b'reqqa tal-mistoqsijiet u tar-risposti, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-allegazzjoni ta' l-ilmentaturi li OLAF kien naqas li jirrispondi ma kinitx fondata.

## 3.2 KAŻIJET SOLVUTI MILL-ISTITUZZJONI



### 3.2.1 Il-Parlament Ewropew

#### AĊĊESS GĦAL ARTIKLU FL-"EP NEWSHOUND"

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1363/2006/MF kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatur, uffiċjal tal-Parlament Ewropew, ipprova jaqra artiklu dwar il-qagħda politika fi Spanja li kien deher fl-4 ta' Marzu, 2006, fl-"EP Newshound" (ir-rivista elettronika interna ta' kull ġimgħa tal-Parlament Ewropew). Iżda l-artiklu fil-frattemp kien ġie rtirat. Permezz ta' email tas-6 ta' April, 2006, l-ilmentatur talab lis-servizz responsabbli għall-"EP Newshound" biex jibgħatlu kopja ta' l-artiklu. Fl-istess jum, is-servizz responsabbli għarraf lill-ilmentatur li, peress li l-artiklu kien ġie rtirat u kkanċellat minħabba "reazzjonijiet popolari", it-talba tiegħu ma setgħetx tintlaqa'.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li r-rifjut tal-Parlament li jagħtih kopja ta' l-artiklu ma kienx ġust, kien diskriminatorju u jikkostitwixxi nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni.

Il-Parlament għarraf lill-Ombudsman li kien iddeċieda li jagħti l-artiklu direttament lill-ilmentatur. L-ilmentatur imbagħad għarraf lill-Ombudsman li kien irċieva l-artiklu u kien sodisfatt bit-tweġiba tal-Parlament. L-Ombudsman ikkonkluda li l-Parlament kien solva din il-kwistjoni.



### 3.2.2 Il-Kummissjoni Ewropea

#### RIFJUT LI JITĦALLSU SALARJU U IMGĦAXIJIET DOVUTI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 106/2005/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jirrigwarda l-allegat rifjut mill-Kummissjoni li tħallas s-salarju ta' bint l-ilmentatriċi, ex-uffiċjal tal-Kummissjoni, li mardet ftit wara li bdiet l-inkarigu tagħha. Wara li kienet ilha marida għal ċertu żmien, il-Kummissjoni ddikjarat li r-riżultat ta' l-eżami mediku li bint l-ilmentatriċi kienet għamlet qabel ma ħadet l-inkarigu tagħha ma kienx validu. Il-Kummissjoni sostniet li bilfors kienet diġà marida fil-ħin ta' l-eżami mediku. Il-kwistjoni tressqet quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, li annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u bint l-ilmentatriċi reġgħet iddaħħlet bħala uffiċjal. Peress li kienet għadha marida, hija ma setgħatx taħdem u finalment ingħatat pensjoni ta' diżabilità minn Novembru ta' l-2002. Madankollu, il-Kummissjoni ma ħalsitx salarju lil bint l-ilmentatriċi għall-perjodu bejn Mejju 2001 sa Ottubru 2002, fuq il-bażi li hija ma kienet ipprovdiet ebda evidenza li n-nuqqas tagħha kien għal raġunijiet mediċi. Bint l-ilmentatriċi għamlet ilment dwar il-kwistjoni taħt l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti dwar l-Impjegati iżda ma ngħatatx risposta fit-terminu ta' żmien stipulat. L-ilmentatriċi b'hekk għamlet ilment lill-Ombudsman f'isem bintha.



L-ilmentatriċi sostniet li l-Kummissjoni diġà kellha l-informazzjoni meħtieġa biex tikkonkludi li bintha kienet marida matul il-perjodu in kwistjoni, billi l-inkapaċità tagħha li taħdem kienet ġiet evalwata mill-Kumitat ta' Invalidità tal-Kummissjoni matul dak il-perjodu. L-ilmentatriċi allegat li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikklassifika l-assenza ta' bintha matul il-perjodu Mejju 2001 sa Ottubru 2002 bħala mhux awtorizzata ma kinitx raġonevoli. L-ilmentatriċi sostniet li l-Kummissjoni għandha tħallas is-salarju lil bintha għall-perjodu in kwistjoni.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni spjegat li hija kienet iddeċidiet li taċċetta l-ilment ta' bint l-ilmentatriċi taħt l-Artikolu 90(2) u li hija kienet ħallsitha s-salarju dovut għall-perjodu in kwistjoni. L-ilmentatriċi kkonfermat li s-salarju kien tħallas iżda rrimarkat li ta' min wieħed jinnota li l-Kummissjoni ma kienet ħallset ebda mġax.

L-Ombudsman osserva li, fl-ilment tagħha taħt l-Artikolu 90(2), bint l-ilmentatriċi mhux biss kienet talbet li s-salarju dovut lilha għandu jitħallas, iżda wkoll li l-Kummissjoni għandha tħallas l-imġax. Billi l-Kummissjoni, fl-opinjoni tagħha, spjegat li kienet ħadet deċiżjoni li permezz tagħha "*taċċetta l-ilment [tal-bint] taħt l-Artikolu 90(2)*", l-Ombudsman sab li kien xieraq li jsiru aktar inkjesti, u saqsa lill-Kummissjoni għalfejn ma kinitx ħallset imġax.

Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni ammettiet li l-imġaxijiet għandhom jitħallsu u l-ilmentatriċi sussegwentement infurmat lill-Ombudsman li l-Kummissjoni kienet ħallsithom. Hija rringrazzjat is-servizzi ta' l-Ombudsman għall-għajjnuna tagħhom sabiex din il-kwistjoni tiġi solvuta.

## RISPOSTA B'LINGWA OĦRA GĦAL APPLIKAZZJONI TA' XOGĦOL

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1841/2005/BM kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur baġat applikazzjoni għal xogħol bl-Ispanjol lir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Barcellona ("*ir-Rappreżentanza*"). Ir-Rappreżentanza baġtet *email* bil-Katalan fejn hija infurmat lill-ilmentatur li ma kienx għadda għat-tieni fażi tal-proċess ta' għażla.

L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni ma kinitx ikkonformat ma' l-Artikolu 21 tat-Trattat tal-KE billi wieġbet l-applikazzjoni tiegħu għal xogħol b'lingwa differenti minn dik ta' l-ittra inizzjali tiegħu u, barra minn hekk, b'lingwa uffiċjali taħt it-Trattat tal-KE.

Il-Kummissjoni spjegat li r-Rappreżentanza ġeneralment tuża ż-żewġ lingwi uffiċjali tar-reġjun, kif stabbiliti fil-Kostituzzjoni Spanjola. F'dan il-każ, ir-Rappreżentanza kienet baġtet *email* bil-Katalan lill-kandidati kollha mhux magħżula. Il-Kummissjoni esprimiet dispaċir għall-iżball, u osservat li traduzzjoni tar-risposta bl-Ispanjol, kif ukoll apoloġija, kienu ntbaġhtu lill-ilmentatur. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-Rappreżentanza kienet impennjata li tiżgura li, fil-futur, l-*emails* intenzjonati għal diversi persuni jintbaġhtu kemm bl-Ispanjol kif ukoll bil-Katalan.

L-ilmentatur informa lill-Ombudsman li huwa kien jikkunsidra l-każ bħala magħluq u rringrazza lill-Ombudsman u lis-servizzi tiegħu talli għenu biex tinstab soluzzjoni pożittiva għall-ilment tiegħu.

## DEWMIEN FIL-ĦLAS TA' GĦOTJA GĦALL-ĠEMELLEĠĠ TA' BLIET

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3172/2005/WP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Awtorità lokali f'Berlin, fil-Ġermanja, u l-awtorità msieħba magħha f'Halton, fir-Renju Unit, organizzaw programm ta' skambju għal studenti ta' l-iskejjel tal-mużika tagħhom, fil-kuntest ta' l-attivitàet tal-ġemellaġġ tal-bliet tagħhom. Għal proġett wieħed, li sar f' Halton, f'Ottubru, 2004, il-Kummissjoni għamlet għotja ta' kważi EUR 11 000. Iżda l-awtorità Ġermaniża ilmentat ma' l-Ombudsman li (i) kien hemm dewmien sinjifikanti fil-mod kif il-Kummissjoni ħadet ħsieb



l-applikazzjoni għal fondi, (ii) il-Kummissjoni kienet naqset li tħallas is-sehem tagħha ta' l-għotja, u (iii) l-isforzi tagħha stess biex tikkuntattja lill-Kummissjoni kienu għal xejn.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni skużat ruħha għad-dewmien, li kien ikkawżat minn volum pjuttost għoli ta' ħlasijiet fis-settur tal-ġemellaġġ ta' bliet u minn organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizz kompetenti. Spjegat li, għal-laqgħat taċ-ċittadini, hija kienet qed tħallas direttament lill-bliet kollha mistiedna s-sehem tagħhom ta' l-għotjiet. Iżda, minħabba s-suċċess li kellu l-programm u l-għadd dejjem akbar ta' proġetti multilaterali, is-sistema ma setgħatx tkun ikkontrollata aktar. Il-Kummissjoni, għalhekk, iddeċidiet li tissimplifika s-sistema ta' ħlas u li tħallas l-għotjiet fl-intier tagħhom lill-belt organizzatriċi, li xogħolha kien li tagħti lill-bliet mistiedna s-sehem tagħhom ta' l-għotja. Minħabba li kien hemm ħafna xogħol x'isir, din is-sistema kienet diġà ġiet applikata fl-2004, għalkemm is-sejħa għal proposti kienet tikkontempla ħlas dirett lill-bliet mistiedna. Il-Kummissjoni kien għarrfet lill-bliet organizzaturi u lill-organizzazzjonijiet ewlenin rappreżentanti ta' bliet u municiplalitajiet bil-bidla. Iżda kien diffiċli li l-bliet mistiedna kollha jkunu infurmati wkoll fl-istess ħin, għalkemm il-Kummissjoni rrikonoxxiet li dan kien ikun utli għalihom. Dwar il-proġett imsemmi, il-Kummissjoni kienet ikkuntattjat lill-awtorità sieħba tagħha f'Halton u fakkriha dwar ir-responsabbiltà tagħha. Wara li ġiet imfakkra, l-awtorità ħallset lill-ilmentatur is-sehem tagħha ta' l-għotja.

Il-Kummissjoni wriet dispjaċir li l-ilmentatur ma kienx ġie mġharraf sew dwar is-sistema l-ġdida ta' ħlas.

L-ilmentatur għarraf lis-servizzi ta' l-Ombudsman li huwa kien irċieva l-ħlas u kien iqis il-każ bħala magħluq. Huwa rringrazzja lill-Ombudsman għall-isforzi li kien għamel. Għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ. Iżda, f'rimarka ulterjuri, żied jgħid li, billi l-applikanti għal fondi f'dan is-settur aktarx li jkunu korpi b'mezzi finanzjarji relattivament limitati, kien iqis li l-istandards tal-Kummissjoni kienu jitjiebu aktar kieku hija tikkunsidra tħallas imgħaxijiet għal ħlas tard f'każijiet bħal dawn.



### 3.2.3 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

#### APOLOĠIJI MALAJR GĦAL ŻBALJI

*Sommarju tad-deċiżjonijiet dwar l-ilmenti 3297/2006/BU u 3684/2006/BU*

Fi tweġiba għal mistoqsija mill-ilmentatur, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (AEA) indirizzatu b'kunjom ħażin. Billi l-mertu tal-mistoqsija ma kienx skond it-termini ta' referenza tagħha, l-AEA bagħtet il-mistoqsija lill-Kummissjoni għall-tweġiba. Il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentatur li hija kienet irċeviet l-ilment tiegħu. Iżda l-irċevuta kienet bil-Pollakk, waqt li l-mistoqsija kienet bis-Slovakk.

L-ilmentatur irrikorra għand l-Ombudsman u s-servizzi tiegħu ċemplu lill-AEA u lill-Kummissjoni biex jiċċaraw malajr l-affarijiet u jsibu soluzzjoni li setgħat tissodisfa lill-ilmentatur. It-tweġibiet mis-servizzi ta' l-AEA u tal-Kummissjoni kienu pożittivi u qablu li joffru apoloġiji immedjati lill-ilmentatur. Is-servizzi ta' l-Ombudsman imbagħad ikkuntattjaw lill-ilmentatur li kien sodisfatt bl-apoloġiji li rċieva.

L-Ombudsman qies li l-AEA u l-Kummissjoni kienu solvew l-ilmenti, u rringrazzjom għall-kooperazzjoni tajba li wrew is-servizzi tagħhom.



### 3.2.4 Il-Kumitat tar-Reġjuni

#### RIMBORŻ TA' SPEJJEŻ TA' SAFAR GĦAL INTERVISTA GĦAL XOGĦOL

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 800/2006/WP kontra l-Kumitat tar-Reġjuni*

F'Ottubru 2005, l-ilmentatur mar għal intervista għal xogħol mal-Kumitat tar-Reġjuni, u wara bagħat ittra rreġistrata lill-Kumitat, li fiha kien hemm id-dokumenti meħtieġa għar-rimborż ta' l-ispejjeż tas-safar li kien għamel. Billi ma rċieva l-ebda risposta, huwa kkuntattja lill-Kumitat f'Diċembru, 2005. Fl-10 ta' Jannar, 2006, il-Kumitat infurmah li ma kienx irċieva d-dokumenti meħtieġa. Fl-14 ta' Jannar, 2006, l-ilmentatur bagħat kopji tad-dokumenti lill-Kumitat. Ġie infurmat li daww kienu biżżejjed għar-rimborż.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, mibgħut f'Marzu 2006, l-ilmentatur allega li kien għadu ma rċevix il-ħlas u li l-Kumitat kien naqas li jwieġbu għall-ittra li kien bagħat lill-Kumitat, fi Frar 2006, biex ifakkru dwar il-ħaġa. Sostna li l-ispejjeż tiegħu tas-safar kellhom jiġu rimborżati, li kellu jitħallas l-imgħaxijiet għad-dewmien u li l-proċedura ta' rimborż tal-Kumitat kellha titjeb.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Kumitat qal li huwa qatt ma kien irċieva l-ittra rreġistrata ta' l-ilmentatur imma li kien iddeċieda li jirrimborzah fuq il-bażi tal-kopji tad-dokumenti. Il-Kumitat qal ukoll li t-terminu ta' skadenza biex isir ir-rimborż kien ġie ffixsat għat-2 ta' Marzu, 2006. Iżda, minħabba organizzazzjoni mill-ġdid interna matul il-perjodu in kwistjoni, il-ħlas ma laħaqx sar qabel id-29 ta' April, 2006. Għalhekk huwa ħallas imgħaxijiet lill-ilmentatur. Dwar dak li kien sostna l-ilmentatur li l-proċedura tiegħu ta' rimborż kellha titjeb, il-Kumitat issottometta li d-dewmien kien dovut għal ċirkostanzi eċċezzjonali u li l-proċeduri tiegħu ma kienx jeħtiġilhom reviżjoni.

L-ilmentatur informa lis-servizzi ta' l-Ombudsman li huwa kien sodisfatt bil-mod kif il-Kumitat kien mexa dwar il-każ tiegħu fis-sens li kien irċieva l-ħlas u l-imgħax dovuti. Iżda ma kienx jaqbel mal-pożizzjoni tal-Kumitat li l-proċeduri ma kellhomx bżonn jitjiebu. Sostna li l-Kumitat ma kienx infurmah li ma kienx irċieva d-dokumenti meħtieġa. Barra minn hekk, il-Kumitat seta' jinfurmah dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid interna li kienet dewmet il-ħlas. Madankollu, l-ilmentatur sqarr li l-każ seta' jingħalaq. Huwa rringrazzja lill-Ombudsman għall-ghajjnuna tiegħu.

L-Ombudsman ikkonkluda li l-Kumitat kien solva l-ilment dwar dak li kellu x'jaqsam mar-rimborż u l-ħlas ta' imgħax. Deherlu li l-ilmentatur ma kienx baqa' jinsisti li l-proċedura ta' rimborż kellha titjeb u għalaq il-każ.

Iżda f'rimarka ulterjuri, l-Ombudsman issuġġerixxa li l-istandards tal-Kumitat setgħu jitjiebu aktar jekk il-Kumitat isegwi l-fajls dwar ħlas bħal dak tal-każ in kwistjoni, l-aktar billi jikkuntattja lill-applikanti jekk kien ikun għad jonqos ċerti dokumenti meħtieġa biex isir il-ħlas u, f'każ ta' dewmien, billi jżomm lill-applikanti infurmati bid-dewmien u jgħid xi tkun ir-raġuni.





### 3.3 SOLUZZJONIJIET BONARJI MIKSUBIN MILL-OMBUDSMAN



#### 3.3.1 Il-Kummissjoni Ewropea

##### INTERPRETAZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA FIL-KUNTEST TA' ILMENT DWAR KSUR

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2467/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur ippreżenta ilment dwar ksur lill-Kummissjoni, fejn huwa allega li l-Att ta' Reġistrazzjoni ta' l-Istat ta' Hamburg kien jikser l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva tal-KE dwar il-Protezzjoni tad-Dejta 95/46<sup>7</sup>, billi dan kien jippermetti li d-dejta personali fil-pussess ta' l-Istat (u b'mod partikolari, tar-reġistru pubbliku tiegħu) tingħadda lil terzi persuni *mingħajr ma s-suġġetti tad-dejta jiġu infurmati jew mingħajr ma jkollhom l-opportunità li joġġezzjonaw, anki meta jkun ċar li dawn it-terzi persuni jkollhom l-iskop li jbiegħu d-dejta għal skopijiet ta' marketing dirett. Il-Kummissjoni ċaħdet l-ilment, fuq il-bażi li (i) dritt separat li ssir oġġezzjoni lill-entitajiet pubbliċi kollha ma jistax jiġi inferit mill-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva; u (ii) fir-rigward tal-marketing dirett, l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva jirrigwarda biss l-entità li attwalment ikollha l-intenzjoni li tuża d-dejta personali għall-iskopijiet tagħha ta' marketing dirett u li entità bħal reġistru pubbliku ma taqax taħt din il-kategorija.*

L-Ombudsman sab li l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni kienet wisq restrittiva fir-rigward tat-termini "proċessar" u "kontrollur", definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva<sup>8</sup>, u li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdni argumenti validi u konvinċenti biex issostni l-pożizzjoni tagħha li l-Artikolu 14(1)(b) ma japplikax għaċ-ċirkustanzi msemija mill-ilmentatur. L-Ombudsman, b'hekk, għamel proposta għal soluzzjoni bonarja, fejn huwa ssuġġerixxa li l-Kummissjoni tikkunsidra li terġa' teżamina r-risposta tagħha lill-ilmentatur.

Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni ammettiet li l-Artikolu 14(1)(b) tad-Direttiva jista' jiġi interpretat li jiffoka mhux biss fuq l-intenzjoni tal-kontrollur iżda wkoll fuq l-għarfien speċifiku ta' operazzjoni ta' pproċessar għal skopijiet ta' marketing dirett, li tista' tkun dik tal-kontrollur jew ta' terza persuna. Il-Kummissjoni, b'hekk, iddikjarat li kienet ser tindirizza l-kwistjoni ta' interpretazzjoni aktar wiesgħa ta' l-Artikolu 14(1)(b) ma' l-Istati Membri, immirata lejn l-implimentazzjoni tajba tad-dritt ġenerali li titressaq oġġezzjoni kontra l-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar għall-iskop ta' marketing dirett. Il-Kummissjoni qalet li ser tindirizza wkoll, f'dan il-kuntest, il-każ speċifiku tal-leġiżlazzjoni ta' Hamburg. L-ilmentatur laqat r-risposta tal-Kummissjoni għall-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni bonarja, li huwa kkunsidra li rnexxiet.

<sup>7</sup>

Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE ta' l-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, ĠU 1995 L 281, p. 31. Skond l-Artikolu 14(1)(b) ta' din id-Direttiva: "L-Istati Membri għandhom jagħtu lis-suġġett tad-dejta d-dritt: (a) ... (b) li jagħmel oġġezzjoni, ... kontra l-ipproċessar ta' dejta personali dwaru li l-kontrollur jistenna li jkun ipproċessat għall-fini ta' bejgħ dirett fis-suq, jew li jkun mgħarraf qabel ma d-dejta personali tkun żvelata għall-ewwel darba lil partijiet terzi.... għal l-għanijiet ta' bejgħ dirett fis-suq, u li jingħata espressament id-dritt li jagħmel oġġezzjoni ... kontra dak l-iżvelar...".

<sup>8</sup>

Taħt l-Artikolu 2(b), "'ipproċessar ta' dejta personal' ('ipproċessar') tfisser kull operazzjoni... li [ssir] fuq dejta personali ...". Skond l-Artikolu 2(d), "'kontrollur' tfisser persuna naturali jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li ... jiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar ta' dejta personali".



### 3.3.2 Il-Bank Ewropew għall-Investment

#### RIFJUT TA' AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' VERIFIKA - 1

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1776/2005/GG kontra l-Bank Ewropew għall-Investment*

Fil-bidu tas-snin 90, żewġ kumpaniji li jappartjenu lill-istess grupp ħadu sehem fi proġett ta' l-enerġija idroloġika f'Lesoto, bl-appoġġ ta' fondi mill-UE, inklużi fondi pprovduti mill-Bank Ewropew għall-Investment (BEI). Wara każ ta' korruzzjoni li kien jinvolvi konsulent lokali li l-kumpaniji kienu qabbd, il-BEI għamel verifika li wasslet għal rapport fis-sena 2000. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għalaq l-investigazzjoni tiegħu dwar din l-istess kwistjoni. Madankollu, fl-2003, u fuq il-bażi ta' informazzjoni ġdida, OLAF fetaħ investigazzjoni ġdida.

L-ilmentatur, avukat li kien qed jirrappreżenta kumpanija oħra fi ħdan l-istess grupp, saqsa lill-BEI għal aċċess għar-rapport tiegħu ta' verifika. Il-BEI ċaħad it-talba billi rrefera għar-“Regoli dwar Aċċess Pubbliku għad-Dokumenti” tiegħu, li jistabbilixxu li “l-aċċess għal document sħiħ jew parti minnu għandu jiġi miċħud meta l-iżvelar tiegħu jista' jfixkel il-protezzjoni ta' (...) l-iskop ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki”.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur issottometta li din id-dispożizzjoni ma setgħatx tiġi interpretata b'mod tant wiesa' biex tinkludi investigazzjonijiet li diġà kienu tlestew. F'kull każ, il-protezzjoni ma kinitx għadha ġġustifikata fuq il-bażi tad-dokument in kwistjoni. Huwa saħaq li kien importanti li wieħed jifhem x'evidenza ġdida kienet tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid ta' l-investigazzjoni ta' OLAF biex tgħin lill-kumpaniji jiddefendu ruħhom.

Il-BEI tenna l-pożizzjoni tiegħu li ebda aċċess ma seta' jingħata.

L-Ombudsman irrimarka li ma kienx immedjatament ovvju kif l-iżvelar tar-rapport seta' jfixkel il-protezzjoni ta' l-iskop ta' kwalunkwe spezzjonijiet qodma jew ġodda, investigazzjonijiet u verifiki, billi OLAF kien iddeċieda li jagħlaq l-ewwel investigazzjoni tiegħu fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-rapport u minħabba li kien jidher li r-rapport kien inkiteb xi erba' snin qabel ma saret it-talba għal aċċess. Barra minn hekk, il-BEI ma kienx ikkunsidra l-possibbiltà li jagħti aċċess parzjali. L-Ombudsman għalhekk indirizza proposta għal soluzzjoni bonarja lill-BEI, fejn huwa saqsih biex jikkunsidra mill-ġdid it-talba ta' l-ilmentatur.

Fir-risposta tiegħu, il-BEI spjega li ma setgħax jiġi kkontemplat iżvelar sħiħ. Madankollu, wara kunsiderazzjoni ulterjuri u fi spirtu ta' kooperazzjoni tajba, jista' jingħata aċċess pubbliku għal ċerti siltiet (li hija ehmżet mar-risposta tagħha). Barraminnekk, fuq bażi eċċezzjonali kien ser jagħti lill-ilmentatur aċċess privat għal ċerti partijiet oħrajn.

L-ilmentatur irrimarka li kien grat għall-aċċess mogħti. L-Ombudsman kien kuntent li josserva li ntlaħqet soluzzjoni bonarja. Huwa laqa' l-atteġġjament konstruttiv u kooperattiv tal-BEI lejn dan il-każ u osserva li l-mod innovattiv kif il-BEI kien ikkonforma mat-talba ta' l-ilmentatur għal aċċess waqt li fl-istess ħin iproteġa l-interessi leġittimi ta' partijiet terzi jista' jservi bħala mudell għal każijiet futuri.



### 3.3.3 L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni

#### RIFUŻJONI TA' KONĊESSJONIJET TA' INSTALLAZZJONI MĦALLSIN MATUL IL-PERJODU TA' PROVA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1729/2005/JF (Kunfidenzjali) kontra l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (AESA)*

L-ilmentatur kien impjegat bħala membru ta' l-personal temporanju ta' l-AESA u kien jeħtieġlu jservi perjodu ta' prova ta' sitt xhur, l-ewwel fi Brussell u mbagħad f'Kolonja.

Qabel ma' l-perjodu ta' prova kien wasal fi tmiemu, l-AESA infurmat lill-ilmentatur li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu ma kienx ġie kkonfermat. Aktar tard dak ix-xahar, l-AESA talbet lill-ilmentatur biex jirrifondilha l-konċessjonijiet ta' installazzjoni li kienu diġà tħallsu lilu.

L-ilmentatur allega li l-AESA kienet qed tagħxi b'mod abbużiv u kontra l-ġustizzja naturali. Sostna li t-tmiem ta' l-impjieg tiegħu kien unilaterali u involuntarju u li kien ġarrab spejjeż materjali meta mar minn post tax-xogħol għal ieħor darbtejn fi żmien ftit xhur.

Fil-qosor l-argument ta' l-AESA kien li membru ta' l-personal temporanju jakkwista d-dritt għal konċessjoni ta' installazzjoni biss jekk ikun serva l-perjodu ta' prova b'mod sodisfaċenti. Fakkret ukoll li l-ilmentatur kien iffirma żewġ dikjarazzjonijiet li kienu jinfurmawh li l-konċessjonijiet ta' installazzjoni jingħataw bil-quddiem, bil-kundizzjoni li jintraddu lura fin-nuqqas li wieħed isir tal-post. Biex l-affarijiet ikunu aktar ċari, l-AESA kienet emendat il-formoli ta' dikjarazzjoni ta' konċessjoni ta' installazzjoni biex tinkludi sitwazzjonijiet ta' tmiem involuntarju ta' impjieg. Kienet tifhem it-tbatija li kienu jgħaddu minnha l-membri ta' l-personal meta jkollhom l-ewwel imorru jaħdmu fi Brussell u mbagħad f'Kolonja, imma l-ilmentatur kien ingħata l-ħlas u l-konċessjonijiet statutorji kollha li kien intitolat għalihom u, għalhekk, kien ġie kkumpensat għall-ispejjeż li kien għamel meta mar minn post għal ieħor.

L-Ombudsman innota li l-AESA kienet ħallset l-konċessjonijiet ta' installazzjoni lill-ilmentatur qabel ma ntemm il-perjodu tiegħu ta' prova u, għalhekk, fi żmien meta, skond l-analiżi ta' l-AESA stess, huma ma kienx intitolat li jirċivihom. Innota wkoll li l-AESA kienet, sostanzjalment, ammettiet li d-dikjarazzjonijiet iffirmati mill-ilmentatur kienu jirreferu għall-obbligu li ssir rifużjoni biss fil-każ ta' riżenja voluntarja u mhux fil-każ ta' tmiem involuntarju ta' mpjieg. Skond l-Ombudsman, l-AESA kienet, għalhekk, tat informazzjoni nieqsa, li setgħat żgwidat lill-ilmentatur. Għalkemm il-każistika kostanti ttipprovdi li uffiċjali huma preżunti li jafu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom, dan ma kienx ifisser li istituzzjonijiet u korpi Komunitarji jistgħu jagħtu informazzjoni ħażina.

L-Ombudsman, għalhekk ippropona, bħala soluzzjoni bonarja, li l-AESA setgħet tikkunsidra tikkanċella r-rifużjoni għall-inqas ta' parti mill-konċessjonijiet ta' installazzjoni.

B'risposta, l-AESA sostniet l-opinjoni tagħha li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. Iżda, "meqjusa n-natura unika ta' dan il-każ u bl-akbar rispett lejn l-opinjoni ta' l-Ombudsman", l-AESA qablet mal-proposta ta' soluzzjoni bonarja u kkanċellat ir-rifużjoni kollha tal-konċessjoni ta' installazzjoni.

### 3.4 KAŻIJET MAGĦLUQA B'RIMARKA TA' KRITIKA MILL-OMBUDSMAN



#### 3.4.1 Il-Parlament Ewropew

##### AĊĊESS GĦAL-LISTI TA' KANDIDATI FI PROĊEDURA TA' GĦAŻLA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1919/2005/GG kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilmentatur, uffiċjal tal-Parlament, baġhat applikazzjonijiet bi tveġiba għal avviż ta' tliet postijiet battala fil-Parlament. Wara talab biex ikollu aċċess għal-listi ta' kandidati ammessi għal dawn il-proċeduri ta' għażla, li kollha kienu jew uffiċjali tal-Parlament jew uffiċjali minn istituzzjonijiet Komunitarji oħrajn. Il-Parlament ta aċċess parzjali għal-listi. Iżda fil-kopji li kienu ġew rilaxxati, l-ismijiet tal-kandidati kollha kienu ġew imħassrin ħlief dak ta' l-ilmentatur. L-ilmentatur sostna li l-pożizzjoni tal-Parlament li l-privatezza u l-integrità tal-kandidati kellha titħares skond ir-regoli tal-protezzjoni tad-dejta kienet difettuża.

Il-Parlament issottometta li l-iżvelar ta' l-ismijiet tal-kandidati l-oħra seta' jgħib miegħu problemi konnessi mal-karriera għall-persuni interessati, jekk ma jinħatrux fil-post battal, partikularment f'dak li kellu jaqsam ma' promozzjonijiet għall-futur. Issottometta wkoll li, minħabba li kien hemm skadenza għall-mod kif kellhom jiġu ttrattati talbiet għal aċċess għal dokumenti, kienet ħaġa impossibbli li l-kandidati kollha jintalbu jekk riedux li l-ismijiet tagħhom ikunu żvelati.

Iżda l-Parlament issuġġerixxa li t-tliet istituzzjonijiet li għalihom kienu japplikaw il-liġijiet dwar aċċess għad-dokumenti msemmija (il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament stess) setgħu jadottaw pożizzjoni komuni dwar aċċess għal listi ta' kandidati fi proċeduri ta' għażla.

L-Ombudsman laqa' tajjeb din l-inizjattiva. Fir-rigward ta' dan il-każ, huwa kien tal-fehma li r-rifjut li jkunu żvelati l-ismijiet ta' l-applikanti ma kienx ġustifikat f'dak li kellu x'jaqsam ma' kandidati mill-istituzzjonijiet u korpi Komunitarji. Billi r-Regolamenti tal-Personal jipprovdu għal promozzjonijiet fuq bażi ta' mertu u jipprospettaw trasferimenti ta' uffiċjali fi ħdan u bejn istituzzjonijiet, superjur jaġixxi illegalment jekk jaġhti żvantaġġ lil uffiċjal jekk huwa jew hija jkunu applikaw għal post ieħor. Barra minn dan, minħabba l-politika magħrufa sewwa tal-Parlament li jinkuraġġixxi l-mobilità, l-Ombudsman innota li kienet tkun ta' sorpiża kbira għalih kieku uffiċjal kellu fil-fatt ikun żvantaġġjat f'sitwazzjoni bħal din.

Barra dan, kieku l-iżvelar tal-listi seta' tabilħaqq jhedded il-privatezza tal-kandidati, l-Ombudsman qies li kien ikun xieraq li tintalab l-opinjoni tagħhom qabel ma tittieħed deċiżjoni. Peress li l-listi msemmija kellhom l-ismijiet ta' 35 kandidat u wieħed seta' jassumi li huma setgħu jintlaħqu permezz ta' l-email, l-Ombudsman ma setax jifhem għaliex kien impossibbli li huma jkunu kkonsultati tul it-terminu ta' skadenza.

L-Ombudsman, għalhekk, ħeġġeġ lill-Parlament, f'abbozz ta' rakkomandazzjoni, biex jerġa' jikkunsidra t-talba ta' l-ilmentatur. Il-Parlament ma implimentax dak l-abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Billi l-Parlament kien irrikonoxxa li l-kwistjoni kien jixirqilha aktar attenzjoni u li kienu għadhom għaddejjin diskussjonijiet inter-istituzzjonali fuq is-suġġett, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka addizzjonali. Enfasizza li dawn l-affarijiet ma kinux jeskludu l-possibilità li l-kwistjoni terġa' tiġi eżaminata fid-dawl tal-konklużjonijiet li l-istituzzjonijiet kienu se jaslu għalihom.



### 3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

#### IT-TRATTAMENT TA' TALBA GĦAL INFORMAZZJONI

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 817/2006/TN kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

L-ilmentatur ikkuntattja lill-Kunsill permezz tat-telefon biex jistaqsi jekk il-Kunsill kienx obligat jew jekk kellux il-possibbiltajiet li jesprimi l-appoġġ tiegħu għad-Danimarka fin-nuqqas ta' qbil li din kellha ma' għadd ta' pajjiżi Musulmani. L-ilmentatur talab li jkellem lir-Rappreżentant Għoli tal-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni u Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill ta' l-UE, is-Sur SOLANA, u rreferewh lil segretarja li qaltli li ma setax ikellem lis-Sur SOLANA. Is-segretarja qalet li ma kienx hemm tweġiba faċli għall-kwistjoni u rreferietu lil persuni responsabbli għall-kuntatti ma' l-istampa. Lanqas dik il-persuna ma setgħet twieġeb il-mistoqsija.

L-ilmentatur mar għand l-Ombudsman u allega li l-Kunsill kien naqas li jaġixxi skond il-politika tiegħu ta' aktar trasparenza u ħbiberija lejn iċ-ċittadini.

Skond il-Kunsill, ma kinitx ħaġa mhux raġonevoli li uffiċjal ta' l-istampa ma setgħax jagħti tweġiba li kienet tesprimi l-pożizzjoni ta' Istituzzjoni. Dak iż-żmien, il-Kunsill kien għadu qed jiddiskuti il-pożizzjoni dettaljata tiegħu dwar il-kwistjoni. F'dawk iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill kien sabha bi tqila jimmaġina x'risposta valida setgħet tingħata lill-ilmentatur.

L-Ombudsman ma qiesx li kienet ħaġa mhix raġonevoli li l-ilmentatur ikun riferut lill-uffiċċju stampa bit-talba tiegħu għal informazzjoni, billi l-uffiċċju stampa ġeneralment għandu jkun jaf bil-pożizzjoni tal-Kunsill fuq affarijiet differenti. Iżda l-uffiċċju stampa messu spjega lill-ilmentatur li l-Kunsill kien għadu ma ħax pożizzjoni fuq is-suġġett, jekk hekk kien ik-każ. Jekk l-uffiċċju stampa ma kienx jaf sewwa kif iwieġeb, l-ilmentatur messu ngħata l-parir jagħmel talba bil-miktub għal informazzjoni, skond l-Artikolu 22(2) tal-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva tajba. In-nuqqas li jingħataw informazzjoni jew parir bħal dawk lill-ilmentatur f'dan il-każ kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina.



### 3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea

#### TRATTAMENT MHUX ĠUST TA' ESPERTI NAZZJONALI SEKONDATI

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 495/2003/ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentaturi kienu koppja miżżewġa li t-tnejn kienu jaħdmu bħala Esperti Nazzjonali Sekondati fil-Kummissjoni. L-ilment tagħhom kien dwar id-dritt tal-mara għal konċessjonijiet. Il-Kummissjoni tatha konċessjonijiet ta' sussistenza mnaqqsin minħabba li l-post li fih kienet meqjusa li kellha r-residenza tagħha kien il-post fejn kienet sekondata (Brussell). Skond l-ilmentaturi, il-post tar-reklutaġġ kien Pariġi u, għaldaqstant, kien messha rċeviet l-konċessjonijiet kollha ta' sussistenza.

Fl-opinjoni tagħha l-Kummissjoni fissret li, skond l-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' April, 2002, li kienet tirregola konċessjonijiet bħal dawk, ir-residenza prinċipali tar-raġel kienet fi Brussell. Il-post fejn il-mara kienet meqjusa li kellha r-residenza tagħha kien, għalhekk, Brussell u hija kienet intitolata biss għal konċessjonijiet imnaqqsin.

Wara li tqabblu l-verżjonijiet Franċiżi u Ingliżi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, l-Ombudsman ippropona soluzzjoni bonarja. Issuġġerixxa li l-Kummissjoni setgħet tikkunsidra tħallas lill-mara (i) l-konċessjonijiet kollha ta' sussistenza ta' kuljum li għalihom dehret li kienet intitolata skond





il-verżjoni Franċiża ta' l-Artikolu 17, u (ii) l-konċessjoni minima addizzjonali li għaliha dehret li kienet intitolata kemm skond il-verżjoni Ingliża, kif ukoll dik Franċiża ta' l-Artikolu 18.

Il-Kummissjoni ma laqgħetx il-proposta. Qieset li l-intenzjoni ta' l-awtur tad-Deċiżjoni kienet li jeskludi pagament tal-konċessjoni b'rata oġġla meta l-espert kien ikun sekondat f'post fejn ir-raġel tagħha jew il-mara tiegħu kienu diġà stabbiliti. Il-Kummissjoni ammettiet li kien hemm żball fit-traduzzjoni tal-verżjoni Franċiża tad-Deċiżjoni, iżda qieset li żball bħal dak ma setax joħloq dritt legali u ma kienx jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Fi Frar ta' l-2004, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni ġdida li emendat kemm it-test Franċiż, kif ukoll dak Ingliż, u dan biex iġġib fis-seħħ dak li hija kienet tqis li kienet l-intenzjoni tagħha fid-Deċiżjoni ta' l-2002.

F'Diċembru ta' l-2005, l-Ombudsman indirizza ittra lill-Kummissarju responsabbli fejn fiha talbu jidħol huwa personalment biex tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għall-ilment, u ta indikazzjoni din setgħet tiegħu l-forma ta' ħlas *ex gratia* lill-ilmentaturi. Ir-risposta tal-Kummissarju kienet fis-sens li l-Kummissjoni kienet interpretat sewwa r-regoli applikabbli u ma laqgħetx il-proposta ta' l-Ombudsman.

L-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni ma kinitx imxiet b'mod ġust meta, fil-verità, ittrattat lill-ilmentaturi bħallikieku kien hemm fis-seħħ id-Deċiżjoni l-ġdida u mhux ta' qabilha fid-data rilevanti. Dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina u l-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika. Aktar minn hekk, wera dispjaċir li l-Kummissjoni kienet naqset li tiegħu l-opportunità biex turi l-impenn tagħha għal prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. L-Ombudsman ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jeżamina, mal-Kummissarju responsabbli, kif l-aħjar tinġieb 'il quddiem kultura ta' servizz fid-Direttorat-Ġenerali konċernat.

## ACCÈSS GĦAL DOKUMENTI: AKKUŻI SKOND ID-DRITT NAZZJONALI U L-MOTIVI GĦAL ĊAĦDA TA' ACCÈSS PARZJALI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 617/2003/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur talab lill-Kummissjoni tagħtih aċċess għal ċerti dokumenti skond ir-Regolament 1049/2001<sup>9</sup>. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għar-raġuni li l-iżvelar kien jhedded il-protezzjoni ta' l-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika (Artikolu 4(2), l-ewwel inċiż, tar-Regolament).

Wara li qies is-sottomissjonijiet ta' l-ilmentatur u tal-Kummissjoni, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni fis-sens li l-Kummissjoni kellha jew terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha jew tagħti aċċess għal daww id-dokumenti jew partijiet minnhom li ma kinux milqutin mill-eċċezzjoni msemmija, jew li tagħti spjegazzjonijiet dettaljati biżżejjed biex turi li wħud minn daww id-dokumenti jew id-dokumenti kollha jew partijiet minnhom kienu milqutin minn dik l-eċċezzjoni.

L-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni rrikonoxxiet li ċertu numru tad-dokumenti mitlubin mill-ilmentatur kienu, skond il-liġi Taljana, dokumenti pubbliċi. Iżda billi fl-Italja ma kinux disponibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas, il-Kummissjoni dehrilha li ma kienx xieraq u kontra l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjoni u l-Istat Membru interessat li hija tagħti lill-ilmentatur kopji b'xejn tad-dokumenti rilevanti. Għalhekk hija pproponiet, bħala soluzzjoni ġusta, li tħalli lill-ilmentatur jikkonsulta d-dokumenti rilevanti fil-bini taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta f'Ispra.

Fir-rigward tal-possibilità li jingħata aċċess parzjali għad-dokumenti l-oħra, l-argument tal-Kummissjoni kien li l-eżami, paġna b'paġna, tad-dokumentazzjoni rilevanti u l-estrazzjoni ta' partijiet limitati minnhom kien joħloq piż amministrattiv totalment sproporzjonat u li l-

<sup>9</sup>

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju, 2001, dwar aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.



interess pubbliku fil-kisba ta' aċċess għal partijiet tad-dokument ma kienx jiġġustifika x-xogħol amministrattiv involut.

L-Ombudsman ma deherlux li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet konvinċenti. Iżda billi huwa qies li ma kienx ċar x'azzjoni l-Parlament Ewropew seta' ħa biex jgħin lill-Ombudsman u lill-ilmentatur, huwa kkonkluda li ma kienx f'loku li jintbagħat rapport speċjali u għalaq il-każ b'żewġ rimarki ta' kritika. L-Ombudsman innota, b'mod partikolari, li fir-Regolament 1049/2001 ma kienx hemm eċċezzjoni li kienet tobbliga lill-Unjoni Ewropea tiċħad aċċess għal dokumenti sempliċiment għax l-iżvelar tad-dokumenti fi Stat Membru ma kienx mingħajr ħlas. Fakkar ukoll li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet stabbiliet li l-istituzzjonijiet jistgħu, f'każijiet partikolari, jibbilanċjaw l-interess tal-pubbliku li jkun hemm aċċess parzjali għad-dokumenti mitluba mal-piż tax-xogħol li dan kien iġib miegħu. L-Ombudsman innota wkoll, iżda, li l-Qorti kienet għamlet dan il-prinċipju dipendenti fuq eżami konkret u individwali tad-dokumenti in kwistjoni. Ma kienx jidher f'dan il-każ li kien sar eżami bħal dan, konkret u individwali.

### RIFJUT GĦAL ĦLAS TA' SPEJJEŻ LEGALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1537/2003/ELB (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien aġent temporanju tal-Kummissjoni. Kienet inbdiel proċedura dixxiplinarja kontra tiegħu iżda ma kienx instab ħati ta' l-akkużi miġjuba kontrihi. Wara li ġie lliberat, l-ilmentatur talab kumpens, magħdudin l-ispejjeż għat-thejjja tad-difiża tiegħu.

Skond il-Kummissjoni, l-ilmentatur ma kienx intitolat għal rimborż ta' l-ispejjeż legali tiegħu minħabba li l-azzjoni dixxiplinarja kontra tiegħu ma kinitx marret quddiem il-Bord Dixxiplinarju.

Wara li qies is-sottomissjonijiet ta' l-ilmentatur u tal-Kummissjoni, l-Ombudsman għamel proposta għal soluzzjoni bonarja, li biha ssuġġerixxa li, meqjusa l-gravità ta' l-akkużi miġjuba kontra l-ilmentatur u t-tul ta' żmien li kien hemm qabel ma hija ddeċidiet li ma tinvakax il-Bord Dixxiplinarju, il-Kummissjoni setgħet tikkunsidra tirrimborża lill-ilmentatur l-ispejjeż li, bir-raġun, kien daħal fihom għad-difiża tiegħu matul il-proċedura dixxiplinarja.

Bi tweġiba għall-proposta ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li, irrispettivament mill-gravità ta' l-akkużi miġjuba kontrihi u t-tul ta' żmien li kien hemm qabel ma hija ddeċidiet li ma tinvakax lill-Bord Dixxiplinarju, ir-Regolamenti tal-Personal kienu jżommuha milli tħallas spejjeż magħmulin raġonevolment mill-ilmentatur għad-difiża tiegħu.

F'Novembru, 2005, l-Ombudsman indirizza ittra lill-Kummissarju responsabbli fejn talbu biex jintervjeni personalment biex tinstab soluzzjoni sodisfaċenti għall-ilment. Ir-risposta tal-Kummissarju tenniet li l-Kummissjoni ma kinitx taqbel ma' l-interpretazzjoni ta' l-Ombudsman dwar ir-Regolamenti tal-Personal u m'aċċettatx il-proposta tiegħu.

L-Ombudsman qies li r-Regolamenti tal-Personal ma kinux iżommu lill-Kummissjoni milli tirrispondi b'mod pożittiv għall-proposta tiegħu li tikkunsidra tħallas, fuq bażi *ex gratia*, l-ispejjeż magħmulin raġonevolment mill-ilmentatur għad-difiża tiegħu. L-Ombudsman, għalhekk, ikkonkluda li r-rifjut tal-Kummissjoni li tħallas l-ispejjeż ta' l-ilmentatur, irrispettivament mill-gravità ta' l-akkużi miġjuba kontrihi u t-tul ta' żmien li kien hemm qabel ma l-Kummissjoni ddeċidiet li ma tmurx quddiem il-Bord Dixxiplinarju, kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.

Peress li l-Kummissjoni kienet irrifjutat mhux biss proposta għal soluzzjoni bonarja iżda wkoll inizjattiva oħra għas-soluzzjoni tal-każ, indirizzata personalment lill-Kummissarju responsabbli, l-Ombudsman ddeċieda li abbozz ta' rakkomandazzjoni ma kien se jservi ta' xejn. L-Ombudsman kien ukoll tal-fehma li l-konsegwenzi ta' l-amministrazzjoni ħażina x'aktarx ma kinux ta' natura daqshekk serja li kienet tiġġustifika li jsir rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. L-Ombudsman, għalhekk, għalaq il-każ b'rimarka ta' kritika.



L-Ombudsman wera wkoll id-dispjaċir tiegħu għall-fatt li d-Direttorat-Ġenerali responsabbli tal-Kummissjoni kien naqas li juża opportunità biex juri l-impenn tiegħu għal prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jeżamina, mal-Kummissarju responsabbli, kif l-aħjar tinġieb 'il quddiem kultura ta' servizz fid-Direttorat-Ġenerali konċernat.

*Nota: L-ilment kien kemm kontra l-Kummissjoni u kemm l-OLAF. Iżda, l-istħarriġ ta' l-Ombudsman għamilha ċara li l-Kummissjoni biss kienet responsabbli għall-kwistjonijiet sostantivi li tqanqlu. Il-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni bonarja u r-rimarka ta' kritika fid-deċiżjoni finali kienu, għalhekk, indirizzati biss lill-Kummissjoni u mhux lill-OLAF.*

## RIFJUT TA' AĊĊESS GĦAL RAPPORT TA' VERIFIKA – 2

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1764/2003/ELB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur talab lill-Kummissjoni tagħtih aċċess għal rapport ta' verifika dwar in-Niġer. Ingħata biss aċċess parzjali (siltiet mil-leġislazzjoni nazzjonali) għad-dokument. L-ilmentatur allega li, fir-rifjut li tagħtih aċċess għall-bqija tar-rapport ta' verifika, il-Kummissjoni kienet naqset milli tikkonforma mar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti<sup>10</sup>. Huwa ppretenda li kellu jingħata aċċess għal dan id-dokument.

Il-Kummissjoni sostniet li r-rifjut tagħha li tagħti aċċess għall-bqija tar-rapport ta' verifika kien ġustifikat, billi l-pubblikazzjoni tiegħu ddgħajef il-protezzjoni ta' għan tal-verifiki u l-protezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali. Barra minn hekk, it-taqsimiet li jinkludu dejta personali kienu koperti b'eċċezzjoni oħra stabbilita fir-Regolament 1049/2001.

L-Ombudsman ippropona soluzzjoni bonarja, meta qies li, fir-rigward ta' l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-għan tal-verifiki, il-Kummissjoni ma rnexxilhiex turi li kellha d-dritt tibbaża fuq din l-eċċezzjoni sabiex tillimita l-aċċess pubbliku għar-rapport ta' verifika u li, dwar il-protezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali, hija ma rnexxilhiex tiġġustifika adegwament ir-rifjut tagħha li tippubblika dawk il-partijiet tar-rapport li hija stess aċċettat li jkunu ppubblikati. Huwa għalhekk issuġġerixxa li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tagħti aċċess għal dawk il-partijiet tar-rapport li hija stess kienet ipproponiet li jkunu ppubblikati.

Minkejja li l-Kummissjoni qablet sabiex tippubblika parti mid-dokument, l-ilmentatur ġibed l-attenzjoni fuq il-fatt li l-materjal li tħalla barra kien jirrappreżenta essenzjalment, it-totalità tal-kontenut sostanzjali tar-rapport ta' verifika.

L-Ombudsman innota li l-Kummissjoni tgawdi diskrezzjoni wiesgħa fil-kuntest ta' deċiżjoni li tiċħad l-aċċess imsejsa fuq il-bażi tal-protezzjoni ta' l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali. Għalhekk, l-iskop tar-reviżjoni ta' l-Ombudsman f'dan il-kuntest huwa limitat għall-verifika ta' jekk ir-regoli proċedurali u d-dmir li jingħataw ir-raġunijiet kinux osservati, jekk il-fatti ngħatawx korrettament, u jekk kien hemmx żball ċar ta' ġudizzju jew abbuż tal-poter. Dwar id-dmir li jiġu mogħtija r-raġunijiet, l-Ombudsman fakkar li, għalkemm huwa komputu ta' l-istituzzjoni kkonċernata li turi li d-dokumenti li għalihom jintalab aċċess fil-fatt jaqgħu fi ħdan l-eċċezzjonijiet elenkati fir-Regolament 1049/2001, jista' jkun impossibbli li jingħataw ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-ħtieġa tal-kunfidenzjalità fir-rigward ta' kull dokument individwali mingħajr ma jinkixef il-kontenut tad-dokument u, b'hekk, jintilef l-istess skop ta' l-eċċezzjoni.

L-Ombudsman innota li r-rapport kien jinvolvi verifika estensiva ta' l-amministrazzjoni tan-Niġer. Huwa nnota wkoll li l-Kummissjoni kienet tqis li l-pubblikazzjoni sħiħa tad-dokument mitlub setgħet twassal għal taħsir tar-relazzjonijiet tagħha man-Niġer. Huwa sab li l-Kummissjoni kienet tat spjegazzjoni ċara għar-rifjut mhux aċċettat tagħha u li dik l-ispejgazzjoni, għalkemm qasira, kienet adegwata fid-dawl tal-fatt li t-tismija ta' informazzjoni addizzjonali, b'mod partikolari

<sup>10</sup>

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.



referenza għall-kontenut tad-dokument ikkonċernat, kienet iġġib fix-xejn l-iskop ta' l-eċċezzjoni li bbażat fuqha. L-Ombudsman sab ukoll li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx vizzjata minn żball ċar ta' ġudizzju fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-interess pubbliku b'rabta mar-relazzjonijiet internazzjonali. Huwa kkonkluda li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward tar-rifjut mhux aċċettat tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għal partijiet mir-rapport ta' verifika mitlub mill-ilmentatur.

L-ilmentatur allega wkoll li r-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni ma kienx komplet, għax huwa sab biss żewġ dokumenti rilevanti għall-verifika meta fittex fir-reġistru.

Il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li r-reġistru tad-dokumenti tagħha għall-ewwel ikun fih biss referenzi għal dokumenti li fil-biċċa l-kbira jitrattaw l-attivitajiet leġislattivi tagħha. Il-materjal kopert fir-reġistru għandu jkun estiż b'mod gradwali. Bil-għan li tissodisfa lill-ilmentatur, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li tistabbilixxi lista tad-dokumenti li kellha b'rabta mal-verifika kkonċernata.

L-Ombudsman irrimarka li ġestjoni finanzjarja tajba hija ta' interess kbir għall-pubbliku u li r-rapporti ta' verifika huma sorsi utli ta' informazzjoni dwar il-mod kif jintużaw il-fondi tal-Komunità. Għalhekk, il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jeħtieġu li r-rapporti ta' verifika u d-dokumenti rilevanti miżmuma mill-Kummissjoni jirċievu prijorità għolja fl-istabbiliment ta' reġistru tad-dokumenti. L-Ombudsman osserva li l-Kummissjoni għamlet biss kummenti ġenerali dwar il-kontenut tar-reġistru tagħha, li ma jistgħux jindirizzaw adegwament in-nuqqas imsemmi mill-ilmentatur. L-Ombudsman sab li r-reġistru tad-dokumenti tal-Kummissjoni ma kienx adegwat f'dak li għandu x'jaqsam mad-dokumenti marbuta mal-verifika in kwistjoni. Dan jirrappreżenta eżempju ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman għamel kumment kritiku.

#### NUQQAS TA' TWEĠIBA GĦAL ILMENT MAGĦMUL TAĦT L-ARTIKOLU 90(2) TAR-REGOLAMENTI DWAR IL-PERSONAL

##### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2227/2004/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-14 ta' Marzu 2003, l-ilmentatur ippreżenta lment magħmul taħt l-Artikolu 90(2) kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar tiegħu għal missjoni. Minħabba li dan l-ilment qatt ma ġie mgħoddi lis-servizzi responsabbli, l-ilmentatur ippreżenta lment ieħor lill-Kummissjoni fid-19 ta' Awwissu 2003. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset milli tipprovdi tweġiba motivata għall-ilment tiegħu magħmul taħt l-Artikolu 90(2).

Il-Kummissjoni argumentat li n-nuqqas li twieġeb għal ilment magħmul taħt l-Artikolu 90(2) kien meqjus li jirrappreżenta deċiżjoni impliċita ta' rifjut.

Fid-dawl tal-posizzjoni tiegħu meħuda f'każijiet preċedenti, fejn kien stabbilixxa li hija Prattika amministrattiva tajba għall-Awtorità li Taħtar li tagħti tweġiba ċara għall-ilmenti kollha magħmula taħt l-Artikolu 90(2), l-Ombudsman esprima l-fehma li n-nuqqas tal-Kummissjoni li tagħti tweġiba motivata għall-ilment ta' l-ilmentatur kien jirrappreżenta każ ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman għalhekk indirizza abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni, fejn talab li din ta' l-aħħar għandha tagħti tweġiba motivata għall-ilment li l-ilmentatur għamel taħt l-Artikolu 90(2).

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni rreferiet għar-riżorsi limitati tagħha u argumentat li l-possibbiltà li tiċħad l-appelli b'mod impliċitu kienet immirata sabiex tiżgura marġini ta' manuvra bil-għan li jiġi stabbilit l-prijoritajiet fir-rigward tagħha għal amministrazzjoni tajba. Il-Kummissjoni sostniet ukoll li, minħabba li l-possibbiltà ta' deċiżjonijiet impliċiti li jiċħdu l-appelli kienet prevista kemm mir-Regolamenti tal-Personal kif ukoll mis-sistemi legali nazzjonali ta' xi Stati Membri, l-eżerċizzju ta' din il-possibbiltà ma setax jiġi kkunsidrat li jirrappreżenta amministrazzjoni ħażina. Hija sostniet ukoll li, matul l-aħħar sentejn, kien hemm ħames deċiżjonijiet impliċiti li ċaħdu l-ilmenti minn total ta' 1 211 ilment magħmula taħt l-Artikolu 90(2). Il-Kummissjoni qalet

ukoll li d-deċiżjoni nnifisha dwar l-ispejjeż tal-missjoni kienet sostniet ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata.

Minħabba li l-Kummissjoni kienet irrifjutat li taċċetta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu, l-Ombudsman qies li kien meħtieġ jagħmel dan il-kumment:

Hija Prattika amministrattiva tajba għall-Awtorità li Taħtar li tagħti tveġiba ċara għall-ilmenti magħmula taħt l-Artikolu 90(2). Fl-opinjoni ddettaljata tagħha, il-Kummissjoni naqset milli tindirizza r-raġunijiet li fuqhom kien ibbażat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni. L-ammont baxx ħafna ta' deċiżjonijiet impliċiti ta' rifjut donnu jikkonferma li r-riżorsi limitati tal-Kummissjoni ma obbligawx lil din ta' l-aħħar biex toqgħod lura milli ttipprovdi tveġibiet preċiżi għal ilmenti simili. Fuq kollox, filwaqt li jista' jkun aċċettabbli li l-Kummissjoni għandha tkun tista' tistabbilixxi l-prijoritajiet fir-rigward ta' l-ilmenti magħmula taħt l-Artikolu 90(2) li jiġu sottomessi lilha, dan ma jagħmilx id-deċiżjoni tagħha li ma ttipprovdi ebda tveġiba għal ilment partikolari kumpatibbli mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Il-kunċett ta' amministrazzjoni ħażina, kif ikkonfermat mill-każistika tal-qrati tal-Komunità, huwa aktar wiesa' minn dak ta' l-illegalità. Huwa ċar li m'huwiex biżżejjed li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar ta' l-ilmentatur għall-missjoni tiegħu tindika r-raġunijiet li fuqhom hija msejsa. Kieku l-Kummissjoni qieset li din id-deċiżjoni kienet korretta u kien fiha l-ispejjeżijiet kollha neċessarji, kellu jkun ħafna aktar faċli għaliha biex tagħti deċiżjoni motivata dwar l-ilment magħmul taħt l-Artikolu 90(2). Billi l-Kummissjoni ma kinitx kapaċi tittratta sewwa l-ewwel ilment magħmul taħt l-Artikolu 90(2) ta' l-ilmentatur, tveġiba għat-tieni lment tiegħu taħt l-Artikolu 90(2) li sar fid-19 ta' Awwissu 2003 kienet aktar meħtieġa.

L-Ombudsman għalhekk reġa' sostna l-fehma tiegħu li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jesigū li l-amministrazzjoni ttipprovdi tveġiba bil-miktub għall-ilmenti magħmula taħt l-Artikolu 90(2) u li din it-tveġiba għandha tingħata fil-perjodu ta' erba' xhur stabbilit f'din id-dispożizzjoni. In-nuqqas tal-Kummissjoni li tagħmel dan fil-każ preżenti għalhekk jirrappreżenta eżempju ta' amministrazzjoni ħażina.

Minħabba li l-ilmentatur, fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-opinjoni tal-Kummissjoni, kien sostna li ma kienx iqisha utli li l-inkjesta dwar l-ilment tiegħu titkompla, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx f'waqtu li jissottometti rapport speċjali lill-Parlament Ewropew. L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ b'kumment kritiku.

## DISKRIMINAZZJONI FIT-TRATTAMENT TA' APPLIKAZZJONI U NUQQAS LI JINGĦATA AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2437/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-2003, il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għal proposti taħt il-programm Leonardo da Vinci. L-applikanti kellhom jissottomettu proposti preliminari li l-Kummissjoni eżaminat bl-għajnuna ta' esperti barranin. Lil daww l-applikanti li l-proposti preliminari tagħhom intgħażlu intbagħtulhom il-kummenti u s-suġġerimenti ta' l-esperti barranin u kienu mistiedna jibagħtu proposti sħaħ.

Il-Kummissjoni infurmat lill-ilmentatur li l-proposti preliminari tiegħu ma setgħux jintgħażlu minħabba li kien bagħathom wara li skada ż-żmien. Il-Kummissjoni wara aċċettat li kienet għamlet żball. Bħala rimedju għal dan l-iżball, hija stiednet lill-ilmentatur biex jibgħat proposta sħiħa. L-ilmentatur aċċetta l-istedina. Iżda, f'Ġunju ta' l-2004, il-Kummissjoni għarrfitu li l-proġett tiegħu ma kienx intgħażel biex jingħata fondi.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li kienet saret diskriminazzjoni miegħu, billi ma kellux il-benefiċċju tar-rimarki ta' l-esperti barranin biex ikun jista' jtejjeb il-proposta preliminari tiegħu. Talab kumpens ta' aktar minn EUR 11 000. Allega wkoll li l-Kummissjoni kienet naqset milli tittratta b'mod xieraq it-talba tiegħu għal aċċess għal dokumenti.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-Kummissjoni kienet aġixxiet malajr u b'mod kostruttiv meta l-iżball imsemmi ngiebb għall-attenzjoni tagħha. Iżda ma kinitx żgurat li l-ilmentatur jingħata l-istess



trattament bħall-applikanti l-oħrajn li kienu ġew mistiedna jibagħtu proposti sħaħ. L-Ombudsman, għalhekk, għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni fejn stieden lill-Kummissjoni toffri lill-ilmentatur kumpens ġust, li seta' jkun wisq anqas mis-somma mitluba. L-Ombudsman irrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni kellha tittratta l-iskop kollu, fil-proċedura u fil-mertu, tat-talba ta' l-ilmentatur għal aċċess għal dokumenti.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni sottomettiet, *inter alia*, li l-ilmentatur kien espliċitament irrifjuta li ssir valutazzjoni tal-proposti preliminari tiegħu u li, għalhekk, ma kienx hemm bażi għal talba għal ħlas ta' danni. Il-Kummissjoni żvelat ukoll aktar dokumenti mill-fajl tagħha.

L-Ombudsman ma sabx li l-argumenti tal-Kummissjoni kienu konvinċenti, l-aktar peress li hija kienet taf li sempliċi permess biex tkun sottomessa proposta sħiħa ma kienx biżżejjed biex jiggarrantixxi trattament ugwali. Iżda, fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni, l-ilmentatur spjega li l-uniku metodu korrett u possibbli fiċ-ċirkustanzi missu kien li terġa' ssir pubblikazzjoni kompletament ġdida tal-parti rilevanti tas-sejħa għal proposti. L-Ombudsman, għalhekk, ikkonkluda li, meta baġat proposta sħiħa, l-ilmentatur kellu jittqies li kien ħa deċiżjoni minn jeddu u maħsuba li jaċċetta r-riskju li l-mod li bih kien qed jimxi seta' ma jwassalx għal riżultat sodisfaċenti. L-Ombudsman, għalhekk, fehem li ma kienx hemm aktar bażi għat-talba għall-ħlas ta' Danni.

Fir-rigward ta' aċċess għal dokumenti, ma kienx għadu ċar jekk il-Kummissjoni kinitx irrilaxxat favur l-ilmentatur id-dokumenti fil-fajl tagħha li kellhom x'jaqsmu miegħu. L-Ombudsman, għalhekk talab lill-Kummissjoni tqis il-kwistjonijiet rilevanti. Il-Kummissjoni wiegħbet li ma kienx hemm fajl speċifiku dwar l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur bi tweġiba għas-sejħa għal proposti u li d-dokumenti rilevanti kollha kienu ntwerew.

L-Ombudsman kien tal-fehma li, meqjusin iċ-ċirkustanzi speċjali tal-każ, ma kienx hemm il-ħtieġa li jagħmel rimarka ta' kritika dwar id-diskriminazzjoni li kienet seħħet. Iżda saru rimarki ta' kritika dwar it-trattament tat-talba għal aċċess għal dokumenti, kemm dwar il-mertu kif ukoll dwar il-proċedura.

## NUQQAS TA' RIMEDJU FI SKEJJEL EWROPEJ

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3403/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Bin l-ilmentaturi kien jattendi l-Iskola Ewropea fi Brussell sa l-2003 meta għamel l-eżami tat-tluq mill-iskola. Fl-eżami bil-miktub tiegħu bil-Ġermaniż, l-għalliem tiegħu tah 9.5 punti ("eċċellenti"). Iżda, billi t-tieni eżaminatur tah biss 5.5 punti ("insuffiċjenti"), issejjaħ it-tielet eżaminatur li ffixxa l-marka finali għal 6.0 punti.

L-ilmentaturi appellaw, imma l-Bord ta' l-Ilmenti ta' l-Iskola Ewropea qies li ma kienx kompetenti jitratta l-każ. Qal li għalkemm l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni li tiddefinixxi l-Istatut ta' l-Iskejjel Ewropej, li kienet fis-seħħ sa mill-2002, kienet tipprospetta appell bħal dan, id-dispożizzjonijiet implimentattivi eżistenti ma kinux jippermettu appell f'dan il-każ.

L-ilmentaturi rrikorrew għand l-Ombudsman. Billi l-Iskejjel Ewropej mhumix fihom nnifishom istituzzjonijiet jew korpi Komunitarji, l-istħarriġ tiegħu kellu jikkonċentra fuq il-funzjoni tal-Kummissjoni. L-ilmentaturi enfasizzaw id-dmir tal-Kummissjoni li tassigura d-dritt tagħhom għal proċedura ġusta.

Fi Frar ta' l-2005, ġew adottati dispożizzjonijiet implimentattivi ġodda. Iżda l-Bord ta' l-Ilmenti reġa' m'aċċettax il-każ ta' l-ilmentaturi minħabba li d-dispożizzjonijiet il-ġodda ma kinux applikabbli b'mod retroattiv.

Wara attentat mingħajr suċċess biex tinkiseb soluzzjoni bonarja, l-Ombudsman abbozza rakkomandazzjoni li biha ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tassigura li proposta ta' emenda għad-





dispożizzjonijiet implimentattivi tkun ippreżentata lill-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Iskejjel Ewropej bil-għan li l-Bord ta' l-Ilmenti jkun jista' jeżamina l-każ ta' l-ilmentaturi.

Fit-tweġiba tagħha l-Kummissjoni qalet li hija kienet infurmat lill-Iskejjel Ewropej li ma kienx hemm oġġezzjonijiet legali għal proposta bħal dik. Il-Kummissjoni żiedet tgħid li l-kumitat preparatorju tal-Bord tal-Gvernaturi kien wara ddiskuta l-kwistjoni imma, b'dispjaċir kbir għall-Kummissjoni, kien iddeċieda li ma jappoġġax il-proposti li saru biex tinbidel il-pożizzjoni preżenti. Fil-fehma tal-Kummissjoni, hija kienet għamlet dak kollu li kien raġonevolment possibbli.

L-Ombudsman laqa' tajjeb l-isforzi kostruttivi u sostnuti tal-Kummissjoni biex tgħin lill-ilmentaturi. Iżda kien tal-fehma li l-importanza f'dak li kienet qed tagħmel il-Kummissjoni fir-rigward tas-Sistema ta' l-Iskejjel Ewropej kienet tali li hija kellha tiegħu parti attiva biex tassigura li l-Iskejjel Ewropej ikunu konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

L-Ombudsman fakkar li l-emenda meħtieġa għad-dispożizzjonijiet implimentattivi rilevanti ma kienet immirata għal xejn aktar ħlief biex tagħti effett prattiku lill-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni mid-data li fiha l-Konvenzjoni kienet daħlet fis-seħħ. Ma kien jidher li kien hemm l-ebda raġuni valida li żżomm lill-Bord tal-Gvernaturi milli jaċċetta emenda bħal dik.

L-Ombudsman qies li, minħabba li d-defiċjenza kienet ċara u li l-kwistjoni kienet waħda ta' importanza, il-Kummissjoni kien messha tinsisti li l-Bord tal-Gvernaturi jiddiskuti l-proposta. Billi l-Kummissjoni kienet naqset li tagħmel dan, l-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika.

Peress li d-dispożizzjonijiet implimentattivi kienu daħlu fis-seħħ fl-2005, u li l-għadd ta' persuni li kienu milqutin mill-problema msemija kien jidher, għalhekk, li kien limitat ħafna, l-Ombudsman ma qiesx li kien f'loku li jagħmel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew dwar il-każ. Però kien hemm kwistjonijiet simili f'żewġ każijiet oħra (2153/2004/MF and 3323/2005/WP) quddiem l-Ombudsman li kienu għadhom ma nqatgħux, li r-riżultat tagħhom ma kienx qed ikun preġudikat b'din id-deċiżjoni.

L-ilmentaturi għarrfu lill-Ombudsman li huma kienu sodisfatti bil-mod kif huwa kien ittratta l-każ u li kienu jittamaw li l-Kummissjoni kienet se ggħib din id-deċiżjoni għall-attenzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej.

Il-Kummissjoni sussegwentement għarrfet lill-Ombudsman li, minħabba l-importanza tal-kwistjoni, hija kienet talbet lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej biex iqiegħed id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fuq l-aġenda tal-Bord tal-Gvernaturi. Għarrfet ukoll lill-Ombudsman li l-Iskejjel Ewropej kienu adottaw Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba (li tista' tinkiseb mill-websajt ta' l-Iskejjel Ewropej).

## ÇAĦDA TA' AĊĊESS GĦAL SOTTOMISSJONI TAL-KUMMISSJONI LIL BORD TAT-TILWIM TA' L-ORGANIZZAZZJONI DINIJA TAL-KUMMERĊ (WTO)

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 582/2005/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

*Friends of the Earth* ġiet miċħuda aċċess għat-Tieni Sottomissjoni tal-Kummissjoni lill-bord dwar it-tilwimiet ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO"). It-tilwima tnisslet minn ilment magħmul mill-Istati Uniti u oħrajn b'rabta ma' l-atteġġjament tal-Komunità Ewropea lejn l-ikkumerċjalizzar tal-bijoteknoloġija (organiżmi ġenetikament immodifikati). L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet kisret ir-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti<sup>11</sup>. Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni argumentat li "il-proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwimiet tad-WTO trid tiġi assimilata mal-proċedimenti tal-qorti" fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, li jipprovdi li "l-istituzzjonijiet għandhom jiċħdu

<sup>11</sup>

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p.43.



*l-aċċess għal dokument fejn il-pubblikazzjoni tiegħu tista' tkun ta' xkiel għall-protezzjoni ta': (...) – il-proċedimenti tal-qorti (...)*".

L-Ombudsman fakkar li l-eċċezzjonijiet għall-aċċess pubbliku jridu jkunu interpretati u applikati b'mod strett. Biex wieħed jikkunsidra li l-'proċedimenti tal-qorti' taħt l-Artikolu 4(2), it-tieni inċiż, tar-Regolament 1049/2001 ikopru wkoll il-proċeduri għas-soluzzjoni ta' tilwimiet li jistgħu jiġu assimilati mal-proċedimenti tal-qorti kien jinvolvi interpretazzjoni wiesgħa b'mod mhux permessibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kinitx uriet li l-leġislatur tal-Komunità kellu l-ħsieb li l-frażi ta' 'proċedimenti tal-qorti' fir-Regolament 1049/2001 tkopri wkoll proċeduri oħra għas-soluzzjoni ta' tilwimiet. Fid-dawl ta' dan, l-Ombudsman ħa l-posizzjoni li r-rifjut ta' aċċess tal-Kummissjoni ma kinex fondat, u għamel kumment kritiku.

Dwar it-talba ta' l-ilmentatur li s-sottomissjonijiet tal-Kummissjoni fil-futur għandhom jiġu ppubblikati meta jiġu ppreżentati lill-bord tad-WTO, l-Ombudsman innota, b'mod partikolari, li s-sejba tiegħu ta' amministrazzjoni ħażina (hawn fuq) fiha nnifisha ma kinitx timplika li l-Kummissjoni b'mod ġenerali kienet se tkun obbligata li tippubblika jew tikxef b'mod ieħor għal partijiet terzi s-sottomissjonijiet tagħha f'tilwimiet tad-WTO fl-istadju tal-proċedimenti li saret referenza għaliha mill-ilmentatur.

## REGOLI GĦAL LEAVE SPECĖJALI GĦAL ESPERTI NAZZJONALI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 760/2005/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatriċi kienet taħdem bħala esperta nazzjonali sekondata ("SNE") mal-Kummissjoni. It-talba tagħha għal-leave speċjali biex tidher bħala xhud fil-qorti kienet rifjutata għar-raġuni li r-regoli fis-seħħ ma kinux ikopru din il-possibilità għal SNE.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi allegat li dan ir-rifjut kien jikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba li uffiċjali Komunitarji setgħu igawdu minn leave speċjali f'ċirkustanzi simili.

L-opinjoni tal-Kummissjoni dehret li kienet qed tissuġġerixxi, l-ewwel, li kull trattament inugwali li seta' jeżisti kellu spjegazzjoni minħabba differenzi oġġettivi bejn uffiċjali u SNE u, it-tieni, li, fil-mertu, ma kienx hemm trattament inugwali bejn uffiċjali u SNE, peress li n-nuqqas ta' dispożizzjoni speċifika li kienet tippermetti l-leave f'każijiet bħal dawn għal SNE kienet tagħmel tajjeb għaliha l-possibilità li jinkiseb leave speċjali taħt titoli oħra.

L-Ombudsman ma sabx il-pożizzjoni tal-Kummissjoni konvinċenti għaliex il-Kummissjoni (i) ma tatx spjegazzjoni sodisfaċenti għala d-differenzi eżistenti bejn uffiċjali u SNE kienu jagħtuha d-dritt li tittrattahom b'mod differenti meta kienet tiġi biex tiddeċiedi applikazzjonijiet għal leave speċjali biex wieħed jidher il-qorti bħala xhud u (ii) ma wrietx li uffiċjali u SNE kienu, sostanzjalment, ittrattati b'mod ugwali.

L-Ombudsman issuġġerixxa, bħala soluzzjoni bonarja, li l-Kummissjoni tikkunsidra temenda jew tikkjarifika r-regoli eżistenti biex tassigura li SNE ikunu jistgħu jingħataw leave speċjali bl-istess kundizzjonijiet li kellhom uffiċjali f'każijiet fejn huma kien ikollhom jidhru quddiem qorti bħala xhieda. Billi l-Kummissjoni m'aċċettatx il-proposta, l-Ombudsman tenniha f'għamla ta' abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha l-Kummissjoni qalet, mingħajr ma elaborat, li hija kienet se tistudja l-proposta ta' l-Ombudsman fil-kuntest ta' eżami aktar komprensiv fil-futur tas-sitwazzjoni ta' SNE. Il-Kummissjoni nnotat li, madankollu, kienet ingħatat ġurnata żejda ta' leave ordinarju lill-ilmentatriċi fl-2006.

L-Ombudsman qies li din ir-risposta ma kinitx sodisfaċenti, peress li ma kinitx tikkostitwixxi impenn li l-abbozz tar-rakkomandazzjoni kien se jkun implimentat.



Billi ma kienx jidher ġustifikat li jintbagħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew, l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka ta' kritika.

L-Ombudsman wera wkoll id-dispjaċir tiegħu għall-fatt li s-servizz rilevanti tal-Kummissjoni kien naqas li jaġġmel użu mill-opportunità li juri l-impenn tiegħu għal prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u hbar l-intenzjoni tiegħu li jeżamina, flimkien mal-Kummissarju responsabbli, kif l-aħjar tinġieb 'il quddiem kultura ta' servizz fid-Direttorat-Ġenerali konċernat.

## NUQQAS LI L-ĠERMANJA TIĠI MĠIEGĦLA TĦARES SENTENZA TAL-QORTI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1037/2005/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-1998, il-Ġermanja introduċiet "Regolament dwar il-Prevenzjoni u l-Irkupru ta' Skart ta' l-Imballaġġ", li jittrasponi Direttiva Ewropea fil-liġi nazzjonali. Ir-Regolament kien jobbliga lill-produtturi u d-distributuri sabiex jaċċettaw, mingħajr ħlas, ir-ritorn ta' imballaġġ vojta tal-bejgħ jew jirkuprawh. Taħt ċerti kondizzjonijiet, dan l-obbligu seta' jiġi mħares billi wieħed jipparteċipa f'sistema globali għall-ġbir ta' imballaġġ tal-bejgħ użat. Id-distributuri ta' ċerti xarbiet kellhom jitolbu l-ħlas ta' depożitu mingħand il-klijenti tagħhom fuq il-fliexken tal-plastik u l-bottijiet, sakemm ma kinux jipparteċipaw f'sistema simili. Madankollu, jekk ma kinux jintlaħqu ċerti kondizzjonijiet fir-rigward tal-proporzjon ta' l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fis-suq, il-produtturi ma setgħux jissodisfaw aktar l-obbligi tagħhom billi jipparteċipaw fis-sistema. F'każ bħal dan, ix-xarbiet f'imballaġġ li ma jistax jerġa' jintuża saru soġġetti għas-sistema ta' depożitu u ritorn. Fit-2 ta' Lulju 2002, l-awtoritajiet Ġermaniżi ordnaw li mill-1 ta' Jannar 2003 jibda jntalab il-ħlas ta' depożitu fuq l-imballaġġ li ma jistax jerġa' jintuża għall-ilma minerali, birra u xorb mhux alkoħoliku kkarbonizzat.

Wara proċeduri ta' ksur kontra l-Ġermanja fir-rigward ta' l-ilma minerali, il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea qieset li r-regoli rilevanti kienu jikkostitwixxu ostakolu għall-Kummerċ fil-Komunità (Każ C-463/01). B'mod partikolari, hija qieset li r-Regolament ma kienx ħaseb għal perjodu tranżitorju twil biżżejjed.

F'każ ieħor li kien ġie riferut lill-Qorti minn qorti Ġermaniża (Każ C-309/02), hija ddeċidiet li bidla minn sistema ta' ġestjoni ta' l-iskart ta' l-imballaġġ għal oħra kienet kumpatibbli biss mad-dritt Komunitarju jekk kienet teżisti sistema operattiva fiż-żmien tal-bidla, li l-produtturi u d-distributuri kkonċernati setgħu fil-fatt jipparteċipaw fiha.

Fl-ilment tagħhom lill-Ombudsman, żewġ avukati li dehru għall-kumpaniji affettwati mir-Regolament allegaw li l-Kummissjoni kienet naqset milli tieħu l-passi meħtieġa sabiex iġġiegħel lill-Ġermanja tikkonforma ma' dawn is-sentenzi.

Skond il-Kummissjoni, iż-żewġ sentenzi ma kinux jipprovdu bażi legali sabiex tesiġi li l-Ġermanja tissospendi r-regoli rilevanti. Fl-ewwel sentenza, il-Qorti kienet qieset id-depożitu obligatorju bħala inkompatibbli mad-dritt Komunitarju għar-raġuni biss li kien ġie introdott mingħajr perjodu tranżitorju suffiċjenti. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li, sa issa, kien għadda perjodu twil biżżejjed.

Rigward it-tieni sentenza, il-Kummissjoni qieset li din ma kinitx tapplika għall-każ preżenti minħabba li kienet sentenza preliminarj li ddikjarat biss kondizzjonijiet ġenerali rigward il-kompatibbiltà tad-depożitu mad-dritt Komunitarju mingħajr ma evalwat is-sistema Ġermaniża waħedha. Il-kwistjoni dwar jekk is-sistema Ġermaniża kinitx inkompatibbli mad-dritt tal-Komunità minħabba kopertura ġeografika insuffiċjenti kienet is-suġġett ta' proċeduri oħra ta' ksur li attwalment kienu qed jiġu indirizzati mill-Kummissjoni. Għalhekk ma kienet meħtieġa ebda azzjoni oħra.

L-Ombudsman fakkar li amministrazzjoni ħażina tista' sseħħ meta l-amministrazzjoni tinterpreta ħażin regola jew prinċipju legali. F'dan il-każ, l-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE kien rilevanti. Dan





jipprovdi li, jekk l-Istat Membru jonqos milli jieħu miżuri xierqa, il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni motivata u tista' tressaq il-każ quddiem il-Qorti.

Fil-fehma ta' l-Ombudsman, kien ċar li jrid ikun hemm perjodu tranżitorju qabel l-introduzzjoni ta' sistema ġdida. Huwa qies li l-Kummissjoni ma kienet ressqet l-ebda argumenti legali konvinċenti biex issostni l-posizzjoni tagħha li ż-żmien li għadda *wara* l-introduzzjoni kien wassal biex is-sentenza tal-qorti ma tibqax valida. L-argumenti li bbażat fuqhom dehru li kienu motivati minn konsiderazzjonijiet ta' konvenjenza.

Rigward it-tieni sentenza tal-Qorti, l-Ombudsman qies li l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kienet naqset li tiżgura li l-Ġermanja tikkonforma ma' din is-sentenza kienet manifestament infondata, billi din kienet sentenza preliminari dwar l-interpretazzjoni tat-Trattat. Madankollu, huwa sab li s-sentenza kienet tirreferi b'mod ċar għar-Regolament Ġermaniż u stabbiliet il-kondizzjonijiet li kellha tissodisfa.

L-Ombudsman kien tal-fehma li, anki fuq l-ipoteżi li kien għadda perjodu tranżitorju suffiċjenti, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li ma kienet meħtieġa ebda azzjoni oħra fir-rigward tal-ħarsien ta' l-ewwel sentenza setgħet tkun iġġustifikata biss kieku hija kienet assigurat ruħha li kien hemm disponibbli sistema operattiva miftuħa għall-kumpaniji kollha interessati. Madankollu, il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet aktar qabel li ma kienet ġiet stabbilita l-ebda sistema bħal din. Barra minn hekk, hija kienet ammettiet li l-kwistjoni kienet għadha qiegħda tiġi valutata fil-kuntest ta' proċedura oħra ta' ksur. L-Ombudsman għalhekk sab li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni kienet inkonsistenti.

Huwa kkonkluda li l-Kummissjoni kienet interpretat ħażin l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228 tat-Trattat tal-KE billi naqset milli tipprovdi argumenti konvinċenti biex turi li ma kienu meħtieġa l-ebda passi oħra biex iġġiegħel lill-Ġermanja tħares id-deċiżjonijiet tal-Qorti.

Minħabba li waħda mill-proċeduri ta' ksur fir-rigward tar-Regolament Ġermaniż kienet għadha għaddeja, huwa esprima l-fehma li l-opinjonijiet tiegħu, imfissra f'kumment kritiku, setgħu jiġu kkunsidrati b'mod siewi mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' dik il-proċedura.

### AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI DWAR L-ALLOKAZZJONI TA' KONĊESSJONIJIET GĦAL EMISSJONI TA' GASS SERRA

#### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1463/2005/TN kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien dwar ir-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għal dokumenti dwar il-pjanijiet nazzjonali għall-allokazzjoni ta' konċessjonijiet għal emissjoni ta' gass serra ("NAP") notifikati lill-Kummissjoni mir-Renju Unit, Franza u s-Slovakkja. Il-Kummissjoni kienet irrifjutat aċċess għad-dokumenti msemija fuq il-bażi ta' l-Artikolu 4(2), it-tielet inċiż, u l-Artikolu 4(3), l-ewwel paragrafu, tar-Regolament 1049/2001<sup>12</sup> dwar aċċess pubbliku għal dokumenti, għax sostniet li n-negozjati tagħha ma' Stati Membri kienu għadhom għaddejjin u li aċċess għad-dokumenti msemijin kien jippreġudika il-pożizzjoni tagħha fin-negozjati.

L-ilmentatur argumenta li, billi n-NAP kollha kellhom ikunu evalwati individwalment, u mingħajr diskrezzjoni, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fil-konfront ta' NAP waħda ma kienx se jolqot il-pożizzjoni tagħha fil-konfront ta' NAP oħra. L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni ma kinitx għamlet sewwa meta rrifjutat li tagħti aċċess għad-dokumenti msemijin.

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni argumentat li l-evalwazzjoni ta' NAP tiegħu l-forma ta' investigazzjoni, li l-iskop tagħha kien li jsir magħruf jekk in-NAP kinix konformi mad-Direttiva

<sup>12</sup>

Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju, 2001, dwar aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU 2001 L 145, p. 43.



2003/87<sup>13</sup> fit-tpartit ta' emissjonijiet ta' gass serra. Din il-proċedura tinvolti ammont sostanzjali ta' negozjar bl-iskop li tinstab soluzzjoni, konsistenti mad-dritt Komunitarju, li tqis il-qagħda speċifika ta' l-Istat Membru.

L-Ombudsman innota li l-ilmentatur kien ingħata aċċess għad-dokumenti mitluba wara li l-proċedura ta' approvazzjoni NAP għall-Istati Membri kollha kienet ġiet iffinalizzata. Iżda fir-rigward tar-rifjut tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għal NAP waqt li jkunu għaddejnin negozjati, huwa qal li prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li jinġiebu argumenti validi u konvinċenti.

L-Artikolu 4(3), l-ewwel paragrafu, tar-Regolament 1049/2001 japplika għal dokumenti miktubin minn istituzzjoni għal użu intern. Id-dokumenti msemmin fit-talba biex isir ilhom aċċess kienu komunikazzjonijiet mibgħutin u riċevuti mill-awtoritajiet ta' ċerti Stati Membri. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, ma setgħux, għalhekk, jitqiesu bħala dokumenti destinati għal użu intern.

L-Artikolu 4(2) tar-Regolament jesiġi li, biex aċċess ikun irrifjutat, jeħtieġ li jiġi stabbilit li l-iżvelar ikun se jhedded il-ħarsien ta' l-iskop ta' l-investigazzjonijiet. L-iskop ta' l-investigazzjonijiet f'dan il-kuntest kien li jkun assigurat li n-NAP ta' l-Istati Membri jkunu konformi mad-dritt Komunitarju. Biex l-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 4(2) tkun applikata, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi li l-iżvelar tad-dokumenti in kwistjoni kien se jhedded dak l-iskop. Hija dan m'għamlitux. L-Ombudsman, għalhekk, sab li l-Kummissjoni ma kinitx għamlet sewwa meta rrifjutat li tagħti aċċess għad-dokumenti waqt li kienu għaddejnin negozjati u li r-rifjut tagħha kien jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. L-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika dwar dan.

## NUQQAS TA' SPJEGAZZJONI GĦAL EVALWAZZJONI NEGATTIVA TA' IMPJEGAT TA' AĠENZJA

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 163/2006/MHZ kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Uffiċjal tal-Kummissjoni baġhat ittra lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (AEA) dwar problemi ta' kooperazzjoni tal-Kummissjoni ma' grupp ta' ħidma ta' l-AEA li tiegħu kienet responsabbli l-ilmentatriċi. Skond l-ilmentatriċi, li wara kienet tkeċċiet, l-ittra kienet intbagħtet fuq talba ta' min kien qed jissorvelja biex ikollu provi kontriha. L-ilmentatriċi kitbet lill-Kummissjoni biex titlobha spjegazzjonijiet. Billi l-Kummissjoni ma wegħbitx, l-ilmentatriċi rrikorriet għand l-Ombudsman.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet u wriet dispjaċir li l-ilmentatriċi ma rċevietx risposta għall-ittra tagħha. Iżda l-Kummissjoni kienet tal-fehma li ma kienx xieraq li hija tidħol f'dibattitu ma' impjegati individwali jew ma' min kien impjegat ta' l-AEA dwar il-kuntatti tagħha ma' l-AEA. Il-Kummissjoni ma setgħetx tkun f'qagħda, għalhekk, li tibgħat risposta fil-mertu għat-talba ta' l-ilmentatriċi għal informazzjoni.

Fl-osservazzjonijiet tagħha, l-ilmentatriċi qalet li hija kienet tistenna li l-uffiċjal tal-Kummissjoni msemmi jirċievi twissija bil-miktub u li kopja tat-twissija tintbagħat lilha.

L-Ombudsman qies li l-Kummissjoni kienet offriet ġustifikazzjoni raġonevoli għaliex ma kinitx tat lill-ilmentatriċi l-informazzjoni mitluba. Iżda n-nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb l-ittra ta' l-ilmentatriċi kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina. L-espressjoni ta' dispjaċir minn naħa tal-Kummissjoni għan-nuqqas ta' tweġiba ma kinitx tikkostitwixxi apoloġija mingħajr ekwivoċi li, raġonevolment, setgħet kienet mistennija tissodisfa lill-ilmentatriċi. Għalhekk l-Ombudsman għamel rimarka ta' kritika.

Fir-rigward tal-kwistjoni mqajma fl-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi, l-Ombudsman innota li sanzjonijiet dixxiplinarji jistgħu jkunu imposti biss b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti tal-Personal. Kieku l-Ombudsman kellu, bħala parti mill-istħarriġ tiegħu ta' ilment

<sup>13</sup>

Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru, 2003, li tistabbilixxi skema għal *allowance* għal emissjoni ta' gass serra fil-kummerċ fil-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU 2003 L 275, p. 32.



mibgħut lilu, jinvestiga jekk kellhomx jinbdew proċeduri dixxiplinarji f'każ partikolari, ikun fil-fatt qed jibda dak li jistgħu jissejħu proċeduri pre-dixxiplinarji, li l-konklużjonijiet tagħhom jistgħu aktarx ikunu ta' preġudizzju jew li jkun jidhru li huma ta' preġudizzju għar-riżultat ta' proċeduri dixxiplinarji li jsiru wara. Peress li l-osservazzjoni ta' l-ilmentatriċi setgħet tinftiehem li kienet talba għdida, l-Ombudsman, għalhekk, qies li ma setgħatx tkun ittrattata fl-istħarriġ tiegħu.

## EŻAMI TAD-DATA TA' META NTBAGĦTU PROPOSTI PRELIMINARI GĦAL GĦOTJA

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 866/2006/SAB kontra l-Kummissjoni Ewropean*

L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tittratta b'mod sewwa il-proposti preliminari tiegħu, permezz tal-programm Socrates, billi kkonkludiet b'mod ħażin li kienu ntbagħtu wara li kien għalaq iż-żmien (l-1 ta' Novembru, 2005). Fil-qosor, l-ilmentatur sostna li l-Kummissjoni kienet ingħatat reġistrazzjoni f'waqtha tas-sottomissjoni tal-proposti preliminari. Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni qalet li hija ddikjarat il-proposti preliminari bħala ineliġibbli minħabba li l-fattura tal-posta bl-ajru tal-kumpanija tal-posta espressa DHL, li l-Kummissjoni rċeviet flimkien mal-proposti preliminari, kellha fuqha d-data tat-2 ta' Novembru, 2005. Ma kienx hemm raġuni, skond il-Kummissjoni, għaliex kellu jkun hemm dubju dwar din id-data.

Is-sejħa rilevanti għal proposti kienet turi *"id-dati ta' l-għeluq għas-sottomissjoni tal-proposti (meta jintbagħtu)"* u ffixat id-data ta' l-1 ta' Novembru, 2005, bħala d-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni tal-proposti preliminari msemmija. Il-formola ta' l-applikazzjoni rilevanti kienet tgħid li din id-data kienet *"l-1 ta' Novembru, 2005 (skond it-timbru tal-posta). Applikazzjonijiet li jkollhom timbru tal-posta wara din id-data ma [jkunux] ikkunsidrati. L-applikazzjoni [kellha] tintbagħat bil-posta."*

L-istħarriġ ta' l-Ombudsman wera li l-proposti preliminari kienu hađu ħsiebhom żewġ kumpaniji tal-posta espressa. L-Ombudsman innota li l-fatturi tal-posta bl-ajru li l-Kummissjoni rriferiet għalihom, kienu juru li l-posta li kienet waslitilha mingħand id-DHL kienet ingħatat lid-DHL mill-kumpanija jisimha SPEEDEX, u mhux mill-ilmentatur. L-isem stess ta' din l-aħħar imsemmija kumpanija kien jindika li hija kienet tagħti servizzi ta' posta espressa. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman m'aċċettax l-argument tal-Kummissjoni li ma kienx hemm raġuni li wieħed jiddubita mid-data li kienet tidher fuq il-fatturi tad-DHL bħala d-data ta' meta ntbagħtet. B'rabta ma' dan, huwa fakkar li, waqt li kien jidher li l-Kummissjoni kienet għamlet tftixxija elettronika fid-database tad-DHL biex tara x'kienet id-data ta' meta ntbagħtet, m'għamlet xejn aktar biex tivverifika d-data ta' meta ntbagħtet. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet ikkonfermat id-deċiżjonijiet inizjali tagħha li ma kinux laqgħu il-proposti preliminari ta' l-ilmentatur, għalkemm l-ilmentatur kien ikkontestahom billi għab dokumenti li kienu juru li kienu ntbagħtu fl-1 ta' Novembru, 2005, minn SPEEDEX. Minn dak li ntqal hawn, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet tabilħaqq naqset li, kif kien xieraq, tittratta l-proposti preliminari in kwistjoni u sab li dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.



### 3.4.4 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

## TAGĦRIF INADEGWAT LIL KANDIDAT DWAR L-IŻBALJI TIEGĦU F'EŻAMI TAT-TRADUZZJONI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 674/2004/PB kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO)*

L-ilmentatur talab lill-EPSO informazzjoni li setgħet tgħinu jifhem il-marki tiegħu f'eżami tat-traduzzjoni li huwa ma kienx għadda minnu. L-EPSO bagħatlu folja ta' valutazzjoni, fejn kien

indikar li “... it-traduzzjoni ma tippossedix b’mod suffiċjenti l-kwalitajiet tal-fedeltà mat-test oriġinali u/jew l-adattabilità fl-użu tal-Franċiż għax-xogħlijiet li jridu jitwettqu”. Waqt l-istħarriġ ta’ l-Ombudsman, l-EPPO ta wkoll ċerta informazzjoni dwar it-tipi ta’ żbalji mwettqa mill-ilmentatur.

Fl-1999, il-Kummissjoni ntrabtet li tagħti aċċess lill-kandidati għall-karti ta’ l-eżami kkoreġuti tagħhom, wara l-aċċettazzjoni kemm mill-Parlament Ewropew kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea tar-Rapport Speċjali ta’ l-Ombudsman dwar it-trasparenza fil-proċeduri tar-reklutaġġ. F’dan ir-Rapport, kien intqal li l-ġħoti ta’ aċċess simili (i) jagħti lill-kandidat l-opportunità li jiskopri l-iżbalji tiegħu/tagħha u b’hekk li jmorru aħjar fil-ġejjieni; (ii) isaħħaħ il-fiducia tal-kandidat fl-amministrazzjoni; u (iii) jippermetti lill-kandidati li weħlu u li jkunu jixtiequ jikkontestaw il-valutazzjoni li jargumentaw b’mod aktar preċiż.

Fl-abbozz ta’ rakkomandazzjoni tiegħu dwar il-każ preżenti, l-Ombudsman qies li s-suffiċjenza ta’ l-informazzjoni mogħtija ġewwa folja ta’ valutazzjoni mħejjija mill-Bord ta’ l-Għażla għandha tkun evalwata fid-dawl ta’ l-iskop li tingħata l-karta kkoreġuta lill-lill-kandidat. Għalhekk, il-folja ta’ valutazzjoni trid tipprowdi informazzjoni ċara u ddettaljata biżżejjed fid-dawl ta’ dawn l-ġħanijiet. L-Ombudsman sab li dan ir-rekwiżit jimplika li, fejn il-folja ta’ valutazzjoni tirrigwarda eżami tat-traduzzjoni, din trid tipprowdi tagħrif mhux biss fuq it-tipi, iżda wkoll fuq il-gravità u l-ammont ta’ l-iżbalji jew nuqqasijiet identifikati mill-Bord fil-karta tal-kandidati, mingħajr, madankollu, ma jinxteħet piż amministrattiv mhux raġonevoli fuq il-Bord. F’dan ir-rigward, l-Ombudsman irrimarka li l-Bord m’għandu l-ebda obbligu, ġej mill-prinċipji ta’ prattika tajba, sabiex jipprowdi lill-kandidati b’opinjoni dettaljata dwar l-iżbalji jew nuqqasijiet *speċifiċi* li huwa identifika.

L-EPPO wieġeb billi pprova aktar tagħrif dwar l-iżbalji mwettqa mill-ilmentatur fl-eżami. Madankollu, huwa sostna li ma kinitx ir-responsabbiltà tal-Bord li jindika l-gravità u l-importanza tat-tipi differenti ta’ żbalji identifikati waqt il-korrezzjoni tal-karta kkonċernata. L-EPPO, għalhekk, ma aċċettax l-abbozz ta’ rakkomandazzjoni ta’ l-Ombudsman.

Fid-deċiżjoni tiegħu, l-Ombudsman osserva li l-EPPO la kien sostna li l-ġħoti tat-tagħrif imsemmi fuq kien se jinvolvi piż amministrattiv mhux raġonevoli u lanqas indika xi raġuni oħra valida għan-nuqqas li jagħti din l-informazzjoni lill-ilmentatur. L-Ombudsman għalhekk għamel kumment kritiku. Barra minn hekk, l-Ombudsman indika li kien ser jikkunsidra jekk il-kwistjoni ta’ hawn fuq setgħetx tiġi inkluża b’mod siewi fl-istħarriġ *ex officio* dwar l-aċċess għall-kriterji ta’ valutazzjoni stabbiliti mill-Bordijiet għall-eżamijiet bil-miktub (stħarriġ OI/5/05/PB) u jista’ wkoll jikkunsidra jekk ikunx utli li jiftaħ stħarriġ *ex officio* dwar il-kwistjoni.

## ALLEGATA DISKRIMINAZZJONI U INĠUSTIZZJA MINĦABBA ANQAS ŻMIEN TA’ PREPARAZZJONI GĦAL EŻAMI ORALI MINN KANDIDATI OĦRAJN

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3399/2004/OV kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPPO)*

L-ilmentatur ħa sehem f’Konkurs Miftuħ COM/A/3/02, organizzat mill-EPPO. F’Diċembru 2003, l-EPPO għarrfu li huwa ma kienx intgħażel biex isirli l-eżami orali e) għaliex il-marka tiegħu ta’ 23.2/40 fl-eżami bil-miktub d) ma kinitx suffiċjenti biex huwa jkun fost l-aħjar 145 kandidat. L-ilmentatur talab kopja ta’ l-eżami tiegħu. Bi tweġiba, il-Bord ta’ l-Għażla għarrfu, b’ittra tas-27 ta’ Jannar, 2004, li l-Bord kien reġa’ kkunsidra l-eżami tiegħu u ddeċieda li jistiednu għall-eżami orali e), li kellu jsir fit-18 ta’ Frar, 2004. Fit-23 ta’ April, 2004, l-EPPO għarraf lill-ilmentatur li huma ma kienx ġie inkluż fil-lista tar-riżervi. L-ilmentatur skopra minn din l-ittra li huwa kien fil-fatt ġab 25.6/40 fl-eżami bil-miktub d).

L-ilmentatur irrikorra għand l-Ombudsman u allega (i) li kien hemm irregolaritajiet amministrattivi fil-korrezzjoni ta’ l-eżami tiegħu bil-miktub d), kif jixduh il-marki differenti komunikati lilu (23.2/40 u 25.6/40), u (ii) li ma kienx ittrattat b’mod raġonevoli u fuq bażi uguali ma’ kandidati oħrajn għaliex irċieva l-istedina għall-eżami orali biss fit-3 ta’ Frar, 2004, u għalhekk kellu anqas żmien biex jipprepara ruħu.





F'opinjoni konġunta, il-Kummissjoni u l-EPPO qalu li l-eżaminazzjoni mill-ġdid ta' l-eżami bil-miktub ta' l-ilmentatur kien irriżulta f'marka ġdida ta' 25.6/40 u li din ma kinitx irregolarità amministrattiva, iżda deċiżjoni ta' rettifika. Dwar dak li kellu x'jaqsam ma' l-allegat trattament irraġonevoli u inugwali, huma fakkru li l-Avviż tal-Kompetizzjoni kien għarraf lill-kandidati bid-diversi hili, kapaċitajiet u għarfien li kienu ser jiġu evalwati matul l-eżami, u li l-kandidati kollha setgħu, għalhekk, użaw il-perjodu ta' wara l-eżamijiet pre-selettivi biex jitħejjew għall-eżamijiet l-oħra, inkluż dak orali.

Is-servizzi ta' l-Ombudsman spezzjonaw il-fajl ta' l-EPPO. Il-Bord ta' l-Għażla kien irċieva 14-il talba mingħand kandidati, jew biex terġa' ssir evalwazzjoni ta' l-eżami bil-miktub d), jew għal aktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-marka tagħhom insuffiċjenti. Il-Bord kien qies l-14-il talba kollha bħala talbiet biex issir evalwazzjoni mill-ġdid. Wara li li reġgħet ingħatat marka għat-tielet darba, żewġ kandidati, inkluż l-ilmentatur, tħallew jagħmlu l-eżami orali. L-Ombudsman seta', għalhekk, jikkonferma u jaċċetta l-fatt li l-Bord kien għamel evalwazzjoni mill-ġdid ġenwina ta' l-eżami ta' l-ilmentatur, li wasslet għal deċiżjoni ta' rettifika. Ma nstabx, għalhekk, li kien hemm amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' irregolaritajiet amministrattivi. Barra dan, l-Ombudsman għamel rimarka ulterjuri li biha ħeġġeġ lill-EPPO u lill-Bordijiet ta' l-Għażla fil-konkorsi kollha biex jikkunsidraw kif imiss talbiet għal evalwazzjoni mill-ġdid u biex jagħmlu korrezzjonijiet fl-evalwazzjonijiet preċedenti tagħhom biex isaħħu l-fiduċja u l-fidi taċ-ċittadini fil-proċeduri ta' għażla organizzati mill-EPPO.

Dwar it-tieni allegazzjoni, l-Ombudsman ikkunsidra li d-differenza fit-trattament kienet oġġettivament ġustifikata mill-fatt li l-eżami ta' l-ilmentatur kien ġie evalwat mill-ġdid u li, b'riżultat ta' dan, tħalla jagħmel l-eżami orali. L-Ombudsman sab, iżda, li l-ilmentatur ma kienx ġie ttrattat b'mod ġust u raġonevoli, minħabba li l-EPPO kien ippropona lill-ilmentatur id-data tat-18 ta' Frar, 2004, għall-eżami orali tiegħu, waqt li seta' jipproponi id-data l-oħra possibbli ta' l-1 ta' Marzu, 2004, li kienet tagħti lill-ilmentatur għaxart ijiem oħra biex jipprepara ruħu. L-Ombudsman, għalhekk, għamel rimarka ta' kritika f'dan ir-rigward.

## INFORMAZZJONI INKONSISTENTI TA' KONKORS MIFTUĦ

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 32/2005/ELB kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPPO)*

L-ilmentatur ipparteċipa f'Konkurs Miftuħ. Huwa naqas li jikseb il-marka ta' kwalifika fl-eżami (c), li kien jinkludi sensiela ta' mistoqsijiet ta' għażla multipla "*sabiex ikejlu l-ħila ġenerali [tal-kandidati], b'mod partikolari l-ħiliet ta' raġunament verbali u numeriku [tagħhom]*". L-ilmentatur allega li l-mistoqsija Nru 21 ta' dan it-test kien fiha informazzjoni inkonsistenti.

L-Ombudsman aċċetta l-argument ta' hawn fuq magħmul mill-ilmentatur. Madankollu, huwa esprima wkoll il-fehma li l-mistoqsija Nru 21 ma setgħetx titqies bħala inkonsistenti ma' l-iskop ta' l-eżami u ma setgħetx tiġi meqjusa, waħedha, bħala inkompatibbli mal-prinċipji tat-trattament ugwali tal-kandidati jew mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba li jesigħu li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità jkunu konsistenti fl-azzjoni amministrattiva tagħhom u jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni li tkun preċiża u mhux ippreżentata b'mod li jiżgwidha. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman innota wkoll li, billi l-Avviż tal-Konkurs u l-paġna ta' quddiem ta' l-eżami (c) infurmaw b'mod ċar lill-kandidati li dan it-test kien imfassal biex jittestja, b'mod partikolari, il-*"ħiliet ta' raġunament verbali u numeriku"* tagħhom, in-nuqqas ta' l-EPPO li jispeċifika f'dawn id-dokumenti li mistoqsija ta' l-eżami seta' jkun fiha ċerta informazzjoni inkonsistenti ma kienx, fih innifsu, eżempju ta' amministrazzjoni ħażina. Madankollu, huwa esprima l-fehma li, bħala kwistjoni ta' Prattika amministrattiva tajba, l-EPPO seta' jikkunsidra li jinkludi kjarifika simili f'Avviżi ta' Konkorsi futuri.

Minħabba n-natura ta' eżami b'għażla multipla, l-istruzzjoni ċara u mhux ambigwa li l-kandidati *"għandhom jagħżlu t-tweġiba tajba għal kull mistoqsija"*, u li, bħala punt ta' prinċipju u għerf ġenerali, it-tweġibiet li jistgħu jitqiesu bħala tajbin fil-kuntest ta' eżami b'għażla multipla huma limitati għat-

tweġibiet proposti fl-eżami, l-Ombudsman ma aċċettax l-argument ta' l-ilmentatur li d-deċiżjoni tiegħu li ma jweġibx għall-mistoqsija in kwistjoni setgħet titqies bħala tweġiba tajba.

L-Ombudsman irrimarka wkoll li l-paġna ta' quddiem ta' l-eżami (c) saħqet li *"it-tweġiba tajba hija bbażata biss fuq l-informazzjoni mogħtija fil-kontenut jew fit-tabella"*. Madankollu, it-tweġiba t-tajba għall-mistoqsija in kwistjoni kienet imsejsa fuq l-informazzjoni pprovduta b'mod kumulattiv fil-kontenut tagħha u fit-tabella tagħha. Għalhekk, l-informazzjoni mogħtija lill-kandidati fil-paġna ta' quddiem ta' l-eżami (c) ma kinitx eżatta. Dan ammonta għal eżempju ta' amministrazzjoni ħażina u l-Ombudsman għamel kumment kritiku rilevanti. L-Ombudsman kompli billi kkunsidra jekk id-deċiżjoni ta' l-EPPO li ma jqisx in-nuqqas ta' l-ilmentatur li jwieġeb għall-mistoqsija Nru 21 bħala tweġiba tajba, u għalhekk, li ma jagħtihx punt żejjed kinitx tirrappreżenta eżempju ta' amministrazzjoni ħażina. Fid-dawl tas-sejbiet l-oħra tiegħu u l-fatt li l-ilmentatur ma kienx allega li n-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-mistoqsija kien dovut, anki b'mod parzjali, għall-inkonsistenza u l-ineżattezza indikati hawn fuq, l-Ombudsman sab li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' dan l-aspett tal-każ.



### 3.4.5 Il-Kumitat tar-Reġjuni

#### ĦLAS PARZJALI GĦAL XOGĦOL ALLEGATAMENT MHUX KOMPLUT

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 786/2006/JF kontra l-Kumitat tar-Reġjuni*

L-ilmentatur għamel studju wara li kien ingħata kuntratt mill-Kumitat tar-Reġjuni u ssottometta rapport finali. Skond il-kuntratt, il-Kumitat kellu 30 jum biex japprova jew ma jilqax ir-rapport. Ħamest ijiem wara li skada l-kuntratt, il-Kumitat għarraff lill-ilmentatur li ma kienx sodisfatt bil-kwalità tar-rapport u, għalhekk, kien lest li jħallas lill-ilmentatur żewġ terzi biss ta' l-ammont miftiehem skond il-kuntratt.

L-ilmentatur allega li l-Kumitat kien naqas li jirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt u ma kienx infurmah dwar il-posibbiltajiet ta' appell. Allega wkoll li l-Kumitat naqas li jwieġeb l-ittri tiegħu, inkluża ittra li fiha xtaq li jkun tintlaħaq soluzzjoni ekstra-ġudizzjali tal-kwistjoni. L-ilmentatur talab li l-Kumitat kellu jħallsu d-dritt kuntrattwali kollu, flimkien ma' l-imgħaxijiet.

Il-Kumitat spjega għaliex kien dam biex jagħti l-fehmiet tiegħu dwar ir-rapport finali ta' l-ilmentatur billi sostna l-ħtieġa li jsir eżami bir-reqqa u li jkun kkonsultati s-servizzi tal-Verifika Interna u Legali tiegħu fuq il-passi li kien imiss. Ma weġibx l-ittri ta' l-ilmentatur għaliex l-ilmentatur kien qal li kien lest jieħu azzjoni legali.

L-iskop ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman ta' ilmenti dwar it-twettiq ta' obbligi kuntrattwali huwa limitat. Għalhekk kien tal-fehma li ma jippruvax jistabbilixxi jekk kienx hemm ksur ta' kuntratt jew jekk il-Kumitat kienx kuntrattwalment intitolat li jirrifjuta jħallas l-ammont kollu. Iżda jekk il-Kumitat ma setax jissodisfa l-iskadenza kuntrattwali, huwa kellu, bħala ġest ta' amministrazzjoni tajba, iġharraf b'dan lill-ilmentatur qabel ma għalqet l-iskadenza. In-nuqqas tiegħu li jagħmel dan kien amministrazzjoni ħażina u, għalhekk, saret rimarka ta' kritika.

L-Ombudsman fehem li l-pożizzjoni tal-Kumitat kienet li, minkejja d-dewmien tiegħu biex jinforma lill-ilmentatur, huwa kien ġustifikat li ma jħallasx l-ammont kollu miftiehem skond il-kuntratt għaliex l-ilmentatur kien naqas li jagħti rapport ta' dik il-kwalità li l-Kumitat kien intitolat jirċievi skond il-kuntratt. Għalhekk huwa kkonkluda li l-Kumitat ta spjegazzjoni koerenti u raġonevoli tal-bażi legali ta' l-azzjonijiet tiegħu u għaliex kien jemmin li dak li deherlu hu dwar il-pożizzjoni kuntrattwali kien ġustifikat.

Dwar l-aspetti l-oħra ta' l-ilment, l-Ombudsman kien tal-fehma li, billi l-kuntratt kellu dispożizzjoni speċifika li tirregola t-tilwim, il-Kumitat ma kienx obligat li jinforma lill-ilmentatur b'possibbiltajiet



oħrajn aktar ġenerali. Iżda l-Ombudsman ikkritika lill-Kumitat għan-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-ittri ta' l-ilmentatur.



### 3.4.6 Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali

#### RABTA BEJN L-AMMINISTRAZZJONI U UFFIĊJALI PUBBLIĊI F'KORP KOMUNITARJU

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1429/2005/JF kontra iċ-Ċentru għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP)*

L-ilmentatur allega li d-Direttur ta' CEDEFOP kien ħa deċiżjoni unilaterali li jagħlaq CEDEFOP għal ġimgħa f'Awwiessu, 2005, u li ma jagħtix każ tat-talba tal-Kumitat tal-Personal biex jistenna sakemm l-personal ikun jista' jiġi kkonsultat dwar l-għeluq fl-Assemblea Ġenerali.

CEDEFOP spjega li l-għeluq fis-sajf kien iġiebs fis-seħħ għall-ewwel darba fl-2003, bħala esperiment. Fl-2004, u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Personal, CEDEFOP iddeċieda li jerġa' jagħlaq għas-sajf.

Wara li għamel sħarriġ, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kumitat tal-Personal kien talab lill-amministrazzjoni ta' CEDEFOP biex tistenna li ssir l-Assemblea Ġenerali tal-Personal qabel ma toħroġ id-deċiżjoni kontestata. Ikkunsidra li, meta għamel dik it-talba, il-Kumitat tal-Personal bir-raġun stenna li, jekk CEDEFOP ma kienx se jaċċetta, huwa kien se jispjega r-raġunijiet tiegħu għaliex m'għamilx hekk, u b'hekk juri s-sinċerità tal-konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Personal. Iżda l-provi li kellu l-Ombudsman kienu juru li ma kinitx ingħatat spjegazzjoni bħal dik, u li CEDEFOP ma kienx offra waħda fl-opinjoni tiegħu.

L-Ombudsman, għalhekk, għamel rimarka ta' kritika fis-sens li n-nuqqas ta' CEDEFOP li jirrispondi għat-talba tal-Kumitat tal-Personal ma kienx skond prinċipji ta' amministrazzjoni tajba kif japplikaw fir-relazzjoni bejn l-amministrazzjoni u uffiċjali pubbliċi f'korp Komunitarju.

## 3.5 ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTAT MILL-ISTITUZZJONI



### 3.5.1 Il-Kummissjoni Ewropea

#### ALLEGAZZJONI TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT FIR-RIGWARD TAL-PRIVATIZZAZZJONI TA' KUMPAĖIJA ĠERMANIŻA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 642/2004/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fl-1989, Preussag AG akkwistat (dik li qabel kienet) Salzgitter AG, kumpanija proprjetà ta' l-Istat, għal DM 2 452 biljun. Skond l-ilmentatur, dan il-prezz kien ferm inqas mill-valur reali tal-kumpanija u, għalhekk, kellu fih elementi ta' għajnuna mill-istat.





F'Diċembru, 2003, l-ilmentatur talab lid-Direttorat-Ġenerali tal-Kompetizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ("DG Kompetizzjoni") biex jintervjeni.

Fir-risposta tiegħu, id-DG Kompetizzjoni qal li huwa kien diġà eżamina t-tranżazzjoni; li ma kienx hemm indikazzjonijiet ta' għajjnuna illegali mill-istat u li l-ittira ta' l-ilmentatur ma kienx fiha elementi ġodda li kienu jiġġustifikaw interpretazzjoni differenti tal-fatti rilevanti.

F'Marzu, 2004, l-ilmentatur irrikorra għand l-Ombudsman. Huwa allega li d-DG Kompetizzjoni kien naqas li jikkunsidra l-ittira tiegħu ta' Diċembru 2003, bl-attenzjoni li kien jixirqilha.

Wara s'tħarriġ bir-reqqa, li kien jinvolvi erba' talbiet għal aktar informazzjoni mingħand il-Kummissjoni, l-Ombudsman ikkonċentra fuq l-argument ta' l-ilmentatur li stqarrijiet li kienu saru matul laqgħa ta' kumitat tal-Parlament tas-Sassonja t'Isfel (il-Land li l-aktar kien milqut direttament mill-bejgħ ta' Salzgitter AG lil Preussag AG) kienu jissuġġerixxu jew kienu provi li kien hemm għajjnuna mill-istat.

L-Ombudsman ikkunsidra li d-dokument mibgħut mill-ilmentatur f'dan il-kuntest kien jissuġġerixxi li l-gvern tas-Sassonja t'Isfel kien ta' l-istess fehma li Preussag AG kienet xtrat Salzgitter AG bi prezz li ma kienx il-prezz tas-suq. Skond l-Ombudsman, il-prattika amministrattiva tajba kienet, għalhekk, almenu tesiġi li l-Kummissjoni tipprova taċċerta ruħha jekk, kuntrarjament għal dak li kienet qed tassumi hi, il-bejgħ kellux fil-fatt elementi ta' għajjnuna mill-istat. Iżda l-Kummissjoni ma kinitx ħadet passi biex tikkjarifika l-istqarrijiet magħmulin waqt il-laqgħa msemmija hawn fuq u dan, fil-fehma ta' l-Ombudsman, kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina. Għalhekk għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-Kummissjoni kellha tieħu l-passi meħtieġa biex taċċerta ruħha jekk il-bejgħ ta' Salzgitter AG lil Preussag AG fl-1989 kienx jinvolvi elementi ta' għajjnuna mill-istat.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li hija aċċettat dak li kien qal huwa u, għalhekk, kienet tkellmet ma' l-awtoritajiet Ġermaniżi biex ikunu kkjarifikati l-istqarrijiet rilevanti.

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur issottometta li l-Kummissjoni kellha tagħmel s'tħarriġ tagħha stess bil-għan li tikseb informazzjoni minn sorsi indipendenti.

L-Ombudsman kien tal-fehma li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tiegħu u li l-miżuri li kienu ttieħdu biex jimplimentawha kienu sodisfaċenti.

Biex possibbilment ma jkunx hemm nuqqas ta' ftehim, l-Ombudsman deherlu li kien utli li jżid li, kieku kellu jinstab li rappreżentanti tal-gvern tas-Sassonja t'Isfel kienu tabilħaqq ikkunsidraw il-bejgħ ta' Salzgitter AG lil Preussag AG bħala li jikkostitwixxi "rigal" lil din ta' l-aħħar, il-prattika amministrattiva tajba kienet tesiġi li l-Kummissjoni tmexxi investigazzjoni aktar bir-reqqa tal-każ kollu. Iżda l-Ombudsman innota li ma kellux raġuni jassumi li l-Kummissjoni kienet se tonqos milli tagħmel hekk jekk ikun meħtieġ.

## NUQQAS TAL-KUMMISSJONI LI TADOTTA DEĊIŻJONI DWAR ILMENT TA' KSUR

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 956/2004/PB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fil-kuntest ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman ta' ilment preċedenti, (każ 801/2001/PB), il-Kummissjoni impenjat ruħha li tadotta deċiżjoni dwar l-ilment ta' ksur (dwar ksur tad-dritt Komunitarju mid-Danimarka fir-rigward ta' tassazzjoni ta' karrozzi) sa Ottubru 2001. Iżda hija naqset li tagħmel dan u, matul l-istħarriġ ta' l-Ombudsman fil-każ 1237/2002/(PB)OV, hija spjegat dan in-nuqqas billi qalet li kienet tippreferi strateġija globali għall-problemi f'dak li kellu x'jaqsam mat-tassazzjoni tal-karrozzi u li l-għan tagħha kien li ssolvi dawn il-problemi simultanjament fl-Istati Membri kollha. L-Ombudsman aċċetta din l-ispejgazzjoni. Id-dewmien kontinwu tal-Kummissjoni li tadotta deċiżjoni wassal biex ikun hemm dan l-ilment lill-Ombudsman.



L-Ombudsman fassal abbozz ta' rakkomandazzjoni fejn indika li l-Kummissjoni ma setgħetx effettivament tastjeni milli tiegħu deċiżjoni fuq l-ilment ta' ksur ta' l-ilmentatur sakemm tkun għadha għaddejja bl-istrategġija globali tagħha. In-nuqqas kontinwu tal-Kummissjoni li tiegħu deċiżjoni ma setax ikun adegwatament ġustifikat għar-raġuni li l-Kummissjoni ma setgħetx takkwista informazzjoni li hija tablet mill-Istati Membri fl-2001 u fl-2003. Il-Kummissjoni kellha żmien biżżejjed biex ttipprova tikseb dik l-informazzjoni, u ma kienx ċar għaliex in-nuqqas ta' tweġiba għal dawn it-talbiet għal informazzjoni kellu jżomm lill-Kummissjoni milli tasal għal deċiżjoni fuq ilmenti ta' ksur individwali. F'dan ir-rigward, l-Ombudsman fakkar li, skond il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jgħinu lill-Kummissjoni twettaq il-funzjonijiet tagħha bħala l-għassiesa tat-Trattat. Ir-rifjut ta' Stat Membru li jassisti lill-Kummissjoni fl-investigazzjonijiet tagħha, skond l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE, jikkostitwixxi nuqqas ta' ħarsien ta' dmir li kull Stat Membru kellu jgħorr skond l-Artikolu 10 tat-Trattat. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni tista' għib il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ombudsman li hija kienet adottat deċiżjonijiet fuq il-kwistjonijiet rilevanti u kienet infurmat lill-ilmentatur b'dawk id-deċiżjonijiet. L-Ombudsman, għalhekk, ikkonkluda li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tiegħu.

### 3.6 KAŻIJET MAGĦLUQIN GĦAL RAĠUNIJET OĦRAJN



#### 3.6.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

##### SPONSORSHIP GĦALL-PRESIDENZA TAL-KUNSILL

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2172/2005/MHZ kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

L-ilmentatur kiteb lill-Kunsill fejn wera t-tħassib tiegħu dwar *sponsorship* kummerċjali għall-Presidenza tal-Kunsill. Huwa rrefera, b'mod partikolari, għall-eżempju ta' *sponsorship* tal-Presidenza Irlandiża (Jannar sa Ġunju 2004). Is-Segretarjat wiegħeb li kien se jgħaddi l-ittra tiegħu lill-Presidenza Irlandiża li kien hemm qabel u lill-Presidenza Lussemburġiża li kien hemm dak iż-żmien. Fit-tweġiba tagħha lill-ilmentatur, il-Presidenza Irlandiża għarrfitu dwar il-websajt tagħha u qalet li ma kellhiex *sponsors*.

L-ilmentatur allega li l-Kunsill kien naqas li jwiegħeb il-mistoqsija tiegħu dwar *sponsorship* kummerċjali għall-Presidenza. Sostna li kellu jirċievi tweġiba għall-mistoqsija tiegħu.

Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill kien tal-fehma li l-kwistjoni ta' *sponsorship* kummerċjali għall-Presidenza tagħha ma kinitx waħda li tagħha kien responsabbli l-Kunsill bħala istituzzjoni Komunitarja.

L-Ombudsman qies li t-tweġiba tal-Kunsill għat-tħassib ta' l-ilmentatur ma kinitx biżżejjed, u indirizza proposta ta' soluzzjoni bonarja lill-Kunsill, li permezz tagħha huwa seta' jikkunsidra li jirrevedi u jissupplimenta t-tweġiba tiegħu lill-ilmentatur dwar il-kwistjoni billi (i) jaċċetta li l-kwistjoni ta' *sponsorship* kummerċjali għall-Presidenza kienet ħaġa li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill bħala istituzzjoni Komunitarja u (ii) jindika r-rieda tiegħu, skond skeda ta' żmien tajba, li jgħinu miżuri biex ma jħallix li jkun hemm *sponsorship* bħal dak, jew li jirregolah b'mod li jassigura li fil-possibiltà ta' konflitti bejn interessi privati u doveri pubbliċi, dawn ikunu kkontrollati sewwa.



Il-Kunsill m'aċċettax il-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni bonarja, fuq il-bażi ta' l-istess fehma li kien wera fl-opinjoni tiegħu.

L-Ombudsman qies li ma kienx hemm hteġa ta' aktar sħarriġ fir-rigward tal-kwistjoni ġenerali tar-responsabbiltà tal-Kunsill għall-Presidenza tiegħu, peress li l-kwistjoni kienet qamet f'każ ieħor (1487/2005/GG), li fih l-Ombudsman kien ippreżenta Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew f'Novembru, 2006.

L-Ombudsman baqa' mħasseb, iżda, li l-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u l-mod li bih kienet tiffunzjona setgħu jintlaqtu ħażin bin-nuqqas tal-Kunsill li jirrispondi għall-istedina li jikkunsidra miżuri li ma jħallux li jkun hemm *sponsorship* kummerċjali għall-Presidenza tagħha, jew li tirregolah b'mod li jassigura li l-possibiltà ta' konflitti bejn interessi privati u doveri pubbliċi tkun kontrollata sewwa.

Minħabba l-pożizzjoni tal-Kunsill li l-organizzazzjoni tal-Presidenza hija kwistjoni li għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri, l-Ombudsman iddeċieda li jgħib il-kwistjoni għall-attenzjoni ta' l-Istati Membri individwali. Għalhekk huwa kiteb lir-Rappreżentanti Permanenti tagħhom dwar dan is-suġġett.



### 3.6.2 Il-Kummissjoni Ewropea

#### DEWMIEN MHUX ĠUSTIFIKAT FIL-ĠESTJONI TA' ŻEWĠ PROĊEDURI TA' KSUR

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 3369/2004/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilment kien jikkonċerna l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni li tittratta bid-diliġenza dovuta l-proċeduri ta' ksur li hija mexxiet b'rabta ma' żewġ ilmenti formali ppreżentati mill-ilmentatur fl-2001 u fl-2003. L-ilmenti lill-Kummissjoni kienu dwar in-nuqqas tal-leġiżlazzjoni Spanjola li tirrikonoxxi d-drittijiet mogħtija lil partijiet interessati f'minoranza taħt il-liġi Ewropea<sup>14</sup>.

L-ilmentatur allega li, minkejja l-assigurazzjonijiet informali mogħtija lil mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-bgħit imminenti ta' opinjoni motivata lill-awtoritajiet Spanjoli b'rabta ma' l-ewwel ilment tiegħu, ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni. Huwa allega wkoll li l-Kummissjoni kienet naqset li tiegħu azzjoni għal sentejn fir-rigward tat-tieni lment tiegħu, minkejja l-assigurazzjonijiet mogħtija mis-servizzi tagħha li kienet se tintbagħat ittra ta' avviż formali ma ddumx lill-awtoritajiet Spanjoli.

Il-Kummissjoni sostniet li, fil-5 ta' Jannar 2005, hija kienet tat opinjoni motivata lill-awtoritajiet Spanjoli dwar l-ewwel ilment u ittra ta' avviż formali dwar it-tieni lment. Il-Kummissjoni qalet li s-servizzi responsabbli ma setgħux assiguraw lill-ilmentatur li dawn l-azzjonijiet kienu se jiġu adottati sa data speċifika, billi l-Kulleġġ tal-Kummissarji biss seta' jieħu din id-deċiżjoni. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li t-tul ta' żmien li hađu s-servizzi tagħha biex jittrattaw dawn iż-żewġ każijiet kien dovut għan-neċessità li jaħdmu mill-qrib mas-servizz ta' traduzzjoni biex jevalwaw il-ħafna sottomissjonijiet estensivi riċevuti kemm mill-ilmentatur kif ukoll mill-awtoritajiet responsabbli ta' l-Istat Membru. Il-Kummissjoni esprimiet il-fehma li, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-

<sup>14</sup>

It-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KKE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' garanziji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi tal-membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri minn kumpaniji li jaqgħu taħt it-tifsira tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 tat-Trattat, fir-rigward tal-formazzjoni ta' kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u ż-żamma u kambjament tal-kapital tagħhom, bil-għan li dawn il-garanziji jsiru ekwivalenti, ĠU 1997 L 26, p.1.



każ, is-servizzi tagħha kienu ttrattaw l-ilmenti bid-diliġenza dovuta u mxew mad-dispożizzjonijiet tal-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentaturi f'każijiet dwar nuqqasijiet<sup>15</sup>.

L-Ombudsman innota li din il-Komunikazzjoni la tispjega limitu ta' żmien normali għall-investigazzjoni ta' ilmenti wara l-ħruġ ta' ittra ta' avviż formali, u lanqas l-informazzjoni li għandha tingħata lill-ilmentaturi fil-perjodu wara li tkun intbagħtet ittra simili. L-Ombudsman irrimarka li l-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Umani ta' l-Unjoni Ewropea jsostni li "kull persuna għandha d-dritt li jkollha l-kwistjonijiet tagħha trattati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet u l-organi ta' l-Unjoni". Wara li studja bir-reqqa l-każistika tal-qrati tal-Komunità rigward id-diskrezzjoni li tgawdi l-Kummissjoni fit-trattament ta' każijiet dwar nuqqasijiet, l-Ombudsman ikkonkluda li l-każistika ma teskludix l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba għar-relazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-ilmentaturi fil-perjodu wara l-bgħit ta' ittra ta' avviż formali. L-Ombudsman, għalhekk, esprima l-fehma li l-Kummissjoni għandha tirrispetta l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba fir-relazzjonijiet tagħha ma' l-ilmentaturi fil-perjodu li jsegwi l-bgħit ta' ittra ta' avviż formali.

## KLASSIFIKAZZJONI ĦAŻINA TA' INTERPRETU AWŻILJARJU TAL-KONFERENZI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2787/2005/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur beda jaħdem bħala interpretu awżiljarju tal-konferenzi ("ACI") għall-Parlament Ewropew fl-1995. Fid-dawl ta' l-erba' snin esperjenza professjonali ta' qabel tiegħu f'dan il-qasam, il-Parlament mill-ewwel tah status ta' Kategorija 1<sup>16</sup>. Fl-2001, l-ilmentatur beda jaħdem għas-Servizz Konġunt ta' Interpretazzjoni u Konferenzi tad-Direttorat Ġenerali għall-Interpretazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea ("DG SCIC"). Kuntrarju għall-istennija tiegħu, l-ilmentatur kien ikklassifikat bħala interpretu ta' Kategorija 2. Fi tmien l-2004, l-istituzzjonijiet Ewropej iddeċidew li jgħaqqdu l-listi ta' l-ACIs tagħhom u l-ACIs kollha ntbagħtitilhom karta bid-dejta personali ("fiche signalétique"). Mill-karta ta' l-ilmentatur, ħareġ li huwa kien ġie kklassifikat biss bħala interpretu ta' Kategorija 1 minn Novembru 2004 'il quddiem. Meta l-ilmentatur innota dan l-iżball preżunt, huwa kiteb *emails* lill-Kummissjoni f'April 2005 fejn talab korrezzjoni tal-karta tad-dejta personali tiegħu, li għandha ssemmi li huwa kien interpretu ta' Kategorija 1 minn Jannar 1995 u mhux minn Novembru 2004. L-ilmentatur talab ukoll għall-ħlas ta' 28% tas-salarju tiegħu li jikkorrispondi għas-somma mhux imħallsa minħabba l-klassifikazzjoni allegatament żbaljata għall-perjodu mill-2001, meta huwa nġhaqad mal-Kummissjoni, sa Novembru 2004, meta huwa kien ikklassifikat bħala interpretu ta' Kategorija 1. Il-Kummissjoni wiegħbet lill-ilmentatur li l-klassifikazzjoni tiegħu ma setgħetx tinbidel.

F'Awwissu 2005, l-ilmentatur irreġistra lment ma' l-Ombudsman fejn talab li l-Kummissjoni għandha (i) tirrettifika l-karta tad-dejta personali tiegħu u tirrikonoxxi uffiċjalment li huwa ilu interpretu ta' Kategorija 1 minn Jannar 1995, u (ii) tirrettifika l-ħlasijiet tiegħu għall-perjodu bejn Settembru 2001 u l-10 ta' Novembru 2004 li matulu huwa kien ikklassifikat b'mod żbaljat bħala interpretu ta' Kategorija 2 u tħallas it-28% tas-salarju li għadu dovut lilu għal dak il-perjodu.

Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni osservat li d-dejta mniżżla fil-karta tad-dejta personali ta' l-ilmentatur għandha tiġi rranġata skond it-talba ta' l-ilmentatur. L-ilmentatur għalhekk informa lill-Ombudsman li, għalkemm ma kienx irċieva s-salarju dovut lilu minħabba l-klassifikazzjoni żbaljata, huwa kien kiseb riżarċiment morali.

<sup>15</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar ir-relazzjonijiet ma' l-ilmentatur fir-rigward ta' ksur tal-liġi Ewropea (COM(2002) 141 finali), ĠU 2002 C 244, p.5.

<sup>16</sup> L-Istituzzjonijiet Ewropej għandhom sistema ta' żewġ kategoriji għall-interpreti awżiljarji tas-sessjoni tal-konferenzi ("ACIs"), jiġifieri Kategorija 2 (interpretu li għadu jibda) u Kategorija 1 (interpretu bl-esperjenza, li jkun haċem aktar minn 100 jum għall-Istituzzjonijiet Ewropej. Id-differenza fil-ħlas hija ta' 28%.

## NUQQAS TA' ĦAMES SNIN LI TINGĦATA TWEĠIBA

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 242/2006/BM kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fit-8 ta' Novembru, 2000, l-ilmentatur indirizza ittra lill-Kummissjoni, fejn fiha talab għal għajjuna biex isolvi problema li kellu mas-sistema ġudizzjarja Spanjola. Il-Kummissjoni bagħtet tgħarrfu, fl-20 ta' Novembru, 2000, li hija kienet irċeviet l-ittra tiegħu, u spjegatli li l-ittra tiegħu kien ingħatalha numru ta' referenza u kienet assenjata lid-Direttorat-Ġenerali tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-Kummissjoni. L-ilmentatur, iżda, qatt ma rċieva risposta fil-mertu. Ikkunsidra li n-nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb il-korrispondenza tiegħu wara ħames snin ma kienx aċċettabbli u talab lill-Ombudsman biex jinvestiga s-sitwazzjoni.

Fl-opinjoni tagħha l-Kummissjoni kkonfermat li hija kienet irċeviet l-ittra ta' l-ilmentatur tat-8 ta' Novembru, 2000, u li kienet bagħtet avvizz ta' rċevuta. Barra minn hekk, spjegat li l-ilmentatur kien reġa kkuntattja lill-Kummissjoni fl-2003, biex jitolbha twieġeb l-ittra tiegħu. Il-Kummissjoni wriet id-dispjaċir tagħha li kienet naqset li twieġeb fil-mertu, irrikonoxxiet li n-nuqqas ma kienx skond id-doveri u r-regoli tagħha, u skużat ruħha. Barra dan, il-Kummissjoni spjegat li, fl-14 ta' Lulju, 2006, hija kienet bagħtet ittra lill-ilmentatur li fiha talbet skuża għad-dewmien u għarrfet lill-ilmentatur li l-każ tiegħu kellu dimensjoni domestika u ma kellux rabta mad-dritt tal-KE, peress li kien jirreferi għal relazzjoni kuntrattwali bejn żewġ kumpaniji Spanjoli u għal problema mas-sistema ġudizzjarja Spanjola. Il-Kummissjoni tat parir lill-ilmentatur li jikkuntattja lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli.

L-Ombudsman fakkar li kemm il-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba, kif ukoll il-Kodiċi tal-Kummissjoni ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba tal-Personal tal-Kummissjoni Ewropea fir-Relazzjonijiet tagħhom mall-Pubbliku għandhom dispożizzjonijiet speċifiċi dwar tveġibiet għal korrispondenza. Innota wkoll li l-opinjoni tal-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet in-nuqqas tagħha li tħares dawn id-dispożizzjonijiet. Fid-dawl tal-fatti tal-każ, l-Ombudsman ma sabx raġuni biex iqis li l-Kummissjoni ma kinitx se taqbel ma' l-evalwazzjoni ta' l-ilmentatur dwar l-aġir tagħha. Iżda l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni kienet irrispondiet dan l-ilment billi frankament irrikonoxxiet in-nuqqas tagħha li taġixxi skond ir-regoli u d-doveri tagħha u li kienet tablet skuża lill-ilmentatur, kemm direttament, kif ukoll permezz ta' l-opinjoni tagħha dwar l-ilment. L-Ombudsman laqa' tajjeb ir-reazzjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll il-fatt li l-Kummissjoni stess kienet tat l-informazzjoni li l-ilmentatur kien reġa kkuntattja fl-2003 biex jitolbha twieġeb l-ittra tiegħu, iżda li ma kienet ingħatat ebda tveġiba wara li l-ilmentatur bagħat ifakkarha tagħmel hekk. Fl-aħħarnett, l-Ombudsman innota wkoll li l-Kummissjoni kienet tat tveġiba fil-mertu lill-ilmentatur, li m'għamel ebda talba oħra. L-Ombudsman, għalhekk, qies li ma kienx hemm hteġa li jagħmel aktar sħarriġ.



### 3.6.3 L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal

## NUQQAS TA' APOLOĠIJA GĦAL ŻBALL TA' EVALWAZZJONI

### *Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 2312/2004/MHZ kontra l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Personal (EPSO)*

L-ilmentatriċi kienet ħadet sehem f'konkurs miftuħ għal assistenti amministrattivi ta' ċittadinanza Ċeka. Il-Bord ta' l-Għażla eskludiha mill-kompetizzjoni minħabba li l-kwalifiki tagħha ma kinux jagħtuha aċċess għal studju għal dottorat fir-Repubblika Ċeka. Sussegwentement, l-Università Karlu fi Praga daħħlet lill-ilmentatriċi għall-studji għal dottorat. L-ilmentatriċi għarrfet lill-Bord b'dan il-fatt, iżda dan żamm ferm mad-deċiżjoni tiegħu.

L-ilmentatriċi allegat li l-EPSO m'evalwax il-grad akkademiki tagħha sewwa meta qal li ma kinux jagħtuha aċċess għal studji għal dottorat.

L-EPSO kien tal-fehma li l-Bord ta' l-Għażla ma kienx għamel żball.





L-Ombudsman ma qabilx mal-fehma ta' l-EPSo, għaliex il-kwalifiki ta' l-ilmentatriċi kienu fil-fatt jagħtuha aċċess għal studji għal dottorat fir-Repubblika Ċeka, kif kien ippruvat mill-fatt li l-Università Karlu daħħlitha għal studji ta' dottorat. Il-Bord ta' l-Għażla kien, għalhekk, żbaljat, għalkemm dan ma kienx neċessarjament ifisser li kellu jkun ikkritikat jew li kellu jinżamm responsabbli. L-Ombudsman kien ukoll tal-fehma li, peress li kandidati f'konkorsi organizzati mill-EPSo, kienu jikkomunikaw ma' l-EPSo u, f'każ ta' ilmenti minn kandidati lill-Ombudsman, kien l-EPSo li jwieġeb, kien xieraq għall-EPSo li jitolbu skuża lill-kandidati jekk Bord jagħmel żball. Finalment, kif jingħad fil-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba (Artikolu 12(3)), il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jesigū li l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu żbalji u jitolbu skuża għalihom. L-Ombudsman, għalhekk ippropona, bħala soluzzjoni bonarja, li l-EPSo seta' jikkunsidra jitolbu skuża lill-ilmentatriċi.

L-EPSo m'aċċettax il-proposta ta' l-Ombudsman u tenna ir-rifjut tiegħu fi twegħiba għal ittra oħra mingħand l-Ombudsman.

Billi l-EPSo kien irrifjuta f'żewġ okkażżjonijiet li jitolbu skuża lill-ilmentatriċi, l-Ombudsman talabha skuża f'isem il-Komunitajiet Ewropej għall-fatt li l-kwalifiki kienu tqiesu li ma kinux jagħtuha aċċess għal studji dottorali.

## 3.7 KAŻIJIET MAGĦLUQIN WARA RAPPORT SPEĊJALI



### 3.7.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

#### LINGWI UŻATI GĦALL-WEBSAJTS TAL-PRESIDENZA

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 1487/2005/GG kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

L-assoċjazzjoni għad-difiża tal-lingwa Ġermaniża ilmentat dwar in-nuqqas tal-Kunsill li jassigura li l-websajts tal-Presidenza jkunu disponibbli bil-Ġermaniż.

L-ilmentatriċi qalet li kien hemm aktar ċittadini ta' l-UE li kellhom il-lingwa Ġermaniża bħala lsien art twelidhom minn kull lingwa oħra u li, wara l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda, il-Ġermaniż kien, wara l-Ingliż, il-lingwa li l-aktar kienet tinftiehem fost iċ-ċittadini ta' l-UE, jew bħala l-lsien art twelidhom jew bħala lingwa barranija. L-ilmentatriċi sottomettiet ukoll li komunikazzjonijiet minn istituzzjonijiet ta' l-UE li jkunu indirizzati l-aktar għall-pubbliku għandhom ikunu aċċessibbli għall-akbar numru possibbli ta' ċittadini ta' l-UE. Fejn l-għadd ta' lingwi użati jkun limitat, din l-għażla kellha, fil-fehma ta' l-ilmentatriċi, tkun ibbażata fuq il-piż demografiku ta' dawn il-lingwi. L-ilmentatriċi, għalhekk, sostniet li ma kienx hemm raġuni għalfejn il-websajts tal-Presidenza ġeneralment kienu jużaw biss l-Ingliż u l-Franċiż, flimkien mal-lingwa tal-pajjiż li jkollha l-Presidenza.

Waqt li aċċetta li l-Presidenza tiffirma parti mill-Kunsill bħala istituzzjoni, il-Kunsill sostna li m'għandux responsabbiltà għall-websajts tal-Presidenza, bl-argument li dawn jaqgħu taħt l-awtorità ta' l-Istati Membri li jkollhom il-Presidenza.

Fil-fehma ta' l-Ombudsman, billi l-Presidenza b'mod ċar tagħmel parti mill-Kunsill, il-websajts tal-Presidenza ma jistgħux jitqiesu bħala websajts "nazżjonali" li huma lil hinn mill-kontroll tad-dritt Komunitarju. Għaldaqstant, il-kwistjoni tal-lingwi użati fil-websajts tal-Presidenza ma jistgħux jitqiesu li huma lil hinn mill-iskop tal-Kunsill. L-Ombudsman, għalhekk, ikkunsidra li n-nuqqas





tal-Kunsill li jqis il-mertu tat-talba ta' l-ilmentatriċi kien jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina. Għadaqstant, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni fuq il-kwistjoni.

Wara li l-kunsill m'accepax l-abbozz tar-rakkomandazzjoni, l-Ombudsman għamel rapport speċjali lill-Parlament Ewropew fit-30 ta' Novembru, 2006, fejn talab l-appoġġ tal-Parlament fir-rigward tal-konklużjonijiet li ġejjin ta' l-istħarriġ tiegħu:

- (i) il-Kunsill huwa responsabbli mil-lingwi użati fil-websajts tal-Presidenza;
- (ii) l-informazzjoni fil-websajt tal-Presidenza tal-Kunsill idealment għandha tkun tista' tinkiseb fil-lingwi kollha uffiċjali tal-Komunità;
- (iii) jekk l-għadd tal-lingwi użati fil-websajts tal-Presidenza tal-Kunsill għandu jkun limitat, l-għażla tal-lingwi li għandhom jintużaw għandha tkun imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u raġonevoli; u
- (iv) ir-rifjut tal-Kunsill li jittratta l-mertu tal-każ, i.e., it-talba ta' l-ilmentatriċi li l-preżentazzjonijiet ta' l-internet tal-Presidenzi għandhom ikunu disponibbli wkoll bil-Ġermaniż, għalkekk mhux ġustifikat u jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina.



### 3.7.2 Il-Kummissjoni Ewropea

#### DEWMIEN FIT-TRATTAMENT TA' ILMENTI POLITIKAMENT SENSITTIVI U KONTROVERSJALI

*Sommarju tad-deċiżjoni dwar l-ilment 289/2005/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ilmentatur kien joffri servizzi ta' mħatri fuq l-isports fis-Sassonia t'Isfel, fil-Ġermanja. Irrapporta li l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu ordnawlu biex jieqaf joffri dawn is-servizzi, u b'hekk huwa ġie sfurzat jagħlaq in-negozju tiegħu. L-ilmentatur sostna li l-aġir ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi kien kontra d-dritt Komunitarju, l-aktar il-libertà tal-provvista ta' servizzi. L-avukat tiegħu issottometta ilment ta' ksur lill-Kummissjoni. Minħabba li l-Kummissjoni ma wegħbitx għal mistoqsija dwar l-istat ta' l-investigazzjoni seba' xhur wara r-reġistrazzjoni tagħha, huwa rrikorra għand l-Ombudsman. L-ilmentatur fil-qosor allega li l-Kummissjoni kienet naqset li tittratta kif kien jixraq l-ilment ta' ksur tiegħu. Sostna li kien hemm hteġa urġenti ta' reazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni għalix kien qed ibati telf minħabba l-għeluq tan-negozju tiegħu.

Il-Kummissjoni ssottomettiet li hija kienet irċeviet diversi ilmenti ta' ksur li kellhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' loġhob ta' l-azzard u kienet evalwat il-ġustifikazzjoni għal u tal-proporzjonalità ta' għadd ta' kundanni nazzjonali għal servizzi ta' mħatri fl-isports. Il-Kummissjoni kienet baġtet ittra ta' avviż formali lid-Danimarka, waqt li kien għaddej l-eżami tagħha ta' ilmenti ta' ksur kontra l-Ġermanja, l-Italja u l-Olanda.

Skond il-Kummissjoni, hija kienet għadha qed teżamina b'mod "intensiv" aspetti speċifiċi ta' l-ilment ta' ksur ta' l-ilmentatur. L-Ombudsman ikkunsidra li din is-sottomissjoni ma dehrax li kienet sostnuta mill-informazzjoni mogħtija lilu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet qalet ukoll li l-każ kien jeħtiġlu evalwazzjoni diffiċli tal-ġustifikazzjoni għal u tal-proporzjonalità tal-kundanni nazzjonali għal servizzi ta' mħatri fl-isports, imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku. Iżda l-Kummissjoni nnifisha kienet irrikonoxxiet li sa dak iż-żmien hija ma kellhiex kuntatti ma' l-awtoritajiet Ġermaniżi. L-Ombudsman sab li ma kienx plawżibbli li l-Kummissjoni setgħet tevalwa l-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità mingħajr dawk il-kuntatti. F'abbozz ta' rakkomandazzjoni, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tittratta l-ilment ta' ksur ta' l-ilmentatur b'mod diliġenti u mingħajr dewmien żejjed.



Fl-opinjoni dettaljata tagħha l-Kummissjoni qalet li ilmenti ta' ksur li kellhom x'jaqsmu ma' servizzi ta' mħatri fuq l-isports kienu "politikament sensittivi u kontroversjali ħafna". Il-kwistjoni kienet tqajmet f'erba' laqgħat interni dwar ksur. Iżda deċiżjoni biex jinbdew proċeduri għal ksur kien jeħtiġilhom l-appoġġ tal-Kulleġġ tal-Kummissarji, li kien għadu ma nkisibx.

L-Ombudsman laqa' tajjeb il-mod miftuħ ta' l-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni. Qies, iżda, li dawn il-kunsiderazzjonijiet ma kinux jeħilsu lill-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li b'mod xieraq tittratta dawn l-ilmenti.

Konxju mill-fatt li l-Kummissjoni għandha diskrezzjoni fil-proċedura dwar ksur, l-Ombudsman innota li dan il-każ kellu x'jaqsmu ma' l-istadju amministrattiv tal-proċedura. Ikkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx intitolata li ttawwal b'mod indefinit it-teħid ta' deċiżjoni fuq ilment ta' ksur minħabba li ma jkunx jista' jintlaħaq qbil politiku dwar kif għandha tipproċedi. L-Ombudsman kien tal-fehma li din kienet tikkostitwixxi kwistjoni importanti ta' prinċipju. Għalhekk huwa tenna r-rakkomandazzjoni tiegħu f'rapport speċjali lill-Parlament Ewropew.

Il-Kummissjoni sussegwentement għarrfet lill-Ombudsman li, fil-frattemp, kienet iddeċidiet li tibda proċeduri ta' ksur billi tibgħat ittra ta' avviż formali lill-Ġermanja.

### 3.8 INVESTIGAZZJONIJIET FUQ INIZJATTIVA TA' L-OMBUDSMAN

#### INVESTIGAZZJONI DWAR KEMM IL-KUMMISSJONI KIENET LESTA LI TUŻA L-MEDJAZZJONI F'KONFLITTI MA' KUNTRATTURI

*Sommarju tad-deċiżjoni wara l-investigazzjoni fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman OI/1/2006/TN*

Kull sena l-Ombudsman Ewropew jirċievi għadd sinjifikanti ta' ilmenti kontra l-Kummissjoni dwar tilwim kuntrattwali. L-ilmenti jsiru minn individwi, intrapriżi żgħar u medji u organizzazzjonijiet oħrajn, u jinvolvu kemm kuntratturi kif ukoll sotto-kuntratturi. L-Ombudsman beda investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu fejn talab lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità ta' aktar użu tal-medjazzjoni biex ikunu ttrattati tilwimiet li joriġinaw minn kuntratti li tiffinanzja hi. Dan għamlu wara li l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-medjazzjoni bħala metodu ta' soluzzjoni għal tilwim b'mod li sikwit ikun aktar malajr, aktar sempliċi u b'anqas spejjeż.

Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni tat impenn li ser tinkoraġġixxi l-użu fil-futur ta' metodi alternattivi għal riżoluzzjoni ta' tilwim. Qalet li dan seta' jsir billi tiddaħħal klawsola għal medjazzjoni mhux obbligatorja fil-kuntratti standard ta' akkwisti tagħha. Iżda avżat li l-użu tal-medjazzjoni jew metodi oħra ta' riżoluzzjoni ta' tilwim jistgħu jinvolvu spejjeż. Qalet ukoll li l-Kummissjoni ma tistax timponi l-medjazzjoni għal tilwim bejn il-kuntratturi tagħha u s-sotto-kuntratturi tagħhom.

Fid-deċiżjoni tiegħu fl-għeluq ta' l-investigazzjoni l-Ombudsman laqa' tajjeb l-introduzzjoni ta' klawsola ta' medjazzjoni mhux obbligatorja f'kuntratti tal-Kummissjoni. Huwa enfasizza li l-medjazzjoni ġeneralment tiswa' anqas bħala mod ta' soluzzjoni ta' tilwima milli kieku din kellha tittieħed direttament quddiem qorti. L-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tgħarrfu xi tkun għamlet wara l-użu tal-klawsola tal-medjazzjoni u dwar l-isforzi tagħha biex testendi l-użu tal-medjazzjoni biex jinkludi tilwim dwar għotjiet mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-Ombudsman saħaq fuq l-importanza li jkun rakkomandat ukoll l-użu tal-medjazzjoni f'konflitti bejn kuntratturi u sotto-kuntratturi.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Ombudsman dwar dak li tkun għamlet fuq dan is-suġġett sat-30 ta' Ġunju. 2007.

## TRATTAMENT TA' ILMENT DWAR L-IŻVILUPP TA' PORT INDUSTRIJALI FI SPANJA

*Sommarju ta' deċiżjoni wara l-investigazzjoni fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman OI/2/2006/JMA*

Minħabba li kien irċieva għadd kbir ħafna ta' ilmenti u komunikazzjonijiet oħra dwar l-iżvilupp ta' port industrijali mill-awtoritajiet Spanjoli fil-belt ta' Granadilla, fil-gżira ta' Tenerife, fi Spanja, l-Ombudsman iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu biex jagħti lill-Kummissjoni l-opportunità li tispjega l-funzjoni tagħha bħala l-għassiesa tat-Trattat f'dan il-każ.

Skond l-ilmentaturi, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet li tagħlaq l-investigazzjoni tagħha wara għadd ta' ilmenti dwar l-iżvilupp ta' port industrijali fi Granadilla minħabba li l-iżvilupp ma kienx se jkun kontra d-dritt Komunitarju, partikolarment l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva Habitats<sup>17</sup>. L-ilmentaturi argumentaw, b'mod ġenerali, li l-Kummissjoni kienet naqset li tikkunsidra l-eżistenza ta' soluzzjonijiet alternattivi possibbli għall-iżvilupp propost.

Il-Kummissjoni argumentat li s-servizzi tagħha kienu għadhom qed jevalwaw il-proġett. Il-Kummissjoni fissret li, minħabba li l-eżistenza ta' alternattivi jew in-nuqqas tagħhom għall-proġett kienet kwistjoni rilevanti li kien se jkollha influwenza fuq l-opinjoni finali tagħha skond l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva dwar l-Ambjenti Naturali, il-Kummissjoni kienet se teżamina bir-reqqa dan l-aspett tal-każ u tagħti opinjoni li kellha teżamina l-impatt ambjentali, ir-rilevanza tar-“raġunijiet imperattivi” miġjuba mill-awtoritajiet Spanjoli favur l-iżvilupp, u l-bilanċ bejn dawn iż-żewġ interessi opposti, kif ukoll tagħmel evalwazzjoni tal-miżuri ta' kumpens. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li kienet se tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tasal għal deċiżjoni malajr kemm jista' jkun, u li kienet se tinforma lill-ilmentaturi.

L-Ombudsman kien tal-fehma li l-opinjoni tal-Kummissjoni kienet iċċarat biżżejjed il-punti magħmulin fl-investigazzjoni tiegħu. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet għadha ma ħaditx deċiżjoni fuq din il-kwistjoni. Għaldaqstant, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kienx hemm ħtieġa ta' aktar sħarriġ. L-Ombudsman indika wkoll li, meta l-Kummissjoni tkun ħadet deċiżjoni, jew jekk ikun hemm dewmien bla bżonn biex titteħed deċiżjoni, iċ-ċittadini u r-residenti jkunju jistgħu jissottomettu ilmenti lilu jekk iqisu li kien hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni.

## L-ETÀ MASSIMA GĦALL-PROGRAMM TA' TAĦRIĠ IN SERVICE

*Sommarju tad-deċiżjoni wara l-investigazzjoni fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman OI/3/2006/BB*

F'Jannar, 2006, l-Ombudsman fetaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu dwar ir-regoli u l-politika tal-Parlament Ewropew dwar l-età massima għall-programm ta' taħriġ tagħha. L-Ombudsman irrefera (i) għall-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea li tgħid li: “Kull diskriminazzjoni msejsa fuq kull motiv bħal (...) età (...) għandha tkun ipprojbata”, (ii) għall-każistika riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tistabbilixxi li l-prinċipju tan-nuqqas ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-età huwa prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju<sup>18</sup>, u (iii) għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tabolixxi limiti fl-età fil-programm ta' taħriġ tagħha, wara l-abbozz ta' rakkomandazzjoni li kien għamel l-Ombudsman fil-każ 2107/2002/PB.

Fl-opinjoni tiegħu il-Parlament qal li, fl-1 ta' Frar, 2006, huwa kien adotta deċiżjoni għadha dwar ir-Regoli Interni li Jirregolaw Korsijiet ta' Taħriġ u Żjarat ta' Studju fis-Segretarjat tal-Parlament Ewropew (Regoli). Mill-15 ta' Frar, 2006, id-data li fiha daħlu fis-seħħ ir-Regoli l-ġodda, hija ma baqgħetx applikata età massima għall-programm tagħha ta' taħriġ. Qabel dik id-data, il-Parlament kien applika l-massimu ta' età ta' 45 sena.

L-Ombudsman ikkonkluda li, billi l-Parlament kien irrevoka l-età massima, ma kienx hemm ħtieġa ta' aktar sħarriġ.

<sup>17</sup>

Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju, 1992, dwar il-konservazzjoni ta' habitats u ta' fawna u flora salvaġġi, ĠU 1996 L 59, p. 63.

<sup>18</sup>

Każ C-144/04, *Werner Mangold vs Rüdiger Helm*, Ġabra [2005] I-9981, paragrafu 75.



### 3.9 MISTOQSIJET LI ĠEW ITTRATTATI MILL-OMBUDSMAN

#### DISKREZZJONI TA' STAT MEMBRU F'MATERJA AGRIKOLA

*Sommarju tal-mistoqsija Q1/2006/GK mibgħuta mill-Ombudsman Irlandiża*

F'Marzu 2006, l-Ombudsman ta' l-Irlanda baġtet mistoqsija lill-Ombudsman Ewropew li kellha x'taqsam ma' wieħed mill-każijiet tagħha. Il-mistoqsija kienet dwar l-interpretazzjoni, mid-Dipartiment ta' l-Agricoltura u l-Ikel ta' l-Irlanda, ta' l-Artikolu 40 tar-Regolament 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' għajjuna diretta skond il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' għajjuna għall-bdiewa. B'mod partikolari, il-mistoqsija kienet dwar il-kwistjoni jekk l-Artikolu 40(4) kienx jagħti lill-awtorità kompetenti nazzjonali diskrezzjoni li tiddefinixxi dak il-mard epiżotiku, li, f'każ li jolqot parti mill-bhejjem jew il-bhejjem kollha tal-bdiewa, kellu jkun aċċettat bħala li jikkostitwixxi forza maġġuri.

Il-mistoqsija kienet titlob informazzjoni mingħand il-Kummissjoni, li tispjega, fil-qosor, li kull allegazzjoni ta' forza maġġuri kellha tkun eżaminata mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali meta jkun qed jagħmlu eżami każ b'każ.

Il-Kummissjoni qieset li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija għall-mistoqsija, l-awtoritajiet Irlandiżi ma kinux qabżu l-limiti tas-setgħat tagħhom li jagħmlu eżami skond l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 40(4) tar-Regolament 1782/2003. L-opinjoni tal-Kummissjoni intbaġġet lill-Ombudsman Irlandiża li għarrfet lill-Ombudsman Ewropew li hija kienet sodisfatta bir-riżultat tal-mistoqsija.

#### MOVIMENT LIBERU TAL-MERKANZIJA

*Sommarju tal-mistoqsija Q3/2005/IP mibgħuta mill-Ombudsman reġjonali ta' Friuli-Venezia Giulia*

L-Ombudsman reġjonali ta' Friuli-Venezia Giulia, fl-Italja, indirizzat mistoqsija lill-Ombudsman dwar l'impossibilità li jkunu importati fl-Italja tessuti maħdumin fil-Ġermanja għal għamara tat-teatru. Skond id-dritt Taljan, kull prodott (importat) li jkun konformi mal-leġislazzjoni Taljana dwar il-prevenzjoni ta' ħruq jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika mill-awtoritajiet Taljani. L-Ombudsman reġjonali staqsi lill-Ombudsman Ewropew dwar il-perspettivi għall-armonizzazzjoni tal-liġijiet f'dan il-qasam fuq livell Komunitarju biex jittrattaw ostakoli għall-moviment ħieles tal-merkanzija.

L-Ombudsman talbet informazzjoni mingħand il-Kummissjoni li kienet tispjega li, fin-nuqqas ta' standards jew regoli armonizzati applikabbli ta' l-UE fil-qasam rilevanti, id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-moviment liberu tal-merkanzija stabbiliti fl-Artikoli 28 sa 30 tat-Trattat ta' l-UE kienu japplikaw. Skond dawn il-prinċipji, prodott li jkun inħadem u mibjugħ legalment fi Stat Membru għandu jkun jista' jinbiegħ fi Stat Membru ieħor. L-Artikolu 30 jipprospetta li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 28 ma jżommux milli jkun hemm projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet minħabba, *inter alia*, moralità pubblika, politika pubblika, sigurtà pubblika jew il-ħarsien tas-saħħa jew il-ħajja tan-nies. Il-miżuri nazzjonali, biex ikunu ġustifikati, għandhom ikunu neċessarji biex jilhqnu l-għanijiet mixtieqa u jkun proporzjonati ma' daww l-għanijiet. Barra minn hekk, projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet bħal daww m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Kull ilment li jipprova juri ksur tad-dritt Komunitarju minn Stat Membru seta' jkun indirizzat direttament lill-Kummissjoni għal investigazzjoni.

L-Ombudsman reġjonali informat lill-Ombudsman Ewropew li hija kienet sodisfatta bir-risposta tal-Kummissjoni u, għalhekk, il-każ ingħalaq.



Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi ta' l-unjoni ewropea







## 4 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

L-Ombudsman Ewropew huwa partikularment ħerqan li jżomm djalogu kostruttiv ma' istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli għaċ-ċittadini. Dan il-Kapitolu jagħti ħarsa ġenerali lejn il-laqgħat u l-ġrajjet li kien hemm matul l-2006 ma' Membri u uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE bl-iskop li jkunu assigurati relazzjonijiet eċċellenti ta' xogħol. Matul l-istess sena, l-Ombudsman iffirma wkoll għadd ta' ftehim li huma spjegati hawn taħt.

Ta' importanza partikolari fl-2006 kienu l-laqgħat bilaterali ma' Kummissarji Ewropej biex ikun diskuss it-tweqqi tal-proċedura l-ġdida tal-Kummissjoni dwar kif kellhom ikunu ttrattati l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman, li ddaħħlet f'Novembru 2005. Billi l-Kummissjoni hija l-istituzzjoni li fil-konfront tagħha hemm l-ogħla proporzjon ta' investigazzjonijiet mill-Ombudsman, huwa importanti li jkun assigurat li din il-proċedura taħdem tabilħaqq sew. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' 11-il Kummissarju matul l-2006 u kien ferm kuntent bl-impenn tagħhom li jgħibu 'l quddiem kultura ta' servizz liċ-ċittadini. L-Ombudsman kellu wkoll laqgħa siewja ħafna, f'Ġunju, mal-personal tal-Kummissjoni responsabbli mill-koordinament tat-trattament ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman. Din il-laqgħa tagħtu wkoll l-opportunità li jfisser kif l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman mhux biss hija mekkaniżmu ta' kontroll estern iżda wkoll riżors għani li jista' jgħin lill-istituzzjonijiet itejbu l-mod kif jaħdmu. Kellhom rwol ewlieni bl-iffaċilitar ta' dawn il-laqgħat kollha il-Viċi-President tal-Kummissjoni Margot WALLSTRÖM, responsabbli, *inter alia*, għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman, u s-Segretarju-Ġenerali tal-Kummissjoni Catherine DAY. Is-Sinjura WALLSTRÖM indirizzat ukoll lill-personal ta' l-Ombudsman fi Strasburgu, f'Diċembru, fejn tat ħarsa ġenerali lejn l-isforzi li l-Kummissjoni kienet qed tagħmel biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha maċ-ċittadini.

L-Ombudsman huwa elett mill-Parlament Ewropew, u għaldaqstant jirrapporta lillu. L-Ombudsman igawdi kundizzjonijiet eċċellenti ta' xogħol mal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament, li huwa responsabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman u jabbozza r-rapport fuq ir-Rapport Annwali tiegħu. Fl-2006, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'erba' laqgħat tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, li matulhom huwa ppreżenta r-Rapport Annwali u r-Rapporti Speċjali tiegħu, li kienu jkopru firxa ta' suġġetti. Fuq talba tal-Kumitat, l-Ombudsman kien rappreżentat minn membru tal-personal tiegħu f'kull waħda mil-laqgħat miżmumin mill-Kumitat matul is-sena msemmija. L-Ombudsman baqa' jsostni wkoll ir-relazzjonijiet kostruttivi tiegħu mal-Membri tal-Parlament Ewropew matul l-2006.

L-Ombudsman kompla jiltaqa' ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra fl-2006. F'Marzu, iltaqa' mal-Presidenti tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Prim'Istanza u tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili, mal-President tal-Qorti ta' l-Awdituri, u mal-President tal-Bank Ewropew għall-Investment, fil-Lussemburgu. F'Ottubru, iltaqa' mad-Diretturi ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni u maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali, fil-Greċja. Matul is-sena għamel ukoll preżentazzjonijiet dwar il-ħidma tiegħu ma' diversi gruppi ta' membri tal-personal ta' istituzzjonijiet u korpi Ewropej fi Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu.

Bil-għan li jkunu assigurati l-aħjar servizzi liċ-ċittadini, l-Ombudsman iffirma għadd ta' ftehim importanti matul is-sena msemmija.

F'Marzu 2006, l-Ombudsman iffirma ftehim ġdid mal-Parlament dwar kooperazzjoni f'oqsma bħal dawk tal-formazzjoni tal-politika, it-teknoloġija ta' l-informazzjoni u komunikazzjonijiet. Il-ftehim

il-ġdid għandu jgħin lill-Ombudsman jagħmel użu, bl-aktar mod għaqli, tar-riżorsi mogħtija lill-Uffiċċju tiegħu (ara l-Anness B), waqt li jiggarrantilu awtonomija assoluta fil-ħidma tiegħu.

Ftehim importanti ieħor, li kien iffirmat fl-2006 kien il-Memorandum ta' Ftehim mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (EDPS)<sup>1</sup>. L-iskop ta' dan il-ftehim huwa li jassigura t-trattament konsistenti ta' ilmenti dwar il-protezzjoni tad-dejta u biex ma jitħalliex li jkun hemm xogħol doppju bla bżonn. Biex jintlaħaq dan il-għan, l-Ombudsman u l-EDPS qablu li: (i) jgħarrfu lill-ilmentaturi b'xulxin u li jiffaċilitaw it-trasferiment ta' l-ilmenti; (ii) jinfurmaw lil xulxin dwar ilmenti rilevanti għal wieħed jew l-ieħor; (iii) ma jerġgħux jifthi ilment li jkun diġà tressaq, sakemm ma jkunx hemm provi sinjifikanti ġodda; (iv) jadottaw metodu konsistenti dwar aspetti legali u amministrattivi ta' protezzjoni tad-dejta, biex b'hekk jippromwovu d-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini u ta' l-ilmentaturi. L-Ombudsman u l-Kontrollur tal-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Peter HUSTINX, iffirkaw il-Memorandum ta' Ftehim fi Brussell fit-30 ta' Novembru, flimkien ma' l-Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Joaquín BAYO DELGADO, u fil-preżenza tas-Segretarju-Ġenerali ta' l-Ombudsman, is-Sur Ian HARDEN. Din l-okkażjoni offriet opportunità biex ikun hemm bdil ta' informazzjoni dwar firxa ta' kwistjonijiet ta' interess reċiproku.

© Superviżser tal-Protezzjoni tad-Dejta Ewropea



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Peter Hustinx, responsabbli għas-Superviżjoni tal-Protezzjoni tad-Dejta Ewropea, jiffirkaw il-Memorandum ta' Ftehim fi Brussell, il-Belġju, 30 ta' Novembru 2006.

Fit-30 ta' Novembru wkoll, l-Ombudsman Ewropew iffirma ftehim ta' kooperazzjoni mal-gvern Spanjol biex jitħallew jintużaw il-lingwa Baska, Katalana/Valenzjana u Galizjana, il-lingwi ko-uffiċjali fi Spanja, għal ilmenti lill-Ombudsman Ewropew. Ir-Rappreżentant Permanenti ta' Spanja għall-UE, l-Ambaxxatur Carlos BASTARRECHE SAGÜES, iffirma l-ftehim f'isem il-gvern Spanjol. Bl-iffirmar tal-ftehim, l-Ombudsman għaqqad il-prattika tiegħu mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-UE ta' Ġunju 2005 li jipprovdu għall-użu ta' dawn il-lingwi biex iħaffu l-komunikazzjonijiet ta' ċittadini Spanjoli ma' istituzzjonijiet ta' l-UE. Skond il-ftehim, korp ta' traduzzjoni, li se jitwaqqaf mill-gvern Spanjol, se jkun responsabbli biex jitraduċi ilmenti mibgħuta f'dawn il-lingwi. Huwa mbagħad jitraduċi d-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman mill-Ispanjol/Kastiljan għal-lingwa ta' l-ilmentatur. Meta l-korp tat-traduzzjoni jitwaqqaf mill-awtoritajiet Spanjoli u, għalhekk, il-ftehim jibda jkun effettiv, it-tagħrif dwar kif isir ilment f'dawn il-lingwi ikun jista' jinkiseb permezz tal-konnessjoni li ġejja fil-websajt ta' l-Ombudsman: <http://www.ombudsman.europa.eu>

Il-laqgħat u l-ġrajjet imsemmijin hawn fuq, u l-attivitajiet l-oħra kollha ta' l-Ombudsman f'dan il-qasam huma elenkati fis-sezzjonijiet tal-Kapitolu li jmiss<sup>2</sup>.

<sup>1</sup> Memorandum ta' Ftehim bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur tal-Protezzjoni tad-Dejta; ĠU 2007 C 27, p. 21.

<sup>2</sup> Sakemm ma jingħadx mod ieħor, il-laqgħat u l-ġrajjet saru fi Brussell, il-Lussemburgu u Strasburgu.

## 4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW

18 ta' Jannar: Parteċipazzjoni f'laqgħa-pranzu tal-"Kangaroo Group" tal-Membri Parlamentari Ewropej. Il-kelliem ewlieni kien is-Sur Andrew DUFF MPE, li tkellem fuq is-suġġett "*The period of reflection — The structure, subjects and context for an assessment of the debate on the European Union*" (Il-perjodu ta' riflessjoni – L-istruttura, s-suġġetti u l-kuntest għal eżami tad-dibattitu dwar l-Unjoni Ewropea). Il-laqgħa kienet immexxija mis-Sur Manuel MEDINA ORTEGA MPE.

25 Jannar: Preżentazzjoni tar-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman fuq Trasparenza fil-proċeduri tal-Kunsill waqt laqgħa tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Is-Sur Marcin LIBICKI MPE, President tal-Kumitat, is-Sur Elmar BROK MPE, is-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MPE, is-Sur Michael CASHMAN MPE, is-Sinjura Diana WALLIS MPE u s-Sur Hans BRUNMAYER, Direttur-Ġenerali u Kap tal-Protokoll tal-Kunsill, ħadu sehem f' dibattitu li sar wara, u jidhru fil-lista hawnhekk fl-ordni li fiha għamlu l-interventi tagħhom.

14 ta' Frar: Laqgħa mas-Sinjura Inés AYALA SENDER MPE.

14 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MPE.

14 ta' Frar: Laqgħa mas-Sur Gregorio GARZÓN CLARIANA, konsulent legali tal-Parlament Ewropew.

14 ta' Marzu: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2005 ta' l-Ombudsman lis-Sur Josep BORRELL FONTELLES MPE, President tal-Parlament Ewropew, u l-iffirmar tal-ftehim ta' kooperazzjoni ġdid mal-Parlament Ewropew (ara l-Anness B).

© Parlament Ewropew



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Josep Borrell Fontelles, President tal-Parlament Ewropew, jiffirmaw il-ftehim il-ġdid ta' kooperazzjoni. Strasburg, Franza, 14 ta' Marzu 2006.

14 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Markus FERBER MPE.

14 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Manolis MAVROMMATIS MPE.

4 ta' April: Laqgħa mas-Sur Andreas SCHWAB MPE u mas-Sur Richard SEEBER MPE.

2 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Louis GRECH MPE.

3 ta' Mejju: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2005 ta' l-Ombudsman lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. Is-Sur Marcin LIBICKI MPE, President tal-Kumitat, is-Sur Andreas SCHWAB MPE, is-Sur Manolis MAVROMMATIS MPE, Sir Robert ATKINS MPE, is-Sinjura Inés AYALA SENDER MPE, is-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MPE u s-Sinjura Alexandra DOBOLYI MPE ħadu



sehem fid-dibattitu li sar wara u jidhru fil-lista hawnhekk fl-ordni li fiha għamli l-interventi tagħhom.

15 ta' Mejju: Preżentazzjoni tar-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman dwar l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. Is-Sur DIAMANDOUROS għamel stqarrija u wara wiegħeb għall-mistoqsijiet, fl-ordni ta' l-interventi tagħhom, ta' Sir Robert ATKINS MPE, is-Sur Michael CASHMAN MPE, is-Sur Paul VAN BUITENEN MPE, is-Sur Manolis MAVROMMATIS MPE u s-Sur Jens-Peter BONDE MPE. Wara, is-Sur Franz-Hermann BRÜNER, Direttur-Ġenerali ta' l-OLAF, għamel stqarrija u mbagħad wiegħeb mistoqsijiet ta' Sir Robert ATKINS MPE, is-Sinjura Alexandra DOBOLYI MPE, is-Sur Michael CASHMAN MPE, is-Sur Paul VAN BUITENEN MPE u s-Sur Jens-Peter BONDE MPE.

15 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Andreas SCHWAB MPE u mas-Sur Manolis MAVROMMATIS MPE.

17 ta' Mejju: Parteċipazzjoni għall-pranzu f'għieħ iż-żjara uffiċjali tas-Sur Karolos PAPOULIAS, President tal-Greċja, lill-Parlament Ewropew.

15 ta' Ġunju: Laqgħa mas-Sur Pascal DE POORTERE u mas-Sur Ville-Veikko TIMBERG, Uffiċċjali tal-Kontijiet tal-Parlament Ewropew.

4 ta' Lulju: Laqgħa mas-Sur Jo LEINEN MPE.

4 ta' Lulju: laqgħa mas-Sur Herbert BÖSCH MPE.

4 ta' Lulju: Laqgħa mas-Sur Gregorio GARZÓN CLARIANA.

13 ta' Lulju: Preżentazzjoni fuq "Ir-Rwol ta' l-Ombudsman fil-kuntest ta' l-evoluzzjoni ta' l-ordni ġuridiku Ewropew" f'Seminar dwar "Sistema Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem" fl-Università Adam Mickiewicz f'Poznań, il-Polonja. Dan l-avveniment kien organizzat mill-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, is-Sur Marcin LIBICKI MPE. L-Ombudsman Pollakk, is-Sur Janusz KOCHANOWSKI, ħa sehem ukoll fis-Seminar.

13 ta' Settembru: Preżentazzjoni tar-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li tittratta l-ilment skond l-Artikolu 226 lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. Is-Sur Marcin LIBICKI MPE, President tal-Kumitat, is-Sur Manolis MAVROMMATIS MPE, is-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MPE, is-Sur Proinsias DE ROSSA MPE u s-Sinjura Maria PANAYOTOPOULOS-CASSIOTOU MPE ħadu sehem fid-dibattitu li sar wara u li jidhru fil-lista hawnhekk fl-ordni li fiha għamli l-interventi tagħhom.

23 ta' Ottubru: Laqgħa mas-Sur Gregorio GARZÓN CLARIANA.

14 ta' Novembru: Ikla mogħtija mill-Ombudsman Ewropew f'għieħ tal-Bureau u Koordinaturi tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. Is-Sur Marcin LIBICKI MPE, President tal-Kumitat, Sir Robert ATKINS MPE, is-Sinjura Alexandra DOBOLYI MPE, is-Sinjura Diana WALLIS MPE, is-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MPE u s-Sur David LOWE, Kap tas-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, attendew għall-ikla.

15 ta' Novembru: Diskors lil "Kangaroo Group" tal-Membri tal-Parlament Ewropew dwar "Insaħħu liċ-ċittadini — Ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew". Il-laqgħa kienet immexxija minn Sir Robert ATKINS MPE.

16 ta' Novembru: Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2005 ta' l-Ombudsman lill-plenarja tal-Parlament Ewropew (ara s-sezzjoni 6.1).





## 4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA

12 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sur Siim KALLAS, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea għall-Affarijiet Amministrattivi, Verifika u Kontra l-Frodi.

12 ta' Jannar: Laqgħa mas-Sinjura Catherine DAY, Segretarja-Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea.

14 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sinjura Margot WALLSTRÖM, Viċi-Presidenta tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u Komunikazzjonni.

30 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Peter GALEZOWSKI, aġent medjatur intern tal-Kummissjoni Ewropea.

30 ta' Marzu: Preżentazzjoni lill-personal tal-Kummissjoni Ewropea bbażat fil-Lussemburgu dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew.

16 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Janez POTOČNIK, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għax-Xjenza u r-Riċerka.

16 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Stavros DIMAS, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ambjent.

17 ta' Mejju: Laqgħa mas-Sur Vladimír ŠPIDLA, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaq.

6 ta' Ġunju: Laqgħa mas-Sinjura Margot WALLSTRÖM u s-Sinjura Catherine DAY.

6 ta' Ġunju: Preżentazzjoni lill-personal tal-Kummissjoni responsabbli mill-koordinament tax-xogħol ta' l-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman.

4 ta' Lulju: Laqgħa mas-Sur Charlie McCREEVY, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għas-Suq Intern u Servizzi.

4 ta' Lulju: Laqgħa mas-Sur Giuseppe MASSANGIOLI, Direttur fil-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Ewropew, u mas-Sur Andrea PIERUCCI, Kap tat-Taqsima.

26 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Ján FIĠEL, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-Edukazzjoni, Taħriġ u Kultura.

26 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Joaquín ALMUNIA, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari.

26 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sur Markos KYPRIANOU, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa.

27 ta' Settembru: Laqgħa mas-Sinjura Margot WALLSTRÖM.

16 ta' Novembru: Laqgħa mas-Sur Olli REHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tkabbir.

13 ta' Diċembru: Laqgħa mas-Sinjura Benita FERRERO-WALDNER, Membru tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Barranin u l-Politika Ewropea tal-Viċinanza.

13 ta' Diċembru: Preżentazzjoni mis-Sinjura Margot WALLSTRÖM lill-personal ta' l-Ombudsman Ewropew. Matul il-preżentazzjoni tagħha, il-Viċi-President tal-Kummissjoni tkellmet dwar it-temi tal-komunikazzjoni, trattament ta' ilmenti u t-Trattat Kostituzzjonali.



### 4.3 ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRAJN

12 ta' Jannar: Laqgħa ma' l-Ambaxxatur Nicholas EMILIOU, Rappreżentant Permanenti ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea.

12 ta' Jannar: Laqgħa ma' l-Ambaxxatur Vassilis KASKARELIS, Rappreżentant Permanenti tal-Greċja għall-Unjoni Ewropea.

6 ta' Marzu: Laqgħa mal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, is-Sur Vassilios SKOURIS.

6 ta' Marzu: Ikla waqt ħidma mal-President tal-Qorti tal-Prim'Istanza, is-Sur Bo VESTERDORF, is-Sur Jörg PIRRUNG u s-Sur Marc JAEGER, Presidenti ta' Sessjonijiet u s-Sur Emmanuel COULON, Reġistratur.

6 ta' Marzu: Laqgħa mal-President tat-Tribunal tas-Servizz Ċivili, is-Sur Paul J. MAHONEY, u s-Sur Horstpeter KREPPEL, is-Sinjura Irena BORUTA, is-Sur Sean VAN RAEPENBUSCH u s-Sur Stéphane GERVASONI, Membri tat-Tribunal, u s-Sinjura Waltraud HAKENBERG, Registratriċi.

6 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Hubert WEBER, President tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri.

6 ta' Marzu: Laqgħa mas-Sur Philippe MAYSTADT, President tal-Bank Ewropew għall-Investment, u s-Sur Eberhard UHLMANN, Segretarju-Ġenerali.

30 ta' Marzu: Preżentazzjoni lill-Assemblea tal-Kumitati tal-Personal ta' l-Aġenziji Ewropej dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew.

15 ta' Ġunju: Laqgħa mas-Sinjura Vicky VOULGARAKI mir-Rappreżentanza Permanenti tar-Renju Unit għall-Unjoni Ewropea.

14 ta' Settembru: Preżentazzjoni lill-personal tal-Bank Ewropew għall-Investment fuq is-suġġett "Ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-BEI".

26 ta' Settembru: Laqgħa ma' l-Ambaxxatriċi Nina VASKUNLAHTI, Deputat Rappreżentant Permanenti tal-Finlandja għall-Unjoni Ewropea.

6 ta' Ottubru: Laqgħa mas-Sur Richard ZINK, Direttur ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, u ma' membri ta' l-personal ta' l-Aġenzija f'Tessaloniki, il-Greċja.

6 ta' Ottubru: Laqgħa mas-Sinjura Aviana BULGARELLI, Direttriċi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali (CEDEFOP), u ma' membri ta' l-personal ta' l-Aġenzija f'Tessaloniki, il-Greċja.

30 ta' Novembru: L-iffirmar ta' Memorandum ta' Ftehim mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, is-Sur Peter HUSTINX.

30 ta' Novembru: L-iffirmar ta' ftehim ta' kooperazzjoni mal-gvern Spanjol biex ikunu jistgħu jintużaw il-Bask, il-Katalan/Valenzjan u l-Galizjan, il-lingwi ko-uffiċjali fi Spanja, f'ilmenti lill-Ombudsman Ewropew. Ir-Rappreżentant Permanenti ta' Spanja għall-UE, l-Ambaxxatur Carlos BASTARRECHE SAGÜES, iffirma l-ftehim f'isem il-gvern Spanjol.





Relazzjonijiet ma' ombudsmen u korpi simili



## 5 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN U KORPI SIMILI

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera mill-qrib mal-kollegi tiegħu fuq livelli nazzjonali u reġjonali biex jgħin sabiex jiġi żgurat li ilmenti taċ-ċittadini jiġu ttrattati b'mod effettiv. Dan il-kapitolu jibda b'ħarsa ġenerali ta' l-attivitajiet tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej fl-2006. Imbagħad ikompli biex isemmi l-firxa wiesgħa ta' konferenzi u laqgħat li l-Ombudsman u l-personal tiegħu haġu sehem fihom, bil-għan li jippromwovu l-ombudsmanship ma' l-Unjoni kollha u lil hinn. Itemm billi jgħid x'għara f'laqgħat bilaterali li saru matul is-sena.

### 5.1 IN-NETWERK TA' OMBUDSMEN EWROPEJ

In-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej huwa magħmul minn kważi 90 uffiċċju f'31 pajjiż Ewropew. Fi ħdan l-Unjoni, ikopri l-ombudsmen u korpi simili fuq livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali, waqt li fuq il-livell nazzjonali jinkludi wkoll lin-Norveġja, l-Iżlanda u l-pajjiżi kandidati għall-sħubija fl-UE. Kull wieħed mill-ombudsmen u korpi simili nazzjonali fl-Istati Membri ta' l-UE, kif ukoll in-Norveġja u l-Iżlanda, ħatar uffiċjal tal-komunikazzjoni biex ikun il-punt ta' kuntatt għal membri oħra tan-Netwerk.

In-Netwerk twaqqaf fl-1996 u żviluppa b'mod stabbli f'għodda ta' kollaborazzjoni qawwija għall-ombudsmen u l-personal tagħhom, li jservi ta' mekkaniżmu effettiv għall-kooperazzjoni fit-trattament tal-każijiet. Huwa ta' importanza partikolari għall-Ombudsman Ewropew għax jgħinu biex jittratta malajr u b'mod effettiv l-ilmenti li mhumix fil-kompetenza tiegħu. L-esperjenzi u l-aħjar prattiċi jinqasmu permezz ta' seminars u laqgħat, rivista regolari, forum ta' diskussjoni elettronika u servizz elettroniku ta' aħbarijiet kuljum. Żjarat mill-Ombudsman Ewropew organizzati mill-ombudsmen fl-Istati Membri u minn dawh li se jissieħbu instabu li kienu effettivi ħafna biex ikun żviluppat in-Netwerk. Is-sezzjoni 5.1, għalhekk, tagħlaq billi ssemmi fil-qosor iż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman fl-2006. Dawn iż-żjarat huma deskritti f'aktar dettal fis-sezzjoni 6.2.

L-attivitajiet kollha deskritti hawn taħt huma ta' hteġa kbira biex jgħinu lill-ombudsmen jagħtu sehemhom biex ikun assigurat li d-dritt Komunitarju jkun applikat sew madwar l-Unjoni kollha. Dan huwa essenzjali, jekk iċ-ċittadini għandhom igawdu għal kollox id-drittijiet li jagħtuhom il-liġijiet ta' l-UE. L-Ombudsman Ewropew, għalhekk, iqs dan bħala prijorità partikolari u jiddedika riżorsi konsiderevoli biex jiżviluppa n-Netwerk.

#### Seminars

##### *Il-Ħames Seminar ta' l-Ombudsmen Reġjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE*

Seminars għal ombudsmen nazzjonali u reġjonali jinżammu alternattivament kull sena u huma organizzati mill-Ombudsman Ewropew u mill-kontropartijiet tiegħu, nazzjonali jew reġjonali, flimkien. Il-Ħames Seminar ta' Ombudsmen Reġjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE, organizzat mill-Ombudsman tal-Gvern Lokali ta' l-Ingilterra, is-Sur Tony REDMOND, u mill-Ombudsman Ewropew flimkien, inżamm f'Londra bejn id-19 u l-21 ta' Novembru, 2006.

Din kienet l-ewwel darba li l-Ombudsman Ewropew kellu x'jaqsam ħafna fl-organizzazzjoni ta' seminar ta' ombudsmen reġjonali u kienet esperjenza tassew pożittiva. Madwar 80 parteċipant, kollha mis-sitt pajjiżi li għandhom ombudsmen fuq livell reġjonali, jiġifieri l-Belġju, il-Ġermanja, Spanja, l-Italja, l-Awstrija u r-Renju Unit, attendew dan l-avveniment.

It-tema tas-Seminar ta' l-2006 kienet "Naħdmu flimkien għal amministrazzjoni tajba u għad-difiża taċ-ċittadin fl-UE". Il-programm kien jinkludi sessjonijiet fuq id-dritt Komunitarju, il-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba, trattament ta' ilmenti u l-ħidma flimkien ta' l-ombudsmen.

Is-Seminar infetaħ miż-żewġ organizzaturi, is-Sur Tony REDMOND u s-Sur DIAMANDOUROS, flimkien ma' l-Ewwel Viċi-President tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' l-UE, is-Sur Luc VAN DEN BRANDE, u s-Segretarju Permanenti tad-Dipartiment tal-Komunitajiet u Gvern Lokali tar-Renju Unit, is-Sur Peter HOUSDEN.



Is-Sur Tony Redmond,  
Ombudsman għall-Gvern  
Lokali ta' l-Ingilterra.



Is-Sinjura Alice Brown,  
Ombudsman għas-Servizzi  
Pubbliċi ta' l-Iskozja.



Is-Sur Felix Dünser,  
Ombudsman ta' Vorarlberg,  
l-Awstrija.

Is-Sinjura Anne SEEX, Ombudsman tal-Gvern Lokali ta' l-Ingilterra mexxiet is-Sessjoni 1, dwar "L-implimentazzjoni tad-dritt Komunitarju fl-Istati Membri". Matul din is-sessjoni kien hemm preżentazzjonijiet fuq "Il-moviment ħieles tal-persuni" mill-Professur Elspeth GUILD, Professur tal-Liġi tal-Migrazzjoni fl-Università Radboud ta' Nijmegen, u "Naqsmu t-Tagħrif bit-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej" mis-Sur Ian HARDEN, Segretarju-Ġenerali fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew.



Is-Sur Bernard Hubeau,  
Ombudsman ta' Fjandra,  
il-Belġju.



Is-Sinjura María Jesús  
Aranda Lasheras,  
Ombudsman ta' Navarra,  
Spanja.



Is-Sinjur Silvano Micele,  
Ombudsman ta' Basilicata,  
l-Italja.

Is-Sur Silvano MICELE, Ombudsman ta' Basilicata, u s-Sur Bernard HUBEAU, Ombudsman ta' Fjandra, mexxew is-Sessjoni 2, bit-tema "Il-ħidma proattiva ta' l-ombudsmen — Il-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba". Din is-sessjoni kellha sitt preżentazzjonijiet fuq "Inxerrdu l-prattiċi t-tajba, inżidu fil-valur" (is-Sur Tony REDMOND, Ombudsman tal-Gvern Lokali ta' l-Ingilterra), "Inġibu 'l quddiem relazzjonijiet kostruttivi ma' l-amministrazzjoni" (is-Sur Frédéric BOVESSE, Ombudsman tal-Vallonja), "Mekkaniżmi ta' rapport" (is-Sinjura Alice BROWN, Ombudsman

Skoċċiża tas-Servizzi Pubbliċi), “Intejbu l-aċċess għaċ-ċittadin” (is-Sur Ullrich GALLE, Ombudsman ta’ Rhineland-Palatinate), “Naħdmu maċ-ċittadin biex inġibu ‘l quddiem amministrazzjoni tajba” (is-Sur Felix DÜNSER, Ombudsman ta’ Vorarlberg), u “Kodiċijiet ta’ mġiba amministrattiva tajba” (is-Sinjura María JESÚS ARANDA LASHERAS, Ombudsman ta’ Navarra).

Is-Sessjoni 3, fuq “Il-ħidma reattiva ta’ l-ombudsmen — trattament ta’ ilmenti”, tmexxiet mis-Sur Alexander KÖNIG, President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Bavarja. Din is-sessjoni inkludiet preżentazzjonijiet fuq “Trattament ta’ ilmenti minn gruppi vulnerabbli fis-soċjetà” (is-Sinjura Caterina DOLCHER, Ombudsman ta’ Friuli-Venezia Giulia), “Niddefendu d-drittijiet tat-tfal” (is-Sur Roger MORGAN, Direttur tad-Drittijiet tat-Tfal), u “Trattament ta’ ilmentaturi persistenti u vessatorji” (is-Sur Jerry WHITE, Ombudsman tal-Gvern Lokali ta’ l-Ingilterra).



Is-Sinjur Jerry White, Ombudsman għall-Gvern Lokali ta’ l-Ingilterra, is-Sur Roger Morgan, Direttur għad-Drittijiet tat-Tfal fir-Renju Unit, is-Sur Alexander König, President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Bavarja, il-Ġermanja, u s-Sinjura Caterina Dolcher, Ombudsman ta’ Friuli-Venezia Giulia, l-Italja.

Is-sessjoni finali, bl-isem ta’ “Nimxu ‘l quddiem flimkien”, kienet tikkonsisti fi preżentazzjoni mill-Ombudsman Ewropew dwar “Naħdmu flimkien permezz tan-Netwerk ta’ Ombudsmen Ewropej”.



Is-Sur Tom Frawley, Ombudsman għall-Assemblea ta’ l-Irlanda ta’ Fuq u Kummissarju għall-Ilmenti.

Din l-aħħar sessjoni, li kienet immexxija mis-Sur Rafael RIBO I MASSÓ, Ombudsman ta’ Katalonja, tat opportunità għall-bdil ta’ ideat fuq kif jaħdem in-Netwerk u kif l-ombudsmen reġjonali jista’ jkollhom sehem aktar attiv fih.

Mument partikolarment prominenti tas-Seminar kien id-diskors ta’ wara l-ikel tas-Sur Tom FRAWLEY, Ombudsman ta’ l-Assemblea Irlandiża u Kummissarju għal Ilmenti, li tkellem dwar kwistjonijiet importanti għal ombudsmen, inklużi l-etika, il-kontabbiltà u aċċessibbiltà.

Ir-reazzjonijiet li waslu wara s-Seminar kienu pożittivi ħafna. L-Ombudsman jittama s-Seminar li ser isir fil-Ġermanja jew fl-Awstrija fl-2008 ikun ta’ suċċess simili.

### Is-Seminar ta’ l-Uffiċjali ta’ Kollegament ta’ l- 2006

Il-Ħames Seminar ta’ l-Uffiċjali ta’ Kollegament tan-Netwerk ta’ Ombudsmen Ewropej sar bejn it-18 u l-20 ta’ Ġunju, 2006, fi Strasburg. Bl-isem ta’ “Insostnu d-drittijiet fundamentali — Naqsmu l-aħjar prattiċi”, is-Seminar kellu l-għan li jservi ta’ forum għal skambju ta’ ideat bejn uffiċjali ta’ l-kollegament dwar l-aħjar prattiċi fl-istituzzjonijiet tagħhom, kif ukoll biex jinkuraġġixxi d-diskussjoni dwar il-ħidma tagħhom li jgħibu ‘l quddiem id-drittijiet fundamentali. Is-Seminar ipprova wkoll opportunità għall-uffiċjali ta’ kollegament biex jiddiskutu kif jaħdem in-Netwerk

u biex jissuġġerixxu kif jistgħu jtejbuh. B'kollox, attendew għas-Seminar 28 parteċipant minn 26 pajjiż Ewropew, inklużi, għall-ewwel darba, rappreżentanti mill-istituzzjonijiet nazzjonali ta' l-ombudsmen tal-Bulgarija, Kroazja u r-Rumanija.



Parteċipanti tal-Ħames Seminar għall-Uffiċjali ta' Kollegament tan-Netwerk Ewropew għall-Ombudsmen. Strasburg, Franza, 18-20 ta' Ġunju 2006.

Id-diskussjonijiet matul l-ewwel ġurnata tas-Seminar ikkonċentraw fuq it-titjib tat-trattament ta' ilmenti, il-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni permezz tan-Netwerk u l-kejl tas-sodisfazzjon ta' l-ilmentaturi.

Fil-ġħaxija l-parteċipanti ltaqgħu għall-ikel fiċ-ċentru ta' Strasburgu fejn semgħu diskors mill-ombudsman nazzjonali ta' l-Unjoni li l-aktar li dam fil-kariga, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN, li ddeskriva l-esperjenza tiegħu ta' kważi għoxrin sena bħala Ombudsman Daniż, u tkellem l-aktar fuq il-ħidma tiegħu ta' promozzjoni u s-sostenn tad-drittijiet fundamentali.



Is-Sur Hans Gammeltoft-Hansen, Ombudsman Parlamentari tad-Danimarka, jindirizza lill-ħaddiema ta' parteċipanti tal-Ħames Seminar għall-Uffiċjali ta' Kollegament tan-Netwerk Ewropew għall-Ombudsmen. Strasburg, Franza, 18-20 ta' Ġunju 2006.

It-tieni ġurnata tal-laqgħa tat-prijorità lil suġġett li kien issemma' minn numru ta' uffiċjali ta' kollegament bħala tema li għandha tiġi esplorata, jiġifieri ż-żamma tad-drittijiet fundamentali, u, speċifikament, id-dritt tal-libertà ta' l-informazzjoni, il-libertà ta' l-espressjoni u trattament ugwali.



Is-Seminar offra aġenda mimlija u varjata, li tat lok għal diskussjonijiet imqanqla. Ikkonferma l-valur ta' laqgħat kull sentejn għall-bdil ta' ideat u żvilupp ta' kuntatti ma' l-uffiċjali l-oħra tan-Netwerk u jawgura tajjeb għall-ġejjieni.

### Kooperazzjoni fit-trattament tal-każijiet

L-ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri huma kompetenti li jitrattaw ħafna mill-ilmenti li ma jkunux fil-kompetenza ta' l-Ombudsman Ewropew għax ma jkunux kontra istituzzjoni jew korp Komunitarji. Matul l-2006, l-Ombudsman ta parir lil 828 ilmentatur biex imorru għand ombudsmen nazzjonali jew reġjonali u ttrasferixxa lill-ombudsmen kompetenti 363 ilment, li 270 minnhom kienu fuq l-istess suġġett. Eżempji ta' dawn l-ilmenti jingħataw fis-sezzjoni 2.5 ta' dan ir-Rapport.

B'żieda ma l-iskambju regolari u informali ta' informazzjoni permezz tan-Netwerk, teżisti proċedura speċjali li biha l-ombudsmen nazzjonali jew reġjonali jistgħu jitolbu twegġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet fuq il-liġijiet ta' l-UE u l-interpretazzjoni tagħhom, inklużi mistoqsijiet li jitqajmu matul it-trattament ta' każijiet speċifiċi. L-Ombudsman Ewropew jagħti twegġibiet direttament jew, jekk ikun meħtieġ, jgħaddi l-mistoqsijiet lil istituzzjoni jew korp ieħor ta' l-UE għal twegġiba. Fl-2006, waslu żewġ mistoqsijiet ġodda bħal dawn, waħda mingħand ombudsman nazzjonali u oħra mingħand ombudsman reġjonali, u nġhalqu tlieta, inklużi tnejn tas-sena 2005. Dettalji tal-mistoqsijiet jinsabu fil-Kaġitolu 3.

### European Ombudsmen — Newsletter

Il-*European Ombudsmen — Newsletter* tkopri x-xogħol tal-membri tan-Netwerk Ewropej ta' l-Ombudsmen u s-šhubija usa' tar-Reġjun Ewropew ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsmen (IOI). Din in-*newsletter*, li tinħareġ bl-Ingliš, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan u l-Ispanjol, hija indirizzata lil aktar minn 400 uffiċċju fuq il-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali. In-*newsletter* hija ppubblikata mill-Ombudsman Ewropew dabtejn fis-sena — f'April u Ottubru.

In-*newsletter* titqies li hija forum ta' siwi verament kbir għal bdil ta' informazzjoni dwar il-liġijiet u l-aħjar prattiki ta' l-UE. Fl-2006, iż-żewġ pubblikazzjonijiet ittrattaw firxa wiesgħa ta' suġġetti, inklużi artikoli fuq is-supremazija tad-dritt Komunitarju, ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki fl-UE, il-liġijiet Ewropej dwar l-ambjent u l-aċċess għal informazzjoni ambjentali, ir-rwol ta' l-ombudsmen fis-sorveljanza tal-ħabsijiet, aċċess universali għall-internet *broadband*, id-diskriminazzjoni fl-aċċess għall-impjiegi, il-libertà ta' l-espressjoni, id-drittijiet tat-tfal u kwistjonijiet ta' migrazzjoni u refuġju.

### Għodod ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

F'Novembru 2000, l-Ombudsman nieda diskussjoni fuq l-Internet u forum ta' skambju ta' dokumenti għal ombudsmen u l-personal tagħhom fl-Ewropa. Aktar minn 230 individwu għandhom aċċess għall-forum li joffri possibbiltajiet ta' kooperazzjoni kuljum bejn u fost l-uffiċċji tagħhom.

Il-parti l-aktar popolari tal-forum huwa s-servizz ta' *L-Aħbarijiet ta' Kuljum ta' l-Ombudsman*, li huwa ppubblikat kull ġurnata tax-xogħol u jikkonsisti f'aħbarijiet minn uffiċċji ta' ombudsmen, kif ukoll mill-Unjoni Ewropea. Kważi l-uffiċċji kollha ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali ma' l-Ewropa kollha jikkontribwixxu għall-*Aħbarijiet ta' Kuljum* u jikkonsultawh fuq bażi regolari.

Fl-2006, il-forum ta' diskussjoni kompli jipprovdi mod utli ħafna għall-uffiċċji ta' l-ombudsman biex tinqasam informazzjoni billi jintbagħtu mistoqsijiet u twegġibiet. Bosta diskussjonijiet importanti nbdew b'dan il-mod. Kienu jkopru kwistjonijiet diversi bħal monitoraġġ indipendenti ta' ħabsijiet, l-istat permanenti ta' residenza għal tfal immigranti mwielda fl-UE, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' trattament ugwali, u dritt tal-vot f'elezzjonijiet lokali fl-UE.

Il-kontenut tal-forum ta' diskussjoni jinkludi lista awtoritattiva ta' ombudsmen nazzjonali u reġjonali fl-Istati Membri ta' l-UE, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-pajjiżi kandidati għal šhubija fl-UE.



Il-lista tiġi aġġornata kull meta d-dettalji ta' kuntatt ta' uffiċċju ta' ombudsman jinbidlu u hija, għalhekk, sors indispensabbli għal ombudsmen ma' l-Ewropa kollha.

### **Żjarat ta' informazzjoni**

Matul l-2006, l-Ombudsman Ewropew żar lill-ombudsmen kolleġi tiegħu fil-Lussemburgu (Marzu), Spanja (Mejju), l-Irlanda ta' Fuq (Novembru) u l-Bulgarija (Novembru). Dawn iż-żjarat offrew opportunità eċċellenti biex ikunu intensifikati ir-relazzjonijiet tax-xogħol fin-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej u biex jitqajjem interess fir-rimedju extra-ġudizzjarju li huwa l-Ombudsman. Dawn iż-żjarat jissemmew fid-dettal fis-sezzjoni 6.2.

## **5.2 SEMINARS U KONFERENZI OĦRA TA' L-OMBUDSMAN**

L-isforzi ta' l-Ombudsman Ewropew biex jikkollabora ma' l-ombudsmen kontroparti tiegħu jinfirxu lil hinn mill-attivitajiet tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej. L-Ombudsman huwa membru attiv ta' serje ta' organizzazzjonijiet ta' ombudsmen u jieħu sehem regolarmet f'konferenzi u seminars li huma jorganizzaw. Din is-sezzjoni tagħti ħarsa lejn il-partiċipazzjoni ta' l-Ombudsman u l-personal tiegħu f'dawn l-avvenimenti fl-2006.

### **Konferenza ta' l-Ombudsmen ta' l-Istati Membri tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed, Istanbul, it-Turkija**

Fis-26 ta' April, l-Ombudsman Ewropew ħa sehem f'Konferenza ta' Ombudsmen ta' l-Istati Membri tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC) bl-isem ta' "Ir-rwol ta' l-istituzzjonijiet ta' l-ombudsman għall-konsolidazzjoni tad-demokrazija". Il-konferenza kienet organizzata mill-Assemblea Parlamentari tal-BSEC u saret f'Istanbul, it-Turkija. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fuq "L-istituzzjoni ta' l-ombudsman fl-istat tad-dritt — Sfidi u prospettivi". Parteċipanti għas-Seminar kienu jinkludu ombudsmen mill-Istati Membri tal-BSEC. L-abbozz ta' liġi dwar l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman fit-Turkija kien diskuss ukoll waqt is-Seminar, u diskors ewlieni sar mis-Sinjur Süleyman DEMIREL, li qabel kien President tat-Turkija.

### **L-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman (IOI) — Laqgħa tar-Reġjun Ewropew u Assembleia Ġenerali, Vjenna, l-Awstrija**

Mill-11 sat-13 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fil-Laqgħa u l-Assemblea Ġenerali ta' l-IOI — Reġjun Ewropew li saret fil-Parlament Awstrijakk fi Vjenna. Fit-12 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS għamilha ta' Relatur għall-Grupp ta' Ħidma 1, li eżamina r-relazzjoni bejn l-ombudsmen u l-qradi. Temi oħrajn li kienu diskussi matul il-konferenza kienu "Il-kompetenza ta' *ombudspersons* Ewropej", "L-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa", u "L-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rwol ta' *ombudspersons*".

### **L-ombudsman bħala istituzzjoni ta' riforma amministrattiva, Ohrid, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja**

Mill-14 sas-16 ta' Settembru, konferenza bl-isem "L-ombudsman bħala istituzzjoni ta' riforma amministrattiva" saret f'Ohrid, f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Il-konferenza kienet organizzata bħala parti mill-proġett ta' l-Eunomia ta' l-Ombudsman tal-Greċja bil-kooperazzjoni ta' l-Ombudsman tal-Katalonja u l-Ombudsman ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Dan ikkonsista f'seminar għall-formazzjoni ta' hiliel għal istituzzjonijiet ta' ombudsmen mix-Xlokk ta' l-Ewropa. Madwar 60 parteċipant attendew għall-konferenza. L-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat fil-konferenza mis-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman, li għamel preżentazzjoni fuq il-Kodiċi Ewropew ta' Mgħiba Amministrattiva Tajba.

### Konferenza Internazzjonali dwar “Ħidma-Ombuds għat-Tfal”, Ateni, il-Greċja

Fid-29 u t-30 ta' Settembru, l-Ombudsman ħa sehem f'konferenza internazzjonali bl-isem “Ħidma-Ombuds għat-Tfal” f'Ateni, il-Greċja. Il-konferenza kienet organizzata mill-Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, is-Sur Thomas HAMMARBERG, l-Ombudsman tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Federazzjoni Russa, is-Sur Vladimir LUKIN, u l-Ombudsman Grieg, is-Sur Yiorgos KAMINIS. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fuq is-suġġett “It-Twaqqif ta' uffiċċji indipendenti tad-drittijiet tat-tfal — Il-mudelli differenti”.

### L-Ombudsmanship fl-Italja u l-Ewropa, Firenze, l-Italja

Fis-16 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza konferenza f'Firenze bl-isem ta' “l-Ombudsmanship fl-Italja u fl-Ewropa” fejn ippreżenta il-perspettiva ta' l-Ombudsman Ewropew dwar l-isforzi ta' l-Italja biex tistabbilixxi l-istituzzjoni ta' l-ombudsman fuq livell nazzjonali. L-avveniment inżamm fl-Awditorju tal-Parlament tar-reġjun tat-Toskana. Il-konferenza kienet organizzata mill-Ombudsman Raġjonali tat-Toskana, is-Sur Giorgio MORALES.

### Konferenza dwar id-dritt tal-petizzjoni u ta' l-ilment, Bremen, il-Ġermanja

Fil-21 ta' Novembru, il-Landesverband Bremen ta' l-Unjoni-Ewropa u l-Vereinigung zur Förderung des Petitionsrechts in der Demokratie e.V. organizzaw konferenza fi Bremen dwar id-dritt tal-petizzjoni lill-Parlament Ewropew u dritt ta' l-ilment lill-Ombudsman Ewropew. Madwar 50 persuna, inklużi l-President u l-Membri tal-Bremische Bürgerschaft (il-Parlament tal-Land ta' Bremen), mħalfin u rappreżentant tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Bundestag Ġermaniż, attendew għall-konferenza. L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat mis-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali, li, meta għamel id-diskors prinċipali ta' fil-għaxija, iddeskriva il-funzjoni u l-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew.

### Seminar Internazzjonali dwar id-diskriminazzjoni, Ljubljana, fis-Slovenja

Fit-8 ta' Diċembru, l-Ombudsman attenda għal seminar internazzjonali bl-isem “Ejja niffaċċjaw id-diskriminazzjoni”, miżmum f'Ljubljana, fis-Slovenja. Is-seminar kien organizzat mill-Ombudsman Sloven tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Matjaz HANZEK, u mill-Istitut Ludwig Boltzmann tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Awstrija. Is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors dwar “Ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni”. Wara l-konferenza, l-Ombudsman iltaqa' mal-President tal-Qorti Kostituzzjonali, is-Sur Janez CEBULJ u għadd ta' kollegi tiegħu, u bidlu ideat fuq l-istituzzjonijiet u r-rwoli rispettivi tagħhom.

## 5.3 AVVENIMENTI OĦRA MA' OMBUDSMEN U L-PERSONAL TAGĦHOM

### Laqgħat bilaterali ma' ombudsmen

Is-sena 2006 rat bosta kuntatti bilaterali bejn l-Ombudsman Ewropew u ombudsmen mill-Ewropa u lil hinn minnha, li kienu organizzati bil-għan li jinġiebu 'il quddiem l-ombudsmanship, jiġu diskussi relazzjonijiet interistituzzjonali u jkun hemm bdil ta' l-aħjar prattiċi:

Fl-24 ta' Jannar, fi Strasburgu, u fit-23 ta' Marzu, f'Pariġi, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Jean-Paul DELEVOYE, l-Ombudsman Franċiż. Id-diskussjonijiet bejniethom kienu dwar il-ħidma ta' l-ombudsmen fir-rigward tad-drittijiet fundamentali fl-UE u dwar pjanijiet għas-Sitt Seminar ta' Ombudsmen Nazzjonali ta' L-Istati membri ta' l-UE u tal-Pajjiżi Kandidati, li huma flimkien se jlaqqgħu fi Strasburgu fil-ħarifa ta' l-2007.



Fil-15 ta' Frar, is-Sur Alex BRENNINMEIJER, l-Ombudsman ta' l-Olanda, għamel żjara lis-Sur DIAMANDOUROS fi Strasburgu biex jiddiskuti affarijiet ta' interess komuni.

Fis-17 ta' Marzu, l-Ombudsman tal-Korporazzjoni ta' l-Internet għal Ismijiet u Numru Assenjati (ICANN), is-Sur Frank FOWLIE, għamel żjara lill-Uffiċċju ta' Brussell ta' l-Ombudsman Ewropew. Matul iż-żjara tiegħu, għamel skambju ta' ħsibijiet mas-Sur DIAMANDOUROS permezz ta' konferenza bil-vidjo.

Fl-20 ta' Marzu, is-Sur Giorgio MORALES, l-Ombudsman Reġjonali tat-Toskana, fl-Italja, iltaqa' mas-Sur DIAMANDOUROS fi Strasburgu.

Fit-28 ta' Marzu, l-Ombudsman kellu laqgħa fi Strasburgu ma' l-Ombudsman Pollakk, is-Sur Janusz KOCHANOWSKI, li kien għadu kif ġie elett.

Fit-30 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Emily O'REILLY, l-Ombudsman ta' l-Irlanda, fi Brussell.

Fit-12 ta' April, 3 ta' Lulju u 20 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' permezz ta' konferenza bil-vidjo mas-Sur Tony REDMOND, Ombudsman tal-Gvern Lokali fl-Ingilterra, biex iħejju għall-Ħames Seminar ta' l-Ombudsmen Reġjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE, li huma kienu laqgħu it-tnejn flimkien fl-Londra mid-19 sal-21 ta' Novembru.

Fit-12 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Marcin LIBICKI MPE, u ma' l-Ombudsman Pollakk, is-Sur Janusz KOCHANOWSKI, f'Poznan, il-Polonja.

Fit-30 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Yiorgos KAMINIS, l-Ombudsman Grieg, f'Ateni, il-Greċja.

Fit-2 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar il-ħidma tiegħu bħala Ombudsman Ewropew ma' l-personal ta' l-Ombudsman Grieg.

Fit-8 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Emily O'REILLY, l-Ombudsman ta' l-Irlanda, f'Dublin.

Fit-18 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fit-tnedija ta' ġurnal tal-personal ta' l-Ombudsman Grieg f'Ateni, il-Greċja.

### **Laqgħat li kienu jinvolvu membri tal-personal**

Saru għadd ta' laqgħat fil-livell tal-personal ta' l-Ombudsman:

Fil-5 ta' Diċembru, l-Assistant ta' l-Ombudsman, is-Sur Nicholas CATEPHORES, iltaqa' mas-Sur Bruce BARBOUR u mas-Sur Chris WHEELER, Ombudsman u Deputat Ombudsman rispettivament ta' New South Wales.

Fit-8 ta' Diċembru, is-Sur Nicholas CATEPHORES iltaqa' mas-Sur John McMILLAN, l-Ombudsman tal-*Commonwealth* ta' l-Awstralja.







## 6 KOMUNIKAZZJONIJIET

Attività ċentrali tal-funzjoni ta' l-Ombudsman hi li jkun qrib iċ-ċittadini. L-isforzi biex tinxtered l-informazzjoni dwar id-dritt ta' l-ilment fil-konfront ta' amministrazzjoni ħażina kienu aktar intensifikati fl-2006. Saru madwar 120 preżentazzjoni mill-Ombudsman u l-personal tiegħu waqt konferenzi, seminars u laqgħat li nżammu matul is-sena. Iż-żjarat ta' l-Ombudsman fil-Lussemburgu, Spanja, l-Irlanda ta' Fuq u l-Bulgarija tawh opportunità oħra biex jippromwovi għarfien fost iċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi.

Dan il-Kapitolu huwa dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew fil-qasam tal-komunikazzjonijiet fl-2006. Jibda billi jagħti daqqa t'għajn lejn il-ġrajjet ewlenin tas-sena msemmija, u wara lejn iż-żjarat ta' informazzjoni mill-Ombudsman, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti u konferenzi, ir-relazzjonijiet mal-mezzi tax-xandir, pubblikazzjonijiet u komunikazzjonijiet elettroniċi.

### 6.1 IL-ĠRAJJET EWLENIN TAS-SENA

#### IR-RAPPORT ANNWALI 2005

Ir-Rapport Annwali huwa l-pubblikazzjoni l-aktar importanti ta' l-Ombudsman. Jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet dwar it-trattament tal-każijiet f'sena partikolari, jagħti rendikont ta' l-isforzi tiegħu biex joħloq għarfien dwar il-ħidma tiegħu, u jispjega l-użu li sar tar-riżorsi li jkunu tqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu. Ir-Rapport huwa ta' interess għal firxa wiesgħa ta' gruppi u individwi f'bosta livelli — ombudsmen bħalu, politikanti, uffiċjali pubbliċi, professjonisti, akkademiċi, gruppi interessati, organizzazzjonijiet mhux governattivi, ġurnalisti kif ukoll iċ-ċittadini fuq livell Ewropew, nazzjonali, reġjonali u lokali.



Is-Sur Diamandouros jippreżenta t-tielet Rapport Annwali tiegħu lis-Sur Josep Borrell Fontelles, President tal-Parlament Ewropew. Strasburgu, Franza, 14 ta' Marzu 2006.

Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta r-Rapport tiegħu lis-Sur Josep BORRELL FONTELLES MPE, President tal-Parlament Ewropew, fit-14 ta' Marzu, 2006, u lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament fit-3 ta' Mejju. Din l-aħħar laqgħa tat lill-Ombudsman l-opportunità li jispjega r-riżultati miksubin matul is-sena u biex jaqsam il-ħsibijiet tiegħu ma' dawk ta' Membri tal-Kumitat dwar ideat u inizjattivi għall-futur.

Is-Sur Andreas SCHWAB MPE fassal abbozz tar-Rapport tal-Kumitat dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman għas-sena 2005. Fis-16 ta' Novembru, il-Plenarja tal-Parlament iddebattiet ir-Rapport tas-Sur SCHWAB, bis-sehem tas-Sur DIAMANDOUROS, tal-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sinjura Margot WALLSTRÖM, u, fl-ordni li fiha għamlu l-interventi tagħhom, is-Sur Andreas SCHWAB MPE, is-Sur Manolis MAVROMMATIS MPE, is-Sur Proinsias DE ROSSA MPE, is-Sinjura Diana WALLIS MPE, is-Sur David HAMMERSTEIN MINTZ MPE, is-Sur Willy MEYER PLEITE MPE, il-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament, is-Sur Marcin LIBICKI MPE, is-Sur Witold TOMCZAK MPE, Sir Robert ATKINS MPE, is-Sinjura Inés AYALA SENDER MPE, is-Sinjura Mairead McGuinness MPE, is-Sur Thijs BERMAN MPE, is-Sur Richard SEEGER MPE, is-Sinjura Lidia Joanna GERINGER DE OEDENBERG MPE, is-Sinjura Marie PANAYOTOPOULOS-CASSIOTOU MPE, u s-Sur András GYÜRK MPE. Sussegwentement, il-Plenarja tal-Parlament adottat riżoluzzjoni ibbażata fuq ir-Rapport tas-Sur SCHWAB li ddikjarat is-sodisfazzjon tagħha bil-profil pubbliku ta' l-Ombudsman u laqgħet tajjeb il-kooperazzjoni kostruttiva bejn l-Ombudsman u l-istituzzjonijiet.

L-Ombudsman ippreżenta r-Rapport lill-mezzi tax-xandir waqt konferenza stampa fl-24 ta' April. Il-50 ġurnalist u aktar li marru għal dak l-avveniment tawh l-opportunità biex jiġbed l-attenzjoni tagħhom għar-riżultati l-aktar importanti ta' l-istħarriġ tiegħu fl-2005.

#### 'OPEN DAYS'

Fit-30 ta' April u fl-1 Mejju, fi Strasburgu, u fis-6 ta' Mejju, fi Brussell, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem f''Open Days' organizzati mill-Parlament Ewropew. Materjal li kellu x'jaqsam mal-ħidma ta' l-Ombudsman tqassam lill-viżitaturi f'25 lingwa, flimkien ma' għażla ta' materjali promozzjonali. Membri tal-personal kienu preżenti matul it-tliet ijiem biex iwieġbu mistoqsijiet. Aktar minn 35 000 persuna żaru l-Parlament matul dawk l-'Open Days'.



Ċittadini jżuru l-istend ta' l-Ombudsman fil-Jum Miftuħ fi Strasburgu, Franza, l-1 ta' Mejju 2006.

## 6.2 ŻJARAT TA' INFORMAZZJONI

Bil-għan li ċ-ċittadini jkunu jafu aktar dwar id-dritt tagħhom li jagħmlu ilment lill-Ombudsman Ewropew u biex jintensifika aktar ir-relazzjonijiet tax-xogħol mal-kontropartijiet nazzjonali u reġjonali tiegħu, fl-2003, l-Ombudsman nieda programm intensiv ta' żjarat ta' informazzjoni lill-Istati Membri u l-pajjiżi fil-fażi ta' adeżjoni. Dawn iż-żjarat komplew waħda wara l-oħra. Matul kull żjara ta' l-Ombudsman, il-kontropartijiet tiegħu fl-Istati Membri u l-pajjiżi li se jissieħbu jirranġaw programmi dettaljati ta' attivitajiet u laqgħat, u sikwit jakkumpanjawh waqt il-vjaġġ kollu. Il-preżenza taż-żewġ ombudsmen f'dawn l-avvenimenti hija ta' benefiċċju kbir għaċ-ċittadini, billi tippermettilhom li jifhmu aħjar u japprezzaw ir-rwoli u l-kompetenzi rispettivi ta' l-ombudsmen nazzjonali u Ewropew, u biex jitgħallmu dwar id-drittijiet tagħhom li joriġinaw miċ-ċittadinanza mhux biss ta' l-Istat tagħhom imma wkoll dik ta' l-UE.

Fl-2006, l-Ombudsman żar il-Lussemburgu, Spanja, l-Irlanda ta' Fuq u l-Bulgarija u ltaqa' ma' membei parlamentari, imħallfin, uffiċċjali pubbliċi anzjani, il-komunità akkademika, ilmentaturi potenzjali u ċittadini oħrajn. Is-sezzjoni li jmiss tagħti ħarsa lejn il-firxa wiesgħa tal-laqgħat li saru matul dawn l-erba' żjarat, telenka l-interlokutori ewlenin u ssemmi l-bosta preżentazzjonijiet li saru. L-attivitajiet tal-mezzi tax-xandir li kienu organizzati bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni jissemmwew fis-sezzjoni 6.4 ta' dan ir-Rapport.

### IL-LUSSEMBURGU

Bejn is-6 u t-8 ta' Marzu, l-Ombudsman Ewropew żar il-Lussemburgu. L-Uffiċċju ta' l-Ombudsman tal-Lussemburgu organizza ż-żjara, u rranġa firxa wiesgħa ta' laqgħat li ppermettew lill-Ombudsman Ewropew li jżid l-għarfien dwar ir-rwol tiegħu fost l-ogħla uffiċjali tal-gvern u ta' l-Istat, tal-mezzi tax-xandir, organizzazzjonijiet mhux governattivi u ċittadini interessati.

© Cour Grand-ducale/ritratt Carlo Hommel



Is-Sur Diamandouros ma' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gran Duka Henri u s-Sur Marc Fischbach, Ombudsman Nazzjonali tal-Lussemburgu, waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Lussemburgu, 6-8 ta' Marzu 2006.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS kellu l-opportunità li jiddiskuti l-ħidma tiegħu ma' l-Altezza Rjali Tiegħu il-Gran-Duka HENRI, mal-Prim Ministru tal-Lussemburgu, is-Sur Jean-Claude JUNCKER, u mal-President tal-Kamra tad-Deputati, is-Sur Lucien WEILER. Dawn il-laqgħat ikkonċentraw fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew u s-servizzi li jagħti liċ-ċittadini Lussemburgiżi. Matul il-jumejn, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sur Laurent MOSAR,

Viċi-President tal-Kamra tad-Deputati, mas-Sur Pierre MORES, President tal-Kunsill ta' l-Istat u mas-Sur Claude WISELER, Ministru għas-Servizz Ċivili u r-Riforma Amministrattiva.

Din iż-żjara tat opportunità eċċellenti biex ikunu żviluppatti aktar ir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Lussemburgiż, is-Sur Marc FISCHBACH u l-personal tiegħu. Barra l-laqgħat uffiċjali, li matulhom iddiskutew il-funzjonijiet rispettivi tagħhom, l-Ombudsmen u l-personal tagħhom kellhom bosta okkażjonijiet biex jiskambjaw il-fehmiet tagħhom b'mod aktar informali.



Is-Sur Marc Fischbach, Ombudsman Nazzjonali ta' Lussemburgu, is-Sur Laurent Mosar, Viċi-President tal-Kamra tad-Deputati, is-Sur Diamandouros, is-Sur Pierre Mores, President tal-Kunsill ta' l-Istat, u s-Sur Claude Wiseler, Ministru tas-Servizz Pubbliku u Riforma Amministrattiva, waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Lussemburgu, 6-8 ta' Marzu 2006.

Iż-żjara ta' informazzjoni kienet tinkludi laqgħa ma' ilmentaturi potenzjali u konferenza stampa li għaliha kien hemm grupp ta' madwar 15-il ġurnalista. Dawn l-avvenimenti kienu organizzati mill-Kap ta' l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew fil-Lussemburgu, is-Sinjura Monique SCHUMACHER. Fil-bidu taż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS ħa l-opportunità biex jiddiskuti l-ħidma tiegħu mas-Sinjura SCHUMACHER, u mal-Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Ernst MOUTSCHEN.

## SPANJA

L-Ombudsman Ewropew ssokta biż-żjara ta' informazzjoni tiegħu billi mar fi Spanja bejn it-8 u l-10 ta' Mejju. L-Ombudsman Nazzjonali ta' Spanja, is-Sur Enrique MÚGICA HERZOG, organizza l-laqgħa u akkumpanja lis-Sur DIAMANDOUROS kważi għal-laqgħat u l-avvenimenti kollha li nżammu matul it-tlett ijiem.

Permezz ta' din iż-żjara is-Sur DIAMANDOUROS seta' jiltaqa' ma' udjenzi mmirati ewlenin u jenfasizza l-importanza tal-ħidma ta' l-ombudsmen matul il-laqgħat tiegħu ma' rappreżentanti politiċi, ġuridiċi u amministrattivi għoljin. Matul iż-żjara iltaqa' mal-Majestà Tiegħu ir-Re JUAN CARLOS, l-Altezza Rjali Tagħha l-Infanta CRISTINA, mal-President tal-Kungress tad-Deputati, is-Sur Manuel MARÍN GONZÁLEZ, il-President tas-Senat, is-Sur Francisco Javier ROJO GARCÍA, il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u l-Kooperazzjoni, is-Sur Miguel Ángel MORATINOS CUYAUBÉ, il-Ministru ta' l-Amministrazzjoni Pubblika, is-Sur Jordi SEVILLA SEGURA, il-Mexxej ta' l-Oppożizzjoni, is-Sur Mariano RAJOY BREY, il-President tal-Kunsill Ġenerali tal-Poter Ġudizzjarju, is-Sur Francisco José HERNANDO SANTIAGO, il-President tal-Qorti Kostituzzjonali, is-Sinjura Emilia CASAS BAAMONDE, il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal Spanja, is-Sur José Luis GONZÁLEZ VALLVÉ, u l-Kap ta' l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew, is-Sur Fernando CARBAJO.



© Ombudsman Nazzjonali ta' Spanja



Is-Sur Diamandouros mal-Majestà Tiegħu r-Re Juan Carlos u s-Sur Enrique Múgica Herzog, Ombudsman Nazzjonali ta' Spanja, waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Madrid, Spanja, 8-10 ta' Mejju 2006.

F'Jum l-Ewropa (id-9 ta' Mejju), l-Ombudsman Ewropew attenda avveniment organizzat mill-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament Ewropej, kien intervistat għal programm televiżiv jismu "Europa 2006", u ta konferenza stampa flimkien ma' l-Ombudsman Spanjol.



Is-Sur Diamandouros mas-Sinjura Emilia Casas Baamonde, President tal-Qorti Kostituzzjonali, waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Madrid, Spanja, 8-10 ta' Mejju 2006.

L-Ombudsman Ewropew, l-Ombudsman Spanjol, u l-personal tagħhom ħadu l-opportunità biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tagħhom billi skambjaw fehmiet, fi sfond kemm formali kif ukoll informali matul iż-żjara kollha, fuq kwistjonijiet ta' interess komuni, inklużi l-aħjar prattiċi.

## L-IRLANDA TA' FUQ

Bejn it-8 u l-10 ta' Novembru, l-Ombudsman żar Belfast bħala parti mill-vjaġġ ta' informazzjoni tiegħu fl-Istati Membri ta' l-UE. L-uffiċċju ta' l-Ombudsman ta' l-Irlanda ta' Fuq organizza ż-żjara,

u fassal programm sħiħ ta' laqgħat, preżentazzjonijiet u intervisti mal-mezzi tax-xandir biex jgħin ikabbar l-għarfien dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS kellu l-opportunità jiddiskuti l-ħidma tiegħu mal-Lord Chief Justice, Sir Brian KERR, mal-Kap tas-Servizz Ċivili ta' l-Irlanda ta' Fuq, Sir Nigel HAMILTON, u ma' l-Ombudsman tal-Pulizija, is-Sinjura Nuala O'LOAN. Iltaqa' wkoll mal-Kap tal-Kummissjoni għall-Ugwaljanza, is-Sur Bob COLLINS, mal-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill għar-relazzjonijiet Kumunitarji, is-Sur Duncan MORROW, u mal-Viċi Kanċellier ta' l-Università ta' Ulster, is-Sur Richard BARNETT.

Il-President ta' l-Assemblea ta' l-Irlanda ta' Fuq, is-Sinjura Eileen BELL, ospitat ikla għall-Ombudsman fil-Kastell ta' Stormont fid-9 ta' Novembru, bl-attenzenza tal-Membri ta' l-Assemblea Leġiżlattiva, is-Sur Billy BELL u is-Sinjura Margaret RITCHIE, kif ukoll ta' l-Ombudsman ta' l-Irlanda ta' Fuq, is-Sur Tom FRAWLEY.

© Assemblea ta' l-Irlanda ta' Fuq



Is-Sur Diamandouros mas-Sinjura Eileen Bell (fuq il-lemin tiegħu), Spiker ta' l-Assemblea ta' l-Irlanda ta' Fuq, u parteċipanti oħra fl-ikla ospitata mill-Ispiker waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Belfast, Irlanda ta' Fuq, 8-10 ta' Novembru 2006.

Is-Sur FRAWLEY akkumpanja lill-Ombudsman Ewropew matul iż-żjara tiegħu. Dan għen biex l-Ombudsmen jippreżentaw flimkien is-servizz li jagħtu liċ-ċittadini. Is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta wkoll il-ħidma tiegħu lill-personal ta' l-Ombudsman ta' l-Irlanda ta' Fuq u spjega l-valur tal-kooperazzjoni permezz tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej.

© Assemblea ta' l-Irlanda ta' Fuq



Is-Sur Tom Frawley, Ombudsman ta' l-Assemblea ta' l-Irlanda ta' Fuq u Kummissarju għall-Ilmenti, u s-Sur Diamandouros waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Belfast, l-Irlanda ta' Fuq, 8-10 ta' Novembru 2006.



Iż-żjara ta' informazzjoni kienet tinkludi laqgħa tassew siewja ma' ilmentaturi potenzjali organizzata mil-Kap ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea, is-Sur Eddie McVEIGH, li rranġa wkoll għal lekċer fl-Iskola tal-Politika u Studji Internazzjonali ta' Queen's University f'Belfast, fejn is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fuq "L-Unjoni Ewropea — Drittijiet, rimedji u l-Ombudsman Ewropew".

## IL-BULGARIJA

Bejn is-27 u d-29 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS żar il-Bulgaria lejliet is-sħubija tagħha fl-Unjoni Ewropea. Iż-żjara, li kienet organizzata mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Bulgariż, offriet opportunità perfetta lill-Ombudsman Ewropew biex jinforma liċ-ċittadini Bulgari, residenti, negozjanti, għaqdiet u korpi oħrajn dwar id-drittijiet li kienu se jakkwistaw fuq livell Ewropew bħala riżultat tas-sħubija tal-Bulgarija fl-UE.



© Ombudsman tal-Bulgarija

Is-Sur Diamandouros jiltaqa' mas-Sur Sergei Stanishev, Prim Ministru tal-Bulgarija, waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Sofija, Bulgarija, 27-29 ta' Novembru 2006.

Akkumpanjat mill-Ombudsman Bulgaru, is-Sur Guinio GANEV, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Georgi PARVANOV, President tal-Bulgarija, mas-Sur Sergei STANISHEV, Prim Ministru, is-Sur Boris VELTCHEV, Prosekutur Prinċipali, is-Sur Lyuben KORNEZOV, Deputat President ta' l-Assemblea Nazzjonali, u mal-Presidenti u Membri tal-Kumitati Permanenti ta' l-Assemblea Nazzjonali li ġejjin: il-Kumitat għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni, il-Kumitat dwar l-Ilmenti u l-Petizzjonijiet taċ-Ċittadini, il-Kumitat għall-Integrazzjoni Ewropea, u l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem u Affarijiet Reliġjużi.



© Ombudsman tal-Bulgarija

Is-Sur Diamandouros, is-Sur Guinio Ganev, Ombudsman tal-Bulgarija, u is-Sur Lyuben Andonov Kornezov, Deputat Chairman ta' l-Assemblea Nazzjonali, waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Sofija, il-Bulgarija, 27-29 ta' Novembru 2006.

Aktar minn 220 student, akkademiċi u ġurnalisti attendew lekċer mogħti mill-Ombudsman Ewropew fl-Università ta' l-Ekonomija Nazzjonali u Dinjija f'Sofija fuq is-suġġet "Demokrazija, kontabilità u l-ombudsman". Il-lekċer, imtella' mill-Viċi Rettur ta' l-Università, il-Professor Statty STATTEV, kien segwit b'sessjoni imqanqla ta' mistoqsija u tweġiba.



© Ombudsman tal-Bulgarija

Is-Sur Diamandouros jippreżenta x-xogħol tiegħu fl-Università ta' l-Ekonomija Nazzjonali u dinjija waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Sofija, Bulgarija, 27-29 ta' Novembru 2006.

Aktar minn 100 rappreżentant fi grad għoli ta' l-amministrazzjoni ċentrali u lokali, ambaxxaturi mill-Istati Membri ta' l-UE, uffiċjali Governattivi, parlamentari, difensuri lokali tal-pubbliku u ġurnalisti attendew għal preżentazzjoni mis-Sur DIAMANDOUROS dwar "L-Ombudsman Ewropew u l-Ħarsien tad-Drittijiet taċ-Ċittadini".

Waqt laqgħa organizzata miċ-Ċentru għall-Istudju tad-Demokrazija, u mtella' mill-President tiegħu, is-Sur Ognian SHENTOV, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta l-ħidma tiegħu lil firxa wiesgħa ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi ibbażati fil-Bulgarija u għarrafhom kif huma setgħu jagħmlu użu mis-servizzi tiegħu.

Il-prominenza li l-mezzi ta' l-istampa taw liż-żjara ta' l-Ombudsman Ewropew kienet estensiva, b'aktar minn 40 artikolu fl-istampa jew *online*, kif ukoll prominenza estensiva fuq it-televiżjoni u r-radju.

Iż-żjara għenet ukoll lis-Sur DIAMANDOUROS biex jiżviluppa l-koperazzjoni tiegħu ma' l-Ombudsman Bulgaru u l-personal tiegħu, bil-għan li jkun ta' servizz għaċ-ċittadini u r-residenti tal-Bulgarija bl-aktar mod effettiv possibbli hekk kif il-pajjiż tagħhom kien wasal biex jidħol fl-Unjoni.

## 6.3 KONFERENZI U LAQGĦAT OĦRAJN

Il-konferenzi, seminars u laqgħat joffru opportunità eċċellenti għall-Ombudsman biex ikabbar l-għarfien dwar il-ħidma tiegħu fost udjenzi mmirati ewlenin bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi, gruppi b'interess partikolari u istituzzjonijiet akkademiċi. Bl-istess mod jiffaċilitaw il-ħidma tiegħu biex jippromwovi l-kunċett ta' *ombudsmanship* b'mod ġenerali. Il-konferenzi u l-laqgħat jgħinu wkoll lill-Ombudsman u lill-personal tiegħu biex iżommu aġġornati bl-iżviluppi fix-xena Ewropea li jkunu partikolarment rilevanti għall-istituzzjoni.

Din is-sezzjoni tagħti dettalji dwar il-firxa sħiħa ta' attivitajiet immirati biex jippromwovu l-kunċett ta' *ombudsmanship* b'mod ġenerali u l-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew b'mod partikolari. Fejn l-Ombudsman ma jkunx jista' jieħu sehem personalment f'avveniment, huwa jafda r-rappreżentanza

ta' l-istituzzjoni lil membru partikolari tal-personal tiegħu. Hawnha gruppi jsiru jafu wkoll dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman fil-kuntest ta' żjarat ta' studju fi Strasburgu. Din is-sezzjoni, għalhekk, tinkludi lista ta' preżentazzjonijiet ta' gruppi li saru matul l-2006.

## L-INVOLVIMENT TA' L-OMBUDSMAN

Fit-3 ta' Frar, l-Ombudsman kellu laqgħa mal-Professor Spiros SIMITIS, Professor tax-Xogħol, Xjenzi Ċivili u tal-Kompjuter u Liġi fl-Università Johann Wolfgang Goethe, fi Frankfurt am Main, il-Ġermanja, u mal-President tal-Kumitat ta' l-Etika tal-Ġermanja. Il-Professor SIMITIS imbagħad ħa sehem f'laqgħa ma' l-personal ta' l-Ombudsman Ewropew fejn għamel preżentazzjoni dwar "Il-protezzjoni tad-dejta — Nuqqasijiet u limitazzjonijiet ta' metodu komuni ta' l-UE".

Fit-8 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-Laqgħa Annwali Ġenerali tan-Netwerk Ewropew tal-Korpi ta' l-Ugwaljanza (EQUINET) fi Brussell, biex jispjega l-ħidma li kien għamel fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' trattament ugwali. EQUINET trid li tiżviluppa l-kooperazzjoni bejn korpi speċjalizzati ta' ugwaljanza fl-Ewropa u li tiffaċilita l-iskambju effettiv ta' tagħrif prattiku bil-għan li tkabbar l-applikazzjoni uniformi tal-liġijiet ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni. Hija ffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropea u ppreseduta mill-Kummissjoni Olandiża għal Trattament Ugwali.

Fl-20 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaka' ma' l-Ambaxxatur James A. SHARKEY, Rappreżentant Permanenti ta' l-Irlanda għall-Kunsill ta' l-Ewropa, biex jiddiskuti r-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fit-22 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta lekċer fl-*Institut d'Etudes Politiques* f'Pariġi fuq is-suġġett "L-Ombudsman Ewropew u d-drittijiet fundamentali f'Unjoni Ewropea akbar".

Fit-23 ta' Marzu, l-Ombudsman kellu laqgħa mal-President ta' l-Awtorità Għolja Franċiża għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni u Favur l-Ugwaljanza (*La Haute Autorité de Lutte contre les Discriminations et pour l'Égalité — HALDE*), is-Sur Louis SCHWEITZER, fl-uffiċċji ta' HALDE f'Pariġi.

Fit-23 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta lekċer fil-Pantheon — l-Università Assas Paris II fuq "Ir-rwol ta' l-istituzzjoni ta' l-ombudsman għall-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem — Il-perspettiva ta' l-Ombudsman Ewropew".

Fis-27 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS organizza ikla fi Strasburgu f'għieh il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa li kien se jħalli l-kariga, is-Sur Alvaro GIL-ROBLES.

Fit-3 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni fuq "Il-Kooperazzjoni bejn il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Ombudsman Ewropew" waqt l-avveniment li kien jimmarka id-dħul fil-kariga tal-Kummissarju l-ġdid għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, is-Sur Thomas HAMMARBERG u t-tluq tas-Sur Alvaro GIL-ROBLES.

Fis-6 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS ta diskors dwar amministrazzjoni tajba fil-livell ta' l-UE u dak Grieg waqt ikla organizzata mill-Assoċjazzjoni ta' Intraprendituri Griegi f'Ateni, il-Greċja.

Fl-14 ta' April, l-Ombudsman għamel diskors b'reġistrazzjoni vidjo bl-isem ta' "L-istituzzjoni ta' l-ombudsman bħala mekkaniżmu ekstra-ġudizzjarju għar-riżoluzzjoni ta' tilwim fil-kuntest ta' l-evoluzzjoni ta' l-ordni ġuridiku Ewropew" waqt simpożju internazzjonali dwar "Il-Greċja fil-komunità tad-dritt Ewropew" organizzat mill-Akkademja Griega tax-Xjenzi, mis-Soċjetà Griega għall-Istudji Ġudizzjarji u miċ-Ċentru Grieg għall-Istudji u r-Riċerki Ewropej (EKEME).

Fl-24 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa ma' tliet rappreżentanti ta' Alter-EU fi Brussell: is-Sur Jorgo RISS, Greenpeace, is-Sur Olivier HOEDEMAN, Corporate Observatory Europe, u s-Sur Paul DE CLERCK, Friends of the Earth - Ewropa. Alter-EU hija koalizzjoni ta' aktar minn 140 gruppi tas-soċjetà ċivili, *trade unions*, akkademiċi u azjendi ta' affarijiet pubbliċi, li għamli sejħa għal aktar trasparenza fil-mod kif jaħdmu l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE.



Fit-28 ta' April, l-Ombudsman kien il-kelliem mistieden waqt *working breakfast* organizzat f'Madrid mill-Forum ta' Ekonomija Ġdida, grupp ta' ħassieba Spanjoli dwar il-politika pubblika. Id-diskors tas-Sur DIAMANDOUROS kien jismu "Lejn Ewropa taċ-ċittadin". L-Ombudsman Spanjol, is-Sur Enrique MÚGICA HERZOG, introduċa lis-Sur DIAMANDOUROS lill-udjenza ta' aktar minn 150 persuna, li kienu jinkludu bosta ombudsmen reġjonali Spanjoli, membri tal-Parlament Ewropew, politikanti, negozjanti, akkademiċi, diplomatiċi u ġurnalisti. Wara d-diskors tas-Sur DIAMANDOUROS, saru mistoqsijiet mill-udjenza.

Matul ikla li saret fil-lejl ta' qabel, is-27 ta' April, il-President tal-Forum ta' Ekonomija Ġdida, is-Sur José Luis RODRÍGUEZ, ippreżenta lis-Sur DIAMANDOUROS bi plakka ta' tifkira għas-sehem tiegħu f'dik l-okkażjoni.

Fis-16 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Thomas HAMMARBERG, Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, biex jiddiskutu r-rwoli rispettivi tagħhom.

Fid-19 ta' Mejju, l-Ombudsman iltaqa' fi Strasburgu mas-Sinjura Dora BAKOYIANNI, Ministru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Greċja.

Fit-22 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni fuq "Il-libertà ta' l-informazzjoni — Perspettiva Ewropea" lir-Raba' Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji ta' l-Informazzjoni f'Manchester, ir-Renju Unit.

Fis-27 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Ann-Marie NYROOS, Rappreżentanta Permanenti tal-Finlandja għall-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fl-4 ta' Lulju, l-Ombudsman ippreżenta l-ħidma tiegħu waqt ikla fi Strasburgu organizzata mill-Kumitat ta' l-Affarijiet Ewropej tas-Sindki Franċiżi.

Fit-18 u d-19 ta' Settembru, l-Ombudsman ħa' sehem f'sessjoni ta' xogħol dwar "Id-demokrazija, rimedji mhux ġudizzjarji u studji dwar l-ombudsman", fl-Istitut ta' l-Università Ewropea (EUI) f'Firenze, l-Italja.

Fis-26 ta' Settembru, l-Ombudsman iltaqa' mas-Sur Alexandre CZMAL u mas-Sinjura Emmanuelle GARAULT, rappreżentanti ta' l-Assemblea tal-Kmamar tal-Kummerċ Franċiżi, biex jiddiskutu l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tat-trasparenza.

Fit-2 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel sensiela ta' laqgħat f'Ateni, il-Greċja, mas-Sur Karolos PAPOULIAS, President tal-Greċja, is-Sur Kostas KARAMANLIS, Prim Ministru tal-Greċja, is-Sinjura Anna BENAKI-PSAROUDA, President tal-Parlament Grieg u s-Sur George PAPANDREOU, Mexxej tal-Partit PASOK biex jgħarraffhom dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fil-5 ta' Ottubru, l-Ombudsman kien il-kelliem mistieden fil-Kongress Annwali ta' EUROCHAMBRES, l-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Kummerċ u l-Industrija Ewropej. Aktar minn 500 rappreżentant ta' 44 Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Ewropej, li jirrappreżentaw b'kolloxx 18-il miljun intrapriża, attendew għall-Kongress, li indirizza diversi dimensjonijiet tat-tema ċentrali tiegħu, jiġifieri "L-Ewropa li tikkomunika — Naqsmu l-vizzjoni, niksbu r-riżultati". Is-Sur DIAMANDOUROS ikkontribwixxa għas-sessjoni bit-tema "L-Ewropa u l-intraprendituri — Fatti, nuqqasijiet, dewmien u prospettji". Matul il-konferenza, is-Sur DIAMANDOUROS kellu wkoll laqgħat bilaterali mal-President ta' Eurochambres, is-Sur Pierre SIMON.

Fl-10 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni waqt *working lunch* għar-Rappreżentanti Permanenti ta' l-Istati Membri ta' l-UE għall-Kunsill ta' l-Ewropa, organizzata mis-Sinjura Ann-Marie NYROOS, Rappreżentanta Permanenti tal-Finlandja għall-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fis-17 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fuq "L-istituzzjoni ta' l-ombudsman u l-kwalità tad-demokrazija" waqt ċeremonja tal-gradwazzjoni organizzata miċ-Ċentru għall-Istudju tal-Bidla Politika fl-Università ta' Sjena, fl-Italja.



Fis-17 ta' Ottubru, l-Ombudsman ta' lekċer fuq "Trasparenza, kontabilità u demokrazija fl-UE" fl-Iskola ta' l-Istudji Internazzjonali Avanzati ta' l-Università Johns Hopkins f'Bolonja, l-Italja.

Fid-19 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel laqgħa permezz ta' konferenza vidjo mas-Sinjura Aspasia PAPAVALASSIOU, Deputat Avukat-Ġenerali fl-Istat ta' Kalifornja, fl-Istati Uniti, li żaret lill-istituzzjonijiet ta' l-UE fil-qafas tal-Programm tal-Viżitaturi ta' l-Unjoni Ewropea. Matul iż-żjara, is-Sinjura PAPAVALASSIOU ingħatat informazzjoni dwar il-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew, kif ukoll dwar l-aktar tipi importanti ta' każijiet li jiltaqa' magħhom l-Uffiċċju tiegħu.

Fit-8 ta' Novembru, l-Ombudsman ippreżenta l-ħidma tiegħu lill-Kumitat Konġunt dwar l-Affarijiet Ewropej tal-Parlament Irlandiż. L-Ombudsman Irlandiż, is-Sinjura Emily O'REILLY, indirizzat ukoll lill-Kumitat. Kien hemm sessjoni mqanqla ta' mistoqsija u tweġiba wara l-preżentazzjoni li matulha tqajmu kwistjonijiet dwar il-moviment ħieles tal-persuni, trattament ugwali u għarfien dwar l-ombudsman. Qabel din il-laqgħa, l-Ombudsman kellu l-opportunità li jiddiskuti l-ħidma tiegħu mal-Kap ta' l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Dublin, is-Sur Francis JACOBS, u ma' membri tal-personal tiegħu, flimkien ma' membri ta' l-personal tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Dublin.

Fit-13 ta' Novembru, l-Ombudsman mar Karlsruhe, fil-Ġermanja, biex jagħmel preżentazzjoni fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Europa-Union Karlsruhe. Aktar kmieni dik il-lejla, huwa kien mistieden mill-Ewwel Sindku ta' Karlsruhe, is-Sur Siegfried KÖNIG, għal riċeviment fis-Sala tal-Belt.

Fil-21 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta' lekċer fl-Università ta' Kingston, Londra, fuq "Amministrazzjoni ħażina, il-qراطي u l-ombudsman". Il-lekċer, li kienet organizzata mill-Iskola tal-Liġi, kienet ospitata mill-Aġent Dekan tal-'Faculty of Business and Law', il-Professur Philip SAMOUEL.



Is-Sur Diamandouros flimkien ma' studenti u ħaddiema mill-Università ta' Kingston, Londra, wara preżentazzjoni tax-xogħol tiegħu. Londra, ir-Renju Unit, 21 ta' Novembru 2006.

Fid-19 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS ħa' sehem, flimkien mal-President tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, is-Sur Vassilios SKOURIS u l-Ewwel Viċi-President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Christos ROZAKIS, f'diskussjoni organizzata mill-Assoċjazzjoni ta' l-Avukati ta' Atena għat-tneġġija tal-ktieb *Id-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa: Il-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*.

## L-INVOLVIMENT TAL-PERSONAL TA' L-OMBUDSMAN

Fl-1 ta' Marzu, is-Sur Daniel KOBLENCZ, Uffiċjal Legali, iltaqa' mas-Sur Heribertus JAKA TRIYANA, Lettur tal-Liġi Internazzjoanli, biex jispjega l-ħidmiet u d-doveri ta' l-Ombudsman Ewropew.



Fil-11 ta' Mejju, is-Sinjura Tina NILSSON, Uffiċjal Legali u s-Sinjura Rosita AGNEW, Kapijiet Konġunti tas-Settur tal-Komunikazzjonijiet, ħadu sehem f'sessjoni ta' xogħol organizzata mill-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) għal Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (CSO) fi Brussell, bil-għan li daww l-organizzazzjonijiet isiru jafu aktar bid-dritt tagħhom li jagħmlu ilmenti lill-Ombudsman Ewropew dwar amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-BEI.

Fil-15 ta' Ġunju, is-Sur José MARTÍNEZ-ARAGÓN, Konsulent Legali Prinċipali, għamel preżentazzjoni fuq il-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' diplomatiċi, fil-kuntest ta' seminar dwar affarijiet Ewropej organizzat miċ-Ċentru ta' l-Istudji Ewropej fi Strasburgu.

Fis-27 ta' Ġunju u fil-11 ta' Lulju, is-Sur Daniel KOBLENCZ laqa' żewġ parteċipanti fil-Programm tal-Viżitaturi ta' l-Unjoni Ewropea, u spjegalhom il-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fis-27 ta' Lulju, is-Sur Branislav URBANIČ iltaqa' mas-Sur Thierry NGOGA biex jiddiskuti l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, li dwarha s-Sur NGOGA kien qed jagħmel riċerka.

Fis-26 ta' Settembru, is-Sur Peter BONNOR ħa sehem f'seminar dwar trasparenza u komunikazzjoni, billi għamel diskors fuq id-dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti fil-livell ta' l-UE. Is-Seminar sar fl-Università Roskilde, fid-Danimarka, u kien organizzat mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Kopenhagen. Attendew studenti, ġurnalisti u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Fis-26 ta' Ottubru, is-Sur Lucio MALAN, Viċi-President tas-Senat tar-Repubblika Taljana, għamel żjara lill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman. Kien milqugħ mis-Sur Gerhard GRILL, Konsulent Legali Prinċipali li wieġeb għall-mistoqsijiet tiegħu dwar ir-rwol u l-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fit-30 ta' Novembru, is-Sur Ian HARDEN, Segretarju-Ġenerali fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman, tkellem f'konferenza organizzata mis-CEE Bankwatch Network fi Brussell bl-isem ta' "Id-dritt ta' appell – Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u responsabbiltà – Lejn konformità indipendenti u mekkaniżmu ta' appell għall-Bank Ewropew għall-Investment". Matul is-sessjoni bl-isem ta' "Liema huma l-mekkaniżmi ta' responsabbiltà fuq il-livell ta' l-UE biex l-BEI jinżamm responsabbli?" Is-Sur HARDEN spjega r-rwol li għandu l-Ombudsman Ewropew u ta eżempji ta' ilmenti li l-Ombudsman diġà ttratta dwar il-BEI.

Fl-1 ta' Diċembru, is-Sinjura Tina NILSSON għamlet diskors fuq "Ftuħ, trasparenza u aċċess għal dokumenti – qed jaħdmu l-liġijiet?" fis-Seminar dwar il-Maniġment Ewropew ta' l-Infurmazzjoni "Żomm ruħek fuq quddiem b'infurmazzjoni Ewropea f'Ewropa akbar", organizzat mill-Istitut Ewropew ta' l-Amministrazzjoni Pubblika f'Maastricht, l-Olanda.

### Preżentazzjonijiet ta' gruppi

Fl-2006, is-Sur DIAMANDOUROS u membri ta' l-personal tiegħu (murija fil-parenteżi) spjegaw ir-rwol u l-ħidma ta' l-Ombudsman lil gruppi ta' viżitaturi li ġejjin:

#### Frar

- Grupp ta' 85 uffiċjal Franċiż li kienu qed jieħdu sehem f'seminar dwar affarijiet Ewropej organizzat miċ-Ċentru għall-Istudji Ewropej fi Strasburgu. (Is-Sur José MARTÍNEZ-ARAGÓN u s-Sinjura Marjorie FUCHS)
- 35 student u kontrolluri ta' l-amministrazzjoni pubblika mill-Università ta' Twente, fl-Olanda u minn *Westfälische Wilhelms-Universität Münster*, fil-Ġermanja. Il-Grupp kien akkumpanjat mis-Sur Jaap H. DE WILDE. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 44 student minn *Bayern Kolleg Augsburg*, il-Bavarja, fil-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara fi Strasburgu organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern*. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Alexander FRISCH. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 35 persuna minn *Deutschen Evangelischen Frauenbunde Bayern*, fil-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-*Karl-Arnold-Stiftung*. (Is-Sur Gerhard GRILL)





### Marzu

- 42 persuna mis-CDU *Senioren-Union Hilden*, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- 42 student minn *Technische Universität Chemnitz*, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara fi Strasburg u organizzata minn *Bildungswerk Sachsen*. (Is-Sinjura Gerhard GRILL)
- 25 sindku minn Trentino-Alto Adige, l-Italja, fil-kuntest ta' żjara fi Strasburg. (Is-Sinjura Ida PALUMBO)
- 25 persuna minn *Deutsch-Französisch Gesellschaft Bonn*, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Gerhard GRILL)

### April

- 37 persuna mis-sħubija ta' eks-membri u ħbieb tas-7 diviżjoni armata (demobilizzata) (*Kameradschaft Ehemaliger und Freunde der (aufgelösten) 7. Panzerdivision*), il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- Grupp ta' 21 persuna mill-Ġermanja mistednin tas-Sinjura Silvana KOCH-MEHRIN MPE. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- 44 persuna minn *Verein Haus und Grund* minn Kerpen, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Anne EISENGRÄBER)
- Grupp ta' 26 membru tal-kumitati tal-verifika tal-Kunsilli Reġjonali tal-Lvant tal-Finlandja fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Strasburg. (Is-Sinjura Peter BONNOR)
- Grupp ta' 29 student tal-liġi li jispjazzaw fid-dritt Ewropew mill-Università Leiden, l-Olanda. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sinjura Rick LAWSON. (Is-Sinjura Ian HARDEN)
- 37 persuna mill-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- 37 persuna mill-organizzazzjoni umbrella ta' assoċjazzjonijiet ta' studenti Kattoliċi (*Dachverbände Katholische Studentenverbindungen*), il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- Grupp ta' 24 persuna fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Assoċjazzjoni għall-Affarijiet Internazzjonali (*Auslandsgesellschaft*), ta' Dortmund, il-Ġermanja. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- 32 persuna mis-CDU *Senioren-Union Bremerhaven*, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- Grupp ta' 43 suldat tal-forzi armati federali tal-Ġermanja (*Bundeswehr*) u membri ta' *Katholische Militärseelsorge*, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar organizzat minn *Europäische Akademie Bayern*. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sinjura Alexander FRISCH. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)

### Mejju

- Grupp ta' 29 persuna fil-kuntest ta' seminar dwar affarijiet Ewropej organizzat mill-*Forum Europa e.V.*, ta' Leipzig, il-Ġermanja. (Is-Sinjura Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 12-il student tal-liġi li jispjazzaw fid-dritt Ewropew mill-Università ta' Komotini, il-Greċja. (Is-Sinjura P. Nikiforos DIMANDOUROS u s-Sinjura Ioannis DIMITRAKOPOULOS)
- Grupp ta' 32 student u membri ta' l-personal minn *Thorbecke Akademie Leeuwarden*, l-Olanda, fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Brussell u Strasburg. (Is-Sinjura Peter BONNOR)

- Grupp ta' 4 persuni mill-Finlandja mistednin tas-Sinjura Piia-Noora KAUPPI MPE. (Is-Sur Peter BONNOR)
- 30 persuna mill-Unjoni Alfter tan-Nisa tas-CDU, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 37 uffiċjal tal-finanzi pubbliċi fil-kuntest ta' seminar organizzat minn *Deutschland- und Europapolitisches Bildungswerk Nordrhein-Westfalen*, il-Ġermanja. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 49 student minn istituzzjoni għall-edukazzjoni taż-żgħażaġħ (*Jugendbildungswerk*), ta' Marburg, il-Ġermanja. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 22 kap ta' skola u għalliema mir-reġjuni ta' Lüneburg u Schwerin, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar organizzat mill-forzi armati Ġermaniżi (*Bundeswehr*). (Is-Sur Gerhard GRILL)



Is-Sur Gerhard Grill, Superviżur Legali Prinċipali, jippreżenta x-xogħol ta' l-Ombudsman lill-grupp ta' viżitaturi. Strasburgu, Franza, 23 ta' Mejju, 2006.

### Ġunju

- Grupp ta' 18-il student *post-graduate* u żewġ membri ta' l-personal mill-Iskola tal-Liġi u x-Xjenzi Soċjali mill-Università Kaledonja ta' Glasgow, fir-Renju Unit. Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sinjura Marcela CHISHOLM. (Is-Sur Peter BONNOR)
- Grupp ta' 12-il student tax-xjenza politika mill-Università ta' Southern Maine, Portland, l-Istati Uniti. (Is-Sur Georgios KATHARIOS)
- Grupp ta' 45 persuna mill-Ġermanja li kienu qed jieħdu parti fi żjara ta' studju fi Strasburgu organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern* u mis-Sur Wolfgang KREISSL-DÖRFLER MPE flimkien. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 43 persuna mill-kunsill tad-djoċesi ta' l-Arċiveskovat ta' Köln, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar dwar politika Ewropea organizzat mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 31 voluntier minn Wesseling, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 48 persuna fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-“House of Europe” tar-reġjun ta' Lyon u Rhône. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 20 sindku mill-provinċja ta' Trento, l-Italja, fil-kuntest ta' żjara fi Strasburgu (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)



- Grupp ta' 58 għalliem-apprendist fi skejjel speċjali mir-reġjun ta' Oberfranken, il-Ġermanja, li kienu qed jieħdu parti fi żjara fi Strasburgu organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern*. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 50 parteċipant fil-*"Europa-Seminar"* organizzat mill-*Kolpingwerk*, il-Ġermanja. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 40 student mid-Dipartiment tal-Komunikazzjonijiet ta' l-Università ta' Ruma - *La Sapienza*, Ruma, l-Italja, fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Brussell u Strasburgu. (Is-Sinjura Ida PALUMBO)
- Delegazzjoni ta' 23 student li kienu qed jieħdu parti fi żjara offruta bħala premju lit-timijiet rebbieħa tal-Mini European Assembly' organizzata minn *National Student Travel Foundation* ta' Malta. (is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS u s-Sinjura Ida PALUMBO).

### Lulju

- Grupp ta' 33 għalliem li kienu għadhom qed jitħarrġu miż-żona ta' Nurimberga, il-Ġermanja, li kienu qed jieħdu parti fi żjara ta' studju fi Strasburgu organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern*. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- Grupp ta' 39 persuna mill-Ġermanja li kienu mistednin minn Graf Alexander LAMBSDORFF MPE. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- 31 membru tal-*Club BM56*, assoċjazzjoni Franko-Ġermaniża għall-promozzjoni ta' attivitajiet ta' ġemellaġġ ta' blier bejn Erftkreis u Le Marbihan, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-*Karl-Arnold-Stiftung*. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- Grupp ta' 26 student mill-programm ta' Master fl-Istudji Ewropej ta' l-Università ta' Tübingen, il-Ġermanja. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 19-il student mill-Iskola Nazzjonali ta' l-Amministrazzjoni Pubblika, Aten, il-Greċja. (Is-Sur Georgios KATHARIOS)
- Grupp ta' 30 student mill-Università ta' Bamberg, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Strasburgu. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 36 persuna miċ-ċentru ta' l-edukazzjoni vokazzjonali (*Berufsbildungszentrum*) Neustadt, il-Ġermanja. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 42 għalliem-apprendist miż-żona ta' Munich, il-Ġermanja, li kienu qed jieħdu parti fi żjara ta' studju fi Strasburgu organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern*. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 31 student mill-*Einstein-Gymnasium*, Kehl, il-Ġermanja. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)

### Settembru

- 24 student mill-Istitut għall-Amministrazzjoni Muniċipali, u dawk li qabel kienu suldati mal-forzi armati federali tal-Ġermanja (*Bundeswehr*), il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara organizzata mill-*Karl-Arnold-Stiftung*. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 49 persuna mill-Ġermanja, mistednin ta' Graf Alexander LAMBSDORFF MPE. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Delegazzjoni ta' 25 persuna mill-muniċipalità ta' Lempäälä, il-Finlandja, fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Strasburgu. (Is-Sur Peter BONNOR)
- 31 persuna minn istituzzjoni ta' edukazzjoni Kattolika (*Katholisches Bildungswerk*), Meckenheim, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar fi Strasburgu organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 42 student minn *St Ursulagymnasium* f'Köln, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar fi Strasburgu organizzat mill-*Karl-Arnold-Stiftung*. (Is-Sur Gerhard GRILL)



- 17-il membru tas-CDU Münster-Amelsbüren, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar fi Strasburg u organizzat mill-Karl-Arnold-Stiftung. (Is-Sur Gerhard GRILL)

#### Ottubru

- Grupp ta' 45 avukat fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Strasburg, Brussell u l-Lussemburg u organizzata mill-Assoċjazzjoni ta' l-Avukati — ferġha ta' Katowice, il-Polonja. (Is-Sinjura Marta HIRSCH-ZIEMBINSKA)
- 26 persuna mill-Ġermanja fil-kuntest ta' seminar fi Strasburg u organizzat mill-Jakob-Kaiser-Stiftung. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 30 akkademiku u studenti tax-xjenza politika mill-Università ta' Düsseldorf, il-Ġermanja, fil-kuntest ta' seminar fi Strasburg u organizzat minn ESTA-Bildungswerk. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 50 student mill-Assoċjazzjoni Franko-Ġermaniża (*Deutsch-Französische Gesellschaft*) ta' Bonn und Rhein-Sieg, il-Ġermanja, li kienu qed jieħdu parti fi żjara ta' studju fil-Lussemburg u Strasburg. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 45 persuna mill-assoċjazzjoni mill-klabbs ta' xkubetti storiċi (*Bund der Historischen Deutschen Schützenbrüderschaften*), Willich, il-Ġermanja, mistednin tas-Sur Klaus HÄNSCH MPE. (Is-Sinjura Gerhard GRILL)

#### Novembru

- Grupp ta' 27 persuna mill-SPD Duisburg, il-Ġermanja, mistednin tas-Sur Klaus HÄNSCH MPE. (Is-Sinjura Wiebke PANKAUKE)
- Grupp ta' 25 student tal-liġi li jispesjalizzaw fid-dritt Ewropew mill-Università ta' Leiden, l-Olanda. Dan il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Rick LAWSON. (Is-Sur Peter BONNOR)
- 11-il persuna minn organizzazzjonijiet mhux governattivi mis-Serbja fil-kuntest ta' żjara ta' studju lill-istituzzjonijiet Ewropew fi Brussell u organizzata miċ-Ċentru għall-Iżvilupp tas-Serbja. (Is-Sur Georgios KATHARIOS)
- 18-il persuna miċ-Ċentru ta' edukazzjoni għall-adulti (*Münchner Volkshochschule*), il-Ġermanja, fil-kuntest ta' żjara ta' studju fi Strasburg u organizzata minn *Münchner Volkshochschule*. (Is-Sur Gerhard GRILL)



Is-Sinjura Wiebke Pankauke, Uffiċjal Legali, tippreżenta x-xogħol ta' l-Ombudsman lil grupp ta' viżitaturi. Strasburg, Franza, 15 ta' Novembru 2006.



### Diċembru

- Grupp ta' 17-il avukat u studenti tal-liġi mill-Ungerija fil-kuntest ta' żjara ta' studju lill-istituzzjonijiet fi Brussell organizzata minn *Bruxinfo*. (Is-Sur Daniel KOBLENZ)
- Grupp ta' 39 persuna mill-Ġermanja li kienu qed jieħdu parti fi żjara ta' studju fi Strasburgu organizzata mill-*Europäische Akademie Bayern*. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- 33 student mill-*Universitätsgruppe Market Team Tübingen*, il-Ġermanja, mistednin tas-Sur Jorgo CHATZIMARKAKIS MPE. (Is-Sur Gerhard GRILL)
- Grupp ta' 48 persuna mit-*trade union* tal-ħaddiema tal-metall (*der IG-Metall Senioren*), Duisburg, il-Ġermanja, mistednin tas-Sur Klaus HÄNSCH MPE. (Is-Sur Gerhard GRILL)

Barra dawk imsemmijin hawn fuq, membri ta' l-personal ta' l-Ombudsman ippreżentaw il-ħidma tiegħu lil dawk li kienu qed jitħarrġu fil-Kummissjoni Ewropea f'14-il okkażjoni u lil dawk li kienu qed jitħarrġu fil-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'żewġ okkażjonijiet fl-2006, b'madwar 50 apprendist jattendu għal kull sessjoni.

## 6.4 RELAZZJONIJIET MAL-MEZZI TAX-XANDIR

L-attivitajiet tal-mezzi tax-xandir ta' l-Ombudsman ivarjaw minn intervisti għal konferenzi stampa u minn artikoli bil-miktub għal stqarrijiet lill-istampa. Dawn l-attivitajiet jgħinu biex jiġbdu l-attenzjoni fuq is-servizz li l-Ombudsman jagħti lil ċittadini, organizzazzjonijiet u kumpaniji, u jagħtu prominenza lil każijiet ta' ċertu kalibru. Il-mezzi tax-xandir jistgħu jgħinu biex jenfasizzaw l-importanza ta' dawn il-każijiet, u b'hekk jgħinu lill-istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE biex jadottaw kultura ta' servizz lejn ċittadini mdoorrijin ifittxu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet u l-problemi li jkollhom.

Inħarġu tnejn u għoxtin stqarrija għall-istampa fl-2006 li tqassmu lil ġurnalisti u partijiet interessati ma' l-Ewropa kollha. Fost l-affarijiet li ġew indirizzatii, kien hemm l-għażla tal-lingwi għall-websajts tal-Presidenza ta' l-UE, it-trasparenza fil-qasam tal-propaganda u s-sussidji, l-ilment dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol, u nuqqas ta' trasparenza fil-mod kif jaħdem il-Kunsill.

L-Ombudsman ta aktar minn 40 intervista lil rappreżentanti ta' l-istampa, xandir u mezz tax-xandir elettroniku fl-2006, fi Strasburgu, Brussell u bnadi oħra. Din is-sezzjoni telenka l-intervisti mogħtija mill-Ombudsman u l-personal tiegħu fl-2006, u tinkludi il-firxa ta' ġrajjiet li fihom kellhom x'jaqsmu l-mezzi tax-xandir u li kienu organizzati matul is-sena.

- Fil-5 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sur Giorgos ADAM mill-istazzjon tar-radju *Dimotiko Radiofono Thessalonikis*, fil-Greċja.
- Fl-20 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista bit-telefon lis-Sur Mark BEUNDERMANN ta' *EUobserver* dwar is-sejħa tiegħu biex il-Kunsill jilleġiżla fil-pubbliku.
- Fit-23 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista bit-telefon lis-Sur Luc VERNET tal-gazzetta Franċiża *Sud Ouest* li kien qed jikteb artikolu biex jiddeskrivi lill-Ombudsman.
- Fil-25 ta' Jannar, is-Sinjura Ruth REICHSTEIN mill-istazzjoni tar-radju Ġermaniż *Deutschlandfunk* intervistat lill-Ombudsman fi Brussell, wara laqgħa tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew biex jiddiskuti r-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman dwar aktar trasparenza fil-Kunsill.
- Fis-27 ta' Jannar, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Herakles GALANAKIS mill-istazzjon tar-radju *ERA Herakleion* fil-Greċja.
- Fit-8 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sinjura Isabel GUZMAN mill-aġenzija ta' l-aħbarijiet Ġermaniża *Evangelischer Pressedienst* fi Brussell. Is-Sinjura GUZMAN kienet speċifikament interessata f'ilmenti u każijiet Ġermaniżi.





- Wara, f'dak l-istess jum, is-Sinjura Patricia HALLER tal-gazzetta Awstrijaka *Kurier* intervistat l-Ombudsman fi Brussell. Saqsiet dwar l-esperjenza tiegħu bħala Ombudsman, eżempji ta' każijiet u l-ħidma tiegħu b'mod ġenerali.
- Fid-9 ta' Frar, l-Ombudsman ta intervista bit-telefon lis-Sur Jean-Pierre SARDIN mir-*Radio France Bleu* dwar l-istqarrija ta' l-Ombudsman lill-istampa dwar il-*White Paper* tal-Kummissjoni fuq il-Komunika.
- Fl-14 ta' Frar, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat fi Strasburgu mis-Sinjura Nayran AGUADO mill-istazzjoni tat-televiżjoni Spanjol TVE għall-programm tagħhom "Vivir Europa". Il-ġurnalista kienet interessata l-aktar f'ilmenti Spanjoli.
- Aktar tard dak il-jum, is-Sinjura Renata GOLDIROVA mill-istazzjoni ta' l-aħbarijiet tat-televiżjoni Slovakka TA3 intervistat lill-Ombudsman dwar il-ħidma tiegħu u każijiet Slovakkji b'mod partikolari.
- Fil-15 ta' Frar, is-Sinjura Marta HIRSCH-ZIEMBINSKA, Konsulent Legali Prinċipali, kienet intervistata bit-telefon mis-Sinjura Helena VIEGAS tar-rivista Portugiża *Noticias Magazine*. Il-ġurnalista kienet speċifikament interessata f'każijiet Portugiżi.
- Fis-17 ta' Frar, is-Sinjura Marta HIRSCH-ZIEMBINSKA, Konsulenta Legali Prinċipali, ippreżentat il-ħidma ta' l-Ombudsman lil grupp ta' 14-il ġurnalista mill-Bulgarija, ir-Rumanija u il-Kroazja, fil-kuntest ta' seminar dwar it-tkabbir organizzat miċ-Ċentru tal-Ġurnaliżmu Ewropew.
- Fit-2 u 3 ta' Marzu, tim tat-televiżjoni Ġermaniża ARTE, immexxi mis-Sinjura Katrin MOLNAR, intervistat u ffilmat lis-Sur DIAMANDOUROS u membri oħra tal-personal fi Strasburgu biex ixxandar programm deskrittiv dwar l-Ombudsman.
- Fit-3 ta' Marzu, is-Sinjura Elodie CARTIER mir-*Radio Côte d'Amour* intervistat lill-Ombudsman bit-telefon dwar il-*White Paper* tal-Kummissjoni fuq il-Komunika.
- Fit-8 ta' Marzu, is-Sur DIAMANDOUROS ta konferenza stampa fil-Lussemburgu fil-kuntest taż-żjara ta' informazzjoni tiegħu fil-Lussemburgu. Qabel huwa kien intervistat mis-Sur Marc GLASNER mil-*Luxemburger Wort*.
- Fil-15 ta' Marzu, l-Ombudsman kien intervistat fi Strasburgu għal dokumentarju tat-televiżjoni Ċeka jismu "Minn naħa għal oħra ta' l-Ewropa". Produtturi żgħażaġh ta' films, immexxjin mir-reġista is-Sur Filip ALBRECHT, intervistaw politiċi u ċittadini Ewropew biex juru l-Ewropa minn perspettivi differenti.
- Fid-29 ta' Marzu, l-Ombudsman stieden erba' ġurnalisti għal *working lunch* fi Brussell: is-Sur Thomas FERENCZI ta' *Le Monde*, is-Sur Nick WATT ta' *The Guardian*, is-Sur Eric BONSE ta' *Handelsblatt*, u s-Sur Carlo FENU mill-aġenzija ta' l-aħbarijiet Taljana ANSA. Is-Sur DIAMANDOUROS wieġeb mistoqsijiet dwar il-ħidma tiegħu u ilmenti speċifiċi ta' pajjiżi, u fisser il-ħtieġa li jintlaħqu ilmentaturi potenzjali fl-Istati l-kbar ta' l-UE.
- Aktar tard dak il-jum, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Jan SLIVA mill-aġenzija ta' l-aħbarijiet AP news agency għal programm dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew.
- Wara, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sur Tansel TERZIOGLU tal-gazzetta Awstrijaka *Die Kleine Zeitung*. Il-ġurnalista saqsa dwar l-esperjenza tas-Sur DIAMANDOUROS minn meta ħa dik il-kariga.
- Aktar tard wara nofsinhar, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista bit-telefon lill-Aġenzija PR tar-Radju Ġermaniż *Schlenker PR* għal sensiela ta' programmi dwar l-istituzzjonijiet Ewropej bl-isem ta' "Ngħixu fl-Ewropa".
- Wara, is-Sinjura Daniela WEINGÄRTNER tal-gazzetti Ġermaniżi TAŻ u *Badische Zeitung* intervistat lis-Sur DIAMANDOUROS għal deskrizzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Intervistat lill-membri ta' l-personal fi Strasburgu u marret għal laqgħa tas-Sur DIAMANDOUROS mal-personal tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu.
- Fl-24 ta' April, l-Ombudsman ippreżenta r-*Rapport Annwali 2005* tiegħu f'konferenza stampa fi Brussell. Aktar minn 50 ġurnalista marru għall-preżentazzjoni. Is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista dwar l-attivitajiet tiegħu fl-2005, u ta eżempji ta' każijiet u soluzzjonijiet miksubin miċ-ċittadini. Il-ġurnalista saqsew dwar statistiċi, ilmenti speċifiċi ta' pajjiżi, ir-relazzjonijiet ta'



- l-Ombudsman ma' l-OLAF, it-trasparenza fil-Kunsill, rapporti speċjali pendenti u s-sistema tal-websajts tal-Presidenza ta' l-UE.
- Wara l-konferenza stampa, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervisti individwali lil *Deutsche Welle TV*, lil *German Public Radio*, lir-radju Belġjan *Belgian RTBF*, u lil *Spanish Public Radio* dwar il-konklużjonijiet l-aktar importanti tar-*Rapport Annwali 2005*.
  - Aktar tard dak il-jum, l-Ombudsman ta intervista bit-telefon lis-Sur Fabrice LAMBERT tar-radju kummerċjali Belġjan *BFM*, dwar il-konklużjonijiet prinċipali tar-*Rapport Annwali 2005* u każijiet speċifiċi Belġjani.
  - Fis-26 ta' April, is-Sinjura Gundi GADESMANN, Uffiċjal ta' l-Istampa, tat intervista bit-telefon lis-Sur Albrecht MEIER tal-gazzetta Ġermaniża *Der Tagesspiegel* dwar l-isforzi ta' l-Ombudsman biex jilħaq gruppi mmirati, bħalma huma l-intrapriżi żgħar u medji (SME), fil-Ġermanja.
  - Fis-27 ta' April, is-Sinjura Rosita AGNEW, Kap Konġunt tas-Settur tal-Komunikazzjonijiet, tat intervista lis-Sinjura Margarita GASCA ta' *Brussels TV* dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew u l-konklużjonijiet prinċipali tar-*Rapport Annwali 2005*.
  - Aktar tard dak il-jum, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista bit-telefon lis-Sinjura Nadja SCHEYS ta' l-istazzjon tar-radju Belġjan *FM Bruxelles* dwar ir-*Rapport Annwali 2005* u każijiet speċifiċi Belġjani.
  - Fid-9 ta' Mejju, matul iż-żjara ta' informazzjoni fi Spanja, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sur Miguel ADROVER CONDE tat-televiżjoni *TVE* għall-programm jismu "Europa 2006", li xxandar wara ż-żjara.
  - Aktar tard filgħodu, l-Ombudsman Nazzjonali ta' Spanja, is-Sur Enrique MÚGICA HERZOG, u l-Ombudsman Ewropew taw konferenza stampa flimkien li fiha fessru l-għan taż-żjara, ir-rwoli rispettivi tagħhom u kif jikkooperaw biex jagħtu l-aħjar servizz liċ-ċittadini u residenti Spanjoli.
  - Fis-6 ta' Ġunju, is-Sur Bruno WATERFIELD ta' *Parliament Magazine* intervista lis-Sur DIAMANDOUROS fi Brussell dwar il-ħidma ta' l-Ombudsman, il-kisbiet, l-isforzi tiegħu biex jinforma aħjar lill-pubbliku dwar is-servizzi tiegħu, ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lil istituzzjonijiet oħrajn ta' l-UE, u l-għanijiet tiegħu għall-futur, inkluż dak li jassigura aktar trasparenza fil-Kunsill.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Enrique Múgica Herzog, Ombudsman Nazzjonali ta' Spanja, jippreżentaw flimkien ix-xogħol tagħhom waqt konferenza stampa organizzata bħala parti minn żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Madrid, Spanja, 8-10 ta' Mejju 2006.

- Fis-16 ta' Ġunju, ir-rivista tal-Kummissjoni *En Direct* ippubblikat artikolu tas-Sur DIAMANDOUROS jismu "Qiegħed hawn biex ngħin lill-kollegi" li fih l-Ombudsman spjega ir-rwol tiegħu.



- Fis-27 ta' Ġunju, is-Sur Olivier VERHEECKE ta intervista lis-Sinjura Ana LÁZARO ta' l-istazzjon televiżiv *Canal Sur* ta' Andalusija fil-kuntest ta' żjara ta' 30 rappreżentant Spanjol mill-pjattaforma tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet mhux governattivi lill-Parlament Ewropew.
- Għall-ħarġa ta' Ġunju tar-rivista ta' *DIHK* (Il-Kamra tal-Kummerċ tal-Ġermanja), is-Sur DIAMANDOUROS ikkontribwixxa artikolu dwar kif huwa jista' jgħin speċifikament lil intrapriżi żgħir u medji meta jiltaqgħu ma' problemi ma' istituzzjonijiet ta' l-UE. Ir-Rivista tqassmet ma' 74 kamra reġjonali tal-kummerċ fil-Ġermanja.
- Fis-6 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta l-ħidma ta' l-Ombudsman lil grupp ta' 14-il ġurnalista mill-Albanija, Bosnja-Ħerzegovina, il-Kroazja, il-Kosovo u Sebja-Montenegro fil-kuntest ta' seminar bl-isem "Lejn l-integrazzjoni", li kien organizzat miċ-Ċentru tal-Ġurnaliżmu Ewropew.
- Fl-24 ta' Awwissu, intervista ma' l-Ombudsman, bl-isem "Xi drabi biżżejjed telefonata biex tissolva problema" kienet ippubblikata fir-rivista tal-Konfederazzjoni Ġermaniża ta' Artiġjanat tas-Snajja u Negożji Żgħir, *ZDH*.
- Fit-22 ta' Settembru, l-Ombudsman kien intervistat fi Strasburgu mis-Sinjura Pauline WIRPH-DUVERGER tal-*Journal du Parlement* Franċiż.
- Fis-27 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sinjura Christina SIGANIDOU ta' *ERT3 Television*, il-Greċja.
- Fil-5 ta' Ottubru, matul il-Kongress EUROCHAMBRES f'Tessaloniki, l-Ombudsman kien intervistat minn diversi ġurnalisti Griegi, inkluża s-Sinjura Magda CONSTANTINIDOU ta' *Naftemboriki* u l-ġurnalista Awstrijaka s-Sinjura Sabine BERGER ta' *Wirtschaftsblatt*.
- Fid-19 ta' Ottubru, l-Ombudsman spjega l-ħidma tiegħu lill-grupp ta' ġurnalisti miċ-Ċentru Nordiku tal-Ġurnaliżmu, Århus, id-Danimarka' li kienu qed iżuru Strasburgu.
- Fit-3 Novembru, is-Sur Nicholas CATEPHORES għamel preżentazzjoni lil żewġ klassijiet ta' studenti tal-ġurnaliżmu fil-Kulleġġ AKMI f'Ateni, il-Greċja, wara stedina tal-ġurnalista, is-Sur Thanasis KALFAS. Is-Sur CATEPHORES tkellem dwar ir-rwol u l-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew.
- Fl-14 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat għall-BBC mis-Sinjura Shirin WHEELER fi Strasburgu' Hija kienet interessata l-aktar f'mekkaniżmi differenti ta' ilmenti fuq livell Ewropew.
- Fil-15 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Ioannis PAPADIMITRIOU, tat-taqsima Griega ta' *Deutsche Welle*.
- Fit-23 ta' Novembru, l-Ombudsman ta intervista permezz ta' konferenza vidjo lill-korrispondent ta' l-aġenzija ta' l-aħbarijiet *BTA*, is-Sur Atanas MATEV, dwar iż-żjara ta' informazzjoni li l-Ombudsman kien għamel fil-Bulgarija.
- Aktar tard dak il-jum, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista oħra permezz ta' konferenza vidjo lill-korrispondent tat-taqsima Ġermaniża ta' *AFP*, is-Sinjura Andrea SCHNEIDER. Ir-rapport tal-ġurnalista kien ippubblikat, *inter alia*, fi *Spiegel online*.
- Fis-27 ta' Novembru, fil-kuntest taż-żjara ta' informazzjoni fil-Bulgarija, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sur Deian IODOV tal-gazzetta *TRUD*.
- Fl-istess jum, huwa ta intervista lis-Sinjura Snejana IVANOVA tal-*Bulgarian National Radio*.
- Fit-28 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS u l-Ombudsman Bulgaru, is-Sur Guinio GANEV, kienu intervistati fi trasmissjoni diretta fil-programm ta' l-aħbarijiet ta' filgħodu ta' *Balkan Television (bTV)*. L-intervista kienet immexxija mis-Sur Nicolay BAREKOV.



Is-Sur Diamandouros jagħti intervista lis-Sur Deian Iodov mill-gazzetta *TRUD* waqt żjara ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Bulgarija, 27-29 ta' Novembru 2006.

- Fid-29 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sur GANEV taw konferenza stampa flimkien fl-Assemblea Nazzjonali tal-Bulgarija.
- Fl-4 ta' Diċembru, is-Sinjura Gundi GADESMANN, Uffiċjal ta' l-Istampa, tat intervista bit-telefon lir-Radju PR Agency *Schlenker PR* tal-Ġermanja għal serje fuq l-istituzzjonijiet Ewropej bl-isem "Nġixu fl-Ewropa".
- Fil-5 ta' Diċembru, l-Ombudsman ta tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet ta' intervista għar-rivista tal-grupp ta' ħassieba Spanjoli *Institución Futuro*. L-intervista, mis-Sinjura Ana YERRO, kienet l-aktar dwar il-ħsibijiet ta' l-Ombudsman fuq il-ħidma tiegħu, l-ilmenti li jaslulu u kwistjonijiet tipiċi Ewropej.
- Fit-8 ta' Diċembru, wara li ntemm Seminar dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'Ljubljana, is-Slovenja, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat minn stazzjonijiet televiżivi pubbliċi u privati tas-Slovenja, mill-aġenzija ta' l-aħbarijiet tas-Slovenja u mir-radju pubbliku Sloven. Il-ġurnalisti kienu interessati l-aktar dwar il-ħsibijiet ta' l-Ombudsman fuq kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem fis-Slovenja.
- Fit-18 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sinjura Viki FLESSA għall-programm "Sta Akra" li kien jidher fuq l-istazzjon televiżiv *NET* fil-Greċja.
- Fis-27 ta' Diċembru, is-Sur Gerhard GRILL kien intervistat minn *Radio France Internationale* dwar ir-Rapport Speċjali li l-Ombudsman kien għamel dwar il-lingwi użati għall-websajts tal-Presidenza tal-Kunsill.

## 6.5 PUBBLIKAZZJONIJIET

L-Ombudsman huwa ħerqan li jilħaq l-aktar udjenza wiesgħa li jista' bil-għan li ċ-ċittadini jkunu jafu aktar dwar id-drittijiet tagħhom, l-aktar id-dritt li jagħmlu ilment. Fl-2006, kienu prodotti u tqassmu dawn il-pubblikazzjonijiet li ġejjin lil partijiet interessati biex jinfurmaw lil min kien l-aktar interessat u lill-pubbliku ġenerali dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew u s-servizzi li jista' jagħti lil ċittadini u residenti fl-UE:

**Rapport Annwali 2005; verżjoni fotokopjata (bl-Ingliż)**

Verżjoni fotokopjata tar-*Rapport Annwali 2005* ta' l-Ombudsman setgħet tinkiseb bl-Ingliż mill-Membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju, biex il-Kumitat ikun jista jddelibera fuq il-ħidma ta' l-Ombudsman qabel id-dibattitu fil-Plenarja aktar tard fis-sena.

**Rapport Annwali 2005 — Sommarju Eżekuttiv u Statistika; verżjoni fotokopjata (20 lingwa)**

Ukoll f'Mejju, verżjoni fotokopjata tal-pubblikazzjoni tar-*Rapport Annwali 2005: Sommarju Eżekuttiv u Statistika* setgħet tinkiseb mill-Membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet fl-20 lingwa uffiċjali kollha.

**European Ombudsmen — Newsletter; Ħarġiet Nru 6 u Nru 7 (5 lingwi)**

Il-ħarġiet Nru 6 u Nru 7 tar-rivista ta' darbtejn fis-sena tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej u tar-Reġjun Ewropew ta' l-Istitut Internazzjonali ta' l-Ombudsman tqassmu, f'April u Ottubru rispettivament, lill-ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, kif ukoll lill-Membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

**L-Ombudsman Ewropew: Jista' jgħinek? (23 lingwa)**

Edizzjoni ġdida tal-gwida u l-formularju dwar ilmenti, *L-Ombudsman Ewropew: Jista' jgħinek?* kienet ippubblikata fi 23 lingwa fl-2006. Dan il-ktejjeb huwa tassew utli għal ilmentaturi potenzjali għax jiffaċilita ħafna l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jagħmlu ilment lill-Ombudsman. Kopji ta' l-edizzjoni l-ġdida tal-ktejjeb tqassmu lil ombudsmen, Membri tal-Parlament Ewropew, Rappreżentanzi tal-Kummissjoni, u Uffiċċji tal-Parlament fl-Istati Membri, u ngħataw lil riċevituri u netwerks ta' l-UE biex ikompli jitqassmu. Intwera interess kbir għal din il-pubblikazzjoni u sa l-aħħar tas-sena kienu waslu talbiet għal eluf ta' kopji addizzjonali.

**L-Ombudsman Ewropew: Tagħrif fil-Qosor (25 lingwa)**

Edizzjoni ġdida tal-fuljett *L-Ombudsman Ewropew: Tagħrif fil-Qosor* ġiet ippubblikata f'25 lingwa fl-2006. Dan il-fuljett għandu l-għan li jolqot lill-pubbliku ġenerali u huwa mfassal b'mod li jgħin fl-ispeggazzjoni ta' x'jista' u x'ma jistax jagħmel l-Ombudsman Ewropew. Tqassam b'mod wiesa' bil-ħsieb li jnaqqas l-għadd ta' ilmenti li l-Ombudsman ma jkunx jista' jaċċetta.

**Il-Volum Kommemorattiv ta' l-Għaxar Anniversarju; b'qoxra iebsa jew ratba (bil-Franċiż)**

L-għaxar anniversarju ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew tfakkar b'sensiela ta' ġrajjiet kommemorattivi. Ġiet organizzata Sessjoni ta' Xogħol tal-Fundaturi f'Ġunju ta' l-2004 biex ikunu rreġistrati l-ġrajjiet li wasslu għall-ħolqien ta' l-Ombudsman Ewropew u biex ikunu identifikati l-iżviluppi u xejriet li ta' min ikompli jsegwi. Kien ġie deċiż li jkun prodott volum kommemorattiv bħala riżultat ta' dan l-eżerċizzju. Bl-isem *The European Ombudsman: Origins, Establishment, Evolution*, din il-pubblikazzjoni nħarġet bl-Ingliż fl-2005 b'verżjonijiet b'qoxra iebsa jew ratba. Minħabba s-suċċess li kellha din il-pubblikazzjoni, inħarġet edizzjoni bil-Franċiż fl-2006.

**Rapport Annwali 2005; verżjoni stampata (20 lingwa)**

Inizjalment, kwantità ta' 3 000 kopja f'20 lingwa uffiċjali ta' l-UE tar-*Rapport Annwali 2005* ta' l-Ombudsman tqassmet f'Ottubru, lill-membri tal-Parlament Ewropew, istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE, ombudsmen u lil riċevituri u netwerks tal-Kummissjoni Ewropea. Tqassmu aktar kopji matul il-kumplement tas-sena.

**Rapport Annwali 2005: Sommarju Eżekuttiv u Statistika; verżjoni stampata (20 lingwa)**

Inizjalment kwantità ta' 8 000 kopja f'20 lingwa tas-*Sommarju Eżekuttiv u Statistika*, li kienet disponibbli f'Ottubru, tqassmet lil netwerk kbir ta' destinatari tar-*Rapport Annwali* sħiħ, kif ukoll lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u universitajiet. Tqassmu aktar kopji matul il-kumplement tas-sena.



### *Ir-Rapport Annwali 2005 — Kumpilazzjoni ta' Deċiżjonijiet (3 lingwi)*

Din il-pubblikazzjoni elettronika komprensiva għandha d-deċiżjonijiet sħaħ, bl-Ingliż, Franċiż u Ġermaniż, tal-każijiet inklużi fil-Kapitolu 3 tar-Rapport Annwali. Tista' tinkiseb bħala dokument elettroniku wieħed mill-websajt ta' l-Ombudsman, waqt li *hard copy* jew CD-ROM tista' tinkiseb mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman.

### **Pubblikazzjonijiet oħra**

L-Ombudsman kompla jqassam kopji tal-pubblikazzjonijiet l-oħra tiegħu matul is-sena, l-aktar *Il-Kodiċi Ewropea ta' Mġieba Amministrattiva Tajba*, li tista' tinkiseb f'25 lingwa. Il-Kodiċi inhargħet bil-Maċedonjan fl-2006 bħala għajnuna għall-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba f'dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, li hija pajjiż kandidat.

## **6.6 KOMUNIKAZZJONIJIET ONLINE**

### **Komunikazzjoni bl-'email'**

F'April ta' l-2001, verżjoni trasmissibbli elettronikament tal-formola għall-ilmenti ta' l-Ombudsman Ewropew tpoġġiet fuq il-websajt fi 12-il lingwa. Wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju, il-formola kienet tista' tinkiseb f'dis-a lingwi oħra. F'Diċembru ta' l-2006, bi ttejjija għal aktar tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar, 2007, il-formola tqiegħdet fuq il-websajt bil-Bulgaru u r-Rumen. Aktar minn 57% ta' l-ilmenti kollha li waslu għand l-Ombudsman fl-2006 intbagħtu bl-internet, li parti kbira minnhom waslet bil-formola elettronika għall-ilmenti.

Fis-sena 2006, il-kont ewlieni ta' l-*email* ta' l-Ombudsman intuża biex iwieġeb b'kollox 10 801 *email* li talbu aktar informazzjoni. Minn dawn, 7 261 kienu posta tal-massa mibgħutin minn ċittadini u kienu dwar ilmenti li waslu għand l-Ombudsman Ewropew. L-affarijiet li kellha x'taqsam magħhom din il-posta tal-massa kienu jinkludu l-iżvilupp ta' port industrijali mill-awtoritajiet Spanjoli fil-belt ta' Granadilla, id-dritt ta' tobba li jirrifjutaw li jagħmlu abort, u l-allegata persekuzzjoni ta' minoranzi reliġjużi fil-Polonja. Dawn l-*emails* kollha rċevew risposta li spjegatilhom is-sitwazzjoni dwar kif l-Ombudsman jitratta l-ilment in kwistjoni.

B'kollox, 3 540 talba individwali għal informazzjoni waslu bl-*email* fl-2006, imqabbel ma' madwar 3 200 kemm fl-2005 u fl-2004. Kollha ntbagħtilhom risposta minn membru kompetenti tal-personal ta' l-Ombudsman.

### **Żviluppi fil-websajt**

Il-websajt ta' l-Ombudsman inħolqot f'Lulju, 1998. Matul l-2006, l-iżviluppatur Web ta' l-Ombudsman Ewropew ħadem mill-qrib mal-Kapijiet tas-Settur tal-Komunikazzjonijiet, kif ukoll mas-servizzi tekniċi tal-Parlament Ewropew, biex titħejja t-trasformazzjoni tal-websajt ta' l-Ombudsman f'waħda ta' servizz modern, dinamiku, informattiv, interattiv u dejjem jevolvi għaċ-ċittadini. Il-prospett huwa li l-websajt il-ġdida tkun lesta biex tiġi mnedija fl-ewwel nofs ta' l-2007.

F'Mejju, il-websajt ta' l-Ombudsman Ewropew, flimkien ma' dawk ta' istituzzjonijiet, korpi u aġenziji oħra, immigraw għat-*top-level domain* il-ġdida 'dot.EU'. L-indirizzi tal-websajts ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE jintgħarrfu malajr peress li lkoll jispiċċaw "europa.eu". Għalkemm l-indirizz l-antik tal-websajt ta' l-Ombudsman (<http://www.euro-ombudsman.eu.int>) se jkompli jiffunzjona fil-futur qarib, l-indirizz uffiċjali issa huwa: <http://www.ombudsman.europa.eu>

L-Ombudsman kompla jaġġorna l-websajt tiegħu fl-2006, billi żied il-verżjonijiet elettroniċi tad-diversi publikazzjonijiet tiegħu hekk kif isiru disponibbli. Dawn kienu jinkludu r-*Rapport Annwali*





2005 tiegħu s-Sommarju Eżekuttiv u Statistika relatat f'20 lingwa; L-Ombudsman Ewropew: Tagħrif fil-Qosor f'25 lingwa, u L-Ombudsman Ewropew : Jista' jgħinek? fi 23 lingwa.

F'Jannar, 2006, l-Ombudsman ħoloq sezzjoni ġdida fil-websajt tiegħu konnessa ma' l-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu dwar ir-rwol tal-Kummissjoni bħala l-għassiesa tat-Trattat, li huwa ddeċieda li jiftaħ wara li rċieva numru kbir ta' ilmenti kontra l-Kummissjoni fuq l-iżvilupp ta' port industrijali mill-awtoritajiet Spanjoli fil-belt ta' Granadilla, fuq il-gżira ta' Tenerife, Spanja.

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru, 2006, il-websajt ta' l-Ombudsman irċeviet 416 533 viżitatur uniku. Il-paġni tas-sit bil-lingwa Ingliża kienu l-aktar ikkonsultati, u warajhom il-paġni bil-Franċiż, l-Ispanjol, il-Ġermaniż u t-Taljan. Skond l-oriġini ġeografiku taż-żjarat, l-akbar numru ta' viżitaturi kienu mill-Italja, u warajhom mill-Iżvezja, ir-Renju Unit, Spanja u l-Ġermanja. Is-sezzjoni tal-links tal-websajt ta' l-Ombudsman tinkludi links mas-siti ta' ombudsmen nazzjonali u reġjonali ma' l-Ewropa kollha. Kien hemm aktar minn 44 000 viżita lill-paġni tal-links matul l-2006, u dan juri biċ-ċar il-valur miżjud għaċ-ċittadini tal-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew fil-koordinazzjoni tan-Netwerk ta' Ombudsmen Ewropej.

Biex jassigura li l-websajt ta' l-Ombudsman tibqa' fuq quddiem fost il-websajts ta' l-UE, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ipparteċipa matul l-2006 fix-xogħol tal-Kumitat Editorjali ta' l-Internet Inter-Istituzzjonali (CEiii), inkluż il-Grupp ta' Ħidma tas-CEiii li kien twaqqaf biex jikkoordina l-migrazzjoni għat-*top-level domain* ta' 'dot.EU'.






## A STATISTIKA

### 1 KAŻIJET TRATTATI MATUL L-2006

<b>1.1 TOTAL TA' KAŻIJET FL-2006</b> .....	<b>4 422<sup>1</sup></b>
— investigazzjonijiet mhux magħluqa fl-31.12.2005 .....	315 <sup>2</sup>
— ilmenti li qegħdin jistennew deċiżjoni dwar ammissibilita' fl-31.12.2005 .....	270
— ilmenti mressqa fl-2006 .....	3 830 <sup>3</sup>
— inizjattivi personali ta' l-Ombudsman Ewropew .....	9

Numru ta' ilmenti mressqa 1996-2006



<sup>1</sup> Li minnhom 281 ilment kienu dwar l-istess materja.

<sup>2</sup> Li minnhom tlieta kienu inizjattivi ta' l-Ombudsman Ewropew u 312 inkjesta kienu bażati fuq ilmenti.


<sup>3</sup> Li minnhom 281 ilmenti kienu fuq l-istess materja, kif imsemmi diġa' f'nota 1.




1.2 EŻAMINAZZJONI MITMUMA TA' L-AMMISSIBILITA' / INAMMISSIBILITA' .....95 %

### 1.3 KLASSIFIKAZZJONI TA' ILMENTI

#### 1.3.1 Skond it-tip ta' azzjoni li ttehdet mill-Ombudsman Ewropew għall-benefiċċju ta' l-ilmentaturi




#### 1.3.2 Skond il-Mandat ta' l-Ombudsman Ewropew






## BARRA MILL-MANDAT




## PARTI MILL-MANDAT

### Ilmenti Ammissibbli




### Ilmenti mhux Ammissibbli





## 2 TRASREMIMENTI U PARIRI

(F'ċerti każijiet, ingħata aktar minn parir wieħed)




## 3 INKJESTI TRATTATI FL-2006 ..... 582

Fl-2006, l-Ombudsman Ewropew tratta ma' 582 inkjesta. Kien hemm 267 minn dan it-total li nbdeu fl-2006, li minnhom disa' inbdew fuq inizjattiva personali, filwaqt li 315, li minnhom tlieta kienu inizjattiva personali, inġiebu mill-2005.

### 3.1 ISTITUZZJONIJET U KORPI SUĖĠETTI GĦAL INKJESTI


(F'xi każijiet, l-inkjesta ikkonċernat żewġ istituzzjonijiet jew korpi jew aktar)



### 3.2

#### TIPI TA' ALLEGAZZJONI TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA

(F'ċerti każijiet kien hemm tnejn jew aktar tipi ta' allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina)



### 3.3


#### PROPOSTI GĦAL SOLUZZJONIJET AMIKEVOLI, RAKKOMANDAZZJONIJET ABBOZZATI U RAPPORTI SPEĊJALI MAGĦMULA FL-2006

— Proposti għal soluzzjonijiet amikevoli .....	28
— Rakkomandazzjonijiet abbozzati .....	13
— Rapporti speċjali .....	2

### 3.4

#### INKJESTI MAGĦLUQA ..... 250<sup>4</sup>

(Inkjesti li kienu magħluqa fuq bażi ta' wieħed jew iżjed mis-segwenti)



4

Li minnhom tlieta kienu inizjattiva personali ta' l-Ombudsman.



## 4 ORIĠINI TA' L-ILMENTI REĠISTRATI FL-2006

### 4.1 MIN JILMENTA?




Kumpaniji u assoċjazzjonijiet

5.5 % (211)

Ċittadini individwali

94.5 % (3 619)


























### 4.2 TQASSIM TA' L-ILMENTI SKOND IL-LINGWA





## 4.3

## ORIĠINI ĠEOGRAFIKA TA' L-ILMENTI

Pajjiż	Numru ta' Ilmenti	% ta' Ilmenti	% tal-Popolazzjoni ta' l-UE	Ratio <sup>1</sup>
 Il-Lussemburgu	54	1.4	0.1	14.2
 Malta	33	0.9	0.1	10.0
 Ċipru	44	1.1	0.2	7.6
 Il-Belġju	241	6.3	2.3	2.8
 Is-Slovenja	44	1.1	0.4	2.7
 Spanja	781	20.4	9.4	2.2
 Il-Fillandja	74	1.9	1.1	1.7
 L-Irlanda	47	1.2	0.9	1.4
 L-Awstrija	81	2.1	1.8	1.2
 Il-Greċja	105	2.7	2.4	1.1
 Il-Portugall	96	2.5	2.3	1.1
 L-Ungerija	72	1.9	2.2	0.9
 Is-Slovakkja	37	1.0	1.2	0.8
 Ir-Repubblika Ċeka	67	1.7	2.2	0.8
 Il-Ġermanja	537	14.0	17.8	0.8
 L-Olanda	106	2.8	3.5	0.8
 Il-Polonja	228	6.0	8.2	0.7
 L-Iżvezja	53	1.4	1.9	0.7
 L-Estonja	7	0.2	0.3	0.7
 Franza	335	8.7	13.6	0.6
 Il-Latvja	12	0.3	0.5	0.6
 Id-Danimarka	20	0.5	1.2	0.4
 L-Italja	207	5.4	12.7	0.4
 Ir-Renju Unit	147	3.8	13.0	0.3
 Il-Litwanja	9	0.2	0.7	0.3
<b>Oħrajn</b>	291	7.6		
<b>Mhux magħrufa</b>	102	2.7		

<sup>1</sup> Din iċ-ċifra kienet kalkolata bid-diviżjoni tal-perċentwal ta' ilmenti bil-perċentwal ta' popolazzjoni. Fejn iċ-ċifra tkun akbar minn 1, jindika li l-pajjiż konċernat jissottometti aktar ilmenti lill-Ombudsman milli hu mistenni mid-daqs tal-popolazzjoni. Il-perċentwali kollha fit-tabella hawn fuq kienu mqarrra sa punt deċimali wieħed.



## B IL-BAĠIT TA' L-OMBUDSMAN

### Baġit indipendenti

Sa mill-1 ta' Jannar, 2000<sup>5</sup>, il-baġit ta' l-Ombudsman kien taqsima indipendenti tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea (bħalissa t-taqsima VIII-A).

### Struttura tal-baġit

L-Ombudsman ippreżenta l-baġit għas-sena 2006 skond struttura ġdida tal-baġit (nomenklaturi). L-għan ta' din l-istruttura l-ġdida huwa li tiżdied it-trasparenza u li jkun iffaċilitat it-tkabbir tal-kontroll min-naħa ta' l-awtorità tal-baġit, billi tippermetti sorveljanza aħjar ta' nfiq ta' natura simili, li fl-istruttura użata qabel kienet imqassma fuq diversi titoli u kapitoli.

Għaldaqstant, il-baġit ta' l-Ombudsman għall-2006 kien imqassam fi tliet titoli. It-Titolu 1 fih is-salarji, konċessjonijiet u spejjeż oħra relattivi għall-personal. It-Titolu 2 jkopri bini, għamara, tagħmir u spejjeż mixxellanji ta' kuljum. It-Titolu 3, finalment, fih l-infiq li jirriżulta minn funzjonijiet ġenerali magħmulin mill-istituzzjoni.

### Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Biex ma jkunx hemm duplikazzjoni bla bżonn ta' staff amministrattiv u tekniku, xi wħud mis-servizzi tekniċi meħtieġa biex l-Ombudsman jaqdi l-funzjonijiet tiegħu huma pprovduti minn, jew permezz, tal-Parlament Ewropew. L-oqsma li fihom l-Ombudsman joqgħod, f'tit jew wisq, fuq l-għajjnuna tas-servizzi tal-Parlament jinkludu:

- It-traduzzjoni, interpretazzjoni u stampar;
- Il-kiri ta' spazju għal uffiċċji;
- It-teknoloġija ta' l-informazzjoni, telekomunikazzjonijiet u l-immaniġġjar tal-posta.

Il-kooperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Parlament Ewropew ippermettiet li jkun hemm effiċjenza konsiderevoli fl-iffrankar tal-flus fil-baġit Komunitarju.

Il-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew inbdiet b'qafas ta' ftehim tat-22 ta' Settembru, 1995. Ftehim oħra fuq kooperazzjoni amministrattiva u dwar kooperazzjoni fuq il-baġit u finanza kienu ffirmati fit-12 ta' Ottubru, 1995.

Dawn il-ftehim ta' kooperazzjoni kienu riveduti fl-2005 bl-iskop li jkunu adattati għar-realtajiet il-ġodda li l-ewwel għaxar snin ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew kienu fasslu. Ftehim ġdid kien iffirmat fil-15 ta' Marzu, mill-President tal-Parlament, is-Sur Josep BORRELL FONTELLES MPE, u mill-Ombudsman Ewropew, u daħal fis-seħħ f'April 2006. Il-mira tiegħu hija li tinżamm il-kooperazzjoni mall-Parlament fl-oqsma kollha fejn ekonomiji sostanzjali ta' skala u l-iffrankar tal-flus f'baġit huma possibbli. Il-Parlament Ewropew se jkompli, għalhekk, jipprovdi lill-Ombudsman b'servizzi f'għadd ta' oqsma, inklużi l-bini, it-teknoloġija ta' l-informazzjoni, komunikazzjonijiet, servizzi mediċi, taħriġ, traduzzjoni u interpretazzjoni.

Il-ftehim il-ġdid jippermetti li l-politika tal-prezzijiet tkun aktar ċara. Għall-quddiem, il-ħlas għal servizzi jsir fuq il-bażi ta' stima ġusta, trasparenti u raġonevoli ta' l-ispejjeż, bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż ta' verifika u kontijiet, li għalihom kien hemm ftehim għal ammont wieħed. Dawn it-tibdiliet jirriflettu wkoll l-awtonomija fil-maniġment ta' l-personal u f'affarijiet finanzjarji.

<sup>5</sup>

Regolament tal-Kunsill (KE, KEFA, Euratom) Nru 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru, 1999, li jemenda r-Regolament Finanzjarju tal-21 ta' Diċembru, 1977, applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU 1999 L 326, p. 1.



### Baġit 2006

Il-pjan ta' stabbiliment ta' l-Ombudsman wera total ta' 57 post fl-2006, imqabbel ma' 51 post fl-2005.

It-total ta' approprazzjonijiet inizjali disponibbli fil-baġit ta' l-Ombudsman għall-2006 kien ilaħħaq is-somma ta' EUR 7 682 538. It-Titolu 1, jiġifieri nfiq li għandu x'jaqsam ma' persuni li jaħdmu għall-istituzzjoni, kien jammonta għal EUR 5 808 538. It-Titolu 2, li jkopri bini, tagħmir u spejjeż mixxellanji ta' kuljum, kien jammonta għal EUR 1 085 000. It-Titolu 3 huwa dwar l-infiq li jirriżulta minn funzjonijiet speċjali magħmulin mill-istituzzjoni. Dan kien jammonta għal EUR 789 000. Fl-2006 il-baġit ipprova dħul totali ta' EUR 812 271.

It-tabella li ġejja turi l-infiq fl-2006 għal approprazzjonijiet kommessi.

(f'EUR)	
Titolu 1	5 347 167
Titolu 2	1 129 253
Titolu 3	607 819
Total	7 084 239

### Baġit 2007

Il-baġit ta' l-2007, imħejji matul l-2006, jipprovdi għal pjan ta' stabbiliment ta' 57 post (ma kienx hemm postijiet ġodda).

It-total ta' approprazzjonijiet għall-2007 huwa ta' EUR 8 152 800. It-Titolu 1 (Ifiq għal persuni li jaħdmu ma' l-istituzzjoni) jammonta għal EUR 6 150 300. It-Titolu 2 (Bini, tagħmir u spejjeż mixxellanji ta' kuljum) jammonta għal EUR 1 251 500. It-Titolu 3 (Nfiq li jirriżulta minn funzjonijiet ġenerali magħmulin mill-istituzzjoni) jammonta għal EUR 751 000.

Il-baġit għall-2007 jipprovdi għal dħul totali ta' EUR 939 980.



## C

## PERSONAL

Biex jassigura li l-istituzzjoni tkun tista' taqdi sewwa l-funzjoni tagħha li tittratta l-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fi 23 lingwa tat-Trattat, u li tkun qrib iċ-ċittadini u residenti ta' l-UE biex tqajjem l-għarfien dwar id-dritt ta' l-ilment, l-Ombudsman għandu l-għajnuna ta' staff ikkwalifikat sewwa u b'haġna lingwi. Dan l-Anness jiġbor fih lista sħiħa tal-membri tal-personal fl-2006, l-isem tal-kariga tagħhom u dettalji ta' kuntatt, kif ukoll deskrezzjoni tax-xogħol li jsir mid-diversi dipartimenti u setturi fi ħdan l-uffiċċju. Jagħlaq b'ħarsa haġfa tal-laqqha ta' l-personal u l-irtir tal-personal li sar matul is-sena.

## L-OMBUDSMAN EWROPEW

## P. Nikiforos DIAMANDOUROS

*Ombudsman Ewropew*

P. Nikiforos DIAMANDOUROS twieled f'Ateni, il-Greċja, fil-25 ta' Ġunju, 1942. Huwa kien elett Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar, 2003. Daħal fil-kariga fl-1 April, 2003, u reġa' ġie elett għal perjodu ta' ħames snin fil-11 ta' Jannar, 2005.

Mill-1998 sa l-2003, huwa kien l-ewwel Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja. Kien ukoll Professur tal-politika komparattiva fid-Dipartiment tax-Xjenza Politika u l-Amministrazzjoni Pubblika ta' l-Università ta' Ateni mill-1993 (bħalissa qiegħed bil-leave). Mill-1995 sa l-1998 huwa serva bħala Direttur u *Chairman* taċ-Ċentru Nazzjonali Grieg għar-Riċerka Soċjali (EKKE).

Iggradwa b'B.A. fix-xjenza politika mill-Università ta' Indiana (1963) u M.A. (1965), M.Phil. (1969), u Ph.D. (1972) fl-istess dixxiplina mill-Università ta' Columbia. Qabel ma nġhaqad mal-fakultà ta' l-Università ta' Ateni fl-1988, kellu ħatriet biex jgħalliem u jagħmel riċerka fl-Università Statali ta' New York u fl-Università ta' Columbia rispettivament (1973-78). Bejn l-1980 u l-1983, huwa serva bħala Direttur ta' l-Iżvilupp fil-Kulleġġ ta' Ateni, f'Ateni, il-Greċja. Mill-1983 sa l-1988, huwa kien Direttur tal-Programm għall-Ewropa tal-Punent, kif ukoll tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq fil-Kunsill ta' Riċerka fix-Xjenzi Soċjali, New York. Mill-1988 sa l-1991, huwa kien id-Direttur ta' l-Istitut Grieg għall-Istudji Internazzjonali u Strateġiċi, f'Ateni, grupp ta' ħassieba f'riċerka b'orjentazzjoni għal tfassil ta' politika imwaqqaf b'finanzjament konġunt mill-Fondazzjonijiet Ford u MacArthur. Fl-1997, kellu l-ħatra ta' Professur Viżitatur tax-xjenza politika fiċ-Ċentru Juan March għal Studji Avanzati fix-Xjenzi Soċjali (Madrid).

Huwa serva bħala President ta' l-Assoċjazzjoni Griega tax-Xjenza Politika (1992-98) u ta' l-Assoċjazzjoni ta' Studji Griegi Moderni ta' l-Istati Uniti (1985-88). Bejn l-1999 u l-2003, serva bħala membru tal-Kummissjoni Nazzjonali tal-Greċja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, waqt li mill-2000 sa l-2003 kien membru tal-Kunsill Nazzjonali Grieg għar-Riforma Amministrattiva. Mill-1988 sa l-1995, kien Chairman konġunt tas-SottoKumitat għan-Nofsinhar ta' l-Ewropa tal-Kunsill ta' Riċerka fix-Xjenzi Soċjali, New York, li l-attivitajiet tiegħu huma ffinanzjati b'għotja mill-Fondazzjoni Volkswagen. Huwa wkoll Editur Ġenerali konġunt tas-Serje dwar l-Ewropa l-Ġdida ta' Nofsinhar u riċeventi ta' Dotazzjoni Fulbright u Nazzjonali għal għotjiet ta' riċerka fl-Umanistika.

Huwa kittieb prolificu dwar il-politika u l-istorja tal-Greċja, in-Nofsinhar ta' l-Ewropa u x-Xlokk ta' l-Ewropa u, b'mod aktar speċifiku, fuq id-demokratizzazzjoni, il-formazzjoni ta' stat u nazzjon, u r-relazzjoni bejn kultura u politika.

## IS-SEGRETARJAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

Is-Segretarjat ta' l-Ombudsman Ewropew huwa responsabbli mit-tmexxija ta' l-uffiċċju privat ta' l-Ombudsman. Jieħu ħsieb l-aġenda ta' l-Ombudsman, jikkoordina l-korrispondenza li tidħol u toħroġ, jagħti pariri fuq ir-relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra ta' l-UE, jittratta aspetti ta' protokoll fix-xogħol ta' l-istituzzjoni u jaqdi doveri segretarjali ta' natura ġenerali għall-Ombudsman.

**Alexandra ANDROULAKAKIS**

*Segretarja ta' l-Ombudsman Ewropew (sat-30.6.2006)*

Tel. +33 3 88 17 25 28

**Kelly KOUNDOURI**

*Segretarja ta' l-Ombudsman Ewropew (mill-1.7.2006)*

Tel. +33 3 88 17 25 28

**Nicholas CATEPHORES**

*Assistent ta' l-Ombudsman Ewropew*

Tel. +33 3 88 17 23 83

## SEGRETARJU-ĠENERALI

**Ian HARDEN**

*Segretarju-Ġenerali (mill-1.8.2006)*

Tel. +33 3 88 17 23 84

Wara l-ħatra tas-Sur Ian HARDEN fil-kariga ta' Segretarju-Ġenerali, u sakemm tlestiet il-proċedura ta' reklutaġġ għal Kap ġdid tad-Dipartiment Legali, is-Sur HARDEN kompla jaqdi l-funzjoni ta' Kap tad-Dipartiment Legali wara l-1 ta' Awwissu, 2006.

Ian HARDEN twieled Norwich, l-Ingilterra, fit-22 ta' Marzu, 1954. Studja l-Liġi f'Churchill College, Cambridge, u ggradwa BA bl-unuri fl-ewwel klassi fl-1975 u LLB fl-1976. Wara li ggradwa ingħaqad mal-Fakultà tal-Liġi ta' l-Università ta' Sheffield, fejn kien lettur mill-1976 sa l-1990, u Lettur Anzjan mill-1990 sa l-1993, *Reader* mill-1993 sa l-1995, u laħaq Professur tad-Dritt Pubbliku fl-1995. Daħal fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew bħala Konsulent Legali Prinċipali fl-1996, u kien Kap tas-Segretarjat mill-1997 sa l-1999, u mbagħad Kap tad-Dipartiment Legali mill-2000 'il quddiem. Inħatar Segretarju-Ġenerali fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman fl-1 ta' Awwissu, 2006. Huwa l-awtur jew ko-awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet dwar id-dritt Komunitarju u d-dritt pubbliku, inklużi *The Contracting State* (Buckingham: Open University Press, 1992); *Flexible Integration: Towards a more effective and democratic Europe* (Londra CEPR, 1995), u *European Economic and Monetary Union: The Institutional Framework* (Kluwer Law International, 1997). Huwa membru ta' l-*Association française de droit constitutionnel* u ta' "Study of Parliament Group" fir-Renju Unit u professur onorarju ta' l-Università ta' Sheffield.

## ID-DIPARTIMENT LEGALI

Id-Dipartiment Legali huwa magħmul l-aktar minn avukati li r-responsabbiltà prinċipali tagħhom hija l-analiżi ta' l-ilmenti li l-Ombudsman Ewropew jirċievi taħt is-superviżjoni tal-Kap tad-Dipartiment Legali u tliet Kontrolluri Prinċipali. Il-Kap tad-Dipartiment Legali jagħti pariri wkoll lill-Ombudsman fuq l-istrateġija legali u d-direzzjoni ta' l-istituzzjoni u jmessi d-dipartiment. L-Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali jassigura li jkun hemm kontroll intern tal-kwalità u l-maniġment tas-sistemi ta' informazzjoni u jikkoordina l-kontribuzzjoni tad-Dipartiment għar-Rapport Annwali.

Fl-2006, id-Dipartiment kellu b'kollox staff ta' 21, magħmul mill-Kap tad-Dipartiment Legali, seba' Konsulenti Legali Ewlenin, li tlieta minnhom iservu ta' Kontrolluri Prinċipali<sup>6</sup>, hdx-il Uffiċjal Legali, Ġurista-Lingwista, Assistent Legali u l-Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali. Matul is-sena in kwistjoni, id-Dipartiment Legali pprova superviżjoni lil 15-il apprendist.

**Murielle RICHARDSON**

*Assistent tal-Kap tad-Dipartiment Legali*

Tel. +33 3 88 17 23 88

<sup>6</sup>

It-tliet Konsulenti Legali Prinċipali, li jservi ta' Kontrollur Prinċipali, ingħaqad mad-Dipartiment fl-1 ta' Novembru, 2006.



## UFFIĊJALI LEGALI

L-Uffiċjali Legali jieħdu ħsieb l-ilmenti, li jistgħu jintbagħtu lill-Ombudsman f'kull waħda mit-23 lingwa tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Jipproponu wkoll u jmexxu investigazzjonijiet fuq inizjattiva tagħhom, iwieġbu talbiet għal informazzjoni minn ċittadini, jagħtu assistenza lill-Ombudsman fuq affarijiet legali, jagħtu pariri fuq il-proċeduri legali, żviluppi u tradizzjonijiet ta' l-Istati Membri rispettivi tagħhom u jirrappreżentaw lill-Ombudsman f'ċerti okkażjonijiet pubbliċi.

**Sabina BALAŽIČ***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 35 72

**Elodie BELFY***Assistent Legali*

Tel. +32 2 284 39 01

**Peter BONNOR***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 25 41

**Benita BROMS***Kap ta' l-Uffiċċju fi Brussell**Konsulent Legali Prinċipali*

Tel. +32 2 284 25 43

**Nelius CAREY***Legali-Lingwista*

Tel. +33 3 88 17 25 63

**Ioannis DIMITRAKOPOULOS***Konsulent Legal Prinċipali**Kontrollur Prinċipali*

Tel. +33 3 88 17 37 68

**Juliano FRANCO***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 21 51

**Marjorie FUCHS***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 40 78

**Gerhard GRILL***Konsulent Legali Prinċipali**Kontrollur Prinċipali*

Tel. +33 3 88 17 24 23

**Marta HIRSCH-ZIEMBIŃSKA***Konsulent Legali Prinċipali*

Tel. +33 3 88 17 27 46

**Georgios KATHARIOS***Uffiċjal Legali*

Tel. +32 2 284 38 49

**Daniel KOBLENCZ***Uffiċjal Legali*

Tel. +32 2 284 38 31

**José MARTÍNEZ ARAGÓN***Konsulent Legali Prinċipali*

Tel. +33 3 88 17 24 01

**Beatriz MENÉNDEZ ALLER***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 67 63

**Tina NILSSON***Uffiċjal Legali*

Tel. +32 2 284 14 17

**Fergal Ó REGAN***Konsulent Legali Prinċipali**Kontrollur Prinċipali**(mill-1.11.2006)*

Tel. +33 3 88 17 67 84

**Ida PALUMBO***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 23 85

**Wiebke PANKAUKE***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 24 02

**Branislav URBANIČ***Uffiċjal Legali*

Tel. +33 3 88 17 27 14

**Olivier VERHEECKE***Konsulent Legali Prinċipali*

Tel. +32 2 284 20 03

## APPRENDISTI

**Marta ARIAS DIAZ***Apprendista (mill-1.9.2006)*

Tel. +33 3 88 17 29 77

**Kadri BRÜGEL***Apprendist (sat-28.2.2006)***Anne EISENGRÄBER***Apprendista (sal-31.7.2006)***Ramin FARINPOUR***Apprendist (mit-18.9.2006)*

Tel. +33 3 88 16 40 18

**Farah JERAJ***Apprendista (mill-1.9.2006)*

Tel. +33 3 88 17 24 12

**Giedre KAZLAUSKAITE***Apprendista (sal-31.7.2006)***Beata KULPACZYNSKA***Apprendista (mill-1.9.2006)*

Tel. +33 3 88 17 23 28

**Riccardo MONACO***Apprendist (mis-16.1.2006 sal-31.12.2006)***Teresa PLANA CASADO***Apprendista (mill-1.2.2006 sal-31.7.2006)***Zvi RAMAN***Apprendist (mill-1.9.2006)*

Tel. +32 2 284 21 80

**Briġita SABALIAUSKAITE***Apprendista (mill-1.9.2006)*

Tel. +32 2 283 23 27

**Izabela SZOSTAK-SMITH***Apprendista (sal-31.7.2006)***Axel SCHNEIDER***Apprendista (mill-1.4.2006)*

Tel. +33 3 88 16.40.72

**Alexis VAN MAERCKE***Apprendista (sal-31.7.2006)***Katherine WORTHINGTON***Apprendista (sal-31.7.2006)*

## ID-DIPARTIMENT TA' L-AMMINISTRAZZJONI U L-FINANZI

Id-dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u l-Finanzi huwa responsabbli mix-xogħol kollu ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman li m'għandux x'jaqsum direttament ma' l-eżaminazzjoni ta' l-ilmenti u tmexxija ta' investigazzjonijiet. Huwa magħmul minn erba' setturi — is-Settur ta' l-Amministrazzjoni, is-Settur tal-Finanzi, is-Settur għall-Kontroll ta' l-Ilmenti u s-Settur tal-Komunikazzjonijiet. Il-Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi jikoordina ix-xogħol kollu tad-Dipartiment. F'dik il-kapaċità, huwa responsabbli mill-organizzazzjoni u t-tħaddim ġenerali ta' l-uffiċċju, il-politika ta' l-personal fl-uffiċċju, li jipproponi u jimplimenta l-istrateġija tal-baġit u finanzjarja ta' l-istituzzjoni, u li jirrappreżenta lill-Ombudsman f'għadd ta' fora internazzjonali. Fl-2006, is-Settur kellu b'kollox staff ta' 35, inklużi 9 membri tas-Settur għall-Kontroll ta' l-Ilmenti, li x-xogħol tiegħu għandu rabta mill-qrib ma' dak tad-Dipartiment Legali.

**João SANT'ANNA***Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u l-Finanzi*

Tel. +33 3 88 17 53 46

João SANT'ANNA twieled f'Setúbal, il-Portugal, fit-3 ta' Mejju, 1957. Studja l-Liġi fl-Università ta' Liżbona mill-1975 sa l-1980 u rreġistra biex jipprattika ta' avukat f'Liżbona fl-1981. Bejn l-1980 u l-1982, ħadem bħala avukat fid-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru Portugiż għall-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Bejn l-1982 u l-1984, huwa kompla bl-istudji tiegħu, fil-qasam tad-drittijiet tal-proprietà intellettuali, fl-Università ta' Ludwig-Maximilian University u l-Istitut Max-Planck Institute fi Munich. Wara li mar lura fil-Portugal fl-1984, inħatar Kap tad-Diviżjoni Legali u Amministrattiva tal-Ministeru Portugiż għall-Affarijiet Interni għar-Reġjun ta' Liżbona. Fl-1986, sar uffiċċjal pubbliku tal-Parlament, u kien jaħdem fid-Direttorati-Ġenerali ta' l-Informazzjoni u r-Relazzjonijiet Pubbliċi, tar-Riċerka, Personal u Finanzi, u fl-aħħarnett, fis-Servizz Legali tal-Parlament Ewropew. Daħal jaħdem ma' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew bħala Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi fl-2000.



## IS-SETTUR TA' L-AMMINISTRAZZJONI

Ix-xogħol tas-Settur ta' l-Amministrazzjoni huwa wiesa'. Jinkludi r-reklutaġġ u maniment tal-personal, jieħu ħsieb tal-korrispondenza li tidħol u toħroġ, is-sistema tat-telefon, l-infrastruttura ta' l-uffiċċju, il-koordinazzjoni tad-dokumenti tat-traduzzjoni, l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-librerija ta' referenza legali, u l-politika tad-dokumentazzjoni u l-arkivju ta' l-istituzzjoni. Dan is-settur huwa wkoll responsabbli mit-teknoloġija ta' l-informazzjoni ta' l-istituzzjoni u mill-ħtiġijiet ta' l-IT li jkollu bżonn l-uffiċċju, ħidma li jagħmel b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew.

### Alessandro DEL BON

*Kap tas-Settur*

Tel. +33 3 88 17 23 82

### Christophe BAUER

*Appoġġ Amministrattiv, Xufier*

Tel. +33 3 88 17 67 80

### Rachel DOELL

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 23 98

### Massimo EZZY

*Uffiċjal tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni*

Tel. + 33 3 88 17 28 67

### Cindy GIANNAKIS

*Appoġġ Amministrattiv*

Tel. +32 2 284 63 93

### Isgouhi KRIKORIAN

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 25 40

### Gaël LAMBERT

*Uffiċjal tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni*

Tel. +33 3 88 17 23 99

### Juan Manuel MALLEA

*Segretarju*

Tel. +33 3 88 17 23 01

### Stéphanie MARAJ

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 23 13

### Charles MEBS

*Secretarju*

Tel. +33 3 88 17 70 93

### Ana MORAIS GASPAR

*Segretarja (mill-1.6.2006)*

Tel. +33 3 88 16 40 96

### Emese WALTZ

*Segretarja (mill-1.6.2006)*

Tel. + 33 3 88 16 40 95

### Félicia VOLTZENLOGEL

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 23 94

## IS-SETTUR TAL-FINANZI

Is-Settur tal-Finanzi jieħu ħsieb jassigura li l-Uffiċju ta' Ombudsman ikun konformi mar-regoli finanzjarji applikabbli ta' l-UE maħsubin biex jiggarantixxu li r-riżorsi tal-baġit ikunu implimentati b'mod ekonomiku, effiċjenti u adegwat. Dawn ir-responsabbiltajiet ġejjin mill-fatt li l-Ombudsman Ewropew għandu baġit indipendenti. Erba' Uffiċjali Finanzjarji, taħt id-direzzjoni ta' l-Uffiċjal Delegat tal-Permessi, iħejju u jeżegwixxu l-baġit.

### Loïc JULIEN

*Kap tas-Settur*

Tel. +33 3 88 17 67 79

### Jean-Pierre FEROMONT

*Uffiċjal Finanzjarju*

Tel. +32 2 284 38 97

### Giovanna FRAGAPANE

*Uffiċjal Finanzjarju*

Tel. +33 3 88 17 29 62

### Véronique VANDAELE

*Uffiċjal Finanzjarju*

Tel. +32 2 284 23 00

### Christophe WALRAVENS

*Uffiċjal Finanzjarju*

Tel. +33 3 88 17 24 03



## IS-SETTUR GĦALL-KONTROLL TA' L-ILMENTI

Is-Settur għall-Kontroll ta' l-Ilmenti jieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni u tqassim ta' l-ilmenti li jintbagħtu lill-Ombudsman Ewropew u jsegwi dak li jiġri wara. Is-Settur jassigura li l-ilmenti kollha jkunu reġistrati f'*database*, tintbagħtilhom irċevuta, u jgħaddu għad-Dipartiment Legali. Dan huwa responsabbli biex jieħu ħsieb tal-korrispondenza li tidħol jew toħroġ dwar ilmenti, jara li r-reġistrazzjoni ta' l-ilmenti fid-*database* tkun aġġornata tul il-proċedura ta' l-ilment, jara li jitħarsu l-iskadenzi, jipproduċi statistika dwar l-ilmenti, u jżomm fajls li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ilmenti.

### Isabelle FOUCAUD

*Kap tas-Settur*

Tel. +33 3 88 17 23 91

### Séverine BEYER

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 23 93

### Bruno BISMARQUE-ALCÂNTARA

*Segretarju*

Tel. +33 3 88 17 20 91

### Evelyne BOUTTEFROY

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 24 13

### Elaine DRAGO

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 33 31

### Isabelle LECESTRE

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 24 29

### Oualiba MAKHLOUFIA

*Segretarja (mill-1.4.2006)*

Tel. +33 3 88 16.40.71

### Véronique SCHOOR

*Segretarja (mill-1.11.2006)*

Tel. +33 3 88 17 24 29

### Caroline ZINCK

*Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 40 51



L-Ombudsman Ewropew u l-istaff tiegħu.



## IS-SETTUR TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET

Is-Settur tal-Komunikazzjonijiet jieħu ħsieb jassisti lill-Ombudsman li jkun fil-qrib ta' ċittadini u jinformahom bid-drittijiet tagħhom skond id-Dritt Komunitarju. Meta jagħmel dan ikun qed jaqdi funzjoni ewlenija biex jissaħħu r-relazzjonijiet u l-fiduċja bejn iċ-ċittadini min-naħa l-waħda, u l-Ewropa u l-istituzzjonijiet tagħha min-naħa l-oħra.

Is-Settur jieħu ħsieb iżomm u jmexxi 'l quddiem ir-relazzjonijiet bejn il-mezzi tax-xandir, jikteb u jipproduċi l-pubblikazzjonijiet ta' l-Ombudsman, iżomm sewwa l-websajts ta' l-Ombudsman, jorganizza ż-żjarat ta' informazzjoni u l-avvenimenti ta' l-Ombudsman, u jikkoordina r-relazzjonijiet fi ħdan in-Netwerk Nazzjonali ta' l-Ombudsmen.

**Rosita AGNEW***Kap Konġunt tas-Settur*

Tel. +32 2 284 25 42

**Ben HAGARD***Kap Konġunt tas-Settur*

Tel. +33 3 88 17 24 24

**Marc AMIR-TAHMASSEB***Web Developer*

Tel. +33 3 88 17 44 10

**Dace PICOT-STIEBRINA***Uffiċjal tal-Komunikazzjonijiet*

Tel. +33 3 88 17 40 80

**Gundi GADESMANN***Uffiċjal ta' l-Istampa*

Tel. +32 2 284 26 09

**Gabrielle SHERIDAN***Segretarja*

Tel. +33 3 88 17 24 08

**Annika ÖSTERBERG***Uffiċjal tal-Pubblikazzjonijiet*

Tel. +33 3 88 17 49 36

## LAQGĦAT TA' L-ISTAFF

Biex jassigura li l-proċeduri ta' l-Uffiċċju tiegħu jkunu ta' l-aqwa kwalità u effiċjenza, jiggarantixxi li l-informazzjoni tgħaddi b'faċilità bejn l-personal, u biex iġib 'il quddiem l-opportunitajiet ta' żvilupp professjonali, l-Ombudsman regolarment isejjaħ laqgħat għall-personal tiegħu. Bħala



Il-Professor Spiros Simitis, Professur tax-Xogħol, Xjenza Ċivili u tal-Kompjuter u Liġi fl-Università 'Johann Wolfgang Goethe', u President tal-Kumitat għall-Etika fil-Ġermanja, jindirizza lill-ħaddiema ta' l-Ombudsman Ewropew. Strasburg, Franza, 3 ta' Frar 2006.



Is-Sinjura Margot Wallström, Viċi-President għar-relazzjonijiet istituzzjonali u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tagħti preżentazzjoni lill-ħaddiema ta' l-Ombudsman. Strasburg, Franza, 13 ta' Diċembru 2006.

regola, l-aġenda għal dawn il-laqgħat tkun tinkludi ħarsa ġenerali mill-Ombudsman lejn l-attivitajiet tiegħu reċenti u dawk futuri, kif ukoll preżentazzjoni ta' l-iżviluppi amministrattivi, legali u ta' politika li jolqtu l-istituzzjoni. Konformi ma' l-istrateġija ta' l-Ombudsman ta' żvilupp professjonali tal-personal tiegħu, sikwit ikunu mistednin kelliema barranin biex jindirizzaw dawn il-laqgħat. Fl-2006, preżentazzjonijiet bħal dawn ingħataw mill-Professor Spiros SIMITIS, Professur tax-Xogħol, Xjenzi Ċivili u tal-Kompjuter u Liġi fl-Università Wolfgang Goethe, fi Frankfurt am Main, il-Ġermanja, u President tal-Kumitat ta' l-Etika tal-Ġermanja, dwar "Il-protezzjoni tad-dejta — Nuqqasijiet u limitazzjonijiet ta' metodu komuni ta' l-UE", u mill-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea għar-Relazzjonijiet Istituzzjonali u Komunika, Margot WALLSTRÖM, dwar l-isforzi li l-Kummissjoni kienet qed tagħmel biex ittejjeb ir-relazzjonijiet tagħha maċ-ċittadini.

## L-IRTIR TA' L-ISTAFF

Bil-għan li jiżviluppa u jsaħħaħ l-għarfien tal-valuri u l-missjoni ta' l-istituzzjoni, u biex jippromwovi li dawn jitwasslu b' mod effettiv, l-Ombudsman organizza rtir għall-uffiċċju fl-2006. Din kienet l-ewwel darba fl-istorja qasira tagħha li l-istituzzjoni ħadet din l-inizzjattiva. Irtir huwa eżerċizzju ta' riflessjoni



Membri ta' l-istaff ta' l-Ombudsman waqt irtir għall-istaff, 11-13 ta' Ottubru 2006.

personali, li jinvolti lill-personal kollu ta' istituzzjoni, u huwa prattika li s-Sur DIAMANDOUROS kien juża ta' spiss b'suċċess matul iż-żmien meta huwa kien l-Ombudsman fundatur Nazzjonali tal-Greċja.

Bħala parti mill-preparazzjoni għall-irtir, membri ta' l-personal kienu mistiedna jesprimu l-ħsibijiet tagħhom fuq il-mod ġenerali li bih kien qed jitmexxa l-uffiċċju u fuq l-impatt usa' tax-xogħol sa dak iż-żmien, billi ħadu sehem f'eżerċizzju ta' eżami personali. Dan kien fl-għamla ta' kwestjonarju li bih il-membri ta' l-personal qiesu aspetti differenti tal-proċeduri u l-metodi tal-ħidma ta' l-Ombudsman Ewropew fid-diversi setturi ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjoni, kif ukoll dwar dak li kien irnexxielu jagħmel l-Ombudsman għaċ-ċittadini kollha. Għan ieħor ta' din l-attività importanti kien li jinkiseb kontroll aħjar tar-riskju fi ħdan l-istituzzjoni, kif mitlub mill-istandards interni ta' kontroll ta' l-UE.

Ir-riżultati tal-kwestjonarju, flimkien ma' materjal ieħor li serva ta' sfond, tqassmu lill-personal kollu qabel il-laqgħa. Servew bħala bażi li fuqha setgħu jtfasslu diskussjonijiet li kienu jikkonċentraw fuq (i) it-tifsira ta' amministrazzjoni tajba kemm bħala kunċett, kif ukoll bħala proċedura, (ii) il-mod kif jintlaħqu ċ-ċittadini kollha u kif ikunu mmirati udjenzi partikolari, aktar speċjalizzati, li aktarx ikunu jistgħu jagħmluha ta' multiplikaturi biex jiġġeneraw għadd akbar ta' ilmenti li jaqgħu fil-kompetenza ta' l-Ombudsman, u (iii) kif titkabbar u tinġieb 'il quddiem kultura ta' servizz fi ħdan l-uffiċċju ta' l-Ombudsman.

Il-membri kollha ta' l-personal kienu mħeġġin biex jieħdu parti attiva fid-deliberazzjonijiet, kemm fil-plenarja, kif ukoll fil-gruppi ta' ħidma, u biex jesprimu l-ħsibijiet tagħhom fuq id-diversi temi għad-diskussjoni. Kien hemm qbil unanimu wara l-irtir li wera li dik l-esperjenza kienet tassew produttiva u ta' siwi li kien jixirqilha terġa' ssir.



Membri ta' l-istaff ta' l-Ombudsman li waslu biex jipparteċipaw fil-ġirja ta' 10km ta' Strasburgu, 14 ta' Mejju 2006.



## D INDIĊI TAD-DEĊIŻJONIJIET

### 1 SKOND IN-NUMRU TAL-KAŻ

#### 2003

0495/2003/ELB .....	76
0617/2003/IP .....	77
1537/2003/ELB .....	78
1764/2003/ELB .....	79

#### 2004

0642/2004/GG .....	92
0674/2004/PB .....	88
0956/2004/PB .....	93
1217/2004/OV .....	63
2227/2004/MF .....	80
2312/2004/MHZ .....	97
2437/2004/GG .....	81
2467/2004/PB .....	72
2944/2004/ID .....	58
3133/2004/JMA .....	58
3369/2004/JMA .....	95
3399/2004/OV .....	89
3403/2004/GG .....	82
3436/2004/ELB .....	67
3501/2004/PB .....	66

#### 2005

0032/2005/ELB .....	92
0106/2005/TN .....	68
0191/2005/BB .....	59
0289/2005/GG .....	99
0552/2005/SAB .....	60
0582/2005/PB .....	83
0760/2005/GG .....	84
1037/2005/GG .....	85
1252/2005/GG .....	60
1315/2005/BB .....	57

1429/2005/JF .....	92
1463/2005/TN .....	86
1482/2005/MHZ .....	64
1487/2005/GG .....	98
1729/2005/JF .....	74
1776/2005/GG .....	73
1841/2005/BM .....	69
1919/2005/GG .....	75
2172/2005/MHZ .....	94
2523/2005/TN .....	62
2601/2005/ID .....	61
2616/2005/SAB .....	64
2787/2005/OV .....	96
3172/2005/WP .....	69
3389/2005/WP .....	65
Q3/2005/IP .....	102

#### 2006

0163/2006/MHZ .....	87
0242/2006/BM .....	97
0472/2006/DK .....	66
0786/2006/JF .....	91
0800/2006/WP .....	71
0817/2006/TN .....	76
0866/2006/SAB .....	88
1363/2006/MF .....	68
3297/2006/BU .....	70
3684/2006/BU .....	70
OI/1/2006/TN .....	100
OI/2/2006/JMA .....	101
OI/3/2006/BB .....	101
Q1/2006/GK .....	102





## 2

## SKOND IS-SUĠĠETT

*Agrikoltura (PAK)*

Q1/2006/GK .....	102
------------------	-----

*Drittijiet ta' Ċittadin*

2467/2004/PB.....	72
3133/2004/JMA .....	58
3369/2004/JMA .....	95
1037/2005/GG .....	85
1487/2005/GG .....	98
1776/2005/GG .....	73
1841/2005/BM .....	69
1919/2005/GG .....	75
2601/2005/ID .....	61
0242/2006/BM .....	97
0817/2006/TN.....	76
3297/2006/BU .....	70
3684/2006/BU .....	70

*Kuntratti*

2437/2004/GG .....	81
0191/2005/BB.....	59
0552/2005/SAB.....	60
1252/2005/GG .....	60
1315/2005/BB.....	57
2523/2005/TN.....	62
0786/2006/JF .....	91
0866/2006/SAB.....	88
OI/1/2006/TN .....	100

*Kooperazzjoni ta' Żvilupp*

1764/2003/ELB .....	79
---------------------	----

*Edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali u zġhażagħ*

3172/2005/WP .....	69
--------------------	----

*Ambjent*

1463/2005/TN.....	86
OI/2/2006/JMA .....	101

*Moviment liberu ta' persuni u servizzi*

0956/2004/PB.....	93
0289/2005/GG .....	99
Q3/2005/IP .....	102

*Istituzzjonijiet*

3403/2004/GG .....	82
--------------------	----

3436/2004/ELB .....	67
2172/2005/MHZ.....	94
2601/2005/ID .....	61

*Diversi*

0800/2006/WP .....	71
--------------------	----

*Aċċess pubbliku*

0617/2003/IP .....	77
3501/2004/PB.....	66
0582/2005/PB.....	83
2787/2005/OV .....	96
1363/2006/MF .....	68

*Politika soċjali*

2944/2004/ID .....	58
--------------------	----

*Personal**— Reklutaġġ*

0674/2004/PB.....	88
2312/2004/MHZ.....	97
3399/2004/OV .....	89
0032/2005/ELB .....	90
1482/2005/MHZ.....	64
2616/2005/SAB.....	64
3389/2005/WP .....	65
0472/2006/DK .....	66
OI/3/2006/BB.....	101

*— Kwistjonijiet oħrajn*

0495/2003/ELB .....	76
1537/2003/ELB .....	78
1217/2004/OV .....	63
2227/2004/MF .....	80
0106/2005/TN.....	68
0760/2005/GG .....	84
1429/2005/JF .....	92
1729/2005/JF .....	74
0163/2006/MHZ.....	87

*Għajjuna mill-Istat*

0642/2004/GG .....	92
--------------------	----





## 3

## SKOND IT-TIP TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA ALLEGATA

*Abbuż ta' poter*

1315/2005/BB.....	57
-------------------	----

*Dewmien*

1217/2004/OV .....	63
2944/2004/ID .....	58
0289/2005/GG .....	99
3172/2005/WP .....	69
0242/2006/BM .....	97

*Diskriminazzjoni*

3399/2004/OV .....	89
0760/2005/GG .....	84
1482/2005/MHZ.....	64
1487/2005/GG .....	98
OI/3/2006/BB.....	101

*Żball proċedurali skond l-Artikolu 226*

0956/2004/PB.....	93
2467/2004/PB.....	72
2944/2004/ID .....	58
3133/2004/JMA .....	58
3369/2004/JMA .....	95
1037/2005/GG .....	85

*Nuqqas jew rifjut ta' informazzjoni*

1764/2003/ELB .....	79
0674/2004/PB.....	88
2227/2004/MF .....	80
3436/2004/ELB .....	67
3501/2004/PB.....	66
0032/2005/ELB .....	90
1463/2005/TN.....	86
1487/2005/GG .....	98
1776/2005/GG .....	73
1919/2005/GG .....	75
2523/2005/TN.....	62
0163/2006/MHZ.....	87
0786/2006/JF.....	91

*Nuqqas ta' trasparenza*

2172/2005/MHZ.....	94
0472/2006/DK .....	66
0817/2006/TN.....	76
1363/2006/MF .....	68

*Żball legali*

0617/2003/IP.....	77
2312/2004/MHZ.....	97
2467/2004/PB.....	72
0191/2005/BB.....	59
0582/2005/PB.....	83
2601/2005/ID .....	61
2787/2005/OV .....	96
OI/2/2006/JMA .....	101

*Negliġenza*

0642/2004/GG .....	92
3403/2004/GG .....	82
1841/2005/BM .....	69
0786/2006/JF .....	91
3297/2006/BU .....	70
3684/2006/BU .....	70

*Żbalji proċedurali*

1315/2005/BB.....	57
1429/2005/JF.....	92
0800/2006/WP .....	71

*Motivazzjoni*

1217/2004/OV .....	63
0191/2005/BB.....	59

*Inġustizzja*

0617/2003/IP.....	77
2437/2004/GG .....	81
3399/2004/OV .....	89
0106/2005/TN.....	68
0552/2005/SAB.....	60
1252/2005/GG .....	60
1429/2005/JF .....	92
1729/2005/JF .....	74
2616/2005/SAB.....	64
3389/2005/WP .....	65
0866/2006/SAB.....	88

*Amministrazzjoni ħażina oħra*

0495/2003/ELB .....	76
1537/2003/ELB .....	78
1429/2005/JF .....	92
2601/2005/ID .....	61
OI/1/2006/TN .....	100

**4 KAŻIJET PROMINENTI**

2467/2004/PB.....	72
0106/2005/TN.....	68
1729/2005/JF.....	74
1776/2005/GG .....	73
OI/1/2006/TN.....	100
OI/3/2006/BB.....	101

**5 LISTA TAL-KAŻIJET KOLLHA MAGĦLUQIN B'RIMARKA TA' KRITIKA FL-2006****2003**

0495/2003/ELB .....	76
0617/2003/IP.....	77
1419/2003/JMA	
1537/2003/ELB .....	78
1764/2003/ELB .....	79
1953/2003/PB	
2177/2003/PB	

**2004**

0075/2004/BB	
0281/2004/JMA	
0674/2004/PB.....	88
0994/2004/IP	
1219/2004/IP	
2227/2004/MF .....	80
2437/2004/GG .....	81
2961/2004/PB	
3399/2004/OV .....	89
3403/2004/GG .....	82
3531/2004/TN	
3553/2004/WP	

**2005**

0032/2005/ELB .....	90
0287/2005/JMA	
0582/2005/PB.....	83
0760/2005/GG .....	84
0818/2005/PB	
0880/2005/TN	
1037/2005/GG .....	85
1429/2005/JF .....	92
1459/2005/GG	
1463/2005/TN.....	86
1707/2005/GG	
1733/2005/BU	
1744/2005/IP	
1919/2005/GG .....	75
2053/2005/IP	
2924/2005/OV	
3509/2005/JF	

**2006**

0163/2006/MHZ.....	87
0786/2006/JF .....	91
0817/2006/TN.....	76
0866/2006/SAB .....	88
1085/2006/MHZ	

Fejn ir-referenza għall-każijiet hija b'tipa skura, is-sommarju tad-deċiżjoni huwa ppreżentat fis-sezzjoni 3.4 ta' dan ir-rapport. It-test sħiħ tad-deċiżjonijiet fil-każijiet kollha ta' hawn fuq jinsabu fil-websajt ta' l-Ombudsman li hija <http://www.ombudsman.europa.eu>



## KIF TIKKUNTATJA LILL-OMBUDSMAN EWROPEW

### BIL-POSTA

L-Ombudsman Ewropew  
1 Avenue du Président Robert Schuman  
B.P. 403  
FR - 67001 Strasbourg Cedex  
Franza

### BIT-TELEFON

+33 3 88 17 23 13

### BIL-FAX

+33 3 88 17 90 62

### BL-E-MAIL

eo@ombudsman.europa.eu

### SÎT ELETTRONIKU

<http://www.ombudsman.europa.eu>













L-OMBUDSMAN EWROPEW JISTĦARREĠ L-ILMENTI LI JIRĊIEVI DWAR AMMINISTRAZZJONI  
ĦAŻINA FI ĦDAN L-ISTITUZZJONIJET U L-ORGANI TA' L-UNJONI EWROPEA



L-OMBUDSMAN EWROPEW U L-ĦADDIEMA TIEGĦU

[www.ombudsman.europa.eu](http://www.ombudsman.europa.eu)